

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 328



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 61

21 ta' Diċembru 2018

Werrej

I Atti leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ 1**
- ★ **Regolament (UE) 2018/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2018 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-impenn mill-ġdid tal-ammonti li jkun għad fadal li ġew impenjati għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601 jew l-allokazzjoni ta' daww l-ammonti għal azzjonijiet oħra taħt il-programmi nazzjonali 78**

DIRETTIVI

- ★ **Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ⁽¹⁾ 82**
- ★ **Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija ⁽¹⁾ 210**

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

I

(Atti leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT (UE) 2018/1999 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Diċembru 2018

dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) u l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-bażi leġislattiva meħtieġa għal governanza affidabbli, inklużiva, kosteffikaċi, trasparenti u prevedibbli tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika (il-“mekkaniżmu ta' governanza”), li tiżgura li jintlaħqu l-oġettivi u l-miri tal-2030 u fit-tul tal-Unjoni tal-Enerġija b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima b'segwitu għall-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (il-“Ftehim ta' Pariġi”), permezz ta' sforzi kumplimentari, koerenti u ambizzjużi mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha, filwaqt li jillimita l-kumplexità amministrattiva.
- (2) Jenħtieġ li l-Unjoni tal-Enerġija tkopri ħames dimensjonijiet: is-sigurtà tal-enerġija; is-suq intern tal-enerġija; l-effiċjenza enerġetika; id-dekarbonizzazzjoni; u r-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività.
- (3) L-għan ta' Unjoni tal-Enerġija reżiljenti b'politika ambizzjuża dwar il-klima fil-qalba tagħha huwa li l-konsumaturi tal-Unjoni, inklużi l-unitajiet domestiċi u n-negozji, jingħataw enerġija sigura, sostenibbli, kompetittiva u bi prezz għall-but ta' kulħadd, u jitravmu r-riċerka u l-innovazzjoni billi jiġi attirat l-investiment, li jirrikjedi trasformazzjoni fundamentali tas-sistema tal-enerġija tal-Ewropa. Tali trasformazzjoni hija wkoll marbuta mill-qrib mal-ħtieġa li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreservata, protetta u mtejba u li jiġi promoss l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, b'mod partikolari permezz tal-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika u l-iffrankar enerġetiku kif

⁽¹⁾ ĠU C 246, 28.7.2017, p. 34.

⁽²⁾ ĠU C 342, 12.10.2017, p. 111.

⁽³⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2018 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċizzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018.

ukoll l-iżvilupp ta' forum ta' enerġija ġodda u rinnovabbli. Dak l-għan jista' jintlaħaq biss permezz ta' azzjoni kkoordinata, li tlaqqa' flimkien kemm l-atti leġislattivi kif ukoll dawk mhux leġislattivi fil-livell tal-Unjoni, reġjonali, nazzjonali u lokali.

- (4) B'Unjoni tal-Enerġija kompletament funzjonali u reżiljenti, l-Unjoni tista' tinbidel f'reġjun ewlieni fl-innovazzjoni, l-investment, it-tkabbir u l-iżvilupp soċjali u ekonomiku, filwaqt li tagħti eżempju tajjeb dwar kif is-segwitu ta' ambizzjonijiet kbar f'termini ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima huwa marbut ma' miżuri li jħeġġu l-innovazzjoni, l-investment u t-tkabbir.
- (5) B'mod parallel ma' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni żviluppat u adottat sensiela ta' inizjattivi fil-politika settorjali dwar l-enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, inkluż ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, u d-disinn tas-suq. Dawk l-inizjattivi jiffurmaw pakkett fl-ambitu tat-tema ġenerali li "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel", ir-rwol mexxej globali tal-Unjoni fl-enerġija rinnovabbli, u arranġament ġust għall-konsumaturi tal-enerġija, inkluż billi jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku u tiġi promossa l-kompetizzjoni ġusta fis-suq intern.
- (6) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 u tal-24 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew approva Qafas għall-Enerġija u l-Klima għall-2030 għall-Unjoni bbażat fuq erba' miri ewlenin fil-livell tal-Unjoni: tnaqqis ta' minn tal-inqas 40 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ("GHGs") fl-ekonomija kollha, mira indikattiva ta' titjib fl-effiċjenza enerġetika ta' minn tal-inqas ta' 27 %, li trid tiġi rieżaminata sal-2020 bl-għan li jkun hemm żieda fil-livell ta' 30 %, sehem ta' enerġija rinnovabbli kkunsmata fl-Unjoni ta' minn tal-inqas 27 %, u ta' interkonnessjoni tal-elettriku ta' minn tal-inqas 15 %. Huwa speċifika li l-mira għall-enerġija rinnovabbli hija vinkolanti fil-livell tal-Unjoni u li din se tintlaħaq permezz ta' kontributi mill-Istati Membri ggwidati mill-ħtieġa li l-mira tal-Unjoni tintlaħaq b'mod kollettiv. Riformulazzjoni tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ introduċiet mira ġdida vinkolanti dwar l-enerġija rinnovabbli għall-Unjoni sal-2030 ta' minn tal-inqas 32 %, li tinkludi dispożizzjoni ta' rieżami bil-ħsieb li tgħolli l-mira fil-livell tal-Unjoni sal-2023. Emendi għad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ stabbilixxew il-mira fil-livell tal-Unjoni għal titjib fl-effiċjenza enerġetika sal-2030 għal minn tal-inqas 32,5 %, inkluż dispożizzjoni għal rieżami bil-ħsieb li jogħlew il-miri fil-livell tal-Unjoni.
- (7) Il-mira vinkolanti ta' minn tal-inqas 40 % tnaqqis domestiku ta' emissjonijiet ta' GHGs fl-ekonomija kollha sal-2030 meta mqabbla mal-1990 ġiet approvata formalment bħala l-Kontribut Maħsub Determinat fil-Livell Nazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha għall-Ftehim ta' Pariġi fil-laqgħa tal-Kunsill Ambjent li seħħet fis-6 ta' Marzu 2015. Il-Ftehim ta' Pariġi ġie ratifikat mill-Unjoni fil-5 ta' Ottubru 2016 ⁽³⁾ u daħal fis-seħħ fl-4 ta' Novembru 2016. Dan jieħ post l-approċċ meħud skont il-Protokoll ta' Kjoto tal-1997, li kien ġie approvat mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE ⁽⁴⁾ u li mhux se jitkompla wara l-2020. Jenħtieġ li s-sistema tal-Unjoni għall-monitoraġġ u għar-rapportar tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti tiġi aġġornata f'dan is-sens.
- (8) Il-Ftehim ta' Pariġi jgħolli l-livell ta' ambizzjoni globali dwar il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u jstabbilixxi għan fit-tul b'konformità mal-oġettiv li ż-żieda fit-temperatura globali tinżamm ferm taħt iż-2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi sabiex tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali.
- (9) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-temperatura, l-Unjoni jenħtieġ li tilħaq bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi GHGs mis-sorsi u l-assorbimenti mill-bjar kmieni kemm jista' jkun u, meta jkun xieraq, biex minn hemm 'il quddiem jintlaħqu emissjonijiet negattivi.
- (10) Għas-sistema tal-klima l-emissjonijiet antropoġeniċi totali kumulattivi matul iż-żmien huma rilevanti għall-konċentrazzjoni totali ta' GHGs fl-atmosfera. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tanalizza diversi xenarji dwar il-kontribut tal-Unjoni għall-oġettivi fit-tul, fost l-oħrajn ix-xenarju dwar il-kisba netta ta' zero emissjonijiet ta' GHGs fl-Unjoni sal-2050 u livell ta' emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, kif ukoll l-implikazzjonijiet ta' dawk ix-xenarji fuq il-baġit globali tal-karbonju u tal-Unjoni li jifdal. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tħejji analiżi għall-finijiet

⁽¹⁾ Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat- 23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

⁽²⁾ Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta'Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

⁽³⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1841 tal-5 ta' Ottubru 2016 dwar il-konklużjoni, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (ĠU L 282, 19.10.2016, p. 1).

⁽⁴⁾ Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' April 2002 dwar l-approvazzjoni fisem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kyoto għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima u t-tweġġi konġunt tal-obbligi tiegħu (ĠU L 130, 15.5.2002, p. 1).

ta'strateġija fit-tul tal-Unjoni għall-kontribut tal-Unjoni għall-impjenji tal-Ftehim ta' Pariġi biex iż-żieda fit-temperatura medja globali tkun ferm inqas minn 2 °C 'il fuq mil-livelli pre-industrijali u li jsiru sforzi biex iż-żieda fit-temperatura tkun limitata għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli pre-industrijali, inkluż diversi xenarji differenti, fosthom xenarju fejn sal-2050 jixxejnu l-emissjonijiet netti tal-GHG's fl-Unjoni u jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, u l-implikazzjonijiet tagħhom fuq il-baġit tal-karbonju globali u tal-Unjoni.

- (11) Għalkemm l-Unjoni wiegħdet li sal-2030 se twestaq tnaqqis ambizzjuż fl-emissjonijiet ta' GHGs, it-theddida tat-tibdil fil-klima hi kwistjoni globali. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jenħtieġ li għalhekk jaħdmu mas-sħab internazzjonali tagħhom sabiex jiżguraw livell għoli ta' ambizzjoni mill-Partijiet kollha b'konformità mal-oġettivi fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi.
- (12) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 u tal-24 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew qabel ukoll li jenħtieġ li jiġi żvilupp mekkaniżmu ta' governanza affidabbli u trasparenti mingħajr l-ebda piż amministrattiv bla bżonn u bi flessibilità suffiċjenti għall-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tilħaq l-għanijiet tagħha tal-politika dwar l-enerġija, filwaqt li tirrispetta b'mod sħiħ il-libertà tal-Istati Membri li jagħżlu t-taħlita tal-enerġija tagħhom. Il-Kunsill enfasisza li jenħtieġ li dan il-mekkaniżmu ta' governanza jibni fuq elementi kostitwenti eżistenti, bħal pereżempju programmi nazzjonali dwar il-klima, pjanijiet nazzjonali dwar l-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika, kif ukoll il-ħtieġa li jiġu ssimplifikati u miġbura flimkien l-obbligi separati ta' ppjanar u ta' rapportar. Huwa qabel ukoll li jissaħħu r-rwol u d-drittijiet tal-konsumaturi, it-trasparenza u l-prevedibilità għall-investituri, fost l-oħrajn permezz ta' monitoraġġ sistematiku tal-indikaturi ewlenin għal sistema tal-enerġija bi prezz għall-but ta' kulħadd, sikura, kompetittiva, sigura u sostenibbli, u li tiġi ffaċilitata l-koordinazzjoni tal-politiki nazzjonali dwar l-enerġija u dwar il-klima u titrawwem il-kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri.
- (13) Fil-komunikazzjoni tagħha tal-25 ta' Frar 2015 dwar Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar it-Tibdil fil-Klima li tħares 'il quddiem, il-Kummissjoni tirreferi għall-ħtieġa ta' mekkaniżmu ta' governanza integrata sabiex jiġi żgurat li l-azzjonijiet kollha marbuta mal-enerġija fil-livell lokali, reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija, u b'hekk jitwessa' l-ambitu tal-governanza – lil hinn mill-Qafas għall-Klima u l-Enerġija għall-2030 – għall-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija.
- (14) Fil-komunikazzjoni tagħha tat-18 ta' Novembru 2015 dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija, il-Kummissjoni speċifikat ukoll li l-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, li jindirizzaw il-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, huma għodod meħtieġa għal ipplanar iktar strateġiku tal-politika tal-enerġija u l-klima. Bħala parti minn dik il-komunikazzjoni, il-Gwida tal-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima ipprovdiet il-bażi għall-Istati Membri sabiex jibdwu jiżviluppaw il-pjanijiet nazzjonali għall-perijodu mill-2021 sal-2030 u stabbiliet il-pilastru prinċipali tal-mekkaniżmu ta' governanza. Il-komunikazzjoni speċifikat ukoll li jenħtieġ li tali governanza tkun integrata fil-liġi.
- (15) Fil-konklużjonijiet tiegħu tas-26 ta' Novembru 2015 dwar is-sistema ta' governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, il-Kunsill irrikonoxxa li l-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija se tkun għodda essenzjali għall-konstruzzjoni effiċjenti u effettiva tal-Unjoni tal-Enerġija u biex jintlaħqu l-oġettivi tagħha. Il-Kunsill enfasisza li jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' governanza jkun ibbażat fuq il-prinċipji ta' integrazzjoni ta' ppjanar u ta' rapportar strateġiċi dwar l-implimentazzjoni tal-politiki dwar il-klima u l-enerġija u l-koordinazzjoni bejn l-atturi responsabbli għall-politika dwar l-enerġija u l-klima, fil-livell reġjonali, nazzjonali u tal-Unjoni. Hu enfasisza wkoll li jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' governanza jiżgura li l-miri tal-enerġija u tal-klima mifthiema għall-2030 jintlaħqu u jenħtieġ li jwettaq monitoraġġ tal-progress kollettiv tal-Unjoni biex jintlaħqu l-oġettivi tal-politika fil-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija.
- (16) Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Diċembru 2015 intitolata "Lejn Unjoni tal-Enerġija Ewropea" appellat biex il-mekkaniżmu ta' governanza tal-Unjoni tal-Enerġija jkun ambizzjuż, affidabbli, trasparenti, demokratiku u jinkludi għalkollox lill-Parlament Ewropew u jiżgura li jintlaħqu l-miri dwar il-klima u l-enerġija għall-2030.
- (17) Il-Kunsill Ewropew saħaq ripetutament fuq il-ħtieġa li jittieħdu miżuri urġenti sabiex jiġi żgurat li tintlaħaq il-mira minima ta' 10 % għall-interkonnessjonijiet tal-elettriku. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 u tal-24 ta' Ottubru 2014, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li l-Kummissjoni – appoġġjata mill-Istati Membri – ser tieħu miżuri urġenti sabiex tiżgura li tintlaħaq il-mira minima ta' 10 % għall-interkonnessjonijiet tal-elettriku, b'urġenza u mhux aktar tard mill-2020 tal-inqas għall-Istati Membri li jkunu għadhom ma laħqux livell minimu ta' integrazzjoni fis-suq intern tal-enerġija. Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Novembru 2017 dwar it-tisħiħ tan-netwerks tal-enerġija tal-Ewropa tivvaluta l-progress lejn il-kisba tal-mira ta' 10 % għall-interkonnessjoni u tissuġġerixxi modi kif titħaddem il-mira ta' 15 % għall-interkonnessjoni għall-2030.

- (18) Jenħtieġ li l-għan ewlieni tal-mekkaniżmu ta' governanza għalhekk ikun li tippermetti li jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u b'mod partikolari l-miri tal-Qafas għall-Klima u l-Enerġija għall-2030, fis-settur tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' GHGs, tal-enerġija mis-sorsi rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika. Dawk l-oġġettivi u l-miri jirriżultaw mill-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u mill-ħtieġa li l-kwalità tal-ambjent tiġi ppreservata, protetta u mteġba u li jiġi promoss l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, kif previst fit-Trattati tal-UE. L-ebda wieħed minn dawk l-oġġettivi, li huma marbuta b'mod inseparabbli, ma jista' jitqies bħala sekondarju għall-ieħor. Għaldaqstant dan ir-Regolament huwa marbut mal-liġi settorjali li timplimenta l-miri tal-enerġija u tal-klima għall-2030. Filwaqt li l-Istati Membri jeħtieġu flessibbiltà biex jagħżlu l-politiki li jkunu l-iktar xierqa għat-taħlita u għall-preferenzi nazzjonali tagħhom tal-enerġija, jenħtieġ li dik il-flessibbiltà tkun kompatibbli ma' integrazzjoni ulterjuri tas-suq, iżjed kompetizzjoni, il-kisba tal-oġġettivi tal-klima u tal-enerġija u l-bidla gradwali lejn ekonomija sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.
- (19) Tranżizzjoni soċjalment aċċettabbli u ġusta lejn ekonomija sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju teħtieġ tibdil fl-aġir tal-investment, fir-rigward kemm tal-investment pubbliku kif ukoll dak privat, u inċentivi fil-firxa kollha tal-politika, filwaqt li jkunu kkunsidrati ċ-ċittadini u r-reġjuni li jistgħu jintlaqtu ħażin mit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju. Sabiex jintlaħaq it-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' GHGs jeħtieġ li tingħata spinta lill-effiċjenza u l-innovazzjoni fl-ekonomija Ewropea u b'mod partikolari jenħtieġ li jinħolqu wkoll impjiegi sostenibbli, inkluż fis-setturi b'teknoloġija avvanzata, u li dan iwassal ukoll għal titjib fil-kwalità tal-arja u tas-saħħa pubblika.
- (20) Fid-dawl tal-impenji internazzjonali meħuda fil-Ftehim ta' Pariġi, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrapportaw l-azzjonijiet li jieħdu biex gradwalment ineħħu s-sussidji tal-enerġija, b'mod partikolari għall-karburanti fossili. Fir-rapport tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jibbażaw ruħhom fuq id-definizzjonijiet eżistenti għas-sussidji għall-karburanti fossili użati b'mod internazzjonali.
- (21) Peress li l-biċċa l-kbira tal-GHG's u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja jiġu minn sorsi komuni, il-politika mfassla biex jitnaqqsu l-GHG's jista' jkollha kobenefiċċji għas-saħħa pubblika u għall-kwalità tal-arja, b'mod partikolari f'żoni urbani, li jistgħu jpaċu l-kostijiet fuq medda qasira tal-mitigazzjoni tal-GHG's. Peress li d-data rrapportata skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ tirrappreżenta kontribut importanti għall-kompilazzjoni tal-inventarju tal-GHG's u tal-pjanijiet nazzjonali, jenħtieġ li tiġi rrikonoxxuta l-importanza tal-kompilazzjoni u tar-rapportar ta' data konsistenti bejn id-Direttiva (UE) 2016/2284 u l-inventarju tal-GHG's.
- (22) L-esperjenza li nġemgħet fl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ indikat li hemm ħtieġa ta' sinerġiji u koerenza mar-rapportar skont strumenti legali oħra, b'mod partikolari mad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, mar-Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾, mar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾ u mar-Regolament (KE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾. L-użu ta' data konsistenti għar-rapportar tal-emissjonijiet ta' GHGs huwa essenzjali biex tiġi żgurata l-kwalità tar-rapportar tal-emissjonijiet.
- (23) B'konformità mal-impenn sod tal-Kummissjoni għal regolamentazzjoni aħjar, u konsistenti ma' politika li tippromwovi r-riċerka, l-innovazzjoni u l-investment, jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' governanza tal-Unjoni tal-Enerġija jwassal għal tnaqqis sinifikanti tal-piż amministrattiv u tal-kumplessità għall-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, għall-Kummissjoni u għal istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni. Jenħtieġ li tgħin ukoll biex jiġu żgurati l-koerenza u l-adegwatezza tal-politiki u tal-miżuri fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni fir-rigward tat-trasformazzjoni tas-sistema tal-enerġija lejn ekonomija sostenibbli b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju.

⁽¹⁾ Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

⁽³⁾ Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Komunità u li temenda d-Direttiva 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

⁽⁴⁾ Regolament (KE) Nru 166/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Jannar 2006 dwar il-ħolqien ta' Reġistru Ewropew dwar ir-Rilaxx u t-Trasferiment ta' Inkwinanti u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 91/689/KEE u 96/61/KE (ĠU L 33, 4.2.2006, p. 1).

⁽⁵⁾ Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1).

⁽⁶⁾ Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 842/2006 (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195).

- (24) Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-oġġettivi u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija jintlaħqu permezz ta' taħlita ta' inizjattivi tal-Unjoni u ta' politiki nazzjonali koerenti stabbiliti fi pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima. Il-liġi settorjali tal-Unjoni fl-oqsma tal-enerġija u tal-klima tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ippjanar, li kienu għodda utli biex tiġi xprunata l-bidla fil-livell nazzjonali. L-introduzzjoni tagħhom fi żminijiet differenti wasslet għal trikkib u għal kunsiderazzjoni insuffiċjenti tas-sinerġiji u tal-interazzjonijiet bejn l-oqsma ta' politika, għad-detriment tal-kosteffiċjenza. Għalhekk jenħtieġ li l-ippjanar, ir-rapportar u l-monitoraġġ attwalment separati fl-oqsma tal-klima u tal-enerġija jiġu ssimplifikati u integrati kemm jista' jkun.
- (25) Jenħtieġ li l-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jkopru perijodi ta' għaxar snin u jipprovdu stampa ġenerali tas-sistema tal-enerġija u tas-sitwazzjoni ta' politika attwali. Jenħtieġ li dawn jistabbilixxu oġġettivi nazzjonali għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u l-politiki u l-miżuri korrispondenti biex jintlaħqu dawk l-oġġettivi kif ukoll li dawn ikollhom bażi analitika. Jenħtieġ li l-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima li jkopru l-ewwel perijodu mill-2021 sal-2030 jagħtu attenzjoni partikolari lill-miri tat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' GHGs, tal-enerġija rinnowabbli, tal-effiċjenza enerġetika u tal-interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030. Jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw li jiżguraw li l-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jkunu konsistenti mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti u jikkontribwixxu biex dawn jintlaħqu. Fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tagħhom, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jibnu fuq l-istrateġiji jew il-pjanijiet nazzjonali eżistenti. Għall-ewwel abbozz u għall-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima finali, tiġi pprovduta skadenza differenti meta mqabbla ma' pjanijiet sussegwenti, sabiex l-Istati Membri jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju għall-ewwel pjanijiet tagħhom wara l-adozzjoni ta' dan ir-Regolament. Madankollu, l-Istati Membri huma mħeġġa jiprovdu l-ewwel abbozz tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tagħhom kmieni kemm jista' jkun fl-2018, sabiex tkun tista' ssir thejjiya kif meħtieġ, b'mod partikolari fir-rigward tad-djalogu faċilitattiv li għandu jitlaqqa' fl-2018 skont id-deċiżjoni 1/CP.21 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC).
- (26) Fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri jenħtieġ li jivvalutaw l-għadd ta' unitajiet domestiċi ffaqar enerġetiku, b'kont meħud tas-servizzi tal-enerġija domestiċi meħtieġa sabiex jiġu garantiti standards tal-għajxien bażiċi fil-kuntest nazzjonali rilevanti, il-politika soċjali eżistenti u politiki rilevanti oħra, kif ukoll il-gwida indikattiva tal-Kummissjoni dwar l-indikaturi rilevanti, inkluża d-dispersjoni ġeografika, li jkunu bbażati fuq approċċ komuni għall-faqar enerġetiku. Stat Membru li jsib li jkollu għadd sinifikanti ta' unitajiet domestiċi ffaqar enerġetiku, jenħtieġ li fil-pjan nazzjonali tiegħu ta' tnaqqis tal-faqar enerġetiku jinkludi oġġettiv indikattiv.
- (27) Jenħtieġ li jiġi stabbilit mudell obligatorju għall-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima biex jiġi żgurat li l-pjanijiet nazzjonali kollha jkunu komprensivi biżżejjed u biex jiġi ffaċilitat it-tqabbil u l-aggregazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali, filwaqt li tiġi żgurata biżżejjed flessibbiltà għall-Istati Membri biex jistabbilixxu d-dettalji tal-pjanijiet nazzjonali li jirriflettu l-preferenzi u l-ispeċifitàjiet nazzjonali.
- (28) L-implimentazzjoni ta' politiki u ta' miżuri fl-oqsma tal-enerġija u tal-klima għandha impatt fuq l-ambjent. Għalhekk jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-pubbliku jingħata opportunitajiet bikrin u effettivi biex jipparteċipa u jiġi kkonsultat għat-thejjiya tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima b'konformità, meta jkun applikabbli, mad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ u l-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti ("UNECE") dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja f'Materji Ambjentali tal-25 ta' Ġunju 1998 (il-"Konvenzjoni ta' Aarhus"). Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw l-involvement tas-sħab soċjali fit-thejjiya tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u jimmiraw li jillimitaw il-kumplessità amministrattiva meta jissodisfaw l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-konsultazzjoni pubblika.
- (29) Meta jwettqu l-konsultazzjonijiet pubbliċi, u b'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus, l-Istati Membri jenħtieġ li jimmiraw sabiex jiżguraw parteċipazzjoni ugwali, li l-pubbliku jkun infurmat permezz ta' avviżi pubbliċi jew mezzi xierqa oħra bħall-midja elettronika, li l-pubbliku jkun jista' jkollu aċċess għad-dokumenti rilevanti kollha, u li arranġamenti prattiċi relatati mal-parteċipazzjoni tal-pubbliku jiġu stabbiliti.
- (30) Kull Stat Membru jenħtieġ li jistabbilixxi djalogu permanenti f'diversi livelli dwar l-enerġija filwaqt li jiġbor flimkien l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-komunità kummerċjali, l-investituri, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn biex jiddiskutu l-alternattivi differenti previsti għall-politiki dwar il-klima

⁽¹⁾ Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2001 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti pjanijiet u programmi fuq l-ambjent (ĠU L 197, 21.7.2001, p. 30).

u l-enerġija. Jenħtieġ li l-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima tal-Istat Membru kif ukoll l-istrategġija fit-tul tiegħu jkunu jistgħu jiġu diskussi fil-qafas ta' dak id-djalogu. Id-djalogu jista' jseħħ permezz ta' kwalunkwe struttura nazzjonali, bħal sit web, pjattaforma ta' konsultazzjoni pubblika jew għodda ta' komunikazzjoni interattiva oħra.

- (31) Il-kooperazzjoni reġjonali hija kruċjali biex jiġi żgurat li l-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija jintlaħqu b'mod kostottimali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiffaċilita din il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom l-opportunità jikkumentaw dwar il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tal-Istati Membri l-oħra qabel ma jiġu ffinalizzati biex jiġu evitati inkonsistenzi u impatti negattivi potenzjali fuq Stati Membri oħra u jiġi żgurat li l-oġġettivi komuni jintlaħqu b'mod kollettiv. Jenħtieġ li l-kooperazzjoni reġjonali fl-elaborazzjoni u fil-finalizzazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima kif ukoll fl-implimentazzjoni sussegwenti tagħhom tkun essenzjali għat-titjib tal-effettività u tal-effiċjenza tal-miżuri u għat-trawwim tal-integrazzjoni tas-suq u tas-sigurtà tal-enerġija.
- (32) Meta jikkooperaw fil-qafas ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri jenħtieġ li jqisu fora reġjonali ta' kooperazzjoni eżistenti, bħalma huma l-Pjan ta' Interkonnessjoni tas-Suq tal-Enerġija tal-Baltiku (BEMIP), il-Konnettività fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk (CESEC), is-Suq tal-Enerġija Reġjonali taċ-Ċentru-Punent (CWREM), l-Inizjattiva tal-Grid Barra mill-Kosta tal-Pajjiżi tal-Ibħra tat-Tramuntana (NSCOGI), il-Forum Pentalaterali dwar l-Enerġija, l-Interkonnessjonijiet fl-Ewropa tal-Lbiċ u s-Sħubija Ewro-Mediterranja. L-Istati Membri huma mħeġġa jikkunsidraw kooperazzjoni mal-partijiet kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija, mal-pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea u, meta jkun xieraq, ma' pajjiżi terzi rilevanti oħra. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista', bil-ħsieb li tippromwovi l-integrazzjoni tas-suq, il-politiki kosteffiċjenti, il-kooperazzjoni effettiva, sħubijiet u konsultazzjonijiet, tidentifika aktar opportunitajiet ta' kooperazzjoni reġjonali li jkopru wieħed jew aktar mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija b'konformità ma' dan ir-Regolament, b'vizzjoni fit-tul, abbażi tal-kundizzjonijiet eżistenti tas-suq.
- (33) Il-Kummissjoni tista' tiddiskuti ma' pajjiżi terzi rilevanti sabiex tesplora l-possibbiltà li testendilhom l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk relatati mal-kooperazzjoni reġjonali.
- (34) Jenħtieġ li l-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jkunu stabbli biex jiġi żgurati t-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-politiki u tal-miżuri nazzjonali sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza tal-investment. Madankollu jenħtieġ li l-pjanijiet nazzjonali jkunu aġġornati darba matul il-perijodu kopert ta' għaxar snin biex l-Istati Membri jingħataw l-opportunità li jadattaw għal bidliet sinifikanti fiċ-ċirkostanzi. Jenħtieġ li għall-pjanijiet li jkopru l-perijodu 2021 sal-2030, l-Istati Membri jaġġornaw il-pjanijiet tagħhom sat-30 ta' Ġunju 2024. Jenħtieġ li l-oġġettivi, il-miri u l-kontributi jiġu mmodifikati biss biex jirriflettu żieda ġenerali fl-ambizzjoni b'mod partikolari fir-rigward tal-miri tal-enerġija u tal-klima għall-2030. Bħala parti mill-aġġornamenti, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu sforzi biex itaffu kwalunkwe impatt ambjentali avvers li jirriżulta bħala parti mir-rapportar integrat.
- (35) Strateġiji stabbli fit-tul huma kruċjali biex jikkontribwixxu għal trasformazzjoni ekonomika, impjiegi, tkabbir u biex jintlaħqu għanijiet ta' żvilupp sostenibbli usa', kif ukoll biex iqarrbu b'mod ġust u kosteffikaċi lejn l-għan fit-tul stabbilit bil-Ftehim ta' Pariġi. Barra minn hekk, sal-2020, il-Partijiet tal-Ftehim ta' Pariġi mistiedna jikkomunikaw l-istrateġiji tagħhom tal-iżvilupp fit-tul u ta' nofs is-seklu dwar l-emissjonijiet baxxi ta' GHGs. F'dak il-kuntest, il-Kunsill Ewropew jistieden lill-Kummissjoni fit-22 ta' Marzu 2018 tippreżenta, sal-ewwel kwart tal-2019, proposta għal strategġija fit-tul tal-Unjoni għat-tnaqqis fl-emissjonijiet ta' GHGs b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, b'kont meħud tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima.
- (36) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw strateġiji fit-tul b'perspettiva ta' mill-inqas 30 sena biex jikkontribwixxu għat-twettiq tal-impenji tal-Istati Membri konsistenti skont l-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi, fil-kuntest tal-oġġettiv tal-Ftehim ta' Pariġi li ż-żieda fit-temperatura medja globali tinżamm ferm taħt iż-2°C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi biex tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali kif ukoll il-kisba tat-tnaqqis fit-tul fl-emissjonijiet ta' GHGs u t-tisħiħ tal-assorbiment mill-bjar fis-setturi kollha b'konformità mal-oġġettiv tal-Unjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżviluppaw l-istrateġiji tagħhom fit-tul b'mod miftuħ u trasparenti u jenħtieġ li jiżguraw opportunitajiet effettivi għall-pubbliku biex jipparteċipa fit-tħejija tagħhom. Il-pjanijiet integrati nazzjonali tagħhom dwar l-enerġija u l-klima u l-istrateġiji fit-tul jenħtieġ li jkunu konsistenti ma' xulxin.
- (37) Is-settur tal-użu tal-art, tat-tibdil fl-użu tal-art u tal-forestrija (LULUCF) huwa espost ħafna u vulnerabbli ħafna għat-tibdil fil-klima. Fl-istess ħin, dan is-settur għandu potenzjal enormi biex jipprovdi benefiċċji fit-tul għall-klima u biex jikkontribwixxi b'mod sinifikanti ħalli jintlaħqu l-miri Ewropej u dawk internazzjonali dwar il-klima fuq terminu twil. Dan jista' jikkontribwixxi b'diversi modi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari billi jnaqqas l-emissjonijiet, iżomm u jżid il-bjar u l-ħażniet tal-karbonju, u jipprovdi materjali bijoloġiċi li jistgħu

jissostitwixxu l-materjali fossili u materjali intensivi fl-użu tal-karbonju. Huma essenzjali strateġiji fit-tul li jappoġġaw investiment sostenibbli bl-għan li jżied l-assorbiment effettiv tal-karbonju kif ukoll ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi u stabbiltà u adattabbiltà fit-tul tar-raggruppamenti tal-karbonju.

- (38) Fl-iżvilupp ta' interkonnessjonijiet ulterjuri, huwa importanti li ssir valutazzjoni sħiħa tal-kostijiet u l-benefiċċji, inkluż tal-impatti tekniċi, soċjoekonomiċi u ambjentali sħaħ, kif meħtieġ mir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ u jitqiesu l-esternalitajiet pożittivi tal-interkonnessjonijiet, bħalma huma l-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, is-sigurtà tal-provvista u ż-żieda fil-kompetizzjoni fis-suq intern.
- (39) Bħalma huwa l-każ għall-ippjanar, il-liġi settorjali tal-Unjoni fl-oqsma tal-enerġija u tal-klima tistabbilixxi rekwiżiti ta' rapportar, li ħafna minnhom kienu għodda utli biex tiġi xprunata l-bidla fil-livell nazzjonali, komplementari għar-riformi tas-suq, iżda daww ir-rekwiżiti ġew introdotti fi żminijiet differenti li wassal għal trikkib u għal kostineffiċjenza kif ukoll għal nuqqas ta' kunsiderazzjoni tas-sinerġiji u tal-interazzjonijiet bejn l-oqsma ta' politika bħal pereżempju l-mitigazzjoni tal-GHG, l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika u l-integrazzjoni tas-suq. Sabiex jinstab il-bilanċ ġust bejn il-ħtieġa li jiġi żgurat segwitu adatt għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali u l-ħtieġa li titnaqqas il-komplessità amministrattiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu rapporti biennali ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u dwar żviluppi oħra fis-sistema tal-enerġija. Madankollu, xorta waħda jkun meħtieġ xi rapportar fuq bażi annwali, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti ta' rapportar fil-qasam tal-klima li jirriżultaw mill-UNFCCC u mil-liġi tal-Unjoni.
- (40) Jenħtieġ li r-rapporti nazzjonali integrati ta' progress tal-Istati Membri dwar l-enerġija u l-klima jirriflettu l-elementi stabbiliti fil-mudell għall-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima. Jenħtieġ li mudell għar-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima jkun dettaljat f'atti ta' implimentazzjoni sussegwenti minħabba n-natura teknika tagħhom u l-fatt li l-ewwel rapporti ta' progress huma dovuti fl-2023. Jenħtieġ li r-rapporti ta' progress jitwettqu sabiex tiġi żgurata t-trasparenza fil-konfront tal-Unjoni, ta' Stati Membri oħra, tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, ta' atturi oħra tas-suq, inklużi l-konsumaturi, u ta' kwalunkwe parti kkonċernata rilevanti oħra kif ukoll il-pubbliku ġenerali. Jenħtieġ li dawn ikunu komprensivi fost il-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija u, għall-ewwel perijodu, fl-istess waqt jifgħu enfasi fuq l-oqsma koperti bil-miri tal-Qafas għall-Klima u l-Enerġija għall-2030.
- (41) Skont il-UNFCCC, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha huma mitluba jiżviluppaw, jaġġornaw regolarment, jippubblikaw u jirrapportaw lill-Konferenza tal-Partijiet l-inventarji nazzjonali ta' emissjonijiet antropoġeniċi mis-sorsi u l-assorbimenti mill-bjar tal-GHG kollha billi jintużaw metodoloġiji maqbula mill-Konferenza tal-Partijiet. L-inventarji tal-GHG huma essenzjali biex jinżamm amment tal-progress bl-implimentazzjoni tad-dimensjoni ta' dekarbonizzazzjoni u għall-valutazzjoni tal-konformità mal-atti leġislattivi fil-qasam tal-klima, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ u r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾.
- (42) Id-Deċiżjoni 1/CP.16 tal-Konferenza tal-Partijiet tal-UNFCCC tirrikjedi t-twaqqif ta' arranġamenti nazzjonali biex jiġu stmati l-emissjonijiet antropoġeniċi mis-sorsi u l-assorbimenti mill-bjar tal-GHG kollha. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jippermetti l-istabbiliment ta' daww l-arranġamenti nazzjonali.
- (43) L-esperjenza bl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 uriet l-importanza tat-trasparenza, tar-reqqa, tal-konsistenza, tal-kompletezza u tal-paragunabbiltà tal-informazzjoni. Filwaqt li jibni fuq dik l-esperjenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jiżgura li l-Istati Membri jużaw data u suppożizzjonijiet robusti u konsistenti fil-ħames dimensjonijiet u jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku informazzjoni komprensiva dwar is-suppożizzjonijiet, il-parametri u l-metodoloġiji użati għax-xenarji u l-projezzjonijiet finali filwaqt li jikkunsidraw ir-restrizzjonijiet statistiċi, id-data kummerċjalment sensitiva, u l-konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-data, u jirrapportaw dwar il-politiki u l-miżuri, u l-projezzjonijiet tagħhom bħala komponent ewlieni tar-rapporti ta'

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39).

⁽²⁾ Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

⁽³⁾ Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

progress. Jenħtieġ li l-informazzjoni f'dawk ir-rapporti tkun essenzjali biex tintwera l-implimentazzjoni f'waqtha tal-impenji skont ir-Regolament (UE) 2018/842. Jenħtieġ li t-tthaddim u t-titjib kontinwu tas-sistemi fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri, flimkien ma' gwida aħjar dwar ir-rapportar, jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għat-tisħiħ kontinwu tal-informazzjoni meħtieġa biex jinżamm amment tal-progress fid-dimensjoni tad-dekarbonizzazzjoni.

- (44) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jiżgura li jsir rapportar mill-Istati Membri dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima u l-provvista ta' appoġġ finanzjarju, teknoloġiku u għall-bini tal-kapaċitajiet lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u b'hekk tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-impenji tal-Unjoni skont il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi. Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar l-azzjonijiet u l-appoġġ għal adattament nazzjonali hija importanti wkoll fil-kuntest tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, speċjalment fir-rigward tal-adattament għal dawk l-effetti avversi tat-tibdil fil-klima marbuta mas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni bħal pereżempju d-disponibbiltà tal-ilma għat-tkessiħ għall-impjanti tal-enerġija u d-disponibbiltà tal-bijomassa għall-enerġija, kif ukoll l-informazzjoni dwar appoġġ rilevanti għad-dimensjoni esterna tal-Unjoni tal-Enerġija.
- (45) Il-Ftehim ta' Pariġi jikkonferma li, meta l-Partijiet jieħdu azzjoni biex jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima, jenħtieġ li dawn jirrispettaw, jippromwovu u jqisu l-obbligi rispettivi tagħhom dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi. Jenħtieġ li l-Istati Membri għalhekk jintegraw adegwatament id-dimensjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u l-istrategġiji fit-tul tagħhom. Jenħtieġ li, permezz tar-rapporti ta' progress biennali tagħhom, jirrapportaw informazzjoni dwar kif l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima tikkontribwixxi għall-promozzjoni kemm tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll tal-ugwaljanza bejn is-sessi.
- (46) Sabiex jiġi limitat il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri u l-Kummissjoni, jenħtieġ li din tal-aħħar tistabbilixxi pjattaforma online (pjattaforma elettronika) biex tiffaċilita l-komunikazzjoni, tippromwovi l-kooperazzjoni u tiffaċilita l-aċċess tal-pubbliku għall-informazzjoni. Dak il-pjattaforma jenħtieġ li tiffaċilita l-preżentazzjoni f'waqtha tar-rapporti kif ukoll trasparenza mtejba fir-rapportar nazzjonali. Jenħtieġ li l-pjattaforma elektronika tikkumplementa u tibni fuq il-proċessi eżistenti ta' rapportar, il-bażijiet ta' data u l-għodod elettroniċi, bħal dawk tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, il-Eurostat, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka u l-esperjenza miksuba mill-Iskema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi tal-Unjoni kif ukoll tibbenefika minnhom.
- (47) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżgura li l-pjanijiet finali nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jkunu disponibbli pubblikament online. Jenħtieġ li l-pjattaforma elektronika, ladarba tkun operattiva, tintuża mill-Kummissjoni biex tospita u tagħmel pubblikament disponibbli l-pjanijiet nazzjonali integrati finali dwar l-enerġija u l-klima, l-aġġornamenti tagħhom, l-istrategġiji fit-tul u informazzjoni rilevanti oħra dwar ir-rapportar ipprovduta mill-Istati Membri. Qabel ma l-pjattaforma elektronika ssir operattiva, il-Kummissjoni tuża s-siti web tagħha stess biex tiffaċilita l-aċċess tal-pubbliku online għall-pjanijiet nazzjonali integrati finali dwar l-enerġija u l-klima.
- (48) Fir-rigward tad-data li trid tiġi pprovduta lill-Kummissjoni permezz ta' ppjanar u ta' rapportar nazzjonali, jenħtieġ li l-informazzjoni mill-Istati Membri ma tiddupplikax id-data u l-istatistika li diġà tkun disponibbli għall-pubbliku permezz tal-Eurostat fil-kuntest tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ bl-istess mod kif isir skont l-obbligi ta' ppjanar u ta' rapportar imsemmija f'dan ir-Regolament filwaqt li jibqgħu jkunu disponibbli mill-Kummissjoni (il-Eurostat) bl-istess valuri. Meta jkunu disponibbli u xierqa f'termini ta' tempestività, jenħtieġ li d-data u l-projezzjonijiet irrapportati pprovduti fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jibnu fuq id-data tal-Eurostat u fuq il-metodoloġija li ntużat għar-rapportar tal-istatistika Ewropea skont ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 u jkunu konsistenti magħhom.
- (49) Sabiex l-oġettivi tal-Istrategġija dwar l-Unjoni tal-Enerġija, b'mod partikolari l-ħolqien ta' Unjoni tal-Enerġija kompletament funzjonali u reżiljenti, jintlaħqu b'mod kollettiv, se jkun essenzjali li l-Kummissjoni tivvaluta l-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u, abbażi tar-rapporti ta' progress, l-implimentazzjoni tagħhom. Għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin, dan jikkonċerna b'mod partikolari l-kisba tal-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030 u l-kontributi nazzjonali għal dawk il-miri. Jenħtieġ li din il-valutazzjoni ssir fuq bażi biennali, u fuq bażi annwali meta jkun meħtieġ biss, u jenħtieġ li tiġi kkonsolidata fl-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija tal-Kummissjoni.
- (50) Bir-rispett dovut lejn id-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni, il-proċedura legiſlattiva ordinarja, u l-bilanċ tas-setgħat tal-istituzzjonijiet, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jenħtieġ li jindirizzaw, fuq bażi annwali, il-progress miksub mill-Unjoni tal-Enerġija fid-dimensjonijiet kollha tal-politiki dwar l-Enerġija u l-Klima.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164).

- (51) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-impatt globali tal-politiki u tal-miżuri tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima fuq it-tħaddim tal-miżuri tal-politika tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħtieġa ta' politiki u miżuri addizzjonali tal-Unjoni fid-dawl taż-żieda fit-tnaqqis meħtieġ fl-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' GHGs fl-Unjoni b'konformità mal-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi.
- (52) L-avjazzjoni għandha impatti fuq il-klima globali minħabba r-rilaxx ta' CO₂ kif ukoll ta' emissjonijiet oħra, inklużi l-emissjonijiet ta' ossidi tan-nitroġenu, u mekkaniżmi, bħall-intensifikazzjoni mis-sħab taċ-ċirru. Fid-dawl tal-għarfien xjentifiku li qed jiżviluppa b'mod rapidu dwar dawk l-impatti, fir-Regolament (UE) Nru 525/2013 diġà hija prevista valutazzjoni aġġornata tal-impatti tal-avjazzjoni mhux mis-CO₂ fuq il-klima globali. Jenħtieġ li l-immudellar użat f'dan ir-rigward jiġi adattat għall-progress xjentifiku. Abbażi tal-valutazzjonijiet tagħha ta' dawn l-impatti, jenħtieġ li sal-1 ta' Jannar 2020 il-Kummissjoni tippreżenta analiżi aġġornata tal-effetti mhux mis-CO₂ mill-avjazzjoni, akkumpanjata, meta jkun xieraq, minn proposta legiſlattiva dwar kif l-aħjar jiġu indirizzati dawk l-effetti.
- (53) B'konformità mal-linji gwida attwali tal-UNFCCC dwar ir-rapportar għall-GHGs, il-kalkolu u r-rapportar tal-emissjonijiet tal-metan huma bbażati fuq il-potenzjal ta' tisħin globali (GWP) fir-rigward ta' orizzont ta' 100 sena żmien. Minħabba l-GWP għoli u l-ħajja atmosferika relattivament qasira tal-metan, li jwassal għal impatt sinifikanti fuq il-klima fi żmien qasir u medju, il-Kummissjoni jenħtieġ li tanalizza l-implikazzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri bil-ħsieb li tnaqqas l-impatt fuq żmien qasir u medju tal-emissjonijiet tal-metan fuq l-emissjonijiet ta' GHGs fl-Unjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra għażliet ta' politika biex tindirizza b'mod rapidu l-emissjonijiet tal-metan u tressaq pjan strateġiku tal-Unjoni għall-metan bħala parti integrali mill-istrateġija fit-tul tal-Unjoni.
- (54) Sabiex tiġi żgurata l-koerenza bejn il-politiki u l-oġġettivi nazzjonali u tal-Unjoni dwar l-Unjoni tal-Enerġija, jenħtieġ li jkun hemm dialogu kontinwu bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri u, meta jkun xieraq, bejn l-Istati Membri. Kif ikun xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri, inkluż dwar il-livell ta' ambizzjoni tal-abbozzi tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, dwar l-implimentazzjoni sussegwenti tal-politiki u tal-miżuri tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima nnotifikati, u dwar pjanijiet u miżuri nazzjonali oħra ta' rilevanza għall-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija. Filwaqt li r-rakkomandazzjonijiet ma għandhom l-ebda setgħa vinkolanti, kif stabbilit fl-Artikolu 288 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), jenħtieġ madankollu li l-Istati Membri jqisu kif dovut dawn ir-rakkomandazzjonijiet u fir-rapporti sussegwenti ta' progress jispjegaw kif wettqu dan. Fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli, il-valutazzjoni tal-Kummissjoni għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi. Jekk il-Kummissjoni toħroġ rakkomandazzjoni fir-rigward tal-abbozz ta' pjan nazzjonali ta' Stat Membru, jenħtieġ li hija tagħmel dan malajr kemm jista' jkun, wara li tkun ikkunsidrat, minn naħa, il-ħtieġa li l-Kummissjoni żżid ċerti kontributi kwantifikati ppjanati mill-Istati Membri kollha sabiex tivvaluta l-ambizzjoni fil-livell tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, il-ħtieġa li jingħata żmien biżżejjed lill-Istat Membru kkonċernat biex iqis kif dovut ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni qabel ma jiffinalizza l-pjan nazzjonali tiegħu, u l-ħtieġa li jiġi evitat ir-riskju ta' dewmien fil-pjan nazzjonali tal-Istat Membru.
- (55) L-użu kosteffikaċi tal-enerġija rinnovabbli huwa wieħed mill-kriterji oġġettivi biex jiġu vvalutati l-kontributi tal-Istati Membri. L-istruttura tal-ispejjeż biex tintuża l-enerġija rinnovabbli hija kumplessa u tvarja b'mod sinifikanti bejn l-Istati Membri. Ma tinkludix biss l-ispejjeż tal-iskemi ta' appoġġ, iżda, fost l-oħrajn, l-ispejjeż ta' konnessjoni ta' installazzjonijiet, il-backup tas-sistema, il-provvista tas-sigurtà tas-sistema u l-ispejjeż li jridu jitħallsu meta jkun hemm konformità mar-restrizzjonijiet ambjentali. Għaldaqstant, meta l-Istati Membri jitqabblu abbażi ta' dak il-kriterju, jenħtieġ li jitqiesu l-ispejjeż kollha relatati mal-użu, irrispettivament jekk dawn jitħallsux mill-Istat Membru, mill-konsumaturi finali jew mill-iżviluppaturi tal-proġett. Jenħtieġ li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ambizzjonijiet tal-Istati Membri għall-enerġija rinnovabbli jkunu bbażati fuq formula stabbilita f'dan ir-Regolament li tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi. Għalhekk, jenħtieġ li l-valutazzjoni tal-ambizzjoni tal-Istati Membri fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli tindika l-isforz relattiv li jkun sar mill-Istati Membri, filwaqt li tqis ukoll iċ-ċirkostanzi rilevanti li jaffettwaw l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli. Jenħtieġ li l-valutazzjoni tinkludi data li toriġina minn sorsi indipendenti ta' data kwantitattiva jew kwalitattiva.
- (56) Jekk l-ambizzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jew tal-aġġornamenti tagħhom ma tkunx biżżejjed biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u, għall-ewwel perijodu, b'mod partikolari l-miri tal-enerġija rinnovabbli u tal-effiċjenza enerġetika għall-2030, jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu miżuri fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi żgurat li dawk l-oġġettivi u l-miri jintlaħqu (u b'hekk titneħħa kwalunkwe "diskrepanza fl-ambizzjoni"). Jekk il-progress li jkun sar mill-Unjoni fir-rigward ta' dawk l-oġġettivi u l-miri ma jkunx biżżejjed biex dawn jintlaħqu, jenħtieġ li l-Kummissjoni, apparti li toħroġ rakkomandazzjonijiet, tipponi miżuri u teżerċita s-setgħat tagħha fil-livell tal-Unjoni jew titlob miżuri addizzjonali mill-Istati Membri sabiex jiġi żgurat

li jintlaħqu dawn l-oġettivi u dawn il-miri (b'hekk titneħħa kwalunkwe "diskrepanza fit-twettiq"). Jenħtieġ li dawn il-miżuri jqisu wkoll l-isforzi bikrija magħmula mill-Istati Membri lejn il-mira għall-2030 għall-enerġija rinnovabbli biex sal-2020 jew qabel ikunu laħqu sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli akbar mill-mira vinkolanti nazzjonali tagħhom, jew billi jkunu għamlu progress bikri lejn il-mira vinkolanti nazzjonali tagħhom tal-2020 jew fl-implimentazzjoni tal-kontribut tagħhom lejn il-mira vinkolanti tal-Unjoni ta' mill-inqas 32 % tal-enerġija rinnovabbli fl-2030. Fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, tali miżuri jistgħu jinkludu wkoll kontributi finanzjarji volontarji mill-Istati Membri għal mekkaniżmu tal-Unjoni ta' finanzjament għall-enerġija rinnovabbli ġestit mill-Kummissjoni, li jintuża bħala kontribut għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli l-aktar kosteffiċjenti madwar l-Unjoni, b'hekk l-Istati Membri jkollhom l-għażla li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni bl-inqas spiża possibbli. Jenħtieġ li l-miri nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli tal-Istati Membri għall-2020 iservu bħala ishma ta' referenza għall-enerġija rinnovabbli mill-2021 'il quddiem u jinżammu tul il-perijodu kollu. Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, miżuri addizzjonali jistgħu, b'mod partikolari, jimmiraw li jtejbu l-effiċjenza enerġetika tal-prodotti, tal-bini u tat-trasport.

- (57) Jenħtieġ li l-miri nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli tal-Istati Membri għall-2020 kif stipulati fl-Anness I għad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ iservu bħala punt tat-tluq għat-trajettorja indikattiva nazzjonali tagħhom għall-perijodu mill-2021 sal-2030, sakemm Stat Membru ma jiddeċidix volontarjament li jiffissa punt tat-tluq oġġ. Barra minn hekk, jenħtieġ li huma jikkostitwixxu sehem ta' referenza mandatorju għal dan il-perijodu li jiffirma wkoll parti mid-Direttiva (UE) 2018/2001. Konsegwentement, f'dak il-perijodu s-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija f'kull Stat Membru ma għandux ikun aktar baxx mis-sehem ta' referenza tiegħu.
- (58) Jekk Stat Membru ma jżommx is-sehem ta' referenza tiegħu kif imkejjel fuq perijodu ta' sena, jenħtieġ li, fi żmien sena, jieħu miżuri addizzjonali biex ikopri din id-diskrepanza max-xenarju ta' referenza tiegħu. Jenħtieġ li fejn Stat Membru jkun effettivament ħa t-tali miżuri meħtieġa u ssodisfa l-obbligu tiegħu biex ikopri d-diskrepanza, huwa jitqies bħala konformi mar-rekwiżiti obbligatorji tax-xenarju ta' referenza tiegħu mill-mument meta tkun seħħet id-diskrepanza inkwistjoni, kemm skont dan ir-Regolament kif ukoll skont id-Direttiva (UE) 2018/2001.
- (59) Sabiex ikun possibbli li jkun hemm monitoraġġ adegwat u azzjoni korrettiva bikrija mill-Istati Membri u l-Kummissjoni, u sabiex jiġi evitat l-effett ta' "opportuniżmu", it-trajettorji indikattivi tal-Istati Membri kollha u, għaldaqstant, anke t-trajettorja indikattiva tal-Unjoni jenħtieġ li jilħqu, fl-2022, l-2025 u l-2027 tal-anqas ċerti perċentwali minimi taż-żieda enerġetika rinnovabbli totali prevista għall-2030, kif stipulat f'dan ir-Regolament. L-ilħuq ta' dawn il-"punti ta' referenza" fl-2022, l-2025 u l-2027 ser jiġu vvalutati mill-Kummissjoni abbażi, fost l-oħrajn, tar-rapporti nazzjonali integrati ta' progress tal-Istati Membri dwar l-enerġija u l-klima li l-Istati Membri jenħtieġ li jippreżentaw. L-Istati Membri li jkunu 'l isfel mill-punti ta' referenza tagħhom jenħtieġ li jispjegaw fir-rapport ta' progress li jmiss kif ikunu se jkopru d-diskrepanza. Jekk il-punti ta' referenza indikattivi tal-Unjoni ma jiġux issodisfati, l-Istati Membri 'l isfel mill-punti ta' referenza tagħhom jenħtieġ li jagħmlu tajjeb għad-diskrepanza billi jimplimentaw miżuri addizzjonali.
- (60) Jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jagħmlu hilitom biex jipprovdu l-iżjed informazzjoni aġġornata dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-GHG's tagħhom. Jenħtieġ li dan ir-Regolament jippermetti li tali stimuli jitħejjew fl-iqsar żmien possibbli billi tintuża informazzjoni statistika u informazzjoni oħra, bħal, meta jkun xieraq, data spazjali pprovduta mill-Programm Copernicus stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 377/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ u minn sistemi satellitari oħra.
- (61) Skont ir-Regolament (UE) 2018/842, jenħtieġ li jissokta l-approċċ taċ-ċiklu annwali ta' impenji meħud fid-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾. Dak l-approċċ jirrikjedi rieżami komprensiv tal-inventarji tal-GHG's tal-Istati Membri biex tkun tista' ssir il-valutazzjoni tal-konformità u l-applikazzjoni tal-azzjoni korrettiva, meta dan ikun meħtieġ. Huwa meħtieġ proċess ta' rieżami fil-livell tal-Unjoni dwar l-inventarji tal-GHG's ippreżentati mill-Istati Membri sabiex jiġi żgurat li l-konformità mar-Regolament (EU) 2018/842 tkun ivvalutata b'mod kredibbli, konsistenti, trasparenti u tempestiv.

⁽¹⁾ Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ara paġna 82 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 377/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Programm Copernicus u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 (ĠU L 122, 24.4.2014, p. 44).

⁽³⁾ Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-isforz tal-Istati Membri biex inaqqsu l-emissjonijiet tagħhom tal-gassijiet serra biex jonoraw l-impenji tal-Komunità għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2020 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 136).

- (62) Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżguraw kooperazzjoni mill-qrib fil-kwistjonijiet kollha marbuta mal-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija, bl-involvement mill-qrib tal-Parlament Ewropew dwar kwistjonijiet relatati ma' dan ir-Regolament. Kif ikun xieraq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tal-istabbiliment tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u t-tisħiħ tal-kapaċitajiet assoċjati inkluż billi timmobilizza r-riżorsi interni mill-kapaċità ta' mudellar intern u, meta jkun xieraq, ta' għarfien espert estern.
- (63) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima jqisu l-iżjed rakkomandazzjonijiet speċifiċi reċenti għall-pajjiż li jkunu nħarġu fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
- (64) L-Istati Membri jenħtieġ li jużaw il-prinċipju l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel, li jfisser li jikkunsidraw, qabel ma jagħmlu l-pjanijiet tal-enerġija, id-deċiżjonijiet ta' politika u ta' investiment, jekk miżuri alternattivi tal-effiċjenza enerġetika kosteffiċjenti u sodi mil-lat tekniku, ekonomiku u ambjentali jistgħux jissostitwixxu kompletament jew parzjalment il-miżuri ta' ppjanar, ta' politika u ta' investiment previsti, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġettivi tad-deċiżjonijiet rispettivi. Dan jinkludi b'mod partikolari t-trattament tal-effiċjenza enerġetika bħala element kruċjali u kunsiderazzjoni ewlenija fid-deċiżjonijiet futuri ta' investiment dwar l-infrastruttura tal-enerġija fl-Unjoni. Dawn l-alternattivi kosteffiċjenti jinkludu miżuri biex id-domanda u l-provvista tal-enerġija jsiru aktar effiċjenti, b'mod partikolari permezz ta' ffrankar enerġetiku kosteffikaċi fil-konsum finali, ta' inizjattivi ta' rispons tad-domanda u ta' konverżjoni, trażmissjoni u distribuzzjoni aktar effiċjenti tal-enerġija. L-Istati Membri jenħtieġ li jinkoraġġixxu wkoll it-tixrid ta' dak il-prinċipju fl-amministrazzjoni reġjonali u lokali, kif ukoll fis-settur privat.
- (65) Kif ikun xieraq u skont il-programm ta' ħidma annwali tagħha, jenħtieġ li l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent tassisti lill-Kummissjoni bil-ħidma ta' valutazzjoni, ta' monitoraġġ u ta' rapportar.
- (66) Jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE sabiex temenda l-qafas ġenerali tal-mudell tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima bil-ħsieb li tadatta l-mudell għall-emendi tal-qafas tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima li jkunu direttament u speċifikament relatati mal-kontributi tal-Unjoni skont il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi, filwaqt li jitqiesu l-bidliet fil-GWPs u l-linji gwida dwar l-inventarji maqbula internazzjonalment, u tistabbilixxi rekwiżiti sostantivi għas-sistema tal-inventarju tal-Unjoni u tistabbilixxi r-reġistri. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' thejġija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interstituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ⁽¹⁾. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-thejġija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u li l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-thejġija ta' atti delegati. Meta jkun neċessarju, jenħtieġ li l-Kummissjoni, tqis id-deċiżjonijiet adottati skont il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi.
- (67) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward ta': rapporti ta' progress nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima; rapportar integrat dwar l-azzjonijiet ta' adattament nazzjonali, l-appoġġ finanzjarju u teknoloġiku pprovdut għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u d-dħul mill-irkantar; rapportar annwali dwar l-inventarji approssimati tal-GHG, inventarji dwar il-GHG u l-kontabbiltà tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' GHGs; il-mekkaniżmu dwar il-finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni, is-sistemi tal-inventarju nazzjonali; ir-reviżjoni tal-inventarju; is-sistemi nazzjonali u tal-Unjoni għall-politiki u l-miżuri u l-projezzjonijiet; u r-rappurtar dwar il-politiki dwar il-GHG u l-miżuri u l-projezzjonijiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 ⁽²⁾.
- (68) Sabiex teżerċita s-setgħat ta' implimentazzjoni stipulati f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi assistita fil-kompiti tagħha skont dan ir-Regolament minn Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima li jirriabilita l-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima eżistenti, stabbilit bl-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni 93/389/KEE, l-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni 280/2004/KE u l-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 u minn Kumitat dwar l-Unjoni tal-Enerġija. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-politiki u jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn is-setturi, jenħtieġ li l-esperti dwar il-klima u l-enerġija jiġu mistiedna għal-laqgħat taż-żewġ kumitati meta jimplimentaw dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠUL 123, 12.5.2016, p. 1.

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (69) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq rieżami tal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-2024 u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem u tagħmel proposti emendatorji kif ikun xieraq sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni kif suppost tiegħu u li jintlaħqu l-oġġettivi tiegħu. Jenħtieġ li dawk ir-rieżamijiet iqisu żviluppi u jenħtieġ li jkollhom l-informazzjoni mir-riżultati tar-rendikont globali tal-Ftehim ta' Pariġi.
- (70) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jintegra, jemenda, jissostitwixxi u jħassar ċerti obbligi ta' ppjanar, ta' rapportar u ta' monitoraġġ li attwalment jinstabu fl-atti leġislattivi settorjali tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima sabiex jiġi żgurat approċċ simplifikat u integrat għall-obbligi prinċipali ta' ppjanar, rapportar u monitoraġġ. Għalhekk, jenħtieġ li l-atti leġislattivi li ġejjin jiġu emendati f'dan is-sens:
- id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾;
 - id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾;
 - id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾;
 - ir-Regolament (KE) Nru 663/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾;
 - ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾;
 - id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾;
 - id-Direttiva 2009/119/KE tal-Kunsill ⁽⁷⁾;
 - id-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁸⁾;
 - id-Direttiva 2012/27/UE;
 - id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁹⁾;
 - id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 ⁽¹⁰⁾.
- (71) Għal raġunijiet ta' koerenza u ta' ċertezza legali, jenħtieġ li l-ebda element f'dan ir-Regolament ma jimpedixxi l-applikazzjoni tad-derogi skont il-liġi settorjali rilevanti tal-Unjoni fil-qasam tal-elettriku u tat-tħejjija għar-riskji tal-elettriku.
- (72) Jenħtieġ ukoll li dan ir-Regolament jintegra għalkollox id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 525/2013. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 525/2013 jitħassar mill-1 ta' Jannar 2021. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 406/2009/KE tissokta skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 u li ċerti aspetti marbuta mal-implimentazzjoni tal-Protokoll ta' Kjoto jibqgħu stabbiliti fil-liġi, jeħtieġ li ċerti dispożizzjonijiet jibqgħu applikabbli wara dik id-data.
- (73) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħidhom u għaldaqstant, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet,

⁽¹⁾ Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kondizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3).

⁽²⁾ Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58).

⁽³⁾ Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi tal-Parlament u tal-Kunsill 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

⁽⁴⁾ Regolament (KE) Nru 663/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi programm li jgħin l-irkupru ekonomiku billi jagħti assistenza finanzjarja Komunitarja għal proġetti fil-qasam tal-enerġija (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 31).

⁽⁵⁾ Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kondizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36).

⁽⁶⁾ Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

⁽⁷⁾ Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE tal-14 ta' Settembru 2009 li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u/jew ta' prodotti petroliferi (ĠU L 265, 9.10.2009, p. 9).

⁽⁸⁾ Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

⁽⁹⁾ Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66).

⁽¹⁰⁾ Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 tal-20 ta' April 2015 li tistabbilixxi l-metodi ta' kalkolu u r-rekwiżiti ta' rapportar skont id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil (ĠU L 107, 25.4.2015, p. 26).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' governanza sabiex:

- (a) jiġu implimentati strateġiji u miżuri mfassla biex jintlaħqu l-oġġettivi u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija u l-impenji fit-tul tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni konsistenti mal-Ftehim ta' Pariġi, u għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin, mill-2021 sal-2030, b'mod partikolari l-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030;
- (b) tiġi stimulata l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, inkluż, meta jkun xieraq, fil-livell reġjonali, maħsuba biex jinkisbu l-oġġettivi u l-impenji tal-Unjoni tal-Enerġija;
- (c) jiġu żgurati t-tempestività, it-trasparenza, ir-reqqa, il-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tar-rapportar mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha lis-Segretarjat tal-UNFCCC u tal-Ftehim ta' Pariġi;
- (d) jingħata kontribut għal ċertezza regolatorja akbar kif ukoll għal ċertezza akbar lill-investituri u għajjnuna sabiex jittieħed vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet għall-iżvilupp ekonomiku, l-istimolu tal-investment, il-ħolqien tal-impjiegi u l-koeżjoni soċjali.

Il-mekkaniżmu ta' governanza hu bbażat fuq l-istrateġiji fit-tul, il-pjanijiet nazzjonali integrati fit-tul dwar l-enerġija u l-klima li jkopru perijodi ta' għaxar snin li jibdew mill-2021 sal-2030, ir-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima korrispondenti tal-Istati Membri u l-arranġamenti integrati ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni. Il-mekkaniżmu ta' governanza jiżgura opportunitajiet effettivi sabiex il-pubbliku jipparteċipa fit-tnejn ta' daww il-pjanijiet nazzjonali u ta' daww l-istrateġiji fit-tul. Dan jinkludi proċess strutturat, trasparenti u iterattiv bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri bl-għan li jiġu ffinalizzati l-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u l-implimentazzjoni sussegwenti tagħhom, inkluż fir-rigward tal-kooperazzjoni reġjonali u l-azzjoni korrispondenti tal-Kummissjoni.

2. Dan ir-Regolament japplika għall-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, li huma marbutin mill-qrib ma' xulxin u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku:

- (a) is-sigurtà tal-enerġija;
- (b) is-suq intern tal-enerġija;
- (c) l-effiċjenza enerġetika;
- (d) id-dekarbonizzazzjoni; u
- (e) ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "politiki u miżuri" tfisser l-istrumenti kollha li jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u/jew biex jiġu implimentati l-impenji skont il-punti (a) u (b) tal-Artikolu 4(2) tal-UNFCCC, li jistgħu jinkludu daww li ma għandhomx il-limitazzjoni u t-tnaqqis ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra jew tibdil fis-sistema tal-enerġija bħala oġġettiv primarju;
- (2) "politiki u miżuri eżistenti" tfisser il-politiki u l-miżuri implimentati u l-politiki u l-miżuri adottati;
- (3) "politiki u miżuri implimentati" tfisser il-politiki u l-miżuri li għalihom japplika wieħed jew iktar minn dan li ġej fid-data li fiha jintbagħat il-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima jew ir-rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima: il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali applikabbli direttament ikunu fis-seħħ, ikun ġie stabbilit ftehim volontarju wieħed jew iktar, ikunu ġew allokati r-riżorsi finanzjarji, ir-riżorsi umani jkun ġew mobilizzati;

- (4) “politiki u miżuri adottati” tfisser il-politiki u l-miżuri li għalihom tkun ittieħdet deċizzjoni uffiċjali tal-gvern sad-data li fiha jintbagħat il-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima jew ir-rapport ta’ progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima u jkun hemm impenn ċar li ssir l-implimentazzjoni;
- (5) “politiki u miżuri ppjanati” tfisser għażliet li jkunu għadhom qed jiġu diskussi u li jkollhom ċans realistiku li jiġu adottati u implimentati wara d-data li fiha jintbagħat il-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima jew ir-rapport ta’ progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima;
- (6) “sistema għall-politiki, għall-miżuri u għall-projezzjonijiet” tfisser sistema ta’ arranġamenti istituzzjonali, legali u proċedurali stabbiliti għar-rapportar ta’ politiki, ta’ miżuri u ta’ projezzjonijiet marbuta ma’ emissjonijiet antropoġeniċi mis-sorsi u l-assorbimenti mill-bjar ta’ gassijiet serra u mas-sistema tal-enerġija, fost l-oħrajn kif meħtieġ mill-Artikolu 39;
- (7) “projezzjonijiet” tfisser il-previżjonijiet tal-emissjonijiet antropoġeniċi ta’ gassijiet serra mis-sorsi u l-assorbimenti mill-bjar jew tal-iżviluppi tas-sistema tal-enerġija, inklużi minn tal-inqas l-istimi kwantitattivi għal sekwenza ta’ erba’ snin futuri li tintemm b’0 jew b’5 immedjatament wara s-sena ta’ rapportar;
- (8) “projezzjonijiet mingħajr miżuri” tfisser il-projezzjonijiet tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra mis-sorsi u tal-assorbimenti mill-bjar li jeskludu l-effetti tal-politiki u tal-miżuri kollha li jkunu ppjanati, adottati jew implimentati wara s-sena magħżula bħala l-punt tat-tluq għall-projezzjoni rilevanti;
- (9) “projezzjonijiet b’miżuri” tfisser il-projezzjonijiet tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra mis-sorsi u tal-assorbimenti mill-bjar li jinkludu l-effetti, f’termini tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra jew tal-iżviluppi tas-sistema tal-enerġija, tal-politiki u tal-miżuri li jkunu ġew adottati u implimentati;
- (10) “projezzjonijiet b’miżuri addizzjonali” tfisser projezzjonijiet tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra mis-sorsi u tal-assorbimenti mill-bjar jew tal-iżviluppi tas-sistema tal-enerġija li jinkludu l-effetti, f’termini tat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, tal-politiki u tal-miżuri li jkunu ġew adottati u implimentati għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jew biex jintlaħqu l-oġettivi tal-enerġija, kif ukoll tal-politiki u tal-miżuri li jkunu ppjanati għal dak l-iskop;
- (11) “il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030” tfisser il-mira vinkolanti fl-Unjoni ta’ tnaqqis domestiku ta’ minn tal-inqas 40 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-ekonomija kollha meta mqabbla mal-1990 li jrid jintlaħaq sal-2030, il-mira vinkolanti fil-livell tal-Unjoni ta’ minn tal-inqas 32 % tas-sehem ta’ enerġija rinnovabbli kkunsmata fl-UE fl-2030, il-mira ewlenija fil-livell tal-Unjoni ta’ minn tal-inqas 32,5 % għat-titjib fl-effiċjenza enerġetika fl-2030, u l-mira ta’ 15 % għall-interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030 jew kwalunkwe mira sussegwenti f’dan ir-rigward maqbula mill-Kunsill Ewropew jew mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill għall-2030.
- (12) “sistema tal-inventarju nazzjonali” tfisser sistema ta’ arranġamenti istituzzjonali, legali u proċedurali stabbiliti fi Stat Membru biex jiġu stmati l-emissjonijiet antropoġeniċi mis-sorsi u l-assorbimenti mill-bjar ta’ gassijiet serra, u biex tiġi rrapportata u arkivjata l-informazzjoni tal-inventarju;
- (13) “indikatur” tfisser fattur jew varjabbli kwantitattiv jew kwalitattiv li jikkontribwixxi biex jinftehem aħjar il-progress fl-implimentazzjoni;
- (14) “indikaturi ewlenin” tfisser l-indikaturi għall-progress li jkun sar fir-rigward tal-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija kif proposti mill-Kummissjoni;
- (15) “korrezzjonijiet tekniċi” tfisser aġġustamenti fl-istimi tal-inventarju nazzjonali tal-gassijiet serra li jkunu saru fil-kuntest tar-rieżami mwettaq skont l-Artikolu 38 meta d-data tal-inventarju li tkun intbagħtet ma tkunx kompluta jew tkun tħejjiet b’mod li ma jkunx konsistenti mar-regoli jew mal-linji gwida rilevanti internazzjonali jew tal-Unjoni u li jkunu maħsuba biex jissostitwixxu l-istimi li jkunu ntbagħtu oriġinarjament;
- (16) “garanzija tal-kwalità” tfisser sistema ppjanata ta’ proċeduri ta’ rieżami biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-oġettivi tal-kwalità tad-data u li jiġu rrapportati l-aqwa stimi u informazzjoni possibbli bl-għan li tiġi appoġġata l-effettività tal-programm ta’ kontroll tal-kwalità u tingħata assistenza lill-Istati Membri;
- (17) “kontroll tal-kwalità” tfisser sistema ta’ attivitajiet tekniċi li jsiru regolarment sabiex titkejjel u tiġi kkontrollata l-kwalità tal-informazzjoni u tal-istimi miġbura bl-għan li tiġi żgurata l-integrità, il-korrettezza u l-kompletezza tad-data, jiġu identifikati u indirizzati l-iżbalji u l-omissjonijiet, jiġu ddokumentati u arkivjati d-data u kull materjal ieħor li jintuża, u jiġu rreġistrati l-attivitajiet kollha ta’ garanzija;

- (18) “l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel” tfisser li fid-deċiżjonijiet kollha dwar l-ippjanar, il-politika u l-investimenti marbutin mal-enerġija, jitqiesu sew il-miżuri alternattivi ta’ kosteffiċjenza tal-effiċjenza enerġetika u ta’ provvista tal-enerġija aktar effiċjenti, b’mod partikolari permezz ta’ ffrankar enerġetiku kosteffikaċi fil-konsum finali, inizjattivi ta’ ġestjoni tad-domanda u konverżjoni, trażmissjoni u distribuzzjoni aktar effiċjenti tal-enerġija filwaqt li fl-istess ħin jintlaħqu l-oġettivi ta’ dawh id-deċiżjonijiet;
- (19) “Pjan SET” tfisser il-Pjan Strateġiku għat-Teknoloġija tal-Enerġija kif stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta’ Settembru 2015 intitolata “Lejn Pjan Strateġiku Integrat għat-Teknoloġija tal-Enerġija (SET): Aċċelerazzjoni tat-Trasformazzjoni tas-Sistema tal-Enerġija Ewropea”;
- (20) “sforzi bikrija” tfisser:
- (a) fil-kuntest tal-valutazzjonijiet ta’ diskrepanza potenzjali bejn il-mira tal-Unjoni għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli għall-2030 u l-kontributi kollettivi tal-Istati Membri, il-kisba ta’ Stat Membru ta’ sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli l fuq mill-mira vinkolanti nazzjonali tiegħu għall-2020 kif stipulat fl-Anness I għad-Direttiva (UE) 2018/2001 jew il-progress bikri ta’ Stat Membru lejn il-mira nazzjonali vinkolanti tiegħu għall-2020;
 - (b) fil-kuntest tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni bbażati fuq il-valutazzjoni skont il-punt (b) tal-Artikolu 29(1) fir-rigward tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, l-implimentazzjoni bikrija tal-kontribut ta’ Stat Membru lejn il-mira vinkolanti tal-Unjoni ta’ mill-inqas 32 % tal-enerġija rinnovabbli fl-2030 kif imkejla mal-punti ta’ referenza nazzjonali tiegħu għall-enerġija rinnovabbli;
- (21) “kooperazzjoni regionali” tfisser kooperazzjoni bejn żewġ Stati Membri jew aktar involuti fi sħubija li tkopri waħda jew iktar mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija;
- (22) “enerġija minn sorsi rinnovabbli” jew “enerġija rinnovabbli” tfisser enerġija minn sorsi rinnovabbli jew enerġija rinnovabbli kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (23) “konsum finali gross tal-enerġija” tfisser konsum finali gross tal-enerġija kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (24) “skema ta’ appoġġ” tfisser skema ta’ appoġġ kif definit fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (25) “tiġdid” (repowering) tfisser tiġdid kif definit fil-punt (10) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (26) “komunità tal-enerġija rinnovabbli” tfisser komunità tal-enerġija rinnovabbli kif definit fil-punt (16) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (27) “tisħin distrettwali” jew “tkessiħ distrettwali” tfisser tisħin distrettwali jew tkessiħ distrettwali kif definit fil-punt (19) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (28) “skart” tfisser skart kif definit fil-punt (23) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (29) “bijomassa” tfisser bijomassa kif definit fil-punt (24) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (30) “bijomassa agrikola” tfisser bijomassa agrikola kif definit fil-punt (25) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (31) “bijomassa forestali” tfisser bijomassa forestali kif definit fil-punt (26) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (32) “karburanti tal-bijomassa” tfisser karburanti tal-bijomassa kif definit fil-punt (27) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (33) “bijogass” tfisser bijogass kif definit fil-punt (28) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (34) “bijolikwidi” tfisser bijolikwidi kif definit fil-punt (32) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (35) “bijokarburanti” tfisser bijokarburanti kif definit fil-punt (33) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (36) “bijokarburanti avvanzati” tfisser bijokarburanti avvanzati kif definit fil-punt (34) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (37) “karburanti tal-karbonju riċiklat” tfisser karburanti tal-karbonju riċiklat kif definit fil-punt (35) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (38) “ghelejje b’kontenut għoli ta’ lamtu” tfisser ghelejje b’kontenut għoli ta’ lamtu kif definit fil-punt (39) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (39) “ghelejje tal-ikel u tal-ġhalf” tfisser ghelejje tal-ikel u tal-ġhalf kif definit fil-punt (40) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;

- (40) “materjal linjoċellulożiku” tfisser materjal linjoċellulożiku kif definit fil-punt (41) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (41) “residwi” tfisser residwu kif definit fil-punt (43) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (42) “konsum primarju tal-enerġija” tfisser konsum primarju tal-enerġija kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (43) “konsum finali tal-enerġija” tfisser konsum finali tal-enerġija kif definit fil-punt (3) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (44) “effiċjenza fl-enerġija” tfisser effiċjenza fl-enerġija kif definit fil-punt (4) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (45) “iffrankar tal-enerġija” tfisser iffrankar tal-enerġija kif definit fil-punt (5) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (46) “titjib fl-effiċjenza fl-enerġija” tfisser titjib fl-effiċjenza fl-enerġija kif definit fil-punt (6) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (47) “servizz tal-enerġija” tfisser servizz tal-enerġija kif definit fil-punt (7) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (48) “spazju totali ta’ art li tista’ tintuża” tfisser spazju totali ta’ art li tista’ tintuża kif definit fil-punt (10) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (49) “sistema ta’ ġestjoni tal-enerġija” tfisser sistema ta’ ġestjoni tal-enerġija kif definit fil-punt (11) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (50) “parti obbligata” tfisser parti obbligata kif definit fil-punt (14) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (51) “awtorità pubblika ta’ implimentazzjoni” tfisser awtorità pubblika ta’ implimentazzjoni kif definit fil-punt (17) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (52) “azzjoni individwali” tfisser azzjoni individwali kif definit fil-punt (19) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (53) “distributur tal-enerġija” tfisser distributur tal-enerġija kif definit fil-punt (20) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (54) “operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni” tfisser operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni kif definit fil-punt (6) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72/KE u fil-punt (6) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/UE;
- (55) “kumpannija tal-bejgħ tal-enerġija fil-livell tal-konsum” tfisser kumpannija tal-bejgħ tal-enerġija fil-livell tal-konsum kif definit fil-punt (22) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (56) “fornitur ta’ servizz tal-enerġija” tfisser fornitur ta’ servizz tal-enerġija kif definit fil-punt (24) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (57) “kuntratt għall-prestazzjoni tal-enerġija” tfisser kuntratt għall-prestazzjoni tal-enerġija kif definit fil-punt (27) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (58) “koġenerazzjoni” tfisser koġenerazzjoni kif definit fil-punt (30) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (59) “bini” tfisser bini kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/31/UE;
- (60) “bini b’użu ta’ kważi żero enerġija” tfisser bini b’użu ta’ kważi żero enerġija kif definit fil-punt (2) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/31/UE;
- (61) “pompa tas-sħana” tfisser pompa tas-sħana kif definit fil-punt (18) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/31/UE;
- (62) “karburant fossili” tfisser sorsi tal-enerġija mhux rinnowabbli bbażati fuq il-karbonju bħal karburanti solidi, gass naturali u żejt.

KAPITOLU 2

Pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima

Artikolu 3

Pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima

1. Sal-31 ta’ Diċembru 2019, u sussegwentement sal-1 ta’ Jannar 2029 u kull għaxar snin minn hemm ‘il quddiem, kull Stat Membru għandu jinnotifika pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima lill-Kummissjoni. Il-pjanijiet għandhom jinkludu l-elementi stabbiliti fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu u fl-Anness I. L-ewwel pjan għandu jkopri l-perijodu mill-2021 sal-2030, filwaqt li titqies il-perspettiva aktar fit-tul. Il-pjanijiet sussegwenti għandhom ikopru l-perijodu ta’ għaxar snin li jiġi immedjatament wara t-tmiem tal-perijodu kopert mill-pjan preċedenti.

2. Il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima għandu jkun fihom it-taqsimiet prinċipali li ġejjin:
 - (a) stampa ġenerali tal-proċess segwit għall-istabbiliment tal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima, li jkun fiha sommarju eżekuttiv, deskrizzjoni tal-konsultazzjoni pubblika u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u tar-riżultati tagħhom, u tal-kooperazzjoni reġjonali ma' Stati Membri oħra fit-tħejja tal-pjan, kif stabbilit fl-Artikoli 10, 11 u 12 u fil-punt 1 tat-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness I;
 - (b) deskrizzjoni tal-oġġettivi, tal-miri u tal-kontributi nazzjonali relatati mad-dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, kif stipulat fl-Artikolu 4 u l-Anness I;
 - (c) deskrizzjoni tal-politiki u tal-miżuri ppjanati fir-rigward tal-oġġettivi, il-miri u l-kontributi korrispondenti stabbiliti skont il-punt (b) kif ukoll stampa ġenerali tal-investment meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi, il-miri u l-kontributi korrispondenti;
 - (d) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni attwali tal-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija inkluż fir-rigward tas-sistema tal-enerġija, l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra kif ukoll il-projezzjonijiet fir-rigward tal-oġġettivi msemmija fil-punt (b) fil-konfront ta' politiki u ta' miżuri li diġà jeżistu;
 - (e) meta jkun applikabbli, deskrizzjoni tal-ostakli u x-xkiel regolatorji u mhux regolatorji biex jintlaħqu l-oġġettivi, il-miri jew il-kontributirelatati mal-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika;
 - (f) valutazzjoni tal-impatti tal-politiki u tal-miżuri ppjanati biex jintlaħqu l-oġġettivi msemmija fil-punt (b), inkluża l-konsistenza tagħhom mal-oġġettivi tat-tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra skont il-Ftehim ta' Pariġi u l-istrategġija fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15;
 - (g) valutazzjoni ġenerali tal-impatti tal-politiki u tal-miżuri ppjanati fuq il-kompetittività marbuta mal-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija;
 - (h) anness, imfassal skont ir-rekwiżiti u l-istruttura stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, li jistabbilixxi l-metodoloġiji u l-miżuri ta' politika tal-Istat Membru biex jinkiseb ir-rekwiżit tal-iffrankar enerġetiku skont l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V tagħha.
3. Fir-rigward tat-tħejja tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri għandhom:
 - (a) jillimitaw il-kumplessità amministrattiva u l-ispejjeż għall-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha;
 - (b) iqisu l-interkonnessjonijiet bejn il-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, b'mod partikolari l-prinċipju li "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel";
 - (c) jużaw data robusta u konsistenti u suppożizzjonijiet tul il-ħames dimensjonijiet, meta jkun rilevanti;
 - (d) jivvalutaw l-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku, b'kont meħud tas-servizzi tal-enerġija domestiċi meħtieġa sabiex jiġu garantiti l-istandards bażiċi tal-għajxien fil-kuntast nazzjonali rilevanti, il-politika soċjali eżistenti u politiki rilevanti oħra, kif ukoll il-gwida indikattiva tal-Kummissjoni dwar indikaturi rilevanti għall-faqar enerġetiku.

F'każ li Stat Membru jsib, skont il-punt (d) tal-ewwel subparagrafu, li għandu għadd sinifikanti ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku, abbażi tal-valutazzjoni tiegħu ta' data verifikabbli huwa għandu jinkludi fil-pjan tiegħu oġġettiv indikattiv nazzjonali biex inaqqas il-faqar enerġetiku. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jiddefinixxu fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, il-politiki u l-miżuri, li jindirizzaw il-faqar enerġetiku, jekk ikun hemm, inklużi miżuri ta' politika soċjali u programmi nazzjonali rilevanti oħra.
4. Kull Stat Membru għandu jqiegħed il-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima ppreżentat lill-Kummissjoni b'konformità ma' dan l-Artikolu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.
5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 43 sabiex temenda l-punti 2.1.1 u 3.1.1 tat-Taqsima A u l-punti 4.1 u 4.2.1 tat-Taqsima B tal-Parti 1 u l-punt 3 tal-Parti 2 tal-Anness I sabiex tadattahom għall-emendi fil-qafas tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima li jkunu direttament u speċifikament relatati mal-kontributi tal-Unjoni skont l-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi.

Artikolu 4

Oġġettivi, miri u kontributi nazzjonali għall-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija

Kull Stat Membru għandu jstabbilixxi l-oġġettivi, il-miri u l-kontributi ewlenin li ġejjin fil-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima, kif speċifikat fil-punt 2 tat-taqsima A tal-Anness I:

- (a) rigward id-dimensjoni "Id-Dekarbonizzazzjoni":
 - (1) fir-rigward tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti ta' gassijiet serra u bl-għan li jingħata kontribut biex tintlaħaq il-mira ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-ekonomija kollha tal-Unjoni:
 - (i) il-mira nazzjonali vinkolanti tal-Istat Membru għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-limiti nazzjonali vinkolanti annwali skont ir-Regolament (UE) 2018/842;

(ii) l-impenji tal-Istat Membru skont ir-Regolament (UE) 2018/841;

(iii) meta jkun applikabbli biex jintlaħqu l-oġġettivi u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija u l-impenji fit-tul tal-Unjoni dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra b'konformità mal-impenji tal-Ftehim ta' Pariġi, oġġettivi u miri oħra, li jinkludu miri settorjali u oġġettivi ta' adattament.

(2) fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli:

Bl-għan li tintlaħaq il-mira vinkolanti tal-Unjoni ta' minn tal-inqas 32 % enerġija rinnovabbli fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2018/2001, kontribut għal dik il-mira f'termini tas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli tal-Istat Membru fil-konsum finali gross tal-enerġija fl-2030, bi trajettorja indikattiva għal dak il-kontribut mill-2021 'il quddiem. Sal-2022, it-trajettorja indikattiva għandha tilħaq punt ta' referenza ta' mill-inqas 18 % taż-żieda totali fis-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli bejn il-mira nazzjonali vinkolanti għall-2020 ta' dak l-Istat Membru u l-kontribut tiegħu għall-mira tal-2030. Sal-2025, it-trajettorja indikattiva għandha tilħaq punt ta' referenza ta' mill-inqas 43 % taż-żieda totali fis-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli bejn il-mira nazzjonali vinkolanti għall-2020 ta' dak l-Istat Membru u l-kontribut tiegħu għall-mira tal-2030. Sal-2027, it-trajettorja indikattiva għandha tilħaq punt ta' referenza ta' mill-inqas 65 % taż-żieda totali fis-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli bejn il-mira nazzjonali vinkolanti għall-2020 ta' dak l-Istat Membru u l-kontribut tiegħu għall-mira tal-2030.

Sal-2030, it-trajettorja indikattiva għandha tilħaq mill-inqas il-kontribut ippjanat tal-Istat Membru. Jekk Stat Membru jistenna li jisboq il-mira nazzjonali vinkolanti tiegħu għall-2020, it-trajettorja indikattiva tiegħu tista' tibda fil-livell li jkun ipproġettat li jilħaq. It-trajettorji indikattivi tal-Istati Membri, meħudin flimkien, għandhom jikkorrispondu għall-punti ta' referenza tal-Unjoni fl-2022, l-2025 u l-2027 u għall-mira vinkolanti tal-Unjoni ta' mill-inqas 32 % ta' enerġija rinnovabbli fl-2030. Separatament mill-kontribut tiegħu għall-mira tal-Unjoni u t-trajettorja indikattiva tiegħu għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, Stat Membru għandu jkun liberu li jindika ambizzjonijiet ogħla għal finijiet ta' politika nazzjonali;

(b) fir-rigward tad-dimensjoni "Effiċjenza Enerġetika":

(1) il-kontribut nazzjonali indikattiv għall-effiċjenza enerġetika biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni għall-effiċjenza enerġetika ta' mill-inqas 32,5 % fl-2030 kif imsemmi fl-Artikolu 1(1) u fl-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2012/27/UE, abbażi tal-konsum primarju jew finali tal-enerġija, l-iffrankar primarju jew finali tal-enerġija, jew l-intensità enerġetika.

L-Istati Membri għandhom jesprimu l-kontributi tagħhom f'termini ta' livell assolut ta' konsum primarju tal-enerġija u konsum finali tal-enerġija fl-2020, u f'termini ta' livell assolut ta' konsum ta' enerġija primarja u konsum ta' enerġija finali fl-2030, bi trajettorja indikattiva għal dak il-kontribut mill-2021 'il quddiem. Huma għandhom jispjegaw il-metodoloġija sottostanti tagħhom u l-fatturi ta' konverżjoni li jkunu ntużaw;

(2) l-ammont kumulattiv ta' ffrankar enerġetiku fil-konsum finali li jrid jinkiseb matul il-perijodu mill-2021 sal-2030 skont il-punt (b) tal-Artikolu 7(1) dwar l-obbligi dwar l-iffrankar enerġetiku skont id-Direttiva 2012/27/UE;

(3) l-istadji importanti indikattivi tal-istrateġija għar-rinnovazzjoni fit-tul tal-istokk nazzjonali ta' bini residenzjali u mhux residenzjali, kemm pubbliku kif ukoll privat, il-pjan direzzjonali b'indikaturi kwantifikabbli tal-progress stabbiliti domestikament, stima abbażi tal-evidenza tal-iffrankar enerġetiku mistenni u benefiċċji usa', u l-kontributi għall-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni skont id-Direttiva 2012/27/UE b'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE;

(4) l-erja totali ta' art li trid tiġi rinnovata jew l-iffrankar enerġetiku annwali ekwivalenti li jrid jinkiseb mill-2021 sal-2030 skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2012/27/UE dwar ir-rwol eżemplari tal-bini tal-korpi pubbliċi;

(c) fir-rigward tad-dimensjoni "Sigurtà tal-Enerġija":

(1) l-oġġettivi nazzjonali fir-rigward ta':

— żieda fid-diversifikazzjoni tas-sorsi u tal-provvista tal-enerġija minn pajjiżi terzi, li jista' jkollhom l-għan li jnaqqsu d-dipendenza tal-enerġija fuq l-importazzjoni,

— żieda fil-flessibilità tas-sistema nazzjonali tal-enerġija, u

— il-kapaċità li wieħed jindirizza provvista limitata jew interrotta ta' sors tal-enerġija, bl-iskop li tittejjeb ir-reżiljenza tas-sistemi reġjonali u nazzjonali tal-enerġija, inkluż iż-żmien li fih għandhom jintlaħqu l-oġġettivi;

(d) fir-rigward tad-dimensjoni “Suq Intern tal-Enerġija”:

- (1) il-livell ta' interkonnettività tal-elettriku li l-Istat Membru jimmira li jilħaq fl-2030 fid-dawl tal-mira ta' minn tal-inqas 15 % għall-interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030, bi strateġija bil-livell definit mill-2021 'il quddiem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri affettwati, b'kont meħud tal-mira tal-interkonnessjoni ta' 10 % tal-2020 u tal-indikaturi tal-urġenza tal-azzjoni abbażi tad-differenzjali tal-prezz fis-suq bl-ingrossa, tal-kapaċità nominali ta' trażmissjoni tal-interkonnetturi fir-rigward tal-ħinijiet l-aktar intensivi u tal-kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli installata kif stipulat fil-punt 2.4.1 tat-Taqsima A fil-Parti 1 tal-Anness I. Kull interkonnettur għdid għandu jkun soġġett għal analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji soċjoekonomiċi u ambjentali u jiġi implimentat biss jekk il-benefiċċji potenzjali jkunu iktar mill-ispejjeż;
- (2) il-proġetti, u, meta jkun rilevanti, il-proġetti ta' modernizzazzjoni nazzjonali ewlenin għall-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass u l-modernizzazzjoni, meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi u l-miri skont il-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija;
- (3) l-oġġettivi nazzjonali relatati ma' aspetti oħra tas-suq intern tal-enerġija bħal pereżempju: żieda fil-flessibbiltà tas-sistema, b'mod partikolari permezz ta' politiki u miżuri relatati mal-formazzjoni tal-prezzijiet abbażi tas-suq b'konformità mal-liġi applikabbli; l-integrazzjoni u l-akkoppjament tas-suq, bl-għan li jiżiedu l-kapaċità negozjabbli tal-interkonnetturi eżistenti, il-grids intelliġenti, l-aggregazzjoni, ir-rispons għad-domanda, il-ħżin, il-ġenerazzjoni distribwita, il-mekkaniżmi għad-dispaċċ, ir-ridispaċċ u t-tnaqqis tas-sinjali tal-prezzijiet f'ħin reali, inkluż perijodu ta' żmien li fih għandhom jintlaħqu l-oġġettivi, u oġġettivi relatati mas-suq intern tal-enerġija kif stipulat fil-punt 2.4.3 tat-Taqsima A fil-Parti 1 tal-Anness I;

(e) fir-rigward tad-dimensjoni “Riċerka, Innovazzjoni u Kompetittività”:

- (1) oġġettivi nazzjonali u miri ta' finanzjament għal riċerka u innovazzjoni pubblika u, meta jkun rilevanti, privata marbuta mal-Unjoni tal-Enerġija li jinkludu, meta jkun xieraq, medda ta' żmien għal meta l-oġġettivi għandhom jintlaħqu; li jirriflettu l-prijoritajiet tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija u, meta jkun xieraq, tal-Pjan SET. Meta jistabbilixxi l-oġġettivi, il-miri u l-kontributi tiegħu, l-Istat Membru jista' jibni fuq l-istrateġiji jew il-pjanijiet nazzjonali eżistenti li jkunu kompatibbli mal-liġi tal-Unjoni;
- (2) meta jkun applikabbli, l-oġġettivi nazzjonali għall-2050 relatati mal-promozzjoni ta' teknoloġiji ta' enerġija nadifa.

Artikolu 5

Il-proċess tal-istabbiliment tal-kontributi tal-Istati Membri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli

1. Fil-kontribuzzjoni tiegħu għas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija fl-2030 u l-aħħar sena tal-perijodu kopert għall-pjanijiet nazzjonali sussegwenti, skont il-punt (a)(2) tal-Artikolu 4, kull Stat Membru għandu jqis dawn kollha li ġejjin:

- (a) il-miżuri previsti fid-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (b) il-miżuri adottati biex tintlaħaq il-mira tal-effiċjenza enerġetika adottata skont id-Direttiva 2012/27/UE;
- (c) kwalunkwe miżura oħra eżistenti biex tiġi promossa l-enerġija rinnovabbli fl-Istat Membru u, meta jkun rilevanti, fil-livell tal-Unjoni;
- (d) il-mira nazzjonali vinkolanti tal-2020 minn sorsi rinnovabbli fil-konsum gross finali ta' enerġija stipulata fl-Anness I għad-Direttiva (UE) 2018/2001.
- (e) kwalunkwe ċirkostanza rilevanti li taffettwa l-użu tal-enerġija rinnovabbli, bħal fost l-oħrajn:
 - (i) id-distribuzzjoni ġusta tal-użu madwar l-Unjoni;
 - (ii) il-potenzjal u l-kundizzjonijiet ekonomiċi, inkluż il-PDG per capita;
 - (iii) il-potenzjal għal użu kosteffikaċi ta' enerġija rinnovabbli;
 - (iv) il-limiti ġeografiċi, ambjentali u naturali, inklużi dawk ta' żoni u ta' reġjuni mhux interkonnessi;
 - (v) il-livell ta' interkonnessjoni tal-elettriku bejn l-Istati Membri;
 - (vi) ċirkostanzi rilevanti oħra, b'mod partikolari sforzi bikrija.

Fir-rigward tal-punt (e) tal-ewwel subparagrafu, kull Stat Membru għandu jindika fil-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima liema huma c-ċirkostanzi rilevanti li jaffettwaw l-użu ta' enerġija rinnovabbli li jkun ikkunsidra.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw b'mod kollettiv li s-somma tal-kontributi tagħhom tammonta għal minn tal-inqas 32 % ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross ta' enerġija fil-livell tal-Unjoni sal-2030.

Artikolu 6

Il-proċess tal-stabbiliment tal-kontributi tal-Istati Membri fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika

1. Fil-kontribuzzjoni nazzjonali indikattiv tiegħu għall-effiċjenza enerġetika għall-2030 u għall-aħħar sena tal-perijodu kopert għall-pjanijiet nazzjonali sussegwenti skont il-punt (b)(1) tal-Artikolu 4, kull Stat Membru għandu jqis li, skont l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/27/UE l-konsum tal-enerġija tal-Unjoni fl-2020 għandu jkun mhux aktar minn 1 483 Mtoe tal-enerġija primarja jew mhux aktar minn 1 086 Mtoe tal-enerġija finali u l-konsum tal-enerġija tal-Unjoni fl-2030 għandu jkun mhux aktar minn 1 273 Mtoe tal-enerġija primarja u/jew mhux aktar minn 956 Mtoe tal-enerġija finali.

Barra minn hekk, kull Stat Membru għandu jqis:

- (a) il-miżuri previsti fid-Direttiva 2012/27/UE;
- (b) miżuri oħra biex tiġi promossa l-effiċjenza enerġetika fl-Istat Membru u fil-livell tal-Unjoni.
- 2. Fil-kontribuzzjoni tiegħu skont il-paragrafu 1, kull Stat Membru jista' jqis iċ-ċirkostanzi nazzjonali li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija primarja u finali, bħal pereżempju:
 - (a) il-potenzjal li jkun fadal biex tiġi ffrankata l-enerġija b'mod kosteffikaċi;
 - (b) l-evoluzzjoni u l-previżjoni tal-prodott domestiku gross;
 - (c) bidliet fl-importazzjonijiet u fl-esportazzjonijiet tal-enerġija;
 - (d) bidliet fit-taħlita tal-enerġija u l-iżvilupp tal-ġbir u l-ħżin tal-karbonju; u
 - (e) l-azzjonijiet bikrin.

Fir-rigward tal-ewwel subparagrafu, kull Stat Membru għandu jindika fil-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima liema, jekk kien hemm, ċirkostanzi rilevanti li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija primarja u finali huwa ħa inkunsiderazzjoni.

Artikolu 7

Politiki u miżuri nazzjonali għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija

B'konformità mal-Anness I, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, il-politiki u l-miżuri ewlenin eżistenti u pjanati biex b'mod partikolari jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fil-pjan nazzjonali, filwaqt li, meta jkun applikabbli, jiġu inklużi miżuri li jipprovdu għall-kooperazzjoni reġjonali u l-finanzjament xieraq fil-livell nazzjonali u reġjonali, inkluża l-mobilizzazzjoni tal-programmi u l-istrumenti tal-Unjoni.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu stampa ġenerali tal-investiment meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi, il-miri u l-kontributi stabbiliti fil-pjan nazzjonali, kif ukoll valutazzjoni ġenerali dwar is-sorsi ta' dak l-investiment.

Artikolu 8

Bażi analitika tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima

1. B'konformità mal-istruttura u l-format speċifikati fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu s-sitwazzjoni attwali għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, inklużi tas-sistema tal-enerġija u tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti tal-gassijiet serra fiż-żmien li fih intbagħat il-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima jew abbażi tal-aħħar informazzjoni disponibbli. L-Istati Membri għandhom ukoll jistabbilixxu u jiddeskrivu l-projezzjonijiet għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija, għal tal-inqas it-tul ta' dak il-pjan, li mistennija jirriżultaw minn politiki u miżuri eżistenti. L-Istati Membri għandhom jagħmlu hilitom biex jiddeskrivu perspettivi addizzjonali aktar fit-tul għall-ħames dimensjonijiet lil hinn miż-żmien kopert mill-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima, meta jkun rilevanti u possibbli.

2. Fil-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu l-valutazzjoni tagħhom, fil-livell nazzjonali u meta jkun applikabbli f'dak reġjonali, dwar:

- (a) l-impatti fuq l-iżvilupp tas-sistema tal-enerġija kif ukoll l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra għat-tul ta' żmien kopert mill-pjan u għal perijodu ta' għaxar snin wara l-aħħar sena koperta mill-pjan, skont il-politiki u l-miżuri jew il-grupp ta' miżuri ppjanati, filwaqt li jiġi inkluż tqabbil mal-projezzjonijiet abbażi tal-politiki u tal-miżuri jew il-grupp ta' miżuri eżistenti kif imsemmi fil-paragrafu 1;
- (b) l-impatt makroekonomiku, u sa fejn fattibbli, l-impatt soċjali u fuq is-saħħa, l-ambjent u l-ħiliet tal-politiki u tal-miżuri jew tal-gruppi ta' miżuri ppjanati msemija fl-Artikolu 7 u speċifikati iktar fl-Anness I, għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin minn tal-inqas sal-2030, filwaqt li jiġi inkluż tqabbil mal-projezzjonijiet ibbażati fuq il-politiki u l-miżuri jew il-gruppi ta' miżuri eżistenti msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. Il-metodoloġija użata biex jiġu vvalutati dawk l-impatti għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku;
- (c) l-interazzjonijiet bejn il-politiki u l-miżuri jew il-gruppi ta' miżuri eżistenti u l-politiki u l-miżuri jew il-gruppi ta' miżuri ppjanati f'dimensjoni ta' politika u bejn il-politiki u l-miżuri jew il-gruppi ta' miżuri eżistenti u l-politiki u l-miżuri jew il-gruppi ta' miżuri ppjanati ta' dimensjonijiet differenti għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin minn tal-inqas sal-2030. Il-projezzjonijiet dwar is-sigurtà tal-provvista, l-infrastruttura u l-integrazzjoni tas-swieq għandhom ikunu marbuta ma' xenarji robusti tal-effiċjenza enerġetika;
- (d) il-mod kif il-politiki u l-miżuri eżistenti u l-miżuri u l-politiki ppjanati jkunu se jattiraw l-investiment meħtieġ għall-implimentazzjoni tagħhom.

3. L-Istati Membri għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku informazzjoni komprensiva dwar is-suppożizzjonijiet, il-parametri u l-metodoloġiji li jkunu ntużaw għax-xenarji u għall-projezzjonijiet finali, filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet statistiċi, id-data kummerċjalment sensittiva, u l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.

Artikolu 9

Abbozz ta' pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima

1. Sal-31 ta' Diċembru 2018, u sussegwentement sal-1 ta' Jannar 2028 u kull għaxar snin minn hemm 'il quddiem, kull Stat Membru għandu jħejji u jibagħat lill-Kummissjoni abbozz tal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima f'konformità mal-Artikolu 3(1) u l-Anness I.

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi lill-Istati Membri b'konformità mal-Artikolu 34 sa mhux aktar tard minn sitt xhur qabel l-iskadenza għall-preżentazzjoni ta' dawk il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima. B'mod partikolari, dawk ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jindirizzaw:

- (a) il-livell ta' ambizzjoni tal-oġġettivi, tal-miri u tal-kontributi bl-għan li b'mod kollettiv jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u, b'mod partikolari, il-miri tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika għall-2030 kif ukoll il-livell ta' interkonnnettività tal-elettriku li Stat Membru jkollu fil-mira għall-2030 kif imsemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 4, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi rilevanti li jaffettwaw l-użu ta' enerġija rinnovabbli u l-konsum tal-enerġija, kif indikat mill-Istat Membru kkonċernat f'abbozz tal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima u l-indikaturi ta' urġenza ta' azzjoni għall-interkonnnettività stabbiliti fil-punt 2.4.1 tat-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness I;
- (b) il-politiki u l-miżuri marbuta mal-għanijiet fil-livell ta' Stat Membru u tal-Unjoni kif ukoll politiki u miżuri oħra ta' rilevanza transfruntiera potenzjali;
- (c) kwalunkwe politika u miżura addizzjonali li jistgħu jkunu mitluba fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima;
- (d) l-interazzjonijiet bejn il-politiki u l-miżuri eżistenti u ppjanati u l-konsistenza tagħhom fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima f'dimensjoni waħda u bejn id-dimensjonijiet differenti tal-Unjoni tal-Enerġija.

3. Kull Stat Membru għandu jqis kif dovut kwalunkwe rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni fil-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima. Jekk Stat Membru kkonċernat ma jindirizzax rakkomandazzjoni jew parti sostanzjali minnha, dak l-Istat Membru għandu jipprovi u jagħmel pubbliku r-raġunijiet tiegħu.

4. Fil-kuntest tal-konsultazzjoni pubblika msemija fl-Artikolu 10, kull Stat Membru għandhu jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-abbozzi tal-pjanijiet nazzjonali integrati tiegħu dwar l-enerġija u l-klima.

Artikolu 10

Konsultazzjoni pubblika

Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rekwiżit ieħor tal-liġi tal-Unjoni, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-pubbliku jingħata opportunitajiet bikrin u effettivi biex jipparteċipa fit-thejġija tal-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima – fir-rigward tal-pjanijiet għall-perijodu mill-2021 sal-2030, fit-thejġija tal-pjan finali ferm qabel l-adozzjoni tiegħu – kif ukoll tal-istrategġiji fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15. Kull Stat Membru għandu jehmeż ma' tali dokumenti lill-Kummissjoni sommarju tal-fehmiet tal-pubbliku jew fehmiet provviżorji. Sa fejn tkun applikabbli d-Direttiva 2001/42/KE, il-konsultazzjonijiet li jkunu saru dwar l-abbozz skont dik id-Direttiva għandhom jitqiesu li jissodisfaw l-obbligi ta' konsultazzjoni tal-pubbliku skont dan ir-Regolament.

Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-pubbliku jiġi infurmat. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi skadenzi raġonevoli li jippermettu biżżejjed żmien sabiex il-pubbliku jkun infurmat u sabiex jipparteċipa u jesprimi l-fehmiet tiegħu.

Kull Stat Membru għandu jillimita l-komplessità amministrattiva fl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 11

Djalogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija

Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi djalogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija skont ir-regoli nazzjonali, fejn l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-komunità kummerċjali, l-investituri u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra kif ukoll il-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod attiv u jiddiskutu x-xenarji differenti previsti għall-politiki dwar l-enerġija u l-klima, inkluż fuq perijodu ta' żmien fit-tul, u għandu jeżamina mill-ġdid il-progress, sakemm ma jkollux diġà struttura li sservi l-istess skop. Il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jistgħu jiġu diskussi fil-qafas ta' dan id-djalogu.

Artikolu 12

Kooperazzjoni reġjonali

1. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin, filwaqt li jqisu l-forom eżistenti u potenzjali kollha ta' kooperazzjoni reġjonali, biex b'mod effettiv jintlaqħu l-oġettivi, il-miri u l-kontributi stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima.

2. Kull Stat Membru għandu, ferm qabel jibgħat l-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 9(1) – rigward il-pjanijiet għall-perijodu mill-2021 sal-2030, fit-thejġija tal-pjan finali ferm qabel l-adozzjoni tiegħu – jidentifika opportunitajiet għal kooperazzjoni reġjonali u jikkonsulta lill-Istati Membri ġirien, inkluż f'fora ta' kooperazzjoni reġjonali. Jekk l-Istat Membru li jawtorizza l-pjan iqis li huwa xieraq, dak l-Istat Membru jista' jikkonsulta ma' Stati Membri oħra jew ma' pajjiżi terzi li jkunu wrew interess. Stati Membri insulari mingħajr interkonnessjonijiet tal-enerġija ma' Stati Membri oħra għandhom iwettqu tali konsultazzjonijiet mal-Istati Membri ġirien bi fruntieri marittimi. L-Istati Membri kkonsultati għandhom jingħataw żmien raġonevoli biex jirreaġixxu. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi fl-abbozz tal-pjan nazzjonali integrati tiegħu dwar l-enerġija u l-klima – fir-rigward tal-pjanijiet għall-perijodu 2021-2030, fil-pjan nazzjonali finali tiegħu dwar l-enerġija u l-klima – tal-inqas ir-riżultati provviżorji ta' tali konsultazzjonijiet reġjonali, inkluż, meta jkun applikabbli, kif ikunu ġew ikkunsidrati l-kummenti tal-Istati Membri jew tal-pajjiżi terzi kkonsultati.

3. L-Istati Membri jistgħu jinvolvu ruħhom f'abbozzar konġunt volontarju ta' partijiet mill-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima u r-rapporti tal-progress, inkluż f'fora ta' kooperazzjoni reġjonali. Jekk jagħmlu dan, ir-riżultat għandu jissostitwixxi l-partijiet ekwivalenti tal-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima u r-rapporti ta' progress. Fuq talba minn żewġ Stati Membri jew aktar, il-Kummissjoni għandha tiffaċilita dak l-eżerċizzju.

4. Sabiex jiġu ffaċilitati l-integrazzjoni tas-suq u politiki u miżuri kosteffiċjenti, l-Istati Membri għandhom, fil-perijodu bejn l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tagħhom u l-iskadenza għall-preżentazzjoni tal-pjanijiet finali tagħhom, jippreżentaw il-partijiet rilevanti tal-abbozz tal-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima f'fora ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti bl-għan li jiġu ffinalizzati. Meta jkun neċċessarju, il-Kummissjoni għandha tiffaċilita tali kooperazzjoni u konsultazzjoni bejn l-Istati Membri, u jekk tidentifika opportunitajiet għal kooperazzjoni reġjonali ulterjuri, tista' ttipprovi lill-Istati Membri gwida indikattiva sabiex tiffaċilita proċess ta' kooperazzjoni u konsultazzjoni effikaċi.

5. Fil-pjan nazzjonali integrat finali tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-kummenti li jkunu rċevew minn Stati Membri oħra skont il-paragrafi 2 u 3, u jispjegaw f'dawk il-pjanijiet kif tali kummenti jkunu ġew ikkunsidrati.
6. Għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom ikomplu jikkooperaw fil-livell reġjonali, u, skont kif ikun xieraq, f'fora ta' kooperazzjoni reġjonali, meta jimplimentaw il-politiki u l-miżuri rilevanti tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tagħhom.
7. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu wkoll kooperazzjoni mal-firmatarji tal-Komunità tal-Enerġija u ma' pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea.
8. Sa fejn huma applikabbli d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/42/KE, il-konsultazzjoni transkonfinali dwar l-abbozz skont l-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva għandha titqies li tissodisfa l-obbligi rigward il-kooperazzjoni reġjonali skont dan ir-Regolament, dment li r-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu jkunu ssodisfati.

Artikolu 13

Valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima

Abbażi tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u l-aġġornamenti tagħhom innotifikati skont l-Artikoli 3 u 14, il-Kummissjoni, b'mod partikolari, għandha tivvaluta jekk:

- (a) il-miri, l-oġġettivi u l-kontributi humiex suffiċjenti biex b'mod kollettiv jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u, għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin b'mod partikolari, il-miri tal-Qafas tal-Unjoni għall-Klima u l-Enerġija għall-2030;
- (b) il-pjanijiet jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-Artikoli 3 sa 12 u jekk l-Istati Membri qisux b'mod debitu r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni maħruġa skont l-Artikolu 34.

Artikolu 14

Aġġornament tal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima

1. Sat-30 ta' Ġunju 2023 u sussegwentement sal-1 ta' Jannar 2033 u minn hemm 'il quddiem kull 10 snin, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni abbozz ta' aġġornament tal-aħħar pjan nazzjonali integrat innotifikat dwar l-enerġija u l-klima jew għandu jipprovdi lill-Kummissjoni r-raġunijiet li jiġġustifikaw għalfejn il-pjan ma jirrikjedix aġġornamenti.
2. Sat-30 ta' Ġunju 2024 u sussegwentement sal-1 ta' Jannar 2034 u minn hemm 'il quddiem kull 10 snin, kull Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni aġġornament tal-aħħar pjan nazzjonali integrat innotifikat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima, dment li ma jkunx ipprovda r-raġunijiet għalfejn il-pjan ma jirrikjedix aġġornamenti skont il-paragrafu 1.
3. Fl-aġġornament imsemmi fil-paragrafu 2, kull Stat Membru għandu jimmodifika l-oġġettiv, il-mira jew il-kontribut nazzjonali tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe oġġettiv, mira jew kontribut kwantifikati tal-Unjoni, stipulati fil-punt (a)(1) tal-Artikolu 4 biex jirrifletti żieda fl-ambizzjoni meta mqabbla ma' dik stabbilita fl-aħħar pjan nazzjonali integrat innotifikat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima. Fl-aġġornament imsemmi fil-paragrafu 2, kull Stat Membru għandu jimmodifika l-oġġettiv, il-mira jew il-kontribut nazzjonali tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe oġġettiv, mira jew kontribut kwantifikati tal-Unjoni stipulati fil-punti (a)(2) u (b) tal-Artikolu 4 biss sabiex tiġi riflessa ambizzjoni ugwali jew akbar meta mqabbla ma' dik stipulata fl-aħħar pjan nazzjonali integrat innotifikat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima.
4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu kull sforz biex fil-pjan aġġornat nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima jkun hemm mitigazzjoni ta' kwalunkwe impatt ambjentali avvers li jfeġġ bħala parti mir-rapportar integrat skont l-Artikoli 17 sa 25.
5. Fl-aġġornamenti tagħhom imsemmija fil-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom iqisu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi l-iktar reċenti maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew kif ukoll l-obbligi li jitnisslu mill-Ftehim ta' Pariġi.
6. Il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 9(2) u fl-Artikoli 10 u 12 għandhom japplikaw għat-thejjja u għall-valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati aġġornati dwar l-enerġija u l-klima.

7. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jagħmlu bidliet u adattamenti, fi kwalunkwe ħin, fil-politiki nazzjonali stipulati jew imsemmija fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, dment li tali bidliet u adattamenti jkunu inklużi fir-rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima.

KAPITOLU 3

Strategġiji fit-tul

Artikolu 15

Strategġiji fit-tul

1. Sal-1 ta' Jannar 2020, u sussegwentement sal-1 ta' Jannar 2029 u minn hemm 'il quddiem kull 10 snin, kull Stat Membru għandu jħejji u jippreżenta lill-Kummissjoni l-istrategġa fit-tul tiegħu b'perspettiva ta' mill-inqas 30 sena. L-Istati Membri għandhom, fejn ikun neċessarju, jaġġornaw dawk l-istrategġiji kull ħames snin.

2. Bl-għan li tikseb l-oġġettivi klimatiċi ġenerali msemmija fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha, sal-1 ta' April 2019, tadotta proposta għal strategġija fit-tul tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi, b'kont meħud tal-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali integrati tal-Istati Membri dwar l-enerġija u l-klima. L-istrategġija fit-tul imsemmija f'dan il-paragrafu għandha tinkludi analiżi li mill-inqas tkopri:

- (a) diversi xenarji għall-kontribut tal-Unjoni lejn l-oġġettivi stabbiliti fil-paragrafu 3 inter alia xenarju dwar il-kisba ta' emissjonijiet netti ta' gassijiet serra ugwali għal zero fl-Unjoni sal-2050 u emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem;
 - (b) l-implikazzjonijiet tax-xenarji msemmija fil-punt (a) fuq il-baġit tal-karbonju globali u tal-Unjoni li jifdal sabiex isir kontribut għal dibattitu dwar il-kosteffiċjenza, l-effikaċja u s-sens ta' ġustizzja b'rabta mat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.
3. L-istrategġiji fit-tul tal-Istati Membri u tal-Unjoni għandhom jikkontribwixxu:
- (a) biex jitwettqu l-impenji tal-Unjoni u tal-Istati Membri skont il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi li jitnaqqsu l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra u jissaħħu l-assorbimenti minn bjar u biex jiġi promoss iżjed sekwestru tal-karbonju;
 - (b) biex jintlaħaq l-oġġettiv tal-Ftehim ta' Pariġi li ż-żieda tat-temperatura medja globali tinżamm ferm inqas minn 2 °C iktar mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi biex iż-żieda tat-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C iktar mil-livelli preindustrijali;
 - (c) biex jinkiseb tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tisħiħ fit-tul tal-assorbimenti minn bjar fis-setturi kollha skont l-oġġettiv tal-Unjoni, fil-kuntest tat-tnaqqis meħtieġ skont il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) biex b'mod kosteffikaċi jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni u jiżdied l-assorbiment minn bjar ħalli jintlaħqu l-għanijiet tat-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi sabiex jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u l-assorbiment minn bjar tal-gassijiet serra fi ħdan l-Unjoni kemm jista' jkun malajr wara dan u, kif xieraq, jinkisbu emissjonijiet netti negattivi;
 - (d) biex tinkiseb sistema tal-enerġija bbażata fuq sorsi rinnovabbli għolja li tkun effiċjenti ħafna fi ħdan l-Unjoni.
4. L-istrategġiji fit-tul tal-Istati Membri għandu jkun fihom l-elementi stipulati fl-Anness IV. Barra minn hekk, l-istrategġiji fit-tul tal-Istati Membri u tal-Unjoni għandhom ikopru:
- (a) it-tnaqqis totali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u t-titjib totali tal-assorbimenti minn bjar;
 - (b) it-tnaqqis tal-emissjonijiet u t-tisħiħ tal-assorbimenti f'setturi individwali, inklużi l-elettriku, l-industrija, it-trasport, is-settur tat-tisħin u t-tkessiħ u tal-bini (residenzjali u terzjarju), l-agrikoltura, l-iskart u l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF);
 - (c) il-progress mistenni fir-rigward tat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, inkluża l-intensità tal-gassijiet serra, l-intensità tas-CO₂ tal-prodott domestiku gross, l-istimi relatati tal-investment fit-tul, u l-istrategġiji għar-riċerka, għall-iżvilupp u għall-innovazzjoni relatati;
 - (d) sal-punt fattibbli, l-effett soċjoekonomiku mistenni tal-miżuri ta' dekarbonizzazzjoni, inklużi, fost l-oħrajn, aspetti relatati mal-iżvilupp makroekonomiku u soċjali, il-benefiċċji u r-riskji għas-saħħa u l-protezzjoni ambjentali;
 - (e) rabtiet ma' oġġettivi, ippjanar u politiki u miżuri oħrajn u investimenti nazzjonali oħrajn fit-tul.

5. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 43 sabiex temenda l-Anness IV bl-għan li tadattah għall-iżviluppi fl-istrategġija fit-tul tal-Unjoni jew fil-qafas tal-politika tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima li jkunu direttament u speċifikament relatati mad-deċiżjonijiet rilevanti adottati skont il-UNFCCC u, b'mod partikolari, skont il-Ftehim ta' Pariġi.
6. Il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima għandhom ikunu konsistenti mal-istrategġija fit-tul imsemmija f'dan l-Artikolu.
7. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinformaw u jagħmlu disponibbli minnufih għall-pubbliku l-istrategġija fit-tul rispettivi tagħhom u kwalunkwe aġġornament tagħhom, inkluż permezz tal-pjattaforma elettronika msemmija fl-Artikolu 28. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħmlu d-data rilevanti tar-riżultati finali disponibbli għall-pubbliku, b'kont meħud tad-data kummerċjalment sensittiva u l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.
8. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri fit-thejġija tal-istrategġija fit-tul tagħhom, billi tipprovdi informazzjoni dwar l-istat tal-għarfien xjentifiku sottostanti u opportunitajiet biex jiġu kondiviżi l-għarfien u l-aħjar prattiki, inkluża, fejn rilevanti, gwida għall-Istati Membri matul il-fażi ta' żvilupp u implimentazzjoni tal-istrategġija tagħhom.
9. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-istrategġija nazzjonali fit-tul humiex adegwati biex b'mod kollettiv jinkisbu l-oġġettivi u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija stabbiliti fl-Artikolu 1 u għandha tipprovdi informazzjoni dwar kwalunkwe diskrepanza kollettiva pendenti.

Artikolu 16

Pjan strateġiku għall-metan

Minħabba l-potenzjal ta' tisħin globali għoli u t-tul ta' haġja atmosferika relattivament qasira tal-metan, il-Kummissjoni għandha tanalizza l-implikazzjonijiet tal-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri intenzjonati biex inaqqsu l-impatt fuq żmien qasir u medju tal-emissjonijiet tal-metan fuq l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Unjoni. Filwaqt li tqis kif xieraq l-oġġettivi tal-ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra għażliet ta' politika biex tindirizza b'mod rapidu l-emissjonijiet tal-metan u għandha tressaq pjan strateġiku tal-Unjoni għall-metan bħala parti integrali mill-istrategġija fit-tul tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 15.

KAPITOLU 4

Rapportar

Taqsimi 1

Rapporti biennali ta' progress u s-segwitu tagħhom

Artikolu 17

Rapporti nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 26, sal-15 ta' Marzu 2023 u sussegwentement kull sentejn, kull Stat Membru għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar l-istat ta' implimentazzjoni tal-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima permezz ta' rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima li jkopri l-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija.
2. Ir-rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima għandu jkopri l-elementi li ġejjin:
 - (a) l-informazzjoni dwar il-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-oġġettivi, il-miri u l-kontributi stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima, u biex jiġu ffinanzjati u implimentati l-politiki u l-miżuri meħtieġa biex dawn jintlaħqu, inkluż rieżami tal-investiment reali vis à vis s-suppożizzjonijiet ta' investiment inizjali;
 - (b) meta jkun applikabbli, informazzjoni dwar il-progress fl-istabbiliment tad-djalogu msemmi fl-Artikolu 11;
 - (c) l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 20 sa 25 u, meta jkun xieraq, l-aġġornamenti dwar il-politiki u l-miżuri, b'konformità ma' dawh l-Artikoli;
 - (d) informazzjoni dwar l-adattament skont il-punt (a)(1) tal-Artikolu 4;
 - (e) sa fejn ikun possibbli kwantifikazzjoni tal-impatt tal-politiki u l-miżuri fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima fuq il-kwalità tal-arja u fuq l-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja.

L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jibagħtu r-rapporti biennali skont id-Deċiżjoni 2/CP.17 tal-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC, kif ukoll il-komunikazzjonijiet nazzjonali skont l-Artikolu 12 tal-UNFCCC lis-Segretarjat tal-UNFCCC.

3. Ir-rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima għandu jkopri l-informazzjoni li tinsab fir-rapporti annwali msemmija fl-Artikolu 26(3) u l-informazzjoni dwar politiki u miżuri u projezzjonijiet ta' emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra minn sorsi u l-assorbiment minn bjar li tinsab fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 18.

4. Il-Kummissjoni, assistita mill-Komitat dwar l-Unjoni tal-Enerġija msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 44(1), għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-istruttura, il-format, id-dettalji tekniċi u l-proċess tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(6).

5. Il-frekwenza u l-iskala tal-informazzjoni u tal-aġġornamenti msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 2 għandhom jiġu bilanċjati bil-ħtieġa li tiġi żgurata ċertezza suffiċjenti għall-investituri.

6. Meta l-Kummissjoni tkun ħarġet rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 32(1) jew (2), l-Istat Membru kkonċernat għandu jinkludi fir-rapport ta' progress nazzjonali integrat tiegħu dwar l-enerġija u l-klima, informazzjoni dwar il-politiki u l-miżuri adottati jew li huma maħsuba biex jiġu adottati u implimentati, biex jindirizza dawk ir-rakkomandazzjonijiet. Meta jkun applikabbli, tali informazzjoni għandha tinkludi skeda dettaljata ta' żmien għall-implementazzjoni.

Meta l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi li ma jindirizzax rakkomandazzjoni jew parti sostanzjali minnha, huwa għandu jipprovdi r-raġunament tiegħu.

7. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku r-rapporti ppreżentati lill-Kummissjoni skont dan l-Artikolu.

Artikolu 18

Rapportar integrat dwar il-politiki, il-miżuri u l-projezzjonijiet dwar il-gassijiet serra

1. Sal-15 ta' Marzu 2021 u sussegwentement kull sentejn, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

- (a) il-politiki u l-miżuri jew grupp ta' miżuri nazzjonali tagħhom kif stabbilit fl-Anness VI; u
- (b) il-projezzjonijiet nazzjonali tagħhom dwar l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra minn sorsi u l-assorbimenti minn bjar, li jridu jkunu organizzati skont il-gassijiet jew il-gruppi ta' gassijiet (Idrofluworokarburi u Perfluworokarburi) elenkati fil-Parti 2 tal-Anness V. Il-projezzjonijiet nazzjonali għandhom iqisu kwalunkwe politika u miżura adottata fil-livell tal-Unjoni u għandhom jinkludu l-informazzjoni stabbilita fl-Anness VII.

2. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-aktar projezzjonijiet aġġornati disponibbli. Meta Stat Membru ma jibgħatx stimi kompluti tal-projezzjonijiet sal-15 ta' Marzu ta' kull tieni sena, u l-Kummissjoni tkun stabbilit li dak l-Istat Membru ma jistax jagħmel tajjeb għad-diskrepanzi fl-istimi ladarba jiġu identifikati permezz tal-proċeduri tal-Kummissjoni ta' garanzija tal-kwalità jew ta' kontroll tal-kwalità, il-Kummissjoni tista' tħejji stimi kif ikun meħtieġ biex jinġabru l-projezzjonijiet tal-Unjoni, b'konsultazzjoni mal-Istat Membru kkonċernat.

3. Matul l-ewwel sena tal-perijodu ta' rapportar, Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe bidla sostanzjali fl-informazzjoni rrapportata skont il-paragrafu 1, sal-15 ta' Marzu tas-sena ta' wara r-rapport preċedenti.

4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku, f'forma elettronika, il-projezzjonijiet nazzjonali tagħhom skont il-paragrafu 1 u kwalunkwe valutazzjoni rilevanti tal-kostijiet u tal-effetti tal-politiki u tal-miżuri nazzjonali fuq l-implimentazzjoni ta' politiki tal-Unjoni li jkunu rilevanti biex jiġu limitati l-emissjonijiet tal-gassijiet serra flimkien ma' kwalunkwe rapport tekniku sottostanti rilevanti. Dawk il-projezzjonijiet u l-valutazzjonijiet għandhom jinkludu deskrizzjonijiet tal-mudelli u tal-approċċi metodoloġiċi użati, id-definizzjonijiet kif ukoll is-suppożizzjonijiet sottostanti.

Artikolu 19

Rapportar integrat dwar l-azzjonijiet ta' adattament nazzjonali, l-appoġġ finanzjarju u teknoloġiku pprovdut għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, u d-dħul mill-irkantar

1. Sal-15 ta' Marzu 2021 u sussegwentement kull sentejn, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw l-informazzjoni dwar l-ippjanar u l-istrategġiji nazzjonali tagħhom dwar l-adattament għat-tibdil fil-klima lill-Kummissjoni, filwaqt li jiddeskrivu l-azzjonijiet implimentati u pplanati tagħhom biex jiġi ffaċilitat l-adattament għat-tibdil fil-klima, inkluża l-informazzjoni speċifikata fil-Parti 1 tal-Anness VIII u b'konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar miftiehma fl-ambitu tal-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi.

2. Sal-31 ta' Lulju 2021 u sussegwentement kull sena (is-sena X), l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar l-użu tad-dħul iġġenerat mill-Istat Membru permezz tal-irkant ta' kwoti skont l-Artikolu 10(1) u l-Artikolu 3d(1) jew (2) tad-Direttiva 2003/87/KE, inkluża l-informazzjoni speċifikata fil-Parti 3 tal-Anness VIII.

3. Sat-30 ta' Settembru 2021 u sussegwentement kull sena (is-sena X), l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-informazzjoni dwar l-appoġġ għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, inkluża l-informazzjoni speċifikata fil-Parti 2 tal-Anness VIII u b'konformità mar-rekwiżiti ta' rapportar rilevanti miftiehma fl-ambitu tal-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi.

4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli għall-pubbliku r-rapporti li ntbagħtu lill-Kummissjoni b'konformità ma' dan l-Artikolu, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni speċifikata fil-punt (b) tal-Parti 2 tal-Anness VIII.

5. Il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 44(1), għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-istruttura, il-format u l-proċessi ta' ppreżentazzjoni tar-rapportar tal-Istati Membri tal-informazzjoni skont dan l-Artikolu.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmiya fl-Artikolu 44(6).

Artikolu 20

Rapportar integrat dwar l-enerġija rinnovabbli

L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima l-informazzjoni:

(a) dwar l-implimentazzjoni tat-trajettorji u tal-oġġettivi li ġejjin:

- (1) it-trajettorja nazzjonali indikattiva għas-sehem ġenerali tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija mill-2021 sal-2030;
- (2) it-trajettorji stmati għas-sehem settorjali tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum finali tal-enerġija mill-2021 sal-2030 fis-setturi tal-elettriku, tat-tisħin u tat-tkessiħ, u tat-trasport;
- (3) it-trajettorji stmati għal kull teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli biex jinkisbu t-trajettorji ġenerali u settorjali għall-enerġija rinnovabbli mill-2021 sal-2030, inklużi t-total mistenni tal-konsum finali gross tal-enerġija għal kull teknoloġija u settur f'Mtoe u l-kapaċità installata totali ppjanata għal kull teknoloġija u settur f'MW;
- (4) it-trajettorji dwar id-domanda għall-bijoenerġija, diżaggregata skont it-tisħin, l-elettriku u t-trasport, u dwar il-provvista ta' bijomassa, skont il-materja prima u l-oġġini (filwaqt li ssir distinzjoni bejn il-produzzjoni domestika u l-importazzjonijiet). Għall-bijomassa forestali, valutazzjoni tas-sors u l-impatt tagħha fuq il-bir LULUCF;
- (5) meta jkun applikabbli, trajecttorji u oġġettivi nazzjonali oħra, inklużi dawk li huma fit-tul u settorjali (bħal pereżempju sehem tal-elettriku prodott mill-bijomassa mingħajr l-użu tas-sħana, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin distrettwali, l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bini, l-enerġija rinnovabbli prodotta mill-bliet, mill-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u mill-awtokonsumaturi tal-enerġija rinnovabbli), u l-enerġija rkuprata mill-ħama miksba mit-trattament tal-ilma mormi);

(b) dwar l-implimentazzjoni tal-politiki u tal-miżuri li ġejjin:

- (1) il-politiki u l-miżuri implimentati, adottati u ppjanati biex jinkiseb il-kontribut nazzjonali għall-mira vinkolanti tal-Unjoni għall-2030 għall-enerġija rinnovabbli kif indikat fil-punt (a)(2) tal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament, inklużi l-miżuri speċifiċi għas-setturi u għat-teknoloġija, b'rieżami speċifiku tal-implimentazzjoni tal-miżuri stipulati fl-Artikoli 23 sa 28 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (2) meta jkun disponibbli, il-miżuri speċifiċi għall-kooperazzjoni reġjonali;
- (3) mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, il-miżuri speċifiċi dwar l-appoġġ finanzjarju, inklużi l-appoġġ tal-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni, għall-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-elettriku, fit-tisħin u fit-tkessiħ, u fit-trasport;
- (4) meta jkun applikabbli, il-valutazzjoni tal-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli li l-Istati Membri għandhom iwettqu skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (5) il-miżuri speċifiċi biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-Artikoli 15 sa 18 tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (6) meta jkun applikabbli, miżuri speċifiċi biex jivvalutaw, jagħmlu trasparenti u jnaqqsu l-ħtieġa ta' kapaċità "must-run" li tista' twassal għal tnaqqis tal-enerġija mis-sorsi rinnovabbli;

- (7) sommarju tal-politiki u l-miżuri skont il-qafas ta' abilitazzjoni li l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu skont l-Artikolu 21(6) u l-Artikolu 22(5) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 biex jiġi promoss u ffaċilitat l-iżvilupp ta' awtokonsum rinnovabbli u ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli;
 - (8) il-miżuri għall-promozzjoni tal-użu tal-enerġija tal-bijomassa, b'mod speċjali għal mobilizzazzjoni ta' bijomassa ġdida li tqis id-disponibbiltà tal-bijomassa, inkluża l-bijomassa sostenibbli, kif ukoll il-miżuri għas-sostenibbiltà tal-bijomassa prodotta u dik użata;
 - (9) il-miżuri fis-seħħ biex jiżdied is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ u fis-settur tat-trasport;
 - (10) il-politiki u l-miżuri li jiffaċilitaw l-adozzjoni tal-ftehimiet ta' akkwist ta' enerġija;
- (c) kif stabbilit fil-Parti 1 tal-Anness IX.

Artikolu 21

Rapportar integrat dwar l-effiċjenza enerġetika

L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima l-informazzjoni:

- (a) dwar l-implimentazzjoni tat-trajettorji, l-oġġettivi u l-miri nazzjonali li ġejjin:
 - (1) it-trajettorja indikattiva għall-konsum tal-enerġija primarja u finali annwali mill-2021 sal-2030 bħala l-kontribut nazzjonali għall-iffrankar tal-enerġija biex tinkiseb il-mira fil-livell tal-Unjoni għall-2030, inkluża l-metodoloġija sottostanti;
 - (2) l-istadi importanti indikattivi tal-istrategġija fit-tul għar-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali tal-bini residenzjali u mhux residenzjali, kemm pubbliku kif ukoll privat, u l-kontributi għall-miri ta' effiċjenza tal-enerġija tal-Unjoni skont id-Direttiva 2012/27/UE b'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE;
 - (3) meta jkun applikabbli, aġġornament dwar oġġettivi nazzjonali oħra stabbiliti fil-pjan nazzjonali;
- (b) dwar l-implimentazzjoni tal-politiki u tal-miżuri li ġejjin:
 - (1) il-politiki, il-miżuri u l-programmi implimentati, adottati u pplanati biex jinkiseb il-kontribut nazzjonali indikattiv għall-effiċjenza enerġetika għall-2030 kif ukoll l-oġġettivi l-oħra msemmija fl-Artikolu 6, inklużi l-miżuri u l-istrumenti pplanati (anke ta' natura finanzjarja) biex jiġu promossi r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, il-miżuri biex jintużaw il-potenzjali tal-effiċjenza enerġetika tal-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku u miżuri oħra biex tiġi promossa l-effiċjenza enerġetika;
 - (2) meta jkun applikabbli, strumenti bbażati fuq is-suq li jinċentivaw it-titjib fl-effiċjenza enerġetika, inklużi t-taxxi, l-imposti u l-kwoti fuq l-enerġija iżda mhux biss;
 - (3) l-iskema nazzjonali tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u l-miżuri alternattivi skont l-Artikolu 7a u b tad-Direttiva 2012/27/UE u b'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament;
 - (4) L-istrategġija ta' rinnovazzjoni fit-tul b'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE;
 - (5) il-politiki u l-miżuri biex jiġu promossi s-servizzi tal-enerġija fis-settur pubbliku u l-miżuri biex jitneħħew l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji li jxekklu t-twettiq tal-ikkuntrattar għall-prestazzjoni tal-enerġija u mudelli oħra ta' servizz tal-effiċjenza enerġetika;
 - (6) il-kooperazzjoni reġjonali fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, meta jkun applikabbli;
 - (7) mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, il-miżuri ta' finanzjament, inklużi l-appoġġ tal-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni, fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika fil-livell nazzjonali, meta jkun applikabbli;
- (c) kif stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness IX.

Artikolu 22

Rapportar integrat dwar is-sigurtà tal-enerġija

L-Istati Membri għandhom jinkludu fir-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta':

- (a) l-oġġettivi nazzjonali għad-diversifikazzjoni tal-provvista u s-sorsi tal-enerġija;
- (b) meta jkun applikabbli, l-oġġettivi nazzjonali fir-rigward tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-enerġija minn pajjiżi terzi;

- (c) l-oġġettivi nazzjonali għall-iżvilupp tal-kapaċità li wieħed ikampa bi provvista limitata jew interrotta ta' sors tal-enerġija, inklużi l-gass u l-elettriku;
- (d) l-oġġettivi nazzjonali fir-rigward taż-żieda tal-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija nazzjonali, b'mod partikolari billi jsir użu minn sorsi domestiċi tal-enerġija, rispons għad-domanda u ħżin tal-enerġija;
- (e) il-politiki u l-miżuri implimentati, adottati u pplanati biex jintlaħqu l-oġġettivi msemmija fil-punti (a) sa (d);
- (f) il-kooperazzjoni reġjonali fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi u tal-politiki msemmija fil-punti (a) sa (d);
- (g) mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, il-miżuri ta' finanzjament, inklużi l-appoġġ tal-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni, f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, meta jkun applikabbli.

Artikolu 23

Rapportar integrat dwar is-suq intern tal-enerġija

1. Fir-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri għandhom jinkludu l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-oġġettivi u tal-miżuri li ġejjin:
 - (a) il-livell ta' interkonnettività tal-elettriku li l-Istat Membru jimmira li jilħaq fl-2030 b'kunsiderazzjoni tal-mira ta' interkonnessioni tal-elettriku għall-2030 ta' mill-inqas 15 % u l-indikaturi stabbiliti fil-punt 2.4.1 tat-Taqsim A tal-Parti 1 tal-Anness I, kif ukoll il-miżuri għall-implimentazzjoni tal-istrategġija għall-kisba ta' dan il-livell, inklużi dawk relatati mal-għoti ta' awtorizzazzjonijiet;
 - (b) il-proġetti, ewlenin tal-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass li huma meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi u l-miri skont il-ħames dimensjonijiet tal-Istrategġija tal-Unjoni tal-Enerġija;
 - (c) meta jkun applikabbli, il-proġetti prinċipali previsti ta' infrastruttura għajr il-Proġetti ta' Interess Komuni, inklużi proġetti ta' infrastruttura li jinvolvu pajjiżi terzi, u, sa fejn ikun fattibbli, valutazzjoni ġenerali tal-kompatibilità tagħhom mal-għanijiet u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija, u tal-kontribut tagħhom għal tali għanijiet u miri;
 - (d) l-oġġettivi nazzjonali relatati ma' aspetti oħra tas-suq intern tal-enerġija bħal pereżempju żieda fil-flessibbiltà tas-sistema, l-integrazzjoni u l-akkoppjament tas-swieq, bl-għan li jiżdiedu l-kapaċità negozjabbli tal-interkonnetturi eżistenti, il-grids intelliġenti, l-aggregazzjoni, ir-rispons għad-domanda, il-ħżin, il-ġenerazzjoni distribwita, il-mekkaniżmi għad-dispaċċ, ir-ridispaċċ u t-tnaqqis, u s-sinjali tal-prezzijiet f'ħin reali;
 - (e) meta jkun applikabbli, l-oġġettivi u l-miżuri nazzjonali relatati mal-parteċipazzjoni nondiskriminatorja tal-enerġija rinnovabbli, ir-rispons għad-domanda u l-ħżin, inkluż permezz tal-aggregazzjoni, fis-swieq tal-enerġija kollha;
 - (f) meta jkun applikabbli, l-oġġettivi u l-miżuri nazzjonali biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jipparteċipaw fis-sistema tal-enerġija u jibbenefikaw mill-awtoġenerazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda, inklużi l-arloġġi intelliġenti;
 - (g) il-miżuri biex tiġi żgurata l-adegwatezza tas-sistema tal-elettriku;
 - (h) il-politiki u l-miżuri implimentati, adottati u pplanati biex jintlaħqu l-oġġettivi msemmija fil-punti (a) sa (g);
 - (i) il-kooperazzjoni reġjonali fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi u tal-politiki msemmija fil-punti (a) sa (h);
 - (j) mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, il-miżuri ta' finanzjament fil-livell nazzjonali, inklużi l-appoġġ tal-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni, fil-qasam tas-suq intern tal-enerġija, inkluż għall-mira ta' interkonnessioni tal-elettriku, meta jkun applikabbli;
 - (k) il-miżuri biex tiżdied il-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, inkluż l-introduzzjoni tal-akkoppjament tas-swieq tal-istess ġurnata u tas-swieq tal-ibbilanċjar transfruntiera.
2. L-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri skont il-paragrafu 1 għandha tkun konsistenti mar-rapport tar-regolaturi nazzjonali msemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 37(1) tad-Direttiva 2009/72/KE u l-punt (e) tal-Artikolu 41(1) tad-Direttiva 2009/73/KE.

Artikolu 24

Rapportar Integrat dwar il-Faqar Enerġetiku

Meta jkun japplika t-tieni subparagrafu tal-punt (d) tal-Artikolu 3(3), l-Istat Membru kkonċernat għandu jinkludi fir-rapport nazzjonali integrat ta' progress tiegħu dwar l-enerġija u l-klima:

- (a) informazzjoni dwar il-progress lejn l-oġġettiv indikattiv nazzjonali biex jitnaqqas l-għadd ta' unitajiet domestiċi li jinsqu f'faqar enerġetiku; u

- (b) informazzjoni kwantitattiva dwar l-għadd ta' unitajiet domestiċi f'faqar enerġetiku, u, meta jkun applikabbli, informazzjoni dwar il-politiki u l-miżuri li jindirizzaw il-faqar enerġetiku.

Il-Kummissjoni għandha tikkondividi d-data kkomunikata mill-Istati Membri skont dan l-Artikolu mal-Osservatorju Ewropew tal-Faqar Enerġetiku.

Artikolu 25

Rapportar integrat dwar ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività

Fir-rapporti ta' progress nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri għandhom jinkludu l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-oġġettivi u tal-miżuri li ġejjin:

- (a) meta jkun applikabbli, l-oġġettivi u l-politiki nazzjonali li japplikaw l-oġġettivi u l-politiki tal-Pjan SET għall-kuntest nazzjonali;
- (b) l-oġġettivi nazzjonali għall-infiq totali pubbliku u, meta jkun disponibbli, privat, fir-riċerka u fl-innovazzjoni marbuta mat-teknoloġiji tal-enerġija nadifa kif ukoll għall-kostijiet tat-teknoloġija u l-iżvilupp tal-prestazzjoni;
- (c) meta jkun xieraq, l-oġġettivi nazzjonali, inklużi l-miri fit-tul għall-2050 għall-użu tat-teknoloġiji għad-dekarbonizzazzjoni tas-setturi industrijali li huma intensivi fl-użu tal-enerġija u tal-karbonju u, meta jkun applikabbli, għall-infrastruttura tal-ħżin, għall-użu u għat-trasport tal-karbonju relatati;
- (d) l-oġġettivi nazzjonali biex is-sussidji tal-enerġija jitneħħew b'mod gradwali, b'mod partikolari fir-rigward tal-karburanti fossili;
- (e) il-politiki u l-miżuri implimentati, adottati u pplanati biex jintlaħqu l-oġġettivi msemmija fil-punti (b) u (c);
- (f) il-kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi u tal-politiki msemmija fil-punti (b) sa (d), inkluża l-koordinazzjoni tal-politiki u tal-miżuri fil-kuntest tal-Pjan SET, bħall-allinjament ta' programmi ta' riċerka u ta' programmi komuni;
- (g) il-miżuri ta' finanzjament, inklużi l-appoġġ tal-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni, f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, meta jkun applikabbli.

Taqsim 2

Rapportar annwali

Artikolu 26

Rapportar Annwali

1. Sal-15 ta' Marzu 2021 u sussegwentement kull sena (is-sena X), l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni:

- (a) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 2009/119/KE;
- (b) l-informazzjoni msemmija fil-punt 3 tal-Anness IX tad-Direttiva 2013/30/UE, b'konformità mal-Artikolu 25 ta' dik id-Direttiva.

2. Sal-31 ta' Lulju 2021, u sussegwentement kull sena (is-sena X), l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-inventarji approssimati tal-gassijiet serra tagħhom għas-sena X-1;

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-inventarji approssimati tal-gassijiet serra tal-Istati Membri jew, jekk Stat Membru ma jkunx ikkomunikat l-inventarji approssimati tiegħu sa dik id-data, abbażi tal-istimi tagħha stess, tikkompila kull sena inventarju approssimat tal-gassijiet serra tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku sat-30 ta' Settembru kull sena.

3. Mill-2023, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw id-data tal-inventarju finali tal-gassijiet serra sal-15 ta' Marzu kull sena (is-sena X) u d-data preliminari sal-15 ta' Jannar kull sena u jirrapportawhom lill-Kummissjoni, flimkien mal-informazzjoni dwar l-inventarji ta' gassijiet serra elenkata fl-Anness V. Ir-rapport dwar id-data tal-inventarju finali tal-gassijiet serra għandu jinkludi wkoll rapport komplut u aġġornat dwar l-inventarju nazzjonali. Fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi r-rapporti, il-Kummissjoni għandha tagħmel l-informazzjoni msemmija fil-punt (n) tal-Parti 1 tal-Anness V disponibbli għall-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 44(1).

4. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lis-Segretarjat tal-UNFCCC, l-inventarji nazzjonali bl-informazzjoni mibgħuta lill-Kummissjoni dwar id-data tal-inventarju finali tal-gassijiet serra, b'konformità mal-paragrafu 3 sal-15 ta' April kull sena. Il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tikkompila kull sena inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni u tħejji rapport dwar l-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni, u għandha tippreżentahom lis-Segretarjat tal-UNFCCC sal-15 ta' April kull sena.

5. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni d-data tal-inventarju nazzjonali preliminari u ta' dak finali, sal-15 ta' Jannar u sal-15 ta' Marzu rispettivament fis-snin 2027 u 2032, imħejjija għall-kontabbiltà tal-LULUCF tagħhom għar-rapporti ta' konformità skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/841.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 43 sabiex:

- (a) temenda l-Parti 2 tal-Anness V billi żżid jew tħassar is-sustanzi fil-lista ta' gassijiet serra, b'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti adottati mill-korpi tal-UNFCCC jew tal-Ftehim ta' Pariġi;
- (b) tissupplementa dan ir-Regolament billi tadotta valuri għall-potenzjali ta' tisħin globali u tispeċifika l-linji gwida applikabbli għall-inventarji, b'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti li ġew adottati mill-korpi tal-UNFCCC jew tal-Ftehim ta' Pariġi.

7. Il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 44(1), għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-istruttura, id-dettalji tekniċi, il-format u l-proċessi biex l-Istati Membri jibagħtu l-inventarji approssimati tal-gassijiet serra skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, l-inventarji tal-gassijiet serra skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu u l-kontabbiltà tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra skont l-Artikoli 5 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/841.

Meta tipproponi dawn l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis ukoll l-iskedi ta' żmien tal-UNFCCC jew tal-Ftehim ta' Pariġi għall-monitoraġġ u għar-rapportar ta' dik l-informazzjoni u d-deċiżjonijiet rilevanti adottati mill-korpi tal-UNFCCC jew tal-Ftehim ta' Pariġi sabiex tiġi żgurata l-konformità tal-Unjoni mal-obbligi ta' rapportar tagħha bħala Parti għall-UNFCCC u għall-Ftehim ta' Pariġi. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jispeċifikaw ukoll l-iskedi taż-żmien għall-kooperazzjoni u l-koordinament bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri fit-tħejjija tar-rapport dwar l-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmiya fl-Artikolu 44(6).

Artikolu 27

Rapportar dwar il-miri għall-2020

Sat-30 ta' April 2022, kull Stat Membru għandu jirrapporta lill-Kummissjoni dwar il-kisba tal-mira nazzjonali tiegħu dwar l-effiċjenza enerġetika għall-2020 stabbilita skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2012/27/UE billi jipprovdi l-informazzjoni stipulata fil-Parti 2 tal-Anness IX ta' dan ir-Regolament, u tal-miri globali nazzjonali għas-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-2020 kif stipulat fl-Anness I tad-Direttiva 2009/28/KE fil-verżjoni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2020 billi jipprovdi l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-ishma settorjali (elettriku, tisħin u tkessiġ, u trasport) u globali tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-2020;
- (b) il-miżuri meħuda biex jinkisbu l-miri nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli għall-2020, inklużi miżuri relatati ma' skemi ta' appoġġ, garanzija ta' oriġini u simplifikazzjoni ta' proċeduri amministrattivi;
- (c) is-sehem tal-enerġija minn bijokarburanti u bijolikwidi prodotti minn għelejjel taċ-ċereali u oħrajn b'kontenut għoli ta' lamtu, zokkor u għelejjel taż-żejt fil-konsum tal-enerġija fit-trasport;
- (d) is-sehem tal-enerġija minn bijokarburanti u bijogass għat-trasport prodotti minn materja prima u ta' karburanti oħra elenkati fil-Parti A tal-Anness IX tad-Direttiva 2009/28/KE fil-verżjoni fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2020 fil-konsum tal-enerġija fit-trasport.

Taqsim 3

Pjattaforma tar-rapportar

Artikolu 28

Pjattaforma elettronika

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma online (pjattaforma elettronika) biex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri, tiġi promossa l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u jiġi ffaċilitat l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jużaw il-pjattaforma elettronika sabiex jibagħtu r-rapporti msemmiya f'dan il-Kapitolu lill-Kummissjoni ladarba hija ssir operattiva.

3. Il-pjattaforma elettronika għandha ssir operattiva sal-1 ta' Jannar 2020. Il-Kummissjoni għandha tuża l-pjattaforma elettronika biex tiffaċilita l-aċċess pubbliku online għar-rapporti msemmija f'dan il-Kapitolu, għall-pjanijiet nazzjonali integrati finali dwar l-enerġija u l-klima, l-aġġornamenti tagħhom, u l-istrategġiji fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15, b'kont meħud tad-data kummerċjalment sensitiva u l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data.

KAPITOLU 5

Valutazzjoni aggregata tal-progress u tar-rispons ta' politika biex jiġi żgurat li jinkisbu l-miri tal-Unjoni — monitoraġġ tal-Kummissjoni

Artikolu 29

Valutazzjoni tal-progress

1. Sal-31 ta' Ottubru 2021 u sussegwentement kull sentejn, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, b'mod partikolari abbażi tar-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima, ta' informazzjoni oħra rrapportata skont dan ir-Regolament, tal-indikaturi u tal-istatistika u d-data Ewropea meta jkun disponibbli:

- il-progress li jkun sar fil-livell tal-Unjoni biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija, inkluż għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin, il-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni għall-2030, b'mod partikolari bl-għan li tiġi evitata kwalunkwe diskrpanza fil-miri għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030;
- il-progress li jkun sar minn kull Stat Membru biex jintlaħqu l-oġettivi, il-miri u l-kontributi tiegħu u biex jiġu implimentati l-politiki u l-miżuri stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima;
- l-impatt ġenerali tal-avjazzjoni fuq il-klima globali, inkluż permezz tal-emissjonijiet jew tal-effetti mhux tas-CO₂, abbażi tad-data dwar l-emissjonijiet ipprovduta mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26, u titjib ta' dik il-valutazzjoni b'referenza għall-avvanzi xjentifiċi u għad-data dwar it-traffiku tal-ajru, skont kif ikun xieraq.
- l-impatt ġenerali tal-politiki u l-miżuri tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima fuq it-tħaddim tal-miżuri ta' politika tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija;
- l-impatt ġenerali tal-politiki u l-miżuri inklużi fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima dwar it-tħaddim tal-iskema għan-negozjar ta' kwoti tal-emissjonijiet tal-Unjoni Ewropea (EU ETS) u dwar il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda tal-kwoti fis-suq Ewropew tal-karbonju.

2. Fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, bħala parti mill-valutazzjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-progress li jkun sar fis-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-Unjoni abbażi ta' trajettorja indikattiva tal-Unjoni li tibda minn 20 % fl-2020, tilħaq punti ta' referenza ta' mill-inqas 18 % fl-2022, 43 % fl-2025 u 65 % fl-2027 taż-żieda totali fis-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli bejn il-mira tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli għall-2020 u l-mira tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli għall-2030, u tilħaq il-mira tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli għall-2030 ta' mill-inqas 32 % fl-2030.

3. Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, bħala parti mill-valutazzjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-progress li jkun sar biex b'mod kollettiv jintlaħaq livell massimu tal-konsum tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni ta' 1 273 Mtoe ta' enerġija primarja u ta' 956 Mtoe ta' enerġija finali fl-2030 skont l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2012/27/UE.

Meta twettaq il-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi li ġejjin:

- tikkunsidra nkisbitx il-mira tal-Unjoni ta' mhux iżjed minn 1 483 Mtoe ta' enerġija primarja jew ta' mhux iżjed minn 1 086 Mtoe ta' enerġija finali fl-2020;
- tivvaluta jekk il-progress tal-Istati Membri jindikax li l-Unjoni kollha qiegħda fit-triq it-tajba lejn il-livell ta' konsum tal-enerġija fl-2030 kif imsemmi fl-ewwel sottoparagrafu, filwaqt li titqies il-valutazzjoni tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fir-rapporti nazzjonali integrati tagħhom ta' progress dwar l-enerġija u l-klima;
- tuża r-risultati mill-eżerċizzji ta' mmudellar fir-rigward tax-xejriet futuri fil-konsum tal-enerġija fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali u tuża analiżi komplementari oħra;
- tieħu kont dovut taċ-ċirkostanzi rilevanti li jaffettwaw il-konsum tal-enerġija primarju u finali indikati mill-Istati Membri fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tagħhom, b'konformità mal-Artikolu 6(2).

4. Fil-qasam tas-suq intern tal-enerġija, bħala parti mill-valutazzjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-progress li jkun sar lejn il-livell ta' interkonnettività tal-elettriku li l-Istat Membru jimmira li jilħaq fl-2030.

5. Sal-31 ta' Ottubru 2021 u sussegwentement kull sena, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, b'mod partikolari, abbażi tal-informazzjoni rapportata skont dan ir-Regolament, jekk l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkunux għamlu progress suffiċjenti biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) l-impenji skont l-Artikolu 4 tal-UNFCCC u l-Artikolu 3 tal-Ftehim ta' Pariġi kif stabbilit fid-deċiżjonijiet adottati mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC, jew mill-Konferenza tal-Partijiet għall-UNFCCC li serviet bħala l-laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi;
 - (b) l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/842 u fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/841;
 - (c) l-oġġettivi stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima bl-għan li jintlaħqu l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija u għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin bl-għan li jintlaħqu l-miri tal-enerġija u tal-klima għall-2030.
6. Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż l-iktar reċenti maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.
7. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-valutazzjoni tagħha b'konformità ma' dan l-Artikolu bħala parti mir-rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija msemmi fl-Artikolu 35.

Artikolu 30

Inkonsistenzi mal-oġġettivi ġenerali tal-Unjoni tal-Enerġija u mal-miri skont ir-Regolament (UE) 2018/842

1. Abbażi tal-valutazzjoni skont l-Artikolu 29, il-Kummissjoni għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet lil Stat Membru skont l-Artikolu 34 jekk l-iżviluppi ta' politika f'dak l-Istat Membru juru inkonsistenzi mal-oġġettivi ġenerali tal-Unjoni tal-Enerġija.
2. Stat Membru li jkun biħsiebu juża l-flessibilità skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2018/842 għandu, malli dik l-informazzjoni ssir disponibbli, jinkludi fil-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima l-livell ta' użu intenzjonat u l-politiki u l-miżuri ppjanati biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/841 għall-perijodu mill-2021 sal-2030.

Artikolu 31

Rispons f'każ li l-ambizzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tkun insuffiċjenti

1. Meta, abbażi tal-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 9 jew il-valutazzjoni tagħha tal-abbozzi tal-aġġornamenti tal-pjanijiet finali skont l-Artikolu 14, u bħala parti mill-proċess iterattiv, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-oġġettivi, il-miri u l-kontributi tal-Istati Membri huma insuffiċjenti għall-kisba kollettiva tal-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u b'mod partikolari, għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin, għall-mira vinkolanti tal-Unjoni għall-2030 għall-enerġija rinnovabbli u għall-mira tal-Unjoni għall-2030 għall-effiċjenza enerġetika, hija għandha – fir-rigward tal-mira tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli – u tista' – fir-rigward tal-oġġettivi l-oħra tal-Unjoni tal-Enerġija – toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri li l-kontributi tagħhom hija tqis li mhumiex suffiċjenti biex iżidu l-ambizzjoni tagħhom sabiex jiġi żgurat livell suffiċjenti ta' ambizzjoni kollettiva.

2. Meta sseħħ diskrepanza bejn il-mira tal-Unjoni għall-2030 u l-kontributi kollettivi tal-Istati Membri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, il-Kummissjoni għandha tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq il-formola stabbilita fl-Anness II li hija bbażata fuq il-kriterji oġġettivi elenkati fil-punt (e)(i) sa (v) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(1), filwaqt li jitqiesu debitament iċ-ċirkostanzi rilevanti li jaffettwaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli kif indikat mill-Istat Membru b'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1).

Meta sseħħ diskrepanza bejn il-mira tal-Unjoni għall-2030 u s-somma tal-kontributi nazzjonali fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni għandha, b'mod partikolari, tevalwa iċ-ċirkostanzi rilevanti elenkati fl-Artikolu 6(2), l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima, ir-riżultati minn eżerċizzji ta' mmudellar fir-rigward tax-xejriet futuri fil-konsum tal-enerġija u analiżi komplementari oħra kif xieraq.

Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Artikolu, u bl-iskop uniku li jiġi vvalutat jekk hemmx diskrepanza bejn il-mira tal-Unjoni għall-2030 u l-kontributi kollettivi tal-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha, fil-valutazzjoni tagħha, tipotizza kontribut nazzjonali tal-Istati Membri li ma ppreżentawx l-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima tagħhom b'konformità mal-Artikolu 9(1).

Fil-ipoteżi tagħha, fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, il-Kummissjoni għandha tqis il-mira vinkolanti nazzjonali tal-Istat Membru għall-2020 kif stipulat fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2018/2001, ir-riżultati minn eżerċizzji ta' mudellar dwar l-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli u r-riżultati mill-formula stipulata fl-Anness II ta' dan ir-Regolament. Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, hija għandha tqis l-eżerċizzji ta' mmudellar fir-rigward tax-xejriet futuri fil-konsum tal-enerġija u analiżi komplementari oħra kif xieraq.

Fil-valutazzjoni tagħha tal-kontributi tal-enerġija rinnovabbli, abbażi tal-formula stipulata fl-Anness II, il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe impatt negattiv potenzjali fuq is-sigurtà tal-provvista u l-istabbiltà tal-grid fis-sistemi tal-enerġija żgħar jew iżolati jew f'sistemi tal-Istati Membri fejn jista' jkun hemm implikazzjonijiet sinifikanti minħabba l-bidla taż-żona sinkronika.

Fil-valutazzjoni tagħha tal-kontributi għall-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni għandha tqis l-impatt potenzjali fuq it-tħaddim tas-sistema tal-elettriku u l-istabbiltà tal-grid fl-Istati Membri fejn jista' jkun hemm implikazzjonijiet sinifikanti minħabba l-bidla taż-żona sinkronika.

3. Meta, abbażi tal-valutazzjoni tagħha dwar il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u l-aġġornamenti tagħhom skont l-Artikolu 14, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-oġettivi, il-miri u l-kontributi tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima jew l-aġġornamenti tagħhom ikunu insuffiċjenti biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u, b'mod partikolari, għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin, il-miri għall-enerġija rinnovabbli u għall-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030, hija għandha tipproponi miżuri u teżerċità s-setgħat tagħha fil-livell tal-Unjoni sabiex tiġi żgurata l-kisba kollettiva ta' dawk l-oġettivi u l-miri. Fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli, tali miżuri għandhom iqisu l-livell ta' ambizzjoni tal-kontributi biex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għall-2030 mill-Istati Membri stipulat fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u fl-aġġornamenti tagħhom.

Artikolu 32

Rispons f'każ li l-progress biex jintlaħqu l-oġettivi u l-miri tal-enerġija u tal-klima tal-Unjoni ikun insuffiċjenti

1. Meta, abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont il-punt (b) tal-Artikolu 29(1), il-Kummissjoni tikkonkludi li ma jkunx sar progress suffiċjenti minn Stat Membru biex jintlaħqu l-oġettivi, il-miri u l-kontributi tiegħu, il-punti ta' referenza nazzjonali għall-enerġija rinnovabbli tiegħu, jew fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat tiegħu dwar il-klima u l-enerġija, hija għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istat Membru kkonċernat skont l-Artikolu 34.

Fir-rakkomandazzjonijiet tagħha fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, il-Kummissjoni għandha tqis iċ-ċirkostanzi rilevanti indikati mill-Istat Membri b'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1). Il-Kummissjoni għandha tqis ukoll il-proġetti tal-enerġija rinnovabbli li fir-rigward tagħhom tkun ittieħdet deċiżjoni ta' investiment finali, dment li dawk il-proġetti jsiru operattivi fil-perijodu 2021 sa 2030 u jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kontribut nazzjonali tal-Istat Membru.

Fir-rakkomandazzjonijiet tagħha fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni għandha tqis kif xieraq il-kriterji oġġettivi elenkati fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 6(1) u iċ-ċirkostanzi nazzjonali rilevanti indikati mill-Istat Membru b'konformità mal-Artikolu 6(2).

2. Jekk, abbażi tal-valutazzjoni aggregata tagħha tar-rapporti nazzjonali integrati ta' progress dwar l-enerġija u l-klima tal-Istati Membri skont il-punt (a) tal-Artikolu 29(1), u appoġġata minn sorsi oħra ta' informazzjoni, kif ikun xieraq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Unjoni qed tissogra li ma tilħaqx l-oġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija u, b'mod partikolari, għall-ewwel perijodu ta' għaxar snin, il-miri tal-Qafas għall-Klima u l-Enerġija tal-Unjoni għall-2030, hija tista' toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri kollha skont l-Artikolu 34 biex timmitiga tali riskju.

Fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-miżuri nazzjonali pprovduti fil-paragrafu 3 humiex suffiċjenti biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli. Fil-każ ta' miżuri nazzjonali insuffiċjenti, il-Kummissjoni għandha, skont kif ikun xieraq, tipproponi miżuri u teżerċità s-setgħat tagħha fil-livell tal-Unjoni flimkien ma' dawk ir-rakkomandazzjonijiet sabiex tiġi żgurata, b'mod partikolari, il-kisba tal-mira tal-Unjoni għall-2030 dwar l-enerġija rinnovabbli.

Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni għandha, skont kif ikun xieraq, tipproponi miżuri u teżerċità s-setgħat tagħha fil-livell tal-Unjoni flimkien ma' dawk ir-rakkomandazzjonijiet sabiex tiġi żgurata, b'mod partikolari, il-kisba tal-mira tal-Unjoni għall-2030 dwar l-effiċjenza enerġetika.

Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, tali miżuri addizzjonali jistgħu b'mod partikolari jtejb u l-effiċjenza enerġetika:

- (a) tal-prodotti, skont id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ u r-Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾;
- (b) tal-bini, skont id-Direttivi 2010/31/UE u 2012/27/UE; u
- (c) tat-trasport.

3. Meta, fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli l-Kummissjoni tikkonkludi, abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 29(1) u (2), li punt ta' referenza wieħed jew aktar tat-trajettorja indikattiva tal-Unjoni fl-2022, l-2025 u l-2027 imsemmija fl-Artikolu 29(2) ma ġewx issodisfati, l-Istati Membri li jkunu waqgħu taħt punt ta' referenza wieħed jew aktar tagħhom fl-2022, l-2025 u l-2027 kif imsemmi fil-punt (a)(2) tal-Artikolu 4 għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni ta' miżuri addizzjonali fi żmien sena mid-data meta tasal il-valutazzjoni tal-Kummissjoni sabiex ikopru d-diskrepanza relattiva għall-punt ta' referenza tagħhom, bħal:

- (a) miżuri nazzjonali biex jiżied l-użu tal-enerġija rinnovabbli;
- (b) l-aġġustament tas-sehem ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u tat-tkessi, kif stabbilit fl-Artikolu 23(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (c) l-aġġustament tas-sehem ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport, kif stabbilit fl-Artikolu 25(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (d) pagament finanzjarju volontarju għall-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni stabbilit fil-livell tal-Unjoni, li jikkontribwixxi għall-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u li jkun ġestit direttament jew indirettament mill-Kummissjoni kif stipulat fl-Artikolu 33;
- (e) użu tal-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni stipulati fid-Direttiva (UE) 2018/2001.

Tali miżuri għandhom iqisu l-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni kif stipulat fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jinkludu dawk il-miżuri bħala parti mir-rapport ta' progress nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima.

4. Mill-1 ta' Jannar 2021 'il quddiem, is-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija ta' kull Stat Membru ma għandux ikun inqas minn sehem ta' referenza li jkun ugwali għall-mira ġenerali nazzjonali mandatorja tiegħu għas-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-2020 kif stipulat fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Jekk Stat Membru ma jżommx is-sehem ta' referenza tiegħu mkejjeq fuq perijodu ta' sena, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħ, fi żmien sena, miżuri addizzjonali bħal dawk stipulati fil-punti (a) sa (e) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu biex ikopri d-diskrepanza fi żmien sena.

L-Istati Membri li jissodisfaw l-obbligu li jkopru d-diskrepanza mas-sehem ta' referenza għandhom jitqiesu konformi mal-obbligi stipulati fl-ewwel sentenza tal-ewwel sottoparagrafu ta' dan il-paragrafu u fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 matul il-perijodu kollu meta tkun seħħet id-diskrepanza.

Għall-finijiet tal-punt (d) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jużaw id-dħul tagħhom mill-kwoti annwali ta' emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE.

5. Meta s-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli ta' Stat Membru jaq' taħt wieħed jew aktar mill-punti ta' referenza nazzjonali tiegħu fl-2022, l-2025 u l-2027 kif imsemmi fil-punt (a)(2) tal-Artikolu 4, dan għandu jinkludi fir-rapport integrat li jmiss ippreżentat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 17, spjegazzjoni dwar kif se jkopri d-diskrepanza relattiva għall-punti ta' referenza nazzjonali tiegħu.

6. Meta, fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, mingħajr preġudizzju għal miżuri oħra fil-livell tal-Unjoni skont it-tielet subparagrafu tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni tikkonkludi, abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 29(1) u (3) mwettqa skont is-snin 2022, 2025 u 2027, li l-progress biex jintlaħqu kollettivament il-miri għall-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni msemmeja fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 29(3) jkun insuffiċjenti, hija għandha tippożi miżuri u teżerċità s-setgħa tagħha fil-livell tal-Unjoni flimkien ma' dawk stabbiliti fid-Direttiva 2010/31/UE u fid-Direttiva 2012/27/UE sabiex jiġi żgurat li jintlaħqu l-miri għall-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni għall-2030.

7. Kull Stat Membru kkonċernat imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu għandu jagħti dettalji dwar il-miżuri addizzjonali implimentati, adottati u ppjanati bħala parti mir-rapport ta' progress suċċessiv tiegħu msemmi fl-Artikolu 17.

⁽¹⁾ Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

⁽²⁾ Regolament (UE) 2017/1369 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1).

8. Meta, fil-qasam tal-interkonnessjonijiet, il-Kummissjoni tikkonkludi, abbażi tal-valutazzjoni tagħha skont l-Artikolu 29(1) u (4), fis-sena 2025 li l-progress huwa insuffiċjenti, il-Kummissjoni għandha tikkooopera mal-Istati Membri kkonċernati sas-sena 2026 bl-għan li jiġu indirizzati ċ-ċirkostanzi li nqalgħu.

Artikolu 33

Mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni

1. Sal-1 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-mekkaniżmu ta' finanzjament tal-enerġija rinnovabbli tal-Unjoni msemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 32(3) biex jingħata appoġġ għal proġetti ġodda tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni bl-għan li tiġi koperta diskrepanza fit-trajettorja indikattiva tal-Unjoni. L-appoġġ jista' jingħata, fost l-oħrajn, fl-għamla ta' primjum addizzjonali għall-prezz tas-suq, u għandu jiġi allokat lill-proġetti bl-offerti bl-aktar kost jew primjum baxx.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-mekkaniżmu ta' finanzjament għandu jikkontribwixxi għall-qafas ta' abilitazzjoni skont l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 bl-għan li jiġi appoġġat l-użu tal-enerġija rinnovabbli madwar l-Unjoni irrispettivament mid-diskrepanza relattiva għat-trajettorja indikattiva tal-Unjoni. Għal dak l-għan:

- (a) il-pagamenti mill-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 32 jistgħu jiġu kkomplementati b'sorsi addizzjonali, bħal fondi tal-Unjoni, kontributi mis-settur privat jew pagamenti addizzjonali mill-Istati Membri sabiex jikkontribwixxu għall-kisba tal-mira tal-Unjoni;
- (b) il-mekkaniżmu ta' finanzjament jista', fost affarijiet oħra, jipprovdi appoġġ fil-forma ta' għotjiet, self b'imgħax baxx, jew taħlita tat-tnejn u jista' jappoġġa, fost l-oħrajn, proġetti konġunti bejn l-Istati Membri b'konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u l-parteċipazzjoni tal-Istati Membri fil-proġetti konġunti ma' pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 11 ta' dik id-Direttiva.

3. L-Istati Membri għandhom iżommu d-dritt li jiddeċiedu jekk, u jekk ikun il-każ, skont liema kondizzjonijiet, jippermettux li l-istallazzjonijiet li jinsabu fit-territorju tagħhom jirċievu appoġġ mill-mekkaniżmu ta' finanzjament.

4. Il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat dwar l-Unjoni tal-Enerġija msemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 44(1), tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistipula d-dispożizzjonijiet neċessarji għall-istabbiliment u l-funzjonament tal-mekkaniżmu ta' finanzjament, b'mod partikolari:

- (a) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-livell massimu tal-primjum għal kull offerta;
- (b) id-disinn tal-offerta li għandu jiġi applikat, inklużi l-kondizzjonijiet għat-twettiq u l-penali assoċjati;
- (c) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-pagamenti tal-Istati Membri u l-benefiċċji statistiċi li jirriżultaw għall-Istati Membri kontributuri;
- (d) ir-reqwiziti minimi għall-parteċipazzjoni tal-Istati Membri, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu żgurati kemm il-kontinwità tal-mekkaniżmu permezz ta' tul ta' żmien suffiċjenti tal-pagament tal-Istat Membru, kif ukoll l-ammont massimu ta' flessibbiltà għall-parteċipazzjoni tal-Istati Membri;
- (e) dispożizzjonijiet li jiżguraw il-parteċipazzjoni u/jew l-approvazzjoni ta' Stati Membri ospitanti, u meta jkun meħtieġ dispożizzjonijiet relatati ma' imposti addizzjonali tal-kostijiet tas-sistema.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(6).

5. Kull sena, l-enerġija rinnovabbli ġġenerata mill-istallazzjonijiet iffinanzjati mill-mekkaniżmu ta' finanzjament għandha tiġi attribwita statistikament lill-Istati Membri parteċipanti, b'mod li jirrifletti l-pagamenti relattivi tagħhom. Il-proġetti appoġġati minn dan il-mekkaniżmu ta' finanzjament li jkunu ffinanzjati minn sorsi oħra minbarra l-pagamenti tal-Istati Membri ma għandhomx jgħoddu fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri iżda lejn il-mira vinkolanti tal-Unjoni skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Artikolu 34

Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni lill-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni, skont kif ikun xieraq, għandha toħroġ rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri biex jiġi żgurat li jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni tal-Enerġija. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed tali rakkomandazzjonijiet għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

2. Meta f'dan ir-Regolament issir referenza għal dan l-Artikolu, għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:
- (a) l-Istat Membru kkonċernat għandu jqis debitament ir-rakkomandazzjoni fi spirtu ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri u l-Unjoni u bejn l-Istati Membri;
 - (b) l-Istat Membru għandu jstabbilixxi, fir-rapport nazzjonali integrat tiegħu ta' progress dwar l-enerġija u l-klima li jkun sar sena wara li tkun inħarġet ir-rakkomandazzjoni, kif ikun ikkunsidra debitament ir-rakkomandazzjoni. Jekk l-Istat Membru kkonċernat jiddeċiedi li ma jindirizzax rakkomandazzjoni jew parti sostanzjali minnha, dak l-Istat Membru għandu jipprovdi r-raġunament tiegħu;
 - (c) ir-rakkomandazzjonijiet għandhom ikunu komplementari għar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż l-iktar reċenti maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew.

Artikolu 35

Ir-rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija

1. Sal-31 ta' Ottubru ta' kull sena, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija.
2. Ir-rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:
- (a) il-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 29;
 - (b) meta jkun xieraq, ir-rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 34;
 - (c) ir-rapport dwar il-funzjonament tas-suq tal-karbonju msemmi fl-Artikolu 10(5) tad-Direttiva 2003/87/KE, inkluża l-informazzjoni dwar l-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva skont l-Artikolu 21(2) tagħha;
 - (d) kull sentejn, mill-2023, rapport dwar is-sostenibbiltà tal-bijoenerġija tal-Unjoni, li jkun fih l-informazzjoni speċifikata fl-Anness X;
 - (e) kull sentejn, rapport dwar l-iskemi volontarji li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni adottat deċiżjoni skont l-Artikolu 30(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, li jkun fih l-informazzjoni speċifikata fl-Anness XI ta' dan ir-Regolament;
 - (f) rapport ġenerali ta' progress dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/72/KE;
 - (g) rapport ġenerali ta' progress dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/73/KE skont l-Artikolu 52 ta' dik id-Direttiva;
 - (h) rapport ġenerali ta' progress dwar l-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza enerġetika u miżuri ta' politika alternattivi kif imsemmija fl-Artikoli 7a u 7b tad-Direttiva 2012/27/UE;
 - (i) kull sentejn, rapport ta' progress ġenerali dwar ir-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali tal-bini residenzjali u mhux residenzjali, kemm pubbliku kif ukoll privat, b'konformità mal-pjanijiet direzzjonali stabbiliti fl-istrategġiji ta' rinnovazzjoni fit-tul li kull Stat Membru għandu jstabbilixxi b'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE;
 - (j) kull erba' snin, rapport ta' progress ġenerali dwar iż-żieda fl-Istati Membri fl-għadd ta' binjiet b'użu ta' enerġija qrib iż-żero b'konformità mal-Artikolu 9(5) tad-Direttiva 2010/31/UE;
 - (k) rapport ġenerali ta' progress dwar il-progress tal-Istati Membri fil-ħolqien ta' suq tal-enerġija komplut u operattiv;
 - (l) il-kwalità reali tal-karburanti fl-Istati Membri differenti u l-kopertura ġeografika tal-karburanti b'kontenut massimu ta' kubrit ta' 10 mg/kg bl-għan li tiġi pprovduta stampa ġenerali tad-data dwar il-kwalità tal-karburanti fl-Istati Membri differenti kif irrapportat skont id-Direttiva 98/70/KE;
 - (m) rapport ta' progress dwar il-kompetittività;
 - (n) il-progress tal-Istati Membri lejn it-tneħħija gradwali tas-sussidji tal-enerġija, b'mod partikolari fir-rigward tal-karburanti fossili;
 - (o) kwistjonijiet oħra ta' rilevanza għall-implimentazzjoni tal-Unjoni tal-Enerġija, inkluż l-appoġġ pubbliku u privat;
 - (p) sal-31 ta' Ottubru 2019 u sussegwentement kull erba' snin, valutazzjoni tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/31/KE.

Artikolu 36

Monitoraġġ tal-mekkaniżmu ta' governanza

Fil-kuntest tal-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija kif imsemmi fl-Artikolu 35, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom, fuq bażi annwali, jindirizzaw il-progress miksub mill-Unjoni tal-Enerġija fuq id-dimensjonijiet kollha tal-politiki dwar l-Enerġija u l-Klima.

KAPITOLU 6

Sistemi tal-Unjoni u nazzjonali għall-emissjonijiet tal-gassijiet serra u għall-assorbimenti minn bjar

Artikolu 37

Sistemi ta' inventarji tal-Unjoni u nazzjonali

1. Sal-1 ta' Jannar 2021, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu, jħaddmu u jfittxu li jtejbju kontinwament is-sistemi ta' inventarji nazzjonali biex jiġu stmati l-emissjonijiet antropogeni minn sorsi u l-assorbimenti minn bjar ta' gassijiet serra elenkati fil-Parti 2 tal-Anness V u jiġu żgurati t-tempestività, it-trasparenza, ir-reqqa, il-konsistenza, il-paragunabbiltà u l-kompletezza tal-inventarji tagħhom tal-gassijiet serra.
 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti tal-inventarji tagħhom ikollhom aċċess għall-informazzjoni speċifikata fl-Anness XII ta' dan ir-Regolament, jużaw is-sistemi ta' rapportar stabbiliti skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 biex itejbu l-istima tal-gassijiet fluworinati fl-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra u jkunu jistgħu jwettqu l-kontrolli annwali tal-konsistenza msemmija fil-punti (i) u (j) tal-Parti 1 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament.
 3. B'dan hija stabbilita sistema ta' inventarju tal-Unjoni sabiex tiżgura l-puntwalità, it-trasparenza, ir-reqqa, il-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tal-inventarji nazzjonali fir-rigward tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tiġġestixxi, tieħu ħsieb u tfittex li ttejjeb kontinwament dik is-sistema, li għandha tinkludi t-twaqqif ta' programm ta' garanzija tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità, it-twaqqif tal-oġettivi tal-kwalità, it-tfassil ta' pjan ta' inventarju tal-garanzija tal-kwalità u tal-kontroll tal-kwalità, il-proċeduri biex jitlestew l-istimi tal-emissjonijiet biex jitħejja l-inventarju tal-Unjoni skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu u r-rieżamijiet imsemmija fl-Artikolu 38.
 4. Il-Kummissjoni għandha twettaq kontroll inizjali tar-reqqa tad-data preliminari tal-inventarju tal-gassijiet serra li trid tintbagħat mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26(3). Hija għandha tibgħat ir-riżultati ta' dak il-kontroll lill-Istati Membri fi żmien sitt ġimgħat mid-data tal-għeluq għall-preżentazzjoni. L-Istati Membri għandhom iwieġbu għal kull mistoqsija rilevanti mqajma mill-kontroll inizjali sal-15 ta' Marzu, flimkien mal-preżentazzjoni finali tal-inventarju għas-sena X-2.
 5. Meta Stat Membru ma jippreżentax id-data għall-inventarju meħtieġa biex jinġabar l-inventarju tal-Unjoni sal-15 ta' Marzu, il-Kummissjoni tista' tħejji stimi biex tikkompleta d-data ppreżentata mill-Istat Membru, b'konsultazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru kkonċernat. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tuża l-linji gwida applikabbli għat-tħejja tal-inventarji nazzjonali tal-gassijiet serra.
 6. Il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 44(1), għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni sabiex jiġu stabbiliti r-regoli dwar l-istruttura, il-format u l-proċess ta' ppreżentazzjoni tal-informazzjoni marbuta mas-sistemi ta' inventarji u mar-rekwiżiti nazzjonali dwar it-twaqqif, it-tħaddim u l-funzjonament tas-sistemi ta' inventarju nazzjonali.
- Meta tipproponi tali atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe deċiżjoni rilevanti adottata mill-korpi tal-UNFCCC jew tal-Ftehim ta' Pariġi.
- Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(6).
7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 43 sabiex tissupplementa dan ir-Regolament billi tistabbilixxi regoli rigward ir-rekwiżiti għall-istabbiliment, it-tħaddim u l-funzjonament tas-sistema ta' inventarju tal-Unjoni. Meta tipproponi tali atti ta' delega, il-Kummissjoni għandha tqis kwalunkwe deċiżjoni rilevanti adottata mill-korpi tal-UNFCCC jew tal-Ftehim ta' Pariġi.

Artikolu 38

Rieżami tal-inventarju

1. Bl-għan li twettaq monitoraġġ tat-tnaqqis jew tal-limitazzjonijiet tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-Istati Membri skont l-Artikoli 4, 9 u 10 tar-Regolament (UE) 2018/842 u tat-tnaqqis tagħhom tal-emissjonijiet u tat-tisħiħ tal-assorbimenti minn bjar skont l-Artikoli 4 u 14 tar-Regolament (UE) 2018/841 u ta' kwalunkwe mira oħra ta' tnaqqis jew ta' limitazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbilita fid-dritt tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, fl-2027 u fl-2032, twettaq rieżami komprensiv tad-data tal-inventarju nazzjonali ppreżentata mill-Istati Membri skont l-Artikolu 26(4) ta' dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jipparteċipaw b'mod sħiħ f'dak il-proċess.
2. Ir-rieżami komprensiv imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi:
 - (a) kontrolli li jverifikaw it-trasparenza, ir-reqqa, il-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tal-informazzjoni ppreżentata;

- (b) kontrolli li jidentifikaw każijiet li fihom id-data tal-inventarju tkun tħejjiet b'mod li ma jkunx konsistenti mad-dokumentazzjoni ta' gwida tal-UNFCCC jew mar-regoli tal-Unjoni;
- (c) kontrolli li jidentifikaw każijiet meta l-kontabbiltà tal-LULUCF tkun tħejjiet b'mod li ma jkunx konsistenti mad-dokumentazzjoni ta' gwida tal-UNFCCC jew mar-regoli tal-Unjoni, u
- (d) meta jkun xieraq, kalkolu tal-korrezzjonijiet tekniċi meħtieġa li jirriżultaw, b'konsultazzjoni mal-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 44(1), għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tiddetermina t-tempestività u l-proċedura għat-twettiq tar-rieżami komprensiv, inklużi l-kompiti stabbiliti fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li tiżgura li ssir il-konsultazzjoni dovuta mal-Istati Membri fir-rigward tal-konklużjonijiet tar-rieżamijiet.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(6).

4. Permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddetermina s-somma totali ta' emissjonijiet għas-snin rilevanti li jirriżultaw mid-data kkorregguta tal-inventarju għal kull Stat Membru, malli jitlesta r-rieżami maqsum bejn id-data tal-emissjonijiet rilevanti għall-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/842 u d-data tal-emissjonijiet imsemmija fil-punt (c) tal-Parti 1 tal-Anness V ta' dan ir-Regolament u tiddetermina wkoll is-somma totali ta' emissjonijiet u ta' assorbimenti rilevanti għall-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/841.

5. Id-data għal kull Stat Membru kif irreġistrata fir-reġistri stabbiliti skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2018/841 erba' xhur wara d-data tal-pubblikazzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu, għandha tintuża għall-kontroll tal-konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2018/841, inkluż it-tibdil f'din id-data li jirriżulta meta dak l-Istat Membru juża l-flessibbiltajiet skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/841.

6. Id-data għal kull Stat Membru kif irreġistrata fir-reġistri stabbiliti skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2018/842 xahrejn wara d-data tal-kontroll tal-konformità mar-Regolament (UE) 2018/841 imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, għandha tintuża għall-kontroll tal-konformità skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/842 għas-snin 2021 u 2026. Il-kontroll tal-konformità skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/842 għal kull waħda mis-snin mill-2022 sal-2025 u mill-2027 sal-2030 għandu jitwettaq fid-data li tinzerta xahar wara d-data tal-kontroll tal-konformità għas-sena preċedenti. Dan il-kontroll għandu jinkludi t-tibdil f'din id-data li jirriżulta meta dak l-Istat Membru juża l-flessibbiltajiet skont l-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament (UE) 2018/842.

Artikolu 39

Sistemi tal-Unjoni u nazzjonali għall-politiki, għall-miżuri u għall-projezzjonijiet

1. Sal-1 ta' Jannar 2021, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom iħaddmu u jfittxu li jtejbu kontinwament is-sistemi nazzjonali u tal-Unjoni rispettivament għar-rapportar dwar il-politiki, il-miżuri u l-projezzjonijiet tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra minn sorsi u tal-assorbimenti minn bjar. Dawk is-sistemi għandhom jinkludu l-arranġamenti istituzzjonali, legali u proċedurali rilevanti stabbiliti fi Stat Membru u l-Unjoni għall-evalwazzjoni tal-politika u għat-twettiq ta' projezzjonijiet ta' emissjonijiet antropoġeniċi ta' gassijiet serra minn sorsi u tal-assorbimenti minn bjar.

2. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jimmiraw li jiżguraw it-tempestività, it-trasparenza, ir-reqqa, il-konsistenza, il-paragunabbiltà u l-kompletezza tal-informazzjoni rrapportata dwar il-politiki, il-miżuri u l-projezzjonijiet tal-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra minn sorsi u tal-assorbimenti minn bjar, kif imsemmi fl-Artikolu 18, inkluż l-użu u l-applikazzjoni tad-data, tal-metodi u tal-mudelli, kif ukoll l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' garanzija tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità u l-analiżi tas-sensittività.

3. Il-Kummissjoni, assistita mill-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 44(1), għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi l-istruttura, il-format u l-proċess ta' pprezentazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sistemi nazzjonali u tal-Unjoni għall-politiki, għall-miżuri u għall-projezzjonijiet skont il-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu u l-Artikolu 18.

Meta tipproponi tali atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tqis id-deċiżjonijiet rilevanti adottati mill-korpi tal-UNFCCC jew tal-Ftehim ta' Pariġi, inklużi r-rekwiżiti ta' rapportar maqbula internazzjonalment kif ukoll l-iskedi ta' żmien għall-monitoraġġ u għar-rapportar ta' dik l-informazzjoni.

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 44(6).

*Artikolu 40***Twaqqif u tħaddim tar-reġistri**

1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu u jżommu reġistri għall-kontabbiltà preċiża tal-kontributi determinati fil-livell nazzjonali skont l-Artikolu 4(13) tal-Ftehim ta' Pariġi u tal-eżiti ta' mitigazzjoni trasferiti fil-livell internazzjonali skont l-Artikolu 6 ta' dak il-Ftehim.
2. L-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jżommu r-reġistri tagħhom f'sistema kkonsolidata, flimkien ma' wieħed jew aktar mill-Istati Membri l-oħrajn.
3. Id-data fir-reġistri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun disponibbli għall-amministratur ċentrali nnominat skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE.
4. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 43 sabiex tissupplementa dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-reġistri msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u sabiex twettaq, permezz tar-reġistri tal-Unjoni u tal-Istati Membri, l-implimentazzjoni teknika neċessarja tad-deċiżjonijiet rilevanti tal-korpi tal-UNFCCC jew tal-Ftehim ta' Pariġi, b'konformità mal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

*KAPITOLU 7***Kooperazzjoni u appoġġ***Artikolu 41***Kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Unjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jikkoopearaw u jikkoordinaw għalkollox ma' xulxin u mal-Unjoni fir-rigward tal-obbligi skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk li jikkonċernaw:
 - (a) il-proċess għat-tħejjija, għall-adozzjoni, għan-notifika u għall-valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikoli 9 sa 13;
 - (b) il-proċess għat-tħejjija, għall-adozzjoni, għan-notifika u għall-valutazzjoni tar-rapport nazzjonali integrat ta' progress dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikolu 17 u tar-rapportar annwali skont l-Artikolu 26;
 - (c) il-proċess marbut mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni u l-indirizzar ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 9(2) u (3), l-Artikolu 17(6), l-Artikolu 30(1), l-Artikolu 31(1) u l-Artikolu 32(1) u (2);
 - (d) il-kompilazzjoni tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni u t-tħejjija tar-rapport dwar l-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni, b'konformità mal-Artikolu 26(4);
 - (e) it-tħejjija tal-komunikazzjoni nazzjonali tal-Unjoni skont l-Artikolu 12 tal-UNFCCC u tar-rapport ta' kull sentejn tal-Unjoni skont id-Deċiżjoni 2/CP.17 jew deċiżjonijiet sussegwenti rilevanti adottati mill-korpi tal-UNFCCC;
 - (f) il-proċeduri ta' rieżami u ta' konformità skont il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi b'konformità ma' kwalunkwe deċiżjoni applikabbli skont il-UNFCCC kif ukoll il-proċedura ta' rieżami tal-Unjoni għall-inventarji tal-gassijiet serra tal-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 38;
 - (g) kwalunkwe aġġustament wara l-proċess ta' rieżami msemmi fl-Artikolu 38 jew tibdil ieħor fl-inventarji u fir-rapporti dwar l-inventarji li jkunu ntbagħtu jew li jkunu jridu jintbagħtu lis-Segretarjat tal-UNFCCC;
 - (h) il-kompilazzjoni tal-inventarju approssimat dwar il-gassijiet serra tal-Unjoni, skont l-Artikolu 26(2).
2. Il-Kummissjoni tista' tipprovdi appoġġ tekniku lill-Istati Membri fir-rigward tal-obbligi skont dan ir-Regolament fuq talba minn Stat Membru.

*Artikolu 42***Ir-rwol tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent**

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent għandha tassisti lill-Kummissjoni fil-ħidma tagħha fir-rigward tad-dimensjonijiet tad-dekarbonizzazzjoni u tal-effiċjenza enerġetika sabiex tikkonforma mal-Artikoli 15 sa 21, 26, 28, 29, 35, 37, 38, 39 u 41 skont il-programm ta' ħidma annwali tagħha. Dik l-assistenza għandha tinkludi l-assistenza, skont kif ikun meħtieġ, fir-rigward ta':

- (a) il-kompilazzjoni tal-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri dwar politiki u miżuri u projezzjonijiet;
- (b) it-tweqqif ta' proċeduri ta' assigurazzjoni tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità fuq l-informazzjoni rrapportata mill-Istati Membri dwar projezzjonijiet u politiki u miżuri;

- (c) it-tnejn tal-istimi jew l-ikkomplementar ta' dawh disponibbli għall-Kummissjoni fir-rigward tad-data dwar il-projezzjonijiet li ma jkunux irrapporati mill-Istati Membri;
- (d) il-kompilazzjoni tad-data, kull meta tkun disponibbli, li tkun meħuda mill-istatistika Ewropea u li tkun xierqa f'termini ta' tempestività, kif meħtieġ għar-rapport imħejji mill-Kummissjoni dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill;
- (e) it-tixrid tal-informazzjoni migħbura skont dan ir-Regolament, inklużi ż-żamma u l-aġġornament ta' bażi tad-data dwar il-politiki u l-miżuri ta' mitigazzjoni tal-Istati Membri u l-Pjattaforma Ewropea dwar l-Adattament għall-Klima, fir-rigward tal-impatti, tal-vulnerabbiltajiet u tal-adattament għat-tibdil fil-klima;
- (f) it-twettiq ta' proċeduri ta' garanzija tal-kwalità u ta' kontroll tal-kwalità fit-tnejn tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni;
- (g) il-kompilazzjoni tal-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni u t-tnejn tar-rapport dwar l-inventarju tal-gassijiet serra tal-Unjoni;
- (h) it-tnejn tal-istimi għad-data mhux irrapporata fl-inventarji nazzjonali dwar il-gassijiet serra;
- (i) it-twettiq tar-rieżami msemmi fl-Artikolu 38;
- (j) il-kompilazzjoni tal-inventarju approssimativ tal-gassijiet serra tal-Unjoni.

KAPITOLU 8

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 43

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(5), l-Artikolu 15(5), l-Artikolu 26(6), l-Artikolu 37(7) u l-Artikolu 40(4) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn tal-24 ta' Diċembru 2018. Il-Kummissjoni għandha tfaasal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(5), l-Artikolu 15(5), l-Artikolu 26(6), l-Artikolu 37(7) u l-Artikolu 40(4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data iktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(5), l-Artikolu 15(5), l-Artikolu 26(6), l-Artikolu 37(7) u l-Artikolu 40(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 44

Kumitati

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn:
 - (a) Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 19(5), l-Artikolu 26(7), l-Artikolu 37(6), l-Artikolu 38(3) u l-Artikolu 39(3); u
 - (b) Kumitat dwar l-Unjoni tal-Enerġija fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-kwistjonijiet imsemmija fl-Artikolu 17(4) u l-Artikolu 33(4).

2. Dawk il-kumitati għandhom ikunu kumitati skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Il-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima msemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jieħu post il-kumitat stabbilit fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013.
4. Meta xi wieħed mill-kumitati msemmija fil-paragrafu 1 jikkunsidra kwistjonijiet orizzontali u azzjonijiet komuni, għandu jinforma b'dan lill-kumitat l-ieħor imsemmi fil-paragrafu 1, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-politiki u jiġu massimizzati s-sinerġiji bejn is-setturi.
5. Kull Stat Membru għandu jaħtar ir-rappreżentant(i) tiegħu fuq il-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima u l-Kumitat dwar l-Unjoni tal-Enerġija. Ir-rappreżentanti ta' kull kumitat għandhom jiġu mistiedna għal-laqgħat tal-kumitat l-ieħor.
6. Meta ssir referenza għal dan l-Artikolu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 45

Rieżami

Fi żmien sitt xhur minn kull rendikont globali miftiehem skont l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Pariġi, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tħaddim ta' dan ir-Regolament, il-kontribut tiegħu għall-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, il-kontribut tiegħu għall-għanijiet fit-tul tal-Ftehim ta' Pariġi, il-progress biex jintlaħqu l-miri tal-klima u tal-enerġija għall-2030, l-oġettivi addizzjonali tal-Unjoni tal-Enerġija u l-konformità tad-dispożizzjonijiet marbuta mal-ippjanar, ir-rapportar u l-monitoraġġ imsemmija f'dan ir-Regolament ma' liġijiet oħra tal-Unjoni jew ma' deċiżjonijiet futuri marbuta mal-UNFCCC u mal-Ftehim ta' Pariġi. Ir-rapporti tal-Kummissjoni jistgħu jkunu akkumpanjati minn proposti leġislattivi meta jkun xieraq.

Artikolu 46

Emendi għad-Direttiva 94/22/KE

Id-Direttiva 94/22/KE hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 2 huwa mħassar;
- (2) l-Artikolu 9 huwa mħassar.

Artikolu 47

Emendi għad-Direttiva 98/70/KE

Id-Direttiva 98/70/KE hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 7a huwa emendat kif ġej:
 - (a) fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) il-volum totali tal-provvista ta' kull tip ta' karburant jew ta' enerġija; u";
 - (b) fil-paragrafu 2, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedju li l-fornituri jnaqqsu bl-iktar mod gradwali possibbli ċ-ċiklu ta' haġja tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal kull unità ta' enerġija mill-provvista ta' karburant u ta' enerġija sa massimu ta' 10 % sal-31 ta' Diċembru 2020, meta mqabbel mal-istandard ta' referenza tal-karburant stabbilit fl-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652. Dan it-tnaqqis għandu jikkonsisti fi:"
- (2) fl-Artikolu 8, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni ppreżentata skont il-paragrafu 3 titqiegħed għad-dispożizzjoni fil-pront bil-mezzi xierqa."

Artikolu 48

Emendi għad-Direttiva 2009/31/KE

Id-Direttiva 2009/31/KE hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Kull erba' snin l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, inkluż ir-reġistru msemmi fil-punt (b) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 25. L-ewwel rapport għandu jintbagħat

lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2011. Ir-rapport għandu jtfassal abbażi ta' kwestjonarju jew deskrizzjoni ġenerali li l-Kummissjoni tkun adottat fl-għamla ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 30(2). Dak il-kwestjonarju jew id-deskrizzjoni ġenerali għandhom jintbagħtu lill-Istati Membri tal-inqas sitt xhur qabel l-iskadenza għall-preżentazzjoni tar-rapport.”;

(2) fl-Artikolu 38, il-paragrafu 1 huwa mħassar.

Artikolu 49

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 663/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 663/2009 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 27, il-paragrafi 1 u 3 huma mħassra;
- (2) l-Artikolu 28 huwa mħassar.

Artikolu 50

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 715/2009

Fir-Regolament (KE) Nru 715/2009, l-Artikolu 29 huwa mħassar.

Artikolu 51

Emendi għad-Direttiva 2009/73/KE

Id-Direttiva 2009/73/KE hija emendata kif ġej:

- (1) l-Artikolu 5 huwa mħassar;
- (2) l-Artikolu 52 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 52

Rapportar

Il-Kummissjoni għandha twettaq monitoraġġ u rieżami tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u tibgħat rapport ġenerali ta' progress lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bħala anness tar-Rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija msemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

(*) Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).”

Artikolu 52

Emenda għad-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE

Fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2009/119/KE, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Kull sena sal-15 ta' Marzu, kull Stat Membru għandu jibgħat lill-Kummissjoni kopja fil-qosor tar-reġistru tal-istokk imsemmi fil-paragrafu 1 li turi minn tal-inqas il-kwantitajiet u n-natura tal-istokk ta' emerġenza inklużi fir-reġistru fl-aħħar jum tas-sena kalendarja preċedenti.”.

Artikolu 53

Emendi għad-Direttiva 2010/31/UE

Id-Direttiva 2010/31/UE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 2a huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, il-kliem introdutturju huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul b'appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali ta' bini residenzjali u bini mhux residenzjali, kemm pubbliku kif ukoll privat, fi stokk ta' bini effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija u dekarbonizzat sal-2050, biex hekk tkun iffaċilitata t-trasformazzjoni kosteffikaċi tal-bini eżistenti f'bini b'użu ta' kważi żero enerġija. Kull strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul għandha tinkludi:”;

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

“8. L-istrateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul ta' kull Stat Membru għandha tintbagħat lill-Kummissjoni bħala parti mill-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima finali tagħha, imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). B'deroga mill-Artikolu 3(1) ta' dak ir-Regolament, l-ewwel strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tkun ippreżentata lill-Kummissjoni sal-10 ta' Marzu 2020.

(*) Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).”

(2) fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2), is-sentenza “Ir-rapport jista' jiġi inkluż fil-Pjanijiet ta' Azzjoni għall-Effiċjenza Enerġetika msemmija fl-Artikolu 14(2) tad-Direttiva 2006/32/KE” hija mħassra;

(3) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. Bħala parti mir-rapport tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija msemmi fl-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) 2018/1999, il-Kummissjoni kull erba' snin għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-progress tal-Istati Membri fiż-żieda tal-għadd ta' bini b'użu ta' kważi żero enerġija. Abbażi ta' din l-informazzjoni rrapportata, il-Kummissjoni għandha, meta jkun meħtieġ, tiżviluppa pjan ta' azzjoni u tipproponi rakkomandazzjonijiet u miżuri b'konformità mal-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2018/1999 biex jiżdied l-għadd ta' dak il-bini u thegħeġ li jintużaw l-aħjar prattiki fir-rigward tat-trasformazzjoni kosteffikaċi ta' bini eżistenti f'bini b'użu ta' kważi żero enerġija.”;

(4) fl-Artikolu 10, il-paragrafi 2 u 3 huma mħassra;

(5) fl-Artikolu 14(3), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Dan ir-rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni, bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1999”;

(6) Fl-Artikolu 15(3), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Dan ir-rapport għandu jintbagħat lill-Kummissjoni, bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima, imsemmija fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2018/1999.”.

Artikolu 54

Emendi għad-Direttiva 2012/27/UE

Id-Direttiva 2012/27/UE hija emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 4 huwa mħassar;

(2) fl-Artikolu 18(1), il-punt (e) huwa mħassar;

- (3) l-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:
- (a) il-paragrafi 1, 3, 4 u 11 huma mħassra;
 - (b) il-paragrafu 2 huwa mħassar;
- (4) l-Anness XIV huwa mħassar.

Artikolu 55

Emenda għad-Direttiva 2013/30/UE

Fl-Artikolu 25 tad-Direttiva 2013/30/UE, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kull sena l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, bħala parti mir-rapportar annwali msemmi fl-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), l-informazzjoni speċifikata fil-punt 3 tal-Anness IX.

(*) Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1)."

Artikolu 56

Emendi għad-Direttiva (UE) 2015/652

Id-Direttiva (UE) 2015/652 hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 5, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Kull sena sal-31 ta' Diċembru, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni data għas-sena kalendarja preċedenti relatata mal-konformità mal-Artikolu 7a tad-Direttiva 98/70/KE, kif definit fl-Anness III ta' din id-Direttiva.";

- (2) fl-Anness I, il-Parti 2, il-punti 1(h), 2, 3, 4 u 7 huma mħassra.

- (3) L-Anness III huwa emendat kif ġej:

- (a) il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri jridu jirrapportaw id-data elenkata fil-punt 3. Dik id-data trid tiġi rrapportata għal kull karburant u enerġija mqiegħda fis-suq f'kull Stat Membru. Meta l-bijokarburanti multipli jkunu mħallta mal-karburanti fossili, trid tiġi pprovduta d-data għal kull bijokarburant.";

- (b) fil-punt 3, il-punti (e) u (f) huma mħassra;

- (4) l-Anness IV huwa emendat kif ġej:

- (a) il-mudelli li ġejjin għar-rapportar tal-informazzjoni għall-konsistenza tad-data rrapportata huma mħassra:

- Orġini – Fornituri Uniċi
- Orġini – Fornituri Konġunti
- Post tax-Xiri

- (b) fin-noti dwar il-format, il-punti 8 u 9 huma mħassra.

Artikolu 57

Tħassir

Ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandu jitħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2021, soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali stipulati fl-Artikolu 58 ta' dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 li għandu jitħassar b'effett mill-24 ta' Diċembru 2018. Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftehimu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness XIII.

*Artikolu 58***Dispożizzjonijiet tranżitorji**

B'deroga mill-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 7 u l-punti (a) u (d) tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandhom ikomplu japplikaw għar-rapporti li jkun fihom id-data meħtieġa skont dawk l-artikoli għall-2018, għall-2019 u għall-2020.

L-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandu jkompli japplika rigward it-tieni perijodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto.

L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandu jkompli japplika għar-rieżamijiet tad-data tal-inventarju tal-gassijiet serra għall-2018, għall-2019 u għall-2020.

L-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandu jkompli japplika għall-preżentazzjoni tar-rapport meħtieġ skont dak l-artikolu.

Għal raġunijiet ta' koerenza u ta' ċertezza legali, l-ebda element f'dan ir-Regolament ma jimpedixxi l-applikazzjoni ta' derogi skont il-liġi settorjali rilevanti tal-Unjoni fil-qasam tal-elettriku u tat-tnejjija għar-riskji marbutin mal-elettriku.

*Artikolu 59***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 40, l-Artikolu 53(2), (3) u (4), il-punt (a) tal-Artikolu 54(3), l-Artikolu 54(4), u l-Artikolu 55 għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburg, il-11 ta' Diċembru 2018.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

A. TAJANI

Għall-Kunsill

Il-President

J. BOGNER-STRAUSS

ANNEX I

QAFAS ĠENERALI GĦAL PJANIJET NAZZJONALI INTEGRATI GĦALL-ENERĠIJA U L-KLIMA

Parti 1

Qafas ġenerali

TAQSIMA A: PJAN NAZZJONALI

1. STAMPA ĠENERALI U PROĊESS BIEX JIĠI STABBILIT IL-PJAN

1.1. Sommarju eżekuttiv

- i. Kuntest politiku, ekonomiku, ambjentali u soċjali tal-pjan
- ii. Strateġija b'rabta mal-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija
- iii. Tabella fil-qosor bil-miżuri, il-politiku u l-oġettivi ewlenin tal-pjan

1.2. Stampa ġenerali tas-sitwazzjoni tal-politika attwali

- i. Sistema tal-enerġija nazzjonali u tal-Unjoni u l-kuntest politiku tal-pjan nazzjonali
- ii. Politiki attwali dwar l-enerġija u l-klima u miżuri b'rabta mal-ħames dimensjonijiet tal-Unjoni tal-Enerġija
- iii. Kwistjonijiet ewlenin ta' rilevanza transkonfinali
- iv. Struttura amministrattiva fl-implimentazzjoni tal-politiki nazzjonali tal-enerġija u l-klima

1.3. Konsultazzjonijiet u involviment ta' entitajiet nazzjonali u tal-Unjoni u r-riżultati tagħhom

- i. Involvement tal-parlament nazzjonali
- ii. Involvement ta' awtoritajiet lokali u reġjonali
- iii. Konsultazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati, li jinkludu s-sħab soċjali, u l-involvement tas-soċjetà ċivili u tal-pubbliku ġenerali
- iv. Konsultazzjonijiet ma' Stati Membri oħra
- v. Proċess iterattiv mal-Kummissjoni

1.4. Kooperazzjoni reġjonali fit-tnejja tal-pjan

- i. Elementi suġġetti għall-ippjannar konġunt jew koordinat ma' Stati Membri oħra.
- ii. Spjegazzjoni ta' kif tiġi kkunsidrata l-kooperazzjoni reġjonali fil-pjan

2. OĠETTIVI U MIRI NAZZJONALI

2.1. Dimensjoni "dekarbonizzazzjoni"

2.1.1. Emissjonijiet u assorbimenti ta' GHGs ⁽¹⁾

- i. L-elementi stabbiliti fil-punt (a)(1) tal-Artikolu 4
- ii. Meta jkun applikabbli, oġettivi u miri nazzjonali oħra li jkunu konsistenti mal-Ftehim ta' Pariġi u mal-istrategġija fit-tul eżistenti. Meta jkun applikabbli għall-kontribut għall-impenn globali tal-Unjoni dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' GHGs, oġettivi u miri oħra, li jinkludu miri settorjali u għanijiet ta' adattament, jekk ikunu disponibbli

2.1.2. Enerġija rinnovabbli

- i. L-elementi stabbiliti fil-punt (a)(2) tal-Artikolu 4

⁽¹⁾ Konsistenza għandha tiġi żgurata mal-istrategġija fit-tul skont l-Artikolu 15.

-
- ii. It-traġettorji stmati għas-sehem settorjali tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum ta' enerġija finali mill-2021 sal-2030 fis-setturi tal-elettriku, tat-tisħin u tat-tkessiġ, u tat-trasport
 - iii. It-traġettorji stmati b'teknoloġija tal-enerġija rinnovabbli li l-Istat Membru jipprojetta li juża biex jikseb it-traġettorji globali u settorjali għal enerġija rinnovabbli mill-2021 sal-2030, li jinkludu l-konsum gross ta' enerġija finali mistenni skont it-teknoloġija u s-settur f'Mtoe u l-kapaċità installata ppjanata totali (diviża bil-kapaċità ġdida u tiġdid) għal kull teknoloġija u settur f'MW.
 - iv. It-traġettorji stmati dwar id-domanda għall-bijoenerġija, diżaggregati bejn it-tisħin, l-elettriku u t-trasport, u dwar il-provvista ta' bijomassa, skont il-materja prima u l-oriġini (li jiddistingwu bejn il-produzzjoni domestika u l-importazzjonijiet). Għall-bijomassa tal-foresti, valutazzjoni tas-sors tagħha u l-impatt fuq il-bir LULUCF
 - v. Meta jkun applikabbli, traġettorji u objettivi nazzjonali oħra, li jinkludu dawk li huma fit-tul jew settorjali (pereżempju s-sehem ta' bijokarburanti avvanzati, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin distrettwali, l-użu tal-enerġija rinnovabbli fil-bini, l-enerġija rinnovabbli prodotta fl-ibliet, il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u l-awtokonsumaturi tal-enerġija rinnovabbli, l-enerġija rkuprata mill-ħama miksub mit-trattament tal-ilma mormi)
-

2.2. Dimensjoni "effiċjenza enerġetika"

- i. L-elementi stabbiliti fil-punt (b) tal-Artikolu 4
 - ii. It-tragwardi indikattivi għall-2030, l-2040 u l-2050, l-indikaturi ta' progress kwantifikabbli stabbiliti domestikament, stima abbażi tal-evidenza tal-iffrankar enerġetiku mistenni u benefiċċji usa', u l-kontribut tagħhom għall-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-Unjoni kif inklużi fil-pjanijiet direzzjonali stabbiliti fl-istrateġiji ta' rinnovazzjoni fuq terminu twil għall-istokk nazzjonali ta' bini residenzjali u mhux residenzjali, kemm pubbliku kif ukoll privat, b'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE
 - iii. Meta jkun applikabbli, objettivi nazzjonali oħra, li jinkludu miri jew strateġiji fit-tul u miri settorjali, u objettivi nazzjonali f'oqsma bħall-effiċjenza enerġetika fis-settur tat-trasport u fir-rigward tat-tisħin u t-tkessiġ
-

2.3. Dimensjoni "sigurtà tal-enerġija"

- i. L-elementi stabbiliti fil-punt (c) tal-Artikolu 4
 - ii. Objettivi nazzjonali dwar: iż-żieda fid-diversifikazzjoni tas-sorsi u tal-provvista tal-enerġija minn pajjiżi terzi bl-għan li tiżdied ir-reżiljenza tas-sistemi tal-enerġija nazzjonali u reġjonali
 - iii. Meta jkun applikabbli, l-objettivi nazzjonali fir-rigward tat-tnaqqis tad-dipendenza fuq l-importazzjoni tal-enerġija minn pajjiżi terzi, biex tiżdied ir-reżiljenza tas-sistemi tal-enerġija nazzjonali u reġjonali
 - iv. Objettivi nazzjonali fir-rigward taż-żieda tal-flessibilità tas-sistema tal-enerġija nazzjonali, b'mod partikolari billi jsir użu minn sorsi domestiċi tal-enerġija, rispons tad-domanda u ħżin tal-enerġija
-

2.4. Dimensjoni "suq intern tal-enerġija"

2.4.1. Interkonnettività tal-elettriku

- i. Il-livell ta' interkonnettività tal-elettriku li l-Istat Membru jimmira li jilħaq fl-2030 fid-dawl tal-mira ta' minn tal-inqas 15 % għall-interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030, bi strateġija bil-livell mill-2021 'il quddiem definit f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri affettwati, fid-dawl tal-mira ta' interkonnessjoni ta' 10 % għall-2020 u l-indikaturi tal-urġenza tal-azzjoni li ġejjin:
 - (1) Id-differenza fil-prezzijiet fis-suq bl-ingrossa li taqbeż il-limitu indikattiv ta' EUR 2/MWh bejn l-Istati Membri, ir-reġjuni jew iż-żoni tal-offerti;
 - (2) Il-kapaċità ta' trażmissjoni nominali tal-interkonnetturi taħt it-30 % tat-tagħbija massima;
 - (3) Il-kapaċità ta' trażmissjoni nominali tal-interkonnetturi taħt it-30 % tal-ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli installata.

Kull interkonnettur ġdid għandu jkun soġġett għal analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji soċjoekonomiċi u ambjentali u jiġi implimentat biss jekk il-benefiċċji potenzjali jkunu akbar mill-ispejjeż

2.4.2. Infrastruttura tat-trażmissjoni tal-enerġija

- i. Il-proġetti u, meta jkun rilevanti, il-proġetti ta' modernizzazzjoni ewlenin għall-infrastruttura tat-trażmissjoni tal-elettriku u tal-gass meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi u l-miri skont il-ħames dimensjonijiet tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija
- ii. Meta jkun applikabbli, proġetti ta' infrastruttura ewlenin previsti għajr il-Proġetti ta' Interess Komuni (PCIs) ⁽¹⁾

2.4.3. Integrazzjoni tas-suq

- i. Oġġettivi nazzjonali marbuta ma' aspetti oħra tas-suq intern tal-enerġija bħaż-żieda fil-flessibilità tas-sistema, b'mod partikolari b'rabta mal-promozzjoni ta' prezzijiet tal-elettriku ddeterminati b'mod kompetittiv skont il-liġi settorjali rilevanti, l-integrazzjoni tas-suq u l-akkoppjament, sabiex jiżiedu l-kapaċità kummerċjabbli tal-interkonnnetturi eżistenti, il-grids intelliġenti, l-aggregazzjoni, ir-rispons għad-domanda, il-ħżin, il-ġenerazzjoni distribwita, il-mekkaniżmi għad-dispaċċ, ir-ridispaċċ u t-tnaqqis, u s-sinjali tal-prezzijiet f'ħin reali, li jinkludi ż-żmien li fih iridu jintlaħqu l-oġġettivi
- ii. Meta jkun applikabbli, oġġettivi nazzjonali relatati mal-parteċipazzjoni nondiskriminatorja tal-enerġija rinnovabbli, ir-rispons għad-domanda u l-ħżin tal-enerġija, inkluż permezz tal-aggregazzjoni fis-swieq kollha tal-enerġija, inkluż iż-żmien li fih ikunu jridu jintlaħqu l-oġġettivi
- iii. Meta jkun applikabbli, oġġettivi nazzjonali biex jiġi żgurat li l-konsumaturi jipparteċipaw fis-sistema tal-enerġija u jibbenefikaw mill-awtoġenerazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda, inklużi l-arloġġi intelliġenti;
- iv. Oġġettivi nazzjonali fir-rigward tal-iżgurar tal-adegwatezza tas-sistema tal-elettriku, kif ukoll għall-flessibilità tas-sistema tal-enerġija fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, inkluż iż-żmien li fih ikunu jridu jintlaħqu l-oġġettivi
- v. Meta jkun applikabbli, oġġettivi nazzjonali sabiex jiġu protetti l-konsumaturi tal-enerġija u titjieb il-kompetittività tas-settur tal-enerġija bl-imnut

2.4.4. Faqar enerġetiku

Meta jkun applikabbli, l-oġġettivi nazzjonali fir-rigward tal-faqar enerġetiku, li jinkludi ż-żmien meta jridu jintlaħqu l-oġġettivi

2.5. Dimensjoni "riċerka, innovazzjoni u kompetittività"

- i. Oġġettivi nazzjonali u miri ta' finanzjament għal riċerka u innovazzjoni pubblika u, meta tkun disponibbli, privata marbuta mal-Unjoni tal-Enerġija, li jinkludu, meta jkun xieraq, iż-żmien li fih iridu jintlaħqu l-oġġettivi
- ii. Meta jkun disponibbli, oġġettivi nazzjonali għall-2050 b'rabta mal-promozzjoni ta' teknoloġiji ta' enerġija nadifa u, meta jkun xieraq, oġġettivi nazzjonali, li jinkludu miri fit-tul (2050) għall-iskjerament ta' teknoloġiji b'użu baxx tal-karbonju, li jinkludu s-setturi industrijali li jiddekarbonizzaw l-enerġija u dawk intensivi fl-użu tal-karbonju u, meta jkun applikabbli, għall-infrastruttura marbuta mat-trasport u mal-ħażna tal-karbonju
- iii. Meta jkun applikabbli, oġġettivi nazzjonali fir-rigward tal-kompetittività

3. POLITIKI U MIŻURI

3.1. Dimensjoni "dekarbonizzazzjoni"

3.1.1. Emissjonijiet u assorbimenti ta' GHGs

- i. Politiki u miżuri għall-kisba tal-mira stabbilita skont ir-Regolament (UE) 2018/842 kif jissemma fil-punt 2.1.1 u politiki u miżuri għall-konformità mar-Regolament (UE) 2018/841, li jkopru s-setturi kollha ewlenin tal-emissjonijiet u s-setturi li jteju l-assorbimenti, bi prospettivi għall-viżjoni u għall-għan fit-tul sabiex isiru ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet u jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet u l-assorbimenti b'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi
- ii. Meta jkun rilevanti, il-kooperazzjoni reġjonali f'dan il-qasam
- iii. Meta jkun applikabbli, mingħajr preġudizzju għall-applikabbiltà tar-regoli dwar l-ġajjnuna mill-Istat, miżuri ta' finanzjament, li jinkludu appoġġ mill-Unjoni u l-użu ta' fondi tal-Unjoni, f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali

⁽¹⁾ B'konformità mar-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tas-17 ta' April 2013 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1364/2006/KE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 713/2009, (KE) Nru 714/2009 u (KE) Nru 715/2009 (ĠUL 115, 25.4.2013, p. 39).

3.1.2. Enerġija rinnovabbli

- i. Politiki u miżuri sabiex jintlaħaq il-kontribut nazzjonali għall-mira vinkolanti tal-2030 tal-Unjoni għall-enerġija rinnovabbli u t-trajettorji kif imsemmija fil-punt (a)(2) tal-Artikolu 4 u, meta jkunu applikabbli jew disponibbli, l-elementi msemmija fil-punt 2.1.2 ta' dan l-Anness, li jinkludu miżuri settorjali u speċifiċi għat-teknoloġija ⁽¹⁾
- ii. Meta jkun rilevanti, miżuri speċifiċi għal kooperazzjoni reġjonali, kif ukoll – bħala għażla fakultat-tiva – l-istima ta' produzzjoni tal-enerġija eċċessiva minn sorsi rinnovabbli li tista' tkun trasferita lil Stati Membri oħra sabiex tinkiseb il-kontribuzzjoni nazzjonali u t-trajettorji msemmija fil-punt 2.1.2
- iii. Miżuri speċifiċi dwar l-appoġġ finanzjarju, meta jkun applikabbli, li jinkludi l-appoġġ mill-Unjoni u l-użu ta' fondi tal-Unjoni, għall-promozzjoni tal-produzzjoni u l-użu tal-enerġija minn sorsi rinno-vabbli fl-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ, u t-trasport
- iv. Meta jkun applikabbli, il-valutazzjoni tal-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli li l-Istati Membri għandhom iwettqu skont l-Artikolu 6(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001
- v. Miżuri speċifiċi għall-introduzzjoni ta' punt ta' kuntatt wieħed jew aktar, is-simplifikazzjoni tal-proċe-duri amministrattivi, l-għoti ta' informazzjoni u taħriġ, u l-iffaċilitar tal-adozzjoni ta' ftehimiet ta' xiri ta' enerġija

Sommarju tal-politiki u l-miżuri skont il-qafas ta' abilitazzjoni li l-Istati Membri għandhom jistabbli-lixxu skont l-Artikolu 21(6) u l-Artikolu 22(5) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 biex jippromwovu u jif-faċilitaw l-iżvilupp ta' awtokonsum ta' enerġija u ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli.

- vi. Valutazzjoni tal-ħtieġa li jinbnew infrastrutturi ġodda għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali prodotti minn sorsi rinnovabbli.
- vii. Meta jkun applikabbli, miżuri speċifiċi dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija mill-bijomassa, b'mod speċjali għall-mobilizzazzjoni tal-bijomassa ġdida billi jitqiesu:
 - id-disponibbiltà tal-bijomassa, inkluża l-bijomassa sostenibbli: kemm il-potenzjal domestiku kif ukoll l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi
 - użu ieħor tal-bijomassa minn setturi oħra (is-setturi agrikoli u forestali); kif ukoll miżuri għas-sostenibbiltà tal-produzzjoni u l-użu tal-bijomassa

3.1.3. Elementi oħra tad-dimensjoni

- i. Meta jkun applikabbli, politiki u miżuri nazzjonali li jaffettwaw is-settur tal-EU-ETS u valutazzjoni tal-komplementarjetà u l-impatti fuq l-EU-ETS
- ii. Politiki u miżuri biex jintlaħqu miri nazzjonali oħra, meta jkun applikabbli
- iii. Politiki u miżuri biex tinkiseb mobiltà b'emissjonijiet baxxi (li tinkludi l-elettrifikazzjoni tat-tras-port)
- iv. Meta jkun applikabbli, politiki, skadenzi u miżuri nazzjonali ppjanati għall-eliminazzjoni gradwali tas-sussidji tal-enerġija, b'mod partikolari għall-karburanti fossili

3.2. Dimensjoni "effiċjenza enerġetika"

Politiki, miżuri u programmi ppjanati sabiex tinkiseb il-mira indikattiva għall-kontributi għall-effiċjenza enerġe-tika nazzjonali għall-2030 kif ukoll objettivi oħra msemmija fil-punt 2.2, li jinkludu miżuri u strumenti ppjanati (anke ta' natura finanzjarja) li jippromwovu l-prestazzjoni tal-enerġija tal-bini, b'mod partikolari fir-rigward ta' dan li ġej:

- i. Skemi ta' obbligi ta' effiċjenza enerġetika u miżuri ta' politika pubblika alternattivi skont l-Artikoli 7a u 7b u l-Artikolu 20(6) tad-Direttiva 2012/27/UE u li jridu jitħejjew skont l-Anness III għal dan ir-Regolament
- ii. Strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul biex tiġi sostnuta r-rinnovazzjoni tal-istokk nazzjonali tal-bini residenzjali u mhux residenzjali, kemm pubbliku kif ukoll privat ⁽²⁾, li jinkludu politiki, miżuri u azzjonijiet li jstimu-law rinnovazzjonijiet profondi ta' nfiq effettiv u politiki u azzjonijiet li jimmiraw is-setturi tal-istokk tal-bini nazzjonali bl-agħar rendiment, b'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE

⁽¹⁾ Meta jkunu qed jipplanaw dawk il-miżuri, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw it-tmiem tal-ħajja ta' installazzjonijiet eżistenti u l-potenzjal għat-tiġdid.

⁽²⁾ B'konformità mal-Artikolu 2a tad-Direttiva 2010/31/UE.

- iii. Deskrizzjoni tal-politika u miżuri li jippromwovu s-servizzi tal-enerġija fis-settur pubbliku u miżuri li jneħħu l-ostakli regolatorji u mhux regolatorji li jimpedixxu t-teħid tal-ikkuntrattar tal-prestazzjoni tal-enerġija u mudelli ta' servizz tal-effiċjenza enerġetika ⁽¹⁾
- iv. Politiki, miżuri u programmi oħra ppjanati biex jilhqqu l-kontributi indikattivi tal-effiċjenza enerġetika nazzjonali għall-2030 kif ukoll objettivi oħra msemmija fil-punt 2.2 (pereżempju miżuri biex jippromwovu r-rwol eżemplari tal-bini pubbliku u l-akkwist pubbliku effiċjenti fl-enerġija, miżuri li jippromwovu verifiki tal-enerġija u sistemi ta' ġestjoni tal-enerġija ⁽²⁾, informazzjoni għall-konsumatur u miżuri ta' taħriġ ⁽³⁾, u miżuri oħra li jippromwovu l-effiċjenza enerġetika ⁽⁴⁾)
- v. Meta jkun applikabbli, deskrizzjoni tal-politiki u l-miżuri li jippromwovu r-rwol tal-komunitajiet tal-enerġija lokali fil-kontribut għall-implimentazzjoni tal-politiki u l-miżuri fil-punti i, ii, iii u iv
- vi. Deskrizzjoni ta' miżuri biex jiġu żviluppati miżuri għall-użu tal-potenzjalitajiet tal-effiċjenza enerġetika tal-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku ⁽⁵⁾
- vii. Kooperazzjoni reġjonali f'dan il-qasam, meta tkun applikabbli
- viii. Miżuri ta' finanzjament, li jinkludu sostenn mill-Unjoni u l-użu ta' fondi tal-Unjoni, fil-qasam fil-livell nazzjonali

3.3. Dimensjoni "sigurtà tal-enerġija" ⁽⁶⁾

- i. Politiki u miżuri marbuta mal-elementi stabbiliti fil-punt 2.3 ⁽⁷⁾
- ii. Kooperazzjoni reġjonali f'dan il-qasam
- iii. Meta jkun applikabbli, il-miżuri finanzjarji f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, inklużi l-appoġġ mill-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni

3.4. Dimensjoni "suq intern tal-enerġija" ⁽⁸⁾

3.4.1. Infrastruttura tal-elettriku

- i. Politiki u miżuri sabiex jinkiseb il-livell fil-mira tal-interkonnettività kif stabbilit fil-punt (d) tal-Artikolu 4
- ii. Kooperazzjoni reġjonali f'dan il-qasam ⁽⁹⁾
- iii. Meta jkun applikabbli, il-miżuri finanzjarji f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, inklużi l-appoġġ mill-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni

3.4.2. Infrastruttura tat-trażmissjoni tal-enerġija

- i. Politiki u miżuri marbuta mal-elementi stabbiliti fil-punt 2.4.2, li jinkludu, meta jkun applikabbli, miżuri speċifiċi li jippermettu t-twassil ta' Proġetti ta' Interess Komuni (PCIs) u proġetti infrastrutturali ewlenin oħra
- ii. Kooperazzjoni reġjonali f'dan il-qasam ⁽¹⁰⁾
- iii. Meta jkun applikabbli, il-miżuri finanzjarji f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, inklużi l-appoġġ mill-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni

3.4.3. Integrazzjoni tas-suq

- i. Politiki u miżuri marbuta mal-elementi stabbiliti fil-punt 2.4.3

⁽¹⁾ B'konformità mal-Artikolu 18 tad-Direttiva 2012/27/UE.

⁽²⁾ B'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2012/27/UE.

⁽³⁾ B'konformità mal-Artikoli 12 u 17 tad-Direttiva 2012/27/UE.

⁽⁴⁾ B'konformità mal-Artikolu 19 tad-Direttiva 2012/27/UE.

⁽⁵⁾ B'konformità mal-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2012/27/UE.

⁽⁶⁾ Il-politiki u l-miżuri għandhom jirriflettu l-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel".

⁽⁷⁾ Il-konsistenza għandha tiġi żgurata bl-azzjoni preventiva u l-pjanijiet tal-emerġenza skont ir-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 (ĠU L 280, 28.10.2017, p. 1), kif ukoll il-pjanijiet ta' thejġija għar-riskji skont ir-Regolament (UE) 2018/2001 [kif propost permezz ta' COM(2016) 862 dwar it-thejġija għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar Direttiva 2005/89/KE].

⁽⁸⁾ Il-politiki u l-miżuri għandhom jirriflettu l-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel".

⁽⁹⁾ Għajr għall-Gruppi Reġjonali PCI stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 347/2013.

⁽¹⁰⁾ Għajr għall-Gruppi Reġjonali PCI stabbiliti skont ir-Regolament (UE) Nru 347/2013.

- ii. Miżuri biex tiżdied il-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija fir-rigward tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, bħall-grids intelliġenti, l-aggregazzjoni, ir-rispons għad-domanda, il-ħżin, il-ġenerazzjoni distribwita, il-mekkaniżmi għad-dispaċċ, ir-ridispaċċ u t-tnaqqis u s-sinjali tal-prezzijiet f'ħin reali, inkluża l-introduzzjoni tal-akkoppjament tas-swieq tal-istess ġurnata u tas-swieq tal-ibbilanċjar trans-fruntiera
- iii. Meta jkun applikabbli, miżuri li jiżguraw il-parteċipazzjoni nondiskriminatorja tal-enerġija rinnovabbli, ir-rispons għad-domanda u l-ħżin, inkluż permezz tal-aggregazzjoni, fis-swieq kollha tal-enerġija
- iv. Politiki u miżuri li jipproteġu lill-konsumaturi, speċjalment il-konsumaturi vulnerabbli u, meta jkun applikabbli, lil dawk f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku, u li jtejbu l-kompetittività u l-kontestabbiltà tas-suq bl-immnut tal-enerġija.
- v. Deskrizzjoni ta' miżuri li jippermettu u jiżviluppaw ir-rispons għad-domanda, li jinkludu dawk li jindirizzaw tariffi li jsostnu prezzijiet dinamiċi ⁽¹⁾

3.4.4. Faqar enerġetiku

- i. Meta jkun applikabbli, politiki u miżuri sabiex jintlaħqu l-oġġettivi stabbiliti fil-punt 2.4.4

3.5. Dimensjoni "riċerka, innovazzjoni u kompetittività"

- i. Politiki u miżuri marbuta mal-elementi stabbiliti fil-punt 2.5
- ii. Meta jkun applikabbli, kooperazzjoni ma' Stati Membri oħra f'dan il-qasam, li tinkludi – meta jkun xieraq – informazzjoni dwar kif l-oġġettivi u l-politiki tal-Pjan SET qed jiġu tradotti fil-kuntest nazzjonali.
- iii. Meta jkun applikabbli, il-miżuri finanzjarji f'dan il-qasam fil-livell nazzjonali, inklużi l-appoġġ mill-Unjoni u l-użu tal-fondi tal-Unjoni

TAQSIMA B: BAŻI ANALITIKA ⁽²⁾

4. SITWAZZJONI ATTWALI U PROJEZZJONIJIET B'POLITIKI U MIŻURI EŻISTENTI ⁽³⁾ ⁽⁴⁾

4.1. Evoluzzjoni proġettata ta' fatturi eżoġeni ewlenin li jinfluwenzaw is-sistema tal-enerġija u l-iżviluppi fl-emissjonijiet ta' GHGs

- i. Previżjonijiet makroekonomiċi (PDG u tkabbir tal-popolazzjoni)
- ii. Bidliet settorjali li mistennija jħallu impatt fuq is-sistema tal-enerġija u l-emissjonijiet ta' GHGs
- iii. Xejriet tal-enerġija globali, prezzijiet internazzjonali tal-karburanti fossili, prezz tal-karbonju tal-EU-ETS
- iv. Żviluppi fl-ispejjeż tat-teknoloġija

4.2. Dimensjoni "dekarbonizzazzjoni"

4.2.1. Emissjonijiet u assorbimenti ta' GHGs

- i. Xejriet attwali fl-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' GHGs fl-EU ETS, il-kondiviżjoni tal-isforzi u s-setturi LULUCF u setturi differenti tal-enerġija
- ii. Projezzjonijiet ta' żviluppi settorjali b'politiki u miżuri nazzjonali u tal-Unjoni eżistenti tal-anqas sal-2040 (li jinkludu għas-sena 2030)

⁽¹⁾ B'konformità mal-Artikolu 15(8) tad-Direttiva 2012/27/UE.

⁽²⁾ Ara l-Parti 2 għal lista dettaljata ta' parametri u fatturi varjabbli li jridu jiġu rapportati fit-Taqsima B tal-Pjan.

⁽³⁾ Is-sitwazzjoni attwali għandha tirrifletti d-data ta' ppreżentazzjoni tal-pjan nazzjonali (jew l-aħħar data disponibbli). Il-politiki u l-miżuri eżistenti jinkorporaw politiki u miżuri implimentati u adottati. Il-politiki u l-miżuri adottati huma dawk li dwarhom tkun ittieħdet deċiżjoni uffiċjali mill-gvern sad-data ta' ppreżentazzjoni tal-pjan nazzjonali u li jkun hemm impenn ċar favur l-implimentazzjoni tagħhom. Politiki u miżuri implimentati huma dawk li għalihom japplikaw waħda jew iktar minn dawn li ġejjin fid-data ta' ppreżentazzjoni tal-pjan nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima jew tar-rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima: leġislazzjoni Ewropea direttament applikabbli jew leġislazzjoni nazzjonali tkun fis-seħħ, ikun ġie stabbilit ftehim volontarju wieħed jew iktar, ikunu ġew allokati r-riżorsi finanzjarji, ir-riżorsi umani jkunu ġew mobilizzati.

⁽⁴⁾ L-għażla ta' fatturi eżoġeni tista' tkun ibbażata fuq il-preżunzjonijiet magħmula fix-Xenarju ta' Riferiment tal-UE tal-2016 jew xenarji strateġiċi sussegwenti oħra għall-istess fatturi varjabbli. Minbarra hekk, ir-riżultati speċifiċi tal-Istati Membri tax-Xenarju ta' Riferiment tal-UE tal-2016 kif ukoll ir-riżultati ta' xenarji strateġiċi sussegwenti jistgħu jkunu sors utli ta' informazzjoni meta jiġu żviluppati l-projezzjonijiet nazzjonali bil-politiki u l-miżuri u l-valutazzjonijiet tal-impatt eżistenti.

4.2.2. Enerġija rinnovabbli

- i. Sehem attwali tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum gross ta' enerġija finali u foqhma differenti (tisħin u tkessiġ, elettriku u trasport) kif ukoll skont it-teknoloġija f'kull wieħed minn dawn is-setturi
- ii. Projezzjonijiet indikattivi ta' żvilupp bil-politiki eżistenti għas-sena 2030 (b'perspettiva għas-sena 2040)

4.3. Dimensjoni "effiċjenza enerġetika"

- i. Konsum ta' enerġija primarja u finali attwali fl-ekonomija u skont is-settur (li jinkludi l-industrija, is-settur residenzjali, is-servizzi u t-transport)
- ii. Potenzjal attwali għall-applikazzjoni ta' koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja u tisħin u tkessiġ distrettwali effiċjenti ⁽¹⁾
- iii. Projezzjonijiet li jikkunsidraw il-politiki, il-miżuri u l-programmi ta' effiċjenza enerġetika eżistenti kif deskritt fil-punt 1.2.(ii) għall-konsum ta' enerġija primarja u finali għal kull settur tal-anqas sal-2040 (inkluż għas-sena 2030) ⁽²⁾
- iv. Livelli kostottimali tar-rekwiżiti ta' prestazzjoni tal-enerġija minima li jirriżultaw minn kalkoli fil-livell nazzjonali, b'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2010/31/UE

4.4. Dimensjoni "sigurtà tal-enerġija"

- i. Taħlita tal-enerġija attwali, riżorsi tal-enerġija domestika, dipendenza fuq l-importazzjoni, inklużi r-riskji rilevanti
- ii. Projezzjonijiet ta' żviluppi b'politiki u miżuri eżistenti tal-anqas sal-2040 (inkluż għas-sena 2030)

4.5. Dimensjoni "suq intern tal-enerġija"

4.5.1. Interkonnettività tal-elettriku

- i. Livell ta' interkonnessjoni u interkonnetturi ewlenin attwali ⁽³⁾
- ii. Projezzjonijiet tar-rekwiżiti ta' espansjoni tal-interkonnettur (inkluż għas-sena 2030) ⁽⁴⁾

4.5.2. Infrastruttura tat-trażmissjoni tal-enerġija

- i. Karatteristiċi ewlenin tal-infrastruttura ta' trażmissjoni eżistenti għall-elettriku u l-gass ⁽⁵⁾
- ii. Projezzjonijiet għal rekwiżiti ta' espansjoni ta' netwerk tal-anqas sal-2040 (inkluż għas-sena 2030) ⁽⁶⁾

4.5.3. Swieq tal-elettriku u l-gass, prezzijiet tal-enerġija

- i. Sitwazzjoni attwali tas-swieq tal-elettriku u l-gass, li tinkludi l-prezzijiet tal-enerġija
- ii. Projezzjonijiet ta' żviluppi b'politiki u miżuri eżistenti tal-anqas sal-2040 (inkluż għas-sena 2030)

4.6. Dimensjoni "riċerka, innovazzjoni u kompetittività"

- i. Sitwazzjoni attwali fis-settur tat-teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju u, kemm jista' jkun, il-pożizzjoni tiegħu fis-suq globali (din l-analiżi għandha titwettaq fil-livell globali jew tal-Unjoni)
- ii. Livell attwali ta' riċerka pubblika u, meta tkun disponibbli, dik privata u nfiq fl-innovazzjoni fuq teknoloġiji b'livell baxx ta' karbonju, għadd attwali ta' privattivi, u għadd attwali ta' riċerkaturi
- iii. Rendikont tal-elementi attwali tal-prezzijiet li jiffurmaw it-tliet komponenti ewlenin tal-prezz (enerġija, netwerk, taxxi/dazji)
- iv. Deskrizzjoni tas-sussidji tal-enerġija, inkluż għall-karburanti fossili

⁽¹⁾ B'konformità mal-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2012/27/UE.

⁽²⁾ Dan in-negozju ta' referenza bħala projezzjoni tas-soltu għandu jkun il-bażi għall-mira tal-konsum tal-enerġija finali u primarja għall-2030 li huwa deskritt fi 2.3 u l-fatturi ta' konverżjoni.

⁽³⁾ B'referenza għall-istampa ġenerali tal-infrastruttura eżistenti ta' trażmissjoni minn Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni (TSOs).

⁽⁴⁾ B'referenza għall-pjanijiet tal-iżvilupp ta' networks nazzjonali u pjanijiet ta' investiment reġjonali ta' TSOs.

⁽⁵⁾ B'referenza għall-istampa ġenerali tal-infrastruttura eżistenti għat-trażmissjoni mit-TSOs.

⁽⁶⁾ B'referenza għall-pjanijiet tal-iżvilupp ta' networks nazzjonali u pjanijiet ta' investiment reġjonali ta' TSOs.

5. VALUTAZZJONI TAL-IMPATT TAL-POLITIKI U L-MIŻURI PPJANATI ⁽¹⁾

5.1. Impatti tal-politiki u l-miżuri ppjanati deskritti fit-taqsima 3 fuq is-sistema tal-enerġija u l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' GHGs, inkluż tqabbil tal-projezzjonijiet mal-politiki u l-miżuri eżistenti (kif deskritti fit-taqsima 4).

- i. Projezzjonijiet tal-iżvilupp tas-sistema tal-enerġija u tal-emissjonijiet u l-assorbiment ta' GHGs kif ukoll – meta jkun rilevanti – tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja b'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/2284 skont il-politiki u l-miżuri ppjanati tal-anqas sa għaxar snin wara l-perijodu kopert mill-pjan (inkluż għall-aħħar sena tal-perijodu kopert mill-pjan), inklużi l-politiki u l-miżuri rilevanti tal-Unjoni.
- ii. Valutazzjoni ta' interazzjonijiet tal-politika (bejn politiki u miżuri eżistenti u politiki u miżuri ppjanati fi ħdan dimensjoni politika u bejn politiki u miżuri eżistenti u politiki u miżuri ppjanati ta' dimensjonijiet differenti) tal-anqas sal-aħħar sena tal-perijodu kopert mill-pjan, b'mod partikolari biex jiġi stabbilit fehim robust tal-impatt tal-politiki dwar l-effiċjenza enerġetika / l-iffrankar enerġetiku fuq id-daqs tas-sistema tal-enerġija u biex jitnaqqas ir-riskju li investment imur ħażin fil-provvista tal-enerġija
- iii. Valutazzjoni tal-interazzjonijiet bejn il-politiki u l-miżuri eżistenti u l-politiki u l-miżuri ppjanati, u bejn dawk il-politiki u l-miżuri u l-miżuri tal-Unjoni fil-qasam tal-politika klimatika u enerġetika

5.2. Impatti makroekonomiċi u – skont kemm ikun fattibbli – impatti soċjali, fuq is-saħħa, l-ambjent, l-impjiegi, l-edukazzjoni u l-ħiliet, inklużi aspetti tranżitorji ġusti (f'termini ta' spejjeż u benefiċċji kif ukoll tal-kosteffikaċja) tal-politiki u l-miżuri ppjanati u deskritti fit-taqsima 3 tal-anqas sal-aħħar sena tal-perijodu kopert mill-pjan, li jinkludi tqabbil ta' projezzjonijiet ma' politiki u miżuri eżistenti

5.3. Stampa ġenerali tal-ħtiġijiet ta' investment

- i. flussi ta' investment eżistenti u suppożizzjonijiet ta' investment bil-quddiem fir-rigward tal-politiki u l-miżuri ppjanati
- ii. fatturi tar-riskji tas-settur jew tas-suq jew ostakli fil-kuntast nazzjonali jew reġjonali
- iii. analiżi tal-appoġġ finanzjarju pubbliku addizzjonali jew riżorsi sabiex jimtlew id-diskrepanzi identifikati fil-punt ii

5.4. Impatti tal-politiki u l-miżuri ppjanati deskritti fit-taqsima 3 fuq Stati Membri oħra u kooperazzjoni reġjonali tal-anqas sal-aħħar sena tal-perijodu kopert mill-pjan, inkluż tqabbil tal-projezzjonijiet mal-politiki u l-miżuri eżistenti

- i. Impatti fuq is-sistema tal-enerġija fil-viċinat u fi Stati Membri oħra fir-reġjun sa fejn ikun possibbli
- ii. Impatti fuq il-prezzijiet tal-enerġija, l-utilitajiet u l-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija
- iii. Meta jkun rilevanti, impatti fuq il-kooperazzjoni reġjonali

Parti 2

Lista ta' parametri u varjabbli li jridu jiġu rapportati fit-Taqsima B tal-Pjanijiet Nazzjonali ⁽²⁾ ⁽³⁾ ⁽⁴⁾ ⁽⁵⁾

Il-parametri, il-fatturi varjabbli, il-bilanċi u l-indikaturi tal-enerġija li ġejjin għandhom jiġu rapportati fit-Taqsima B “Bażi Analitika” tal-Pjanijiet Nazzjonali, jekk jintużaw:

1. Parametri u fatturi varjabbli ġenerali

(1) Popolazzjoni [f'miljun]

⁽¹⁾ Il-politiki u l-miżuri ppjanati huma għażliet li jridu jiġu diskussi u li għandhom ċans realistiku li jiġu adottati u implimentati wara d-data ta' pprezentazzjoni tal-pjan nazzjonali. Għalhekk il-projezzjonijiet li jirriżultaw skont taqsima 5.1.i għandhom jinkludu mhux biss il-politiki u l-miżuri implimentati u adottati (projezzjonijiet b'politiki u miżuri eżistenti), imma wkoll il-politiki u l-miżuri ppjanati.

⁽²⁾ Għall-pjan li jkopri l-perijodu mill-2021 sal-2030: Għal kull parametru/fattur varjabbli fil-lista, għandhom jiġu rapportati x-xejriet matul is-snin 2005-2040 (2005-2050 meta jkun xieraq), inkluż għas-sena 2030, f'intervalli ta' ħames snin kemm fit-taqsima 4 kif ukoll fit-taqsima 5. Għandu jiġi indikat parametru bbażat fuq suppożizzjonijiet eżoġeni kontra output immudellat.

⁽³⁾ Kemm jista' jkun, id-data u l-projezzjonijiet rapportati għandhom jissawru fuq u jkunu konsistenti mad-data tal-EUROSTAT u l-metodoloġija użata għar-rapportar tal-istatistika Ewropea fil-liggi settorjali rilevanti, peress li l-istatistika Ewropea hija s-sors ewleni ta' data statistika użata għar-rapportar u l-monitoraġġ, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea.

⁽⁴⁾ Nota: il-projezzjonijiet kollha għandhom isiru abbażi ta' prezzijiet kostanti (prezzijiet tal-2016 użati bħala sena bażi)

⁽⁵⁾ Il-Kummissjoni se tippovdi rakkomandazzjonijiet għal parametri ewlenin, li tal-anqas ikopru l-prezzijiet taż-żejt, il-gass u l-importazzjoni tal-faħam kif ukoll il-prezzijiet tal-karbonju fl-EU-ETS.

- (2) PDG [f'miljuni ta' euro]
- (3) Valur gross settorjali miżjud [li jinkludi s-setturi industrijali, ta' kostruzzjoni, tas-servizzi u agrikoli ewlenin] [f'miljuni ta' euro]
- (4) Għadd ta' unitajiet domestiċi [f'eluf]
- (5) Daqs tal-unitajiet domestiċi [residenti/unitajiet domestiċi]
- (6) Introjtu disponibbli tal-unitajiet domestiċi [f'euro]
- (7) Għadd ta' kilometri tal-passiġġieri: il-modi kollha, jiġifieri maqsumin bejn triq (karożżi u xarabanks separati jekk possibbli), ferrovija, avjazzjoni u navigazzjoni domestika (meta jkun rilevanti) [f'miljun ta' pkm]
- (8) Tunnellati-kilometri ta' trasport tal-merkanzija: il-modi kollha bl-esklużjoni ta' tbaħħir internazzjonali, jiġifieri maqsumin bejn triq, ferrovija, avjazzjoni, navigazzjoni domestika (passaġġi fuq l-ilma interni u trasport marittimu nazzjonali) [f'miljuni ta' tkm]
- (9) Prezzijiet tal-importazzjoni taż-żejt, tal-gass u karburant tal-faħam [EUR/G] jew euro/toe] ibbażati fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni
- (10) Prezz tal-karbonju tal-EU-ETS [EUR/EUA] ibbażat fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni
- (11) Suppożizzjonijiet fuq ir-rati tal-kambju għal EUR u USD (meta jkun applikabbli) [euro/munita u USD/munita]
- (12) Għadd ta' Jiem ta' Gradi ta' Tisħin (HDD)
- (13) Għadd ta' Jiem ta' Gradi ta' Tkessiħ (CDD)
- (14) Suppożizzjonijiet dwar spejjeż ta' teknoloġija użati fl-immudellar għal teknoloġiji rilevanti ewlenin

2. Bilanċi u indikaturi tal-enerġija

2.1. Provvista tal-enerġija

- (1) Produzzjoni indiġena skont it-tip ta' karburant (kull prodott tal-enerġija li jiġi prodott fi kwantitajiet sinifikanti) [ktoe]
- (2) Importazzjonijiet netti skont it-tip ta' karburant (inkluż l-elettriku u maqsumin f'importazzjonijiet netti intra-UE u extra-UE) [ktoe]
- (3) Dipendenza fuq l-importazzjoni minn pajjiżi terzi [%]
- (4) Sorsi ewlenin tal-importazzjoni (pajjiżi) għal trasportaturi ewlenin tal-enerġija (inklużi l-gass u l-elettriku)
- (5) Konsum Domestiku Gross tal-Enerġija skont is-sors tat-tip ta' karburant (li jinkludi solidi, il-prodotti kollha tal-enerġija: faħam, prodotti taż-żejt mhux maħdum u tal-petroleum, gass naturali, enerġija nukleari, elettriku, tisħin derivat, sorsi ta' enerġija rinnovabbli, skart) [ktoe]

2.2. Elettriku u tisħin

- (1) Ġenerazzjoni elettrika grossa [GWh]
- (2) Ġenerazzjoni elettrika grossa skont il-karburant (il-prodotti kollha tal-enerġija) [GWh]
- (3) Sehem ta' ġenerazzjoni tal-enerġija u tas-sħana kkombinati fil-ġenerazzjoni totali tal-elettriku u tas-sħana [%]
- (4) Ġenerazzjoni tal-kapaċità tal-elettriku skont is-sors, li tinkludi l-irtirar u investiment ġdid [MW]
- (5) Ġenerazzjoni tas-sħana mill-ġenerazzjoni tal-enerġija termali
- (6) Ġenerazzjoni tas-sħana minn impjanti tat-tisħin u tal-enerġija kkombinati, inkluża s-sħana industrijali mormija
- (7) Kapaċitajiet ta' interkonnessjoni transkonfinali għall-gass u l-elettriku [Definizzjoni għall-elettriku skont l-eżitu tad-diskussjonijiet li għaddejjin abbażi tal-mira ta' interkonnessjoni ta' 15 %] u r-rati tal-użu projettat tagħhom

2.3. Settur tat-trasformazzjoni

- (1) Inputs tal-karburant għall-ġenerazzjoni tal-enerġija termali (li jinkludu solidi, żejt, gass) [ktoe]
- (2) Inputs ta' karburant għal proċessi ta' konverżjoni oħra [ktoe]

2.4. Konsum ta' enerġija

- (1) Konsum ta' enerġija primarja u finali [ktoe]
- (2) Konsum ta' enerġija finali skont is-settur (inklużi l-industrija, is-settur residenzjali, is-settur terzjarju, l-agrikoltura u t-trasport (inkluż it-trasport maqsum bejn il-passiġġieri u l-merkanzija, meta jkun disponibbli)) [ktoe]
- (3) Konsum ta' enerġija finali skont il-karburant (il-prodotti kollha tal-enerġija) [ktoe]
- (4) Konsum finali mhux tal-enerġija [ktoe]
- (5) Intensità ta' enerġija primarja tal-ekonomija globali (konsum ta' enerġija primarja/PDG [toe/euro])
- (6) Intensità ta' enerġija finali skont is-settur (inklużi l-industrija, is-settur residenzjali, is-settur terzjarju u t-trasport (inkluż it-trasport maqsum bejn il-passiġġieri u l-merkanzija, meta jkun disponibbli))

2.5. Prezzijiet

- (1) Prezzijiet tal-elettriku skont it-tip ta' użu tas-settur (residenzjali, industrijali, terzjarju)
- (2) Prezzijiet nazzjonali tal-karburant bl-imnut (li jinkludu t-taxxi, skont is-sors u s-settur) [euro/ktoe]

2.6. Investiment

Spejjeż tal-investiment fis-setturi tat-trasformazzjoni, il-provvista, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija

2.7. Sorsi ta' enerġija rinnovabbli

- (1) Konsum finali gross ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum gross ta' enerġija finali u skont is-settur (elettriku, tisħin u tkessiġ, trasport) u skont it-teknoloġija
- (2) Ġenerazzjoni tal-elettriku u tat-tisħin mill-enerġija rinnovabbli fil-bini; dan għandu jinkludi, meta tkun disponibbli, data diżaggregata fuq l-enerġija prodotta, ikkonsmata u injettata fil-grid minn sistemi solari fotovoltaiċi, sistemi termali solari, bijomassa, pompi tas-sħana, sistemi ġeotermiċi kif ukoll sistemi tal-enerġija rinnovabbli deċentralizzati
- (3) Meta jkun applikabbli, trajettorji nazzjonali oħra, li jinkludu dawk li jkunu fit-tul jew settorjali s-sehem ta' bijokarburanti minn kultivazzjonijiet alimentari u dawk avvanzati, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin distrettwali, kif ukoll l-enerġija rinnovabbli prodotta fl-ibliet u fil-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli.

3. Indikaturi relatati ta' emissjonijiet u assorbimenti ta' GHGs

- (1) Emissjonijiet ta' GHGs skont is-settur tal-politika (l-EU-ETS, il-kondiviżjoni tal-isforzi u l-LULUCF)
- (2) Emissjonijiet ta' GHGs skont is-settur IPCC u skont il-gass (meta jkun rilevanti, maqsumin bejn l-EU-ETS u setturi għall-kondiviżjoni tal-isforzi) [tCO₂eq]
- (3) Intensità tal-karbonju tal-ekonomija globali [tCO₂eq/PDG]
- (4) Indikaturi relatati mas-CO₂
 - (a) Intensità f'termini ta' GHGs tal-ġenerazzjoni domestika ta' sħana u elettriku [tCO₂eq/MWh]
 - (b) Intensità f'termini ta' GHGs tal-konsum ta' enerġija finali skont is-settur [tCO₂eq/toe]
- (5) Parametri marbuta ma' emissjonijiet mhux ta' CO₂
 - (a) Bhejjem: baqar tal-ħalib [1 000 waħda], baqar mhux tal-ħalib [1 000 waħda], nagħaġ [1 000 waħda], ħnieżer [1 000 wieħed], tjur [1 000 waħda]
 - (b) Input ta' nitroġenu mill-bexx ta' fertilizzanti sintetiċi [kt ta' nitroġenu]
 - (c) Input ta' nitroġenu mit-tpoġġija tad-demel [kt nitroġenu]
 - (d) Nitroġenu fiss fl-għelejjel li jiffissaw in-nitroġenu [kt ta' nitroġenu]

- (e) Nitroġenu f'residwi tal-għelejjel ritornati fil-ħamrija [kt ta' nitroġenu]
 - (f) Erja ta' ħamrija organika kkultivata [ettari]
 - (g) Ġenerazzjoni tal-iskart solidu municiċipali (MSW)
 - (h) Skart solidu municiċipali (MSW) li jintrema fil-miżbliet
 - (i) Sehem ta' rkupru ta' CH₄ fil-ġenerazzjoni totali ta' CH₄ mill-miżbliet [%]
-

ANNEX II

**KONTRIBUTI NAZZJONALI GĦAS-SEHEM TA' ENERĠIJA MINN SORSI RINNOVABBLI FIL-KONSUM FINALI
GROSS TA' ENERĠIJA FL-2030**

1. Il-formula indikattiva li ġejja tirrappreżenta l-kriterji oġġettivi elenkati fil-punti (e)(i) sa (v) tal-Artikolu 5(1), kull wieħed espress f'punti perċentwali:
 - (a) il-mira vinkolanti nazzjonali tal-Istat Membru għall-2020 kif stabbilita fit-tielet kolonna tat-tabella Anness I tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
 - (b) kontribut b'rata fissa (C_{Flat});
 - (c) kontribut abbażi tal-PDG per capita (C_{GDP});
 - (d) kontribut abbażi tal-potenzjal ($C_{Potential}$);
 - (e) kontribut li jirrifletti l-livell ta' interkonnessjoni tal-Istat Membru ($C_{Interco}$).
 2. $Is-C_{Flat}$ għandu jkun l-istess għal kull Stat Membru. $Is-C_{Flat}$ tal-Istati Membri kollha flimkien għandu jikkontribwixxi 30 % tad-differenza bejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 u l-2020.
 3. $Is-C_{GDP}$ għandu jiġi allokat bejn l-Istati Membri abbażi tal-indiċi tal-PDG per capita tal-Eurostat għall-medja tal-Unjoni tul il-perijodu 2013 sal-2017, espress fi standard tal-poter tal-akkwist, b'indiċi massimu ta' 150 % tal-medja tal-Unjoni għal kull Stat Membru individwali. $Is-C_{GDP}$ tal-Istati Membri kollha flimkien għandu jikkontribwixxi 30 % tad-differenza bejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 u l-2020.
 4. $Is-C_{Potential}$ għandu jiġi allokat bejn l-Istati Membri abbażi tad-differenza bejn is-sehem tal-RES ta' Stat Membru fl-2030 kif muri fix-xenarju PRIMES u l-miri nazzjonali vinkolanti tiegħu għall-2020. $Is-C_{Potential}$ tal-Istati Membri kollha flimkien għandu jikkontribwixxi 30 % tad-differenza bejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 u l-2020.
 5. $Is-C_{Interco}$ għandu jkun allokat bejn l-Istati Membri abbażi ta' indiċi tas-sehem tal-interkonnessjoni elettrika meta mqabbel mal-medja tal-Unjoni fl-2017, imkejjel bil-kapaċità ta' trasferiment nett fuq it-total ta' kapaċità ta' ġenerazzjoni installata, b'indiċi tas-sehem tal-interkonnessjoni massimu ta' 150 % tal-medja tal-Unjoni għal kull Stat Membru individwali. $Is-C_{Interco}$ tal-Istati Membri kollha flimkien għandu jikkontribwixxi għal 10 % tad-differenza bejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 u l-2020.
-

ANNEX III

**NOTIFIKA TAL-MIŻURI U L-METODOLOĠIJA TAL-ISTATI MEMBRI BIEX JIMPLIMENTAW L-ARTIKOLU 7
TAD-DIRETTIVA 2012/27/UE**

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw il-metodoloġija dettaljata proposta minnhom lill-Kummissjoni b'konformità mal-punt 5 tal-Anness V tad-Direttiva 2012/27/UE għall-operat tal-iskemi ta' obbligu ta' effiċjenza enerġetika u l-miżuri ta' politika pubblika alternattivi msemmija fl-Artikoli 7a u 7b u fl-Artikolu 20(6) ta' dik id-Direttiva.

1. Il-kalkolu tal-livell tar-rekwiżit ta' ffrankar enerġetiku għandu jinkiseb fuq il-perijodu kollu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030, sabiex jintwera kif l-elementi li ġejjin jittieħdu inkunsiderazzjoni:
 - (a) il-konsum annwali ta' enerġija finali, fuq il-medja tal-perijodu tat-tliet snin l-aktar reċenti qabel l-1 ta' Jannar 2019 [f'ktoe];
 - (b) l-ammont kumulattiv totali ta' ffrankar enerġetiku fil-konsum finali li għandu jinkiseb [f'ktoe] skont il-punt (b) tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2012/27/UE;
 - (c) id-data użata fil-kalkolu tal-konsum ta' enerġija finali u s-sorsi ta' din id-data, inkluża ġustifikazzjoni għall-użu ta' sorsi tal-istatistika alternattivi u kwalunkwe differenza fil-kwantitajiet li jirriżultaw (jekk jintużaw sorsi oħra li mhumiex ta' Eurostat);
2. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jużaw xi waħda mill-possibbiltajiet skont l-Artikolu 7(2) tad-Direttiva 2012/27/UE għandhom jinnotifikaw ukoll il-kalkolu tagħhom tal-livell tar-rekwiżit ta' ffrankar enerġetiku li għandu jinkiseb matul il-perijodu kollu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030, u li juru kif jitqiesu wkoll l-elementi li ġejjin:
 - (a) ir-rata ta' ffrankar annwali tagħhom;
 - (b) il-bażi tal-kalkolu tagħhom u l-enerġija użata fit-trasport, kompletament jew parzjalment, eskluż mill-kalkolu [f'ktoe];
 - (c) l-ammont kumulattiv ta' ffrankar enerġetiku kkalkulat matul il-perijodu kollu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 (qabel l-applikazzjoni tal-għażliet imsemmija fil-punti (b) sa (g) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE) [f'ktoe];
 - (d) l-applikazzjoni tal-għażliet imsemmija fil-punti (b) sa (g) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE:
 - (i) il-konsum ta' enerġija finali fl-attivitajiet industrijali [f'ktoe] elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2003/87/KE esklużi mill-kalkolu, b'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE;
 - (ii) l-ammont ta' ffrankar enerġetiku [f'ktoe] miksub fis-setturi ta' trasformazzjoni, distribuzzjoni u trażmissjoni tal-enerġija, anke permezz ta' infrastruttura effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ distrettwali, b'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE;
 - (iii) l-ammont ta' enerġija ffrankata [f'ktoe] li jirriżulta minn azzjonijiet individwali ġodda li jkunu ġew implimentati mill-31 ta' Diċembru 2008 u li jibqa' jkollhom impatt fl-2020 u lil hinn, b'konformità mal-punt (d) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE;
 - (iv) l-ammont ta' enerġija ffrankata [f'ktoe] li jirriżulta minn miżuri ta' politika pubblika, sakemm ikun jista' jintwera li daww il-miżuri ta' politika pubblika jirriżultaw f'azzjonijiet individwali mwettqa mill-1 ta' Jannar 2018 u sal-31 ta' Diċembru 2020, u jwasslu għal iffrankar wara l-31 ta' Diċembru 2020, b'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE;
 - (v) l-ammont ta' enerġija ġġenerata [f'ktoe] fuq jew fil-bini għal użu proprju b'riżultat ta' miżuri ta' politika li jippromwovu l-installazzjoni ġdida ta' teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli, skont il-punt (f) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE;
 - (vi) l-ammont ta' ffrankar enerġetiku [f'ktoe] li jeċċedi l-enerġija ffrankata kumulattiva meħtieġa fil-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2020 u li l-Istati Membri jgħodduh għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2021 u l-31 ta' Diċembru 2030 b'konformità mal-punt (g) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE;
 - (e) l-ammont kumulattiv totali ta' enerġija ffrankata (wara l-applikazzjoni tal-għażliet imsemmija fil-punti (b) sa (g) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE).

3. Miżuri ta' politika pubblika b'kunsiderazzjoni tal-kisba tar-rekwiżit tal-iffrankar imsemmi fl-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2012/27/UE:

3.1. Skemi ta' obbligu tal-effiċjenza enerġetika msemmija fl-Artikolu 7a tad-Direttiva 2012/27/UE:

- (a) deskrizzjoni tal-iskema ta' obbligu tal-effiċjenza enerġetika;
- (b) l-iffrankar mistenni tal-ammont annwali u kumulattiv u d-durata tal-perijodu/i ta' obbligu;
- (c) il-partijiet obbligati u r-responsabbiltajiet tagħhom;
- (d) setturi fil-mira;
- (e) azzjonijiet eliġibbli pprovduti skont din il-miżura;
- (f) informazzjoni dwar l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li ġejjin tad-Direttiva 2012/27/UE:
 - (i) meta jkun applikabbli, azzjonijiet speċifiċi, sehem ta' ffrankar li jrid jinkiseb fl-unitajiet domestiċi affettwati minn faqar enerġetiku b'konformità mal-Artikolu 7(11);
 - (ii) iffrankar miksub mill-fornituri tas-servizz tal-enerġija jew minn partijiet terzi oħra b'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 7a(6);
 - (iii) "operazzjonijiet bankarji u self" b'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 7a(6);
- (g) meta jkun rilevanti, informazzjoni dwar negozjar fl-iffrankar enerġetiku.

3.2 Miżuri alternattivi msemmija fl-Artikolu 7b u l-Artikolu 20(6) tad-Direttiva 2012/27/UE (għajr it-tassazzjoni):

- (a) tip ta' miżura politika;
- (b) deskrizzjoni fil-qosor tal-miżura politika, li tinkludi l-karatteristiċi tad-disinn għal kull miżura politika notifikata;
- (c) l-ammont kumulattiv u annwali totali mistenni ta' ffrankar għal kull miżura u/jew l-ammont tal-enerġija ffrankata fir-rigward ta' kwalunkwe perijodu intermedjarju;
- (d) l-awtoritajiet pubbliċi tal-implimentazzjoni, il-partijiet tal-parteċipazzjoni jew fdati u r-responsabbiltajiet tagħhom għall-implimentazzjoni tal-miżura/i;
- (e) setturi fil-mira;
- (f) azzjonijiet eliġibbli pprovduti skont din il-miżura;
- (g) meta jkun applikabbli, miżuri ta' politika pubblika speċifiċi jew azzjonijiet individwali li jkollhom fil-mira l-faqar enerġetiku.

3.3. Informazzjoni dwar miżuri ta' tassazzjoni:

- (a) deskrizzjoni fil-qosor tal-miżura ta' tassazzjoni;
- (b) durata tal-miżura ta' tassazzjoni;
- (c) l-awtorità pubblika tal-implimentazzjoni;
- (d) ammont kumulattiv u annwali mistenni ta' ffrankar għal kull miżura;
- (e) l-oqsma u s-settur tal-kontribwenti fil-mira;
- (f) il-metodoloġija tal-kalkolu, inkluż liema elastiċitajiet tal-prezz huma użati u kif ikun ġew stabbiliti, b'konformità mal-punt (4) tal-Anness V tad-Direttiva 2012/27/UE.

4. Metodoloġija tal-kalkolu għal miżuri notifikati skont l-Artikoli 7a u 7b u l-Artikolu 20(6) tad-Direttiva 2012/27/UE (għajr għall-miżuri ta' tassazzjoni):

- (a) metodi ta' kejl użati msemmija fil-punt 1 tal-Anness V tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (b) metodu li jesprimi l-iffrankar enerġetiku (iffrankar ta' enerġija primarja jew finali);
- (c) Ħajjet il-miżuri, ir-rata li biha l-iffrankar jonqos maż-żmien u l-approċċ użat sabiex titqies ħajjet l-iffrankar;
- (d) deskrizzjoni fil-qosor tal-metodoloġija tal-kalkolu, li tinkludi kif jiġu żgurati l-addizzjonalità u l-materjalità tal-iffrankar u liema metodoloġiji u punti ta' riferiment qed jintużaw għall-iffrankar stmat u għall-iffrankar skalat;

- (e) informazzjoni dwar kif il-possibbiltà ta' trikkib bejn il-miżuri u l-azzjonijiet individwali tiġi indirizzata biex jiġi evitat l-għadd doppju tal-iffrankar enerġetiku;
- (f) meta jkun rilevanti, varjazzjonijiet klimatiċi u l-approċċ użat.

5. Monitoraġġ u verifika

- (a) deskrizzjoni fil-qosor tas-sistema ta' monitoraġġ u verifika u l-proċess tal-verifika;
 - (b) l-awtorità pubblika tal-implimentazzjoni u r-responsabbiltajiet ewlenin tagħha għas-sistema ta' monitoraġġ u ta' verifika fir-rigward tal-iskema ta' obbligu tal-effiċjenza enerġetika jew miżuri alternattivi;
 - (c) l-indipendenza tal-monitoraġġ u l-verifika mill-partijiet obbligati, parteċipanti jew fdati;
 - (d) proporzjon statistikament sinifikanti ta' miżuri ta' titjib tal-effiċjenza enerġetika u l-proporzjon u l-kriterji użati li jiddefinixxu u jagħżlu kampjun rappreżentattiv;
 - (e) l-obbligi ta' rapportar għall-partijiet obbligati (iffrankar miksub minn kull parti obbligata, jew kull sottokategorija ta' parti obbligata, u t-total ta' kollox skont l-iskema).
 - (f) pubblikazzjoni tal-iffrankar enerġetiku miksub (kull sena) skont l-iskema ta' obbligu ta' effiċjenza enerġetika u miżuri alternattivi;
 - (g) informazzjoni dwar il-liġi tal-Istat Membru rigward il-penali li jridu jiġu applikati fil-każ ta' nuqqas ta' konformità;
 - (h) informazzjoni dwar il-miżuri ta' politika pprovduti fil-każ li l-progress ma jkunx sodisfaċenti.
-

ANNEX IV

QAFAS ĠENERALI GĦAL STRATEĠIJA FIT-TUL**1. STAMPA ĠENERALI U PROĊESS GĦALL-IŻVILUPP TAL-ISTRATEĠIJA**

- 1.1. Sommarju eżekuttiv
- 1.2. Kuntest legali u politiku
- 1.3. Konsultazzjoni pubblika

2. KONTENUT**2.1. TNAQQIS TOTALI F'EMISSIONIJET TA' GHGs U TITJIB FL-ASSORBIMENTI MILL-BJAR**

- 2.1.1. Projezzjonijiet għal tnaqqis fl-emissionijiet u titjib fl-assorbimenti sal-2050
- 2.1.2. Mira nazzjonali għall-2030 u lil hinn, jekk tkun disponibbli, u trawwardi indikattivi għall-2040 u l-2050
- 2.1.3. Politiki u miżuri ta' adattament

2.2. ENERĠIJA RINNOVABBILI

- 2.2.1 Skont kemm ikun fattibbli, is-sehem probabbli stmat ta' enerġija rinnovabbli fil-konsum ta' enerġija finali sal-2050

2.3. EFFIĊJENZA ENERĠETIKA

- 2.3.1. Skont kemm ikun fattibbli, il-konsum probabbli stmat ta' enerġija sal-2050

2.4. KONTENUT RELATAT SPEĊIFIKU GĦAS-SETTUR**2.4.1. Sistema tal-enerġija**

- 2.4.1.1. Trajettorja jew firxa tal-emissionijiet futuri previsti jew probabbli
- 2.4.1.2. Deskrizzjoni ġenerali tal-motivaturi ewlenin tal-effiċjenza enerġetika, il-flessibbiltà tad-domanda u l-konsum tal-enerġija u l-evoluzzjoni tagħhom mill-2021 u lil hinn

2.4.2. Industrija

- 2.4.2.1. Tnaqqis mistenni fl-emissionijiet skont is-settur u d-domanda tal-enerġija
- 2.4.2.2. Stampa ġenerali tal-politiki, il-pjanijiet u l-miżuri eżistenti għad-dekarbonizzazzjoni kif deskritti fil-punt 2.1 tat-Taqsima A tal-Parti 1 tal-Anness I

2.4.3. Trasport

- 2.4.3.1. Emissionijiet mistennija u sorsi tal-enerġija skont it-tip ta' trasport (pereżempju karożżi u vannijiet, trasport b'vetturi tqal, trasport bil-baħar, avjazzjoni, ferrovija)
- 2.4.3.2. Għażliet għad-dekarbonizzazzjoni

2.4.4. Agrikoltura u użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u forestrija (LULUCF)

- 2.4.4.1. Skont kemm ikun fattibbli, l-emissionijiet mistennija skont is-sorsi u l-GHGs individwali
- 2.4.4.2. L-għażliet previsti għat-tnaqqis fl-emissionijiet
- 2.4.4.3. Rabtiet ma' politiki fil-qasam tal-agrikoltura u l-iżvilupp rurali

3. FINANZJAMENT

- 3.1. Stimuli ta' investimenti meħtieġa
- 3.2. Politiki u miżuri għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni relatati

4. VALUTAZZJONI TAL-IMPATT TAL-ASPETTI SOĊJOEKONOMIĊI

5. ANNESSI (skont il-bżonn)

5.1. Dettalji dwar immudellar (inklużi preżunzjonijiet) u/jew analiżi, indikaturi eċċ.

ANNEX V

INFORMAZZJONI DWAR L-INVENTARJI TA' GHGs

Parti 1

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 26(3):

- (a) l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' GHGs elenkati fil-Parti 2 ta' dan l-Anness u l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' GHGs imsemmija fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament (UE) 2018/842 għas-sena X-2;
- (b) data dwar l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' monossidu tal-karbonju (CO), diossidu tal-kubrit (SO₂), ossidi tan-nitroġenu (NO_x) u komposti organiċi volatili, konsistenti mad-data diġà rapportata b'konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2016/2284 għas-sena X-2;
- (c) l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' GHGs mis-sorsi u l-assorbimenti ta' CO₂ mill-bjar li jirriżultaw mil-LULUCF, għas-sena X-2, b'konformità mal-metodoloġiji speċifikati fil-Parti 3 ta' dan l-Anness. Din id-data għandha tkun rilevanti wkoll għar-rapport ta' konformità skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2018/841;
- (d) kwalunkwe bidla fl-informazzjoni msemmija fil-punti (a), (b) u (c) għas-snin bejn is-sena jew perijodu bażi rilevanti u s-sena X-3, billi jiġi indikati r-raġunijiet għal dawk il-bidliet;
- (e) informazzjoni dwar l-indikaturi, kif stabbilit fil-Parti 4 ta' dan l-Anness, għas-sena X-2;
- (f) informazzjoni fil-qosor dwar trasferimenti konklużi skont l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2018/842 u l-Artikoli 12 u 13 tar-Regolament (UE) 2018/841 għas-sena X-1;
- (g) informazzjoni dwar il-passi meħuda sabiex jittejjbu l-estimi tal-inventarju, b'mod partikolari foqasma tal-inventarju li kienu soġġetti għal aġġustamenti jew rakkomandazzjonijiet wara rieżamijiet esperti;
- (h) l-allokazzjoni reali jew stmata tal-emissjonijiet verifikati rapportati minn operaturi tal-installazzjoni skont id-Direttiva 2003/87/KE għall-kategoriji tas-sors tal-inventarju nazzjonali għall-GHGs u l-proporzjon ta' dawk l-emissjonijiet verifikati mal-emissjonijiet totali rapportati ta' GHGs f'dawk il-kategoriji tas-sors, għas-sena X-2;
- (i) meta jkun rilevanti, ir-riżultati tal-verifiki mwettqa dwar il-konsistenza tal-emissjonijiet rapportati fl-inventarji tal-GHGs, għas-sena X-2, bl-emissjonijiet ivverifikati rapportati skont id-Direttiva 2003/87/KE;
- (j) meta jkun rilevanti, ir-riżultati tal-verifiki mwettqa fuq il-konsistenza tad-data użata biex jiġi stmati l-emissjonijiet bi tħejjija għall-inventarji tal-GHGs, għas-sena X-2, ma':
 - (i) id-data użata biex jitħejjew l-inventarji tas-sustanzi li jniġġsu l-arja skont id-Direttiva (UE) 2016/2284;
 - (ii) id-data rapportata skont l-Artikolu 19(1) u l-Anness VII, tar-Regolament (UE) Nru 517/2014;
 - (iii) id-data dwar l-enerġija rapportata skont l-Artikolu 4, u l-Anness B, tar-Regolament (KE) Nru 1099/2008;
- (k) deskrizzjoni tal-bidliet fis-sistema tal-inventarju nazzjonali tagħhom, jekk ikun hemm;
- (l) deskrizzjoni tal-bidliet fir-reġistru nazzjonali, jekk ikun hemm;
- (m) informazzjoni dwar l-assikurazzjoni tal-kwalità u l-pjanijiet tal-kontroll tal-kwalità tagħhom, valutazzjoni ġenerali tal-inċertezza, valutazzjoni ġenerali tal-kompletezza u, kwalunkwe element ieħor tar-rapport nazzjonali tal-inventarju ta' GHGs meħtieġ għat-tħejjija tar-rapport ta' inventarju tal-GHGs tal-Unjoni;
- (n) informazzjoni dwar l-intenzjonijiet tal-Istat Membru li jagħmel użu mill-flessibbiltajiet imsemmija fl-Artikolu 5(4) u (5) u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2018/842 u dwar l-użu tad-dħul skont l-Artikolu 5(6) ta' dak ir-Regolament.

Stat Membru jista' jitlob li jingħata deroga mill-Kummissjoni mill-punt (c) tal-ewwel paragrafu biex japplika metodoloġija differenti minn dik speċifikata fil-Parti 3 ta' dan l-Anness jekk fejn it-titjib tal-metodoloġija meħtieġ ma jistax jinkiseb fil-ħin biex jitqies it-titjib fl-inventarji tal-GHGs għall-perijodu 2021 sa 2030, jew fejn l-ispiża tat-titjib tal-metodoloġija jkun għoli b'mod sproporzjonat meta mqabbel mal-benefiċċji tal-applikazzjoni ta' tali metodoloġija biex tittejjeb il-kontabbiltà għall-emissjonijiet u l-assorbimenti minħabba l-importanza baxxa tal-emissjonijiet u l-assorbimenti mir-raggruppamenti ta' karbonju konċernati. L-Istati Membri li jixtiequ jibbenefikaw minn din id-deroga għandhom jippreżentaw talba motivata lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020, fejn jindikaw sa meta t-titjib tal-metodoloġija jista' jiġi implimentat, il-metodoloġija alternattiva proposta jew it-tnejn, u valutazzjoni tal-impatti potenzjali fuq l-eżattezza tal-kontabbiltà. Il-Kummissjoni tista' titlob li tingħata informazzjoni addizzjonali f'perijodu ta' żmien raġonevoli speċifiku. Meta l-Kummissjoni tikkunsidra li t-talba hija ġustifikata, għandha tagħti deroga. Jekk il-Kummissjoni tiċħad it-talba, hija għandha tagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.

Parti 2

Il-GHG li jridu jiġu koperti huma:

Diossidu tal-Karbonju (CO_2)

Metan (CH_4)

Ossidu Nitruż (N_2O)

Eżaflluworur tal-kubrit (SF_6)

Trifluworur tan-nitroġenu (NF_3)

Idrofluworokarburi (HFCs):

- HFC-23 CHF_3
- HFC-32 CH_2F_2
- HFC-41 CH_3F
- HFC-125 CHF_2CF_3
- HFC-134 CHF_2CHF_2
- HFC-134a CH_2FCF_3
- HFC-143 CH_2FCHF_2
- HFC-143a CH_3CF_3
- HFC-152 $\text{CH}_2\text{FCH}_2\text{F}$
- HFC-152a CH_3CHF_2
- HFC-161 $\text{CH}_3\text{CH}_2\text{F}$
- HFC-227ea $\text{CF}_3\text{CHF}_2\text{CF}_3$
- HFC-236cb $\text{CF}_3\text{CF}_2\text{CH}_2\text{F}$
- HFC-236ea $\text{CF}_3\text{CHFCHF}_2$
- HFC-236fa $\text{CF}_3\text{CH}_2\text{CF}_3$
- HFC-245fa $\text{CHF}_2\text{CH}_2\text{CF}_3$
- HFC-245ca $\text{CH}_2\text{FCF}_2\text{CHF}_2$
- HFC-365mfc $\text{CH}_3\text{CF}_2\text{CH}_2\text{CF}_3$
- HFC-43-10mee $\text{CF}_3\text{CHFCHFCF}_2\text{CF}_3$ jew ($\text{C}_5\text{H}_2\text{F}_{10}$)

Perfluworokarburi (PFCs):

- PFC-14, Perfluworometan, CF_4
- PFC-116, Perfluworoetan, C_2F_6
- PFC-218, Perfluworopropan, C_3F_8
- PFC-318, Perfluworoċiklobutan, C_4F_8
- Perfluworoċiklopropan, $\text{c-C}_3\text{F}_6$
- PFC-3-1-10, Perfluworobutan, C_4F_{10}
- PFC-4-1-12, Perfluworopentan, C_5F_{12}
- PFC-5-1-14, Perfluworoeżan, C_6F_{14}
- PFC-9-1-18, $\text{C}_{10}\text{F}_{18}$

Parti 3**Metodoloġiji għall-monitoraġġ u r-rapportar fis-settur tal-LULUCF**

Data ta' konverżjoni tal-użu tal-art ġeografikament espliċita skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG tal-IPCC tal-2006.

Il-metodoloġija tal-Grad 1 skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG tal-IPCC tal-2006.

Għall-emissjonijiet u l-assorbimenti minn raggruppament ta' karbonju li jfforma mill-inqas 25-30 % tal-emissjonijiet jew l-assorbimenti f'kategorija ta' sors jew bir li tkun prijoritizzata fi ħdan sistema ta' inventarju nazzjonali ta' Stat Membru peress li l-istima tiegħu ikollha influwenza sinifikanti fuq l-inventarju totali ta' pajjiż ta' GHGs f'termini tal-livell assolut ta' emissjonijiet u assorbimenti, ix-xejra fl-emissjonijiet u l-assorbimenti, jew l-inċertezza fl-emissjonijiet u l-assorbimenti fil-kategoriji tal-użu tal-art, mill-inqas metodoloġija tal-Grad 2 skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG tal-IPCC tal-2006.

L-Istati Membri huma mħeġġa japplikaw il-metodoloġija tal-Grad 3, skont il-linji gwida għall-inventarji nazzjonali tal-GHG tal-IPCC tal-2006.

Parti 4

Indikaturi tal-inventarju

Titlu tal-indikatur	Indikatur
TRASFORMAZZJONI B0	Emissjonijiet speċifiċi ta' CO ₂ ta' impjanti tal-enerġija pubbliċi u awtoprodutturi, t/TJ Emissjonijiet ta' CO ₂ minn stazzjonijiet tal-enerġija pubbliċi u termali awtoprodutturi, kt diviżi bil-prodotti kollha – output minn stazzjonijiet tal-enerġija pubbliċi u termali awtoprodutturi, PJ
TRASFORMAZZJONI E0	Emissjonijiet speċifiċi ta' CO ₂ ta' impjanti awtoprodutturi, t/TJ Emissjonijiet ta' CO ₂ minn awtoprodutturi, kt diviżi bl-output tal-prodotti kollha minn stazzjonijiet tal-enerġija termali awtoprodutturi, PJ
INDUSTRIJA A1.1	Intensità totali ta' CO ₂ – industrija tal-ħadid u l-azzar, t/miljun euro Emissjonijiet totali ta' CO ₂ minn ħadid u azzar, kt diviżi bil-valur gross miżjud – industrija tal-ħadid u l-azzar
INDUSTRIJA A1.2	Intensità ta' CO ₂ marbuta mal-enerġija – industrija kimika, t/miljun euro Emissjonijiet ta' CO ₂ ta' industriji kimiċi marbuta mal-enerġija, kt diviżi bil-valur gross miżjud – industrija kimika
INDUSTRIJA A1.3	Intensità ta' CO ₂ marbuta mal-enerġija – ħġieġ, fuħħar u l-industrija tal-materjal tal-bini, t/miljun euro Emissjonijiet ta' CO ₂ marbuta mal-enerġija ħġieġ, fuħħar u materjal tal-bini, kt diviżi bil-valur gross miżjud – ħġieġ, fuħħar u l-industrija tal-materjal tal-bini
INDUSTRIJA A1.4	Intensità ta' CO ₂ marbuta mal-enerġija – industrija tal-ikel, tax-xorb u tat-tabakk, t/miljun euro Emissjonijiet ta' CO ₂ marbuta mal-enerġija mill-industrija tal-ikel, tax-xorb u tat-tabakk, kt diviżi bil-valur gross miżjud – industrija tal-ikel, tax-xorb u tat-tabakk, miljun euro (EC95)
INDUSTRIJA A1.5	Intensità ta' CO ₂ marbuta mal-enerġija – industrija tal-karta u tal-istampar, t/miljun euro Emissjonijiet ta' CO ₂ marbuta mal-enerġija, kt – Valur gross miżjud – industrija tal-karta u tal-istampar, miljun euro (EC95)
UNITAJIET DOMESTIĊI A0	Emissjonijiet speċifiċi ta' CO ₂ tal-unitajiet domestiċi għat-tisħin tal-ispazju, t/m ² Emissjonijiet ta' CO ₂ tal-unitajiet domestiċi għat-tisħin tal-ispazju diviżi bl-erja tas-superfiċe ta' djar okkupati b'mod permanenti, miljun m ²
SERVIZZI B0	Emissjonijiet speċifiċi ta' CO ₂ tas-settur kummerċjali u istituzzjonali għal tisħin tal-ispazju, kg/m ² Emissjonijiet ta' CO ₂ minn tisħin tal-ispazji fil-qasam kummerċjali u istituzzjonali, kt diviżi bl-erja tas-superfiċe ta' bini tas-servizzi, miljuni ta' m ²
TRASPORT B0	Emissjonijiet speċifiċi tad-diżil relatati mas-CO ₂ ta' karożżi tal-passiġġieri, g/100 km
TRASPORT B0	Emissjonijiet speċifiċi tal-petrol relatati mas-CO ₂ ta' karożżi tal-passiġġieri, g/100 km

ANNEX VI

INFORMAZZJONI DWAR POLITIKI U MIŻURI FIL-QASAM TAL-EMISSIONIJET TA' GHGs

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 18:

- (a) deskrizzjoni tas-sistema nazzjonali tagħhom għal rapportar dwar politiki u miżuri, jew gruppi ta' miżuri, u għal rapportar dwar projezzjonijiet ta' emissjonijiet antropoġeniċi ta' GHGs minn sorsi u assorbimenti minn bjar b'konformità mal-Artikolu 39(1) jew informazzjoni dwar kull bidla magħmula lil dik is-sistema fejn tkun diġà ġiet fornuta deskrizzjoni bħal dik;
- (b) aġġornamenti rilevanti għall-istrategġija fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15 u l-progress fl-implimentazzjoni ta' daww l-istrategġija;
- (c) informazzjoni dwar il-politiki u l-miżuri nazzjonali, jew gruppi ta' miżuri, u dwar l-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri tal-Unjoni, jew gruppi ta' miżuri li jillimitaw jew inaqqsu l-emissjonijiet ta' GHGs mis-sorsi jew li jsaħħu l-assorbiment mill-bjar, ippreżentata fuq bażi settorjali u organizzata skont il-gass jew grupp tal-gassijiet (HFCs u PFCs) elenkati fil-Parti 2 tal-Anness V. Dik l-informazzjoni għandha tirreferi għal politiki nazzjonali u tal-Unjoni applikabbli u rilevanti u għandha tinkludi:
 - (i) l-oġettiv tal-politika jew tal-miżura u deskrizzjoni qasira tal-politika jew tal-miżura;
 - (ii) it-tip ta' strument politiku;
 - (iii) l-istatus tal-implimentazzjoni tal-politika jew miżura jew grupp ta' miżuri;
 - (iv) indikaturi użati biex jagħmlu monitoraġġ u jevalwaw il-progress matul iż-żmien;
 - (v) meta jkunu disponibbli, stimi kwantitattivi tal-effetti fuq l-emissjonijiet minn sorsi u l-assorbimenti minn bjar ta' GHGs li jitqassmu fi:
 - ir-riżultati tal-valutazzjonijiet ex ante tal-effetti ta' politiki u miżuri individwali, jew gruppi tagħhom, fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima. L-istimi għandhom jiġu providuti għal sekwenza ta' erba' snin futuri li jispiċċaw b'0 jew 5 immedjatament wara s-sena ta' rapportar sussegwenti, b'distinzzjoni bejn l-emissjonijiet ta' GHGs koperti mid-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolament (UE) 2018/842 u r-Regolament (UE) 2018/841;
 - ir-riżultati tal-valutazzjonijiet ex post dwar l-effetti ta' politiki u miżuri individwali jew gruppi tagħhom fuq il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, meta jkunu disponibbli, b'distinzzjoni bejn l-emissjonijiet ta' GHGs koperti mid-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolament (UE) 2018/842 u r-Regolament (UE) 2018/841;
 - (vi) stimi disponibbli tal-ispejjeż u l-benefiċċji ta' politiki u miżuri projettati kif ukoll stimi tal-ispejjeż u l-benefiċċji ta' politiki u miżuri realizzati;
 - (vii) ir-referenzi kollha eżistenti għall-valutazzjonijiet tal-ispejjeż u l-effetti tal-politiki u l-miżuri nazzjonali, għal informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' politiki u miżuri tal-Unjoni li jillimitaw jew inaqqsu l-emissjonijiet ta' GHGs mis-sorsi jew itejbu l-assorbimenti mill-bjar u għar-rapporti tekniċi sottostanti;
 - (viii) valutazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-politika jew miżura għall-kisba tal-istrategġija fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15;
- (d) informazzjoni dwar politiki u miżuri, jew gruppi ta' miżuri, nazzjonali addizzjonali ppjanati previsti bil-ħsieb li jillimitaw l-emissjonijiet ta' GHGs lil hinn mill-impenji tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2018/842 u r-Regolament (UE) 2018/841;
- (e) informazzjoni rigward ir-rabtiet ta' bejn politiki u miżuri, jew gruppi ta' miżuri, differenti rapportati skont il-punt (c) u l-mod kif politiki u miżuri, jew gruppi ta' miżuri, bħal dawn jikkontribwixxu għal xenarji ta' projezzjoni differenti.

—

ANNEX VII

INFORMAZZJONI DWAR IL-PROJEZZJONIJET FIL-QASAM TAL-EMISSIONIJET TA' GHGs

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 18:

- (a) projezzjonijiet mingħajr miżuri meta jkunu disponibbli, projezzjonijiet bil-miżuri, u, meta jkunu disponibbli, projezzjonijiet b'miżuri addizzjonali;
 - (b) projezzjonijiet tat-total ta' GHGs u stimi separati għall-emissionijiet ta' GHGs projettati għas-sorsi tal-emissionijiet koperti mid-Direttiva 2003/87/KE u mir-Regolament (UE) 2018/842 u l-emissionijiet projettati mis-sorsi u l-assorbimenti mill-bjar skont ir-Regolament (UE) 2018/841;
 - (c) l-impatt tal-politiki u l-miżuri identifikati skont il-punt (a) tal-Artikolu 18(1). Meta tali politiki u miżuri ma jkunux inklużi, dan għandu jiġi ddikjarat u spjegat b'mod ċar;
 - (d) riżultati tal-analiżi ta' sensittività mwettqa fuq il-projezzjonijiet u informazzjoni dwar il-mudelli u l-parametri użati;
 - (e) ir-referenzi rilevanti kollha għall-valutazzjoni u r-rapporti tekniċi li jissostanzjaw il-projezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 18(4).
-

ANNEX VIII

INFORMAZZJONI DWAR AZZZJONIJIET TA' ADATTAMENT NAZZJONALI, APPOĠĠ FINANZJARJU U TEKNOLOĠIKU PPROVDUT GĦALL-PAJJIŻI LI QED JIŻVILUPPAW U DĦUL MILL-IRKANTAR**Parti 1****Rapportar dwar azzjonijiet ta' adattament**

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 19(1):

- (a) il-miri ewlenin, l-oġettivi u l-qafas ta' ħidma istituzzjonali għal adattament;
- (b) projezzjonijiet tat-tibdil fil-klima, li jinkludu l-estremi tat-temp, l-impatti tat-tibdil fil-klima, il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà klimatika u r-riskji u perikli klimatiċi ewlenin;
- (c) kapaċità ta' adattament;
- (d) pjanijiet u strateġiji ta' adattament;
- (e) qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni;
- (f) progress magħmul fl-implimentazzjoni, li jinkludi prattiċi tajbin u bidliet fil-governanza.

Parti 2**Rapportar dwar appoġġ ipprovdut lil pajjiżi li qed jiżviluppaw**

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 19(3):

- (a) informazzjoni dwar l-appoġġ finanzjarju mwiegħed u fornut lil pajjiżi li qed jiżviluppaw għas-sena X-1, li jinkludu:
 - (i) informazzjoni kwantitattiva dwar riżorsi finanzjarji pubbliċi u mobilizzati mill-Istat Membru. L-informazzjoni dwar il-flussi finanzjarji trid tkun ibbażata fuq dawk li huma magħrufa bħala l-"markaturi ta' Rio" għal appoġġ relatat mal-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u appoġġ relatat mal-adattament għat-tibdil fil-klima u sistemi oħra ta' intraċċar introdotti mill-Kumitat ta' Assistenza għall-Iżvilupp tal-OECD;
 - (ii) informazzjoni metodoloġika kwalitattiva li tispjega l-metodu użat biex tiġi kkalkulata l-informazzjoni kwantitattiva, li tinkludi spjegazzjoni tal-metodoloġija għall-ikkwantifikar tat-data tagħhom, u meta jkun rilevanti, informazzjoni oħra dwar id-definizzjonijiet u l-metodoloġiji użati għad-determinazzjoni ta' kwalunkwe ċifra, b'mod partikolari għall-informazzjoni rapportata dwar flussi finanzjarji mobbli;
 - (iii) informazzjoni disponibbli dwar attivitajiet mill-Istat Membru relatata ma' proġetti ta' trasferiment tat-teknoloġija ffinanzjati pubblikament u proġetti li jibnu l-kapaċità għal pajjiżi li qed jiżviluppaw skont l-UNFCCC, li jinkludi jekk it-teknoloġija trasferita jew il-proġett li jibni l-kapaċità ntużax għall-mitigazzjoni jew għall-adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima, il-pajjiż riċevitur, l-ammont ta' appoġġ ipprovdut meta jkun possibbli, u t-tip ta' teknoloġija ttrasferita jew il-proġett li jibni l-kapaċità;
- (b) Informazzjoni disponibbli għas-sena X u s-snin sussegwenti dwar id-dispożizzjoni ppjanata ta' appoġġ, li tinkludi informazzjoni dwar attivitajiet ipplanati relatati ma' proġetti ta' trasferiment tat-teknoloġija ffinanzjati pubblikament jew proġetti li jibnu l-kapaċità għal pajjiżi li qed jiżviluppaw skont l-UNFCCC u għal teknoloġiji li jridu jiġu trasferiti u proġetti li jibnu l-kapaċità, li jinkludu jekk it-teknoloġija trasferita jew il-proġett li jibni l-kapaċità kienx maħsub għall-mitigazzjoni jew għall-adattament għall-effetti tat-tibdil fil-klima, il-pajjiż riċevitur, l-ammont ta' appoġġ li għandu jkun ipprovdut meta jkun possibbli, u t-tip ta' teknoloġija ttrasferita jew il-proġett li jibni l-kapaċità.

Parti 3**Rapportar dwar introjtu minn irkant**

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 19(2):

- (a) informazzjoni dwar l-użu tal-introjtu matul is-sena X-1 iġġenerat mill-Istat Membru permezz tal-irkant ta' kwoti skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2003/87/KE, inkluża informazzjoni dwar introjtu bħal dan li ntużax għal wieħed mill-iskopijiet jew aktar speċifikati fl-Artikolu 10(3) ta' dik id-Direttiva, jew l-ekwivalenti fil-valur finanzjarju ta' dak l-introjtu, u l-azzjonijiet meħuda skont dak l-artikolu;

- (b) informazzjoni dwar l-użu, kif determinat mill-Istat Membru, tad-dħul kollu ġġenerat mill-Istat Membru permezz tal-irkant ta' kwoti tal-avjazzjoni skont l-Artikolu 3d(1) jew (2) tad-Direttiva 2003/87/KE, li għandha tingħata b'konformità mal-Artikolu 3d(4) ta' dik id-Direttiva;

Id-dħul mill-irkantar mhux żburżat fiż-żmien li Stat Membru jissottometti rapport lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 19(2) għandu jiġi kwantifikat u rapportat fir-rapporti għas-snin sussegwenti.

ANNEX IX

OBBLIGI TA' RAPPORTAR ADDIZZJONALI

Parti 1

Obbligi ta' rapportar addizzjonali fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli

Sakemm ma jiġix dikjarat mod ieħor, l-informazzjoni addizzjonali li ġejja għandha tiġi inkluża skont il-punt (c) tal-Artikolu 20:

- (a) il-funzjonament tas-sistema ta' garanziji ta' oriġini għall-elettriku, il-gass, it-tisħin u t-tkessi minn sorsi rinnovabbli, il-livelli ta' ħruġ u l-kanċellazzjoni ta' garanziji ta' oriġini u l-konsum annwali nazzjonali li jirriżulta tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll il-miżuri meħuda sabiex tiġi żgurata l-affidabbiltà u l-ħarsien minn frodi tas-sistema;
- (b) l-ammonti ta' bijokarburanti, bijogass, karburanti tat-trasport rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika, karburanti tal-karbonju riċiklat u elettriku rinnovabbli kkonsmati fis-settur tat-trasport u, meta jkun rilevanti, il-prestazzjoni tal-ffrankar tal-gassijiet serra tagħhom, b'distinzzjoni bejn il-karburanti prodotti minn tipi differenti ta' għelejjel tal-ikel u tal-ġhalf u kull tip ta' materja prima elenkata fl-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (c) żviluppi fid-disponibbiltà, oriġini u użu tar-riżorsi tal-bijomassa għal finijiet ta' enerġija;
- (d) bidliet fil-prezzijiet tal-komoditajiet u fl-użu tal-art fl-Istat Membru assoċjat mal-użu miżjud tiegħu tal-bijomassa u forom oħra ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli;
- (e) il-produzzjoni eċċessiva stmata tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli li tista' tiġi ttrasferita lejn Stati Membri oħra sabiex dawn jikkonformaw mal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva (UE) 2018/2001 u jiksibu l-kontribuzzjonijiet u t-trajettorji nazzjonali msemmija fil-punt (a)(2) tal-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament;
- (f) meta jkun applikabbli, id-domanda stmata għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli li għandha tiġi sodisfatta b'mezzi oħra għajr il-produzzjoni domestika sal-2030, li jinkludi l-materja prima ta' bijomassa importata;
- (g) L-iżvilupp teknoloġiku u l-użu ta' bijokarburanti magħmula mill-materja prima elenkata fl-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001;
- (h) meta jkun disponibbli, l-impatt stmat tal-produzzjoni jew l-użu tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa fuq il-bijodiversità, ir-riżorsi tal-ilma, id-disponibbiltà u l-kwalità tal-ilma, il-ħamrija u l-kwalità tal-arja fl-Istat Membru;
- (i) każijiet osservati ta' frodi fil-katina ta' kustodja tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti tal-bijomassa;
- (j) informazzjoni dwar kif kien stmat is-sehem ta' skart bijodegradabbli fi skart użat biex tiġi prodotta l-enerġija, u x'passi ttieħdu biex jittejjbu u jkunu vverifikati dawk l-istimi;
- (k) ġenerazzjoni ta' sħana u elettriku mill-enerġija rinnovabbli fil-bini, inkluża data diżaggregata dwar l-enerġija prodotta, ikkonsmata u injettata fil-grid minn sistemi solari fotovoltaiċi, sistemi termali solari, bijomassa, pompi tas-sħana, sistemi ġeotermiċi kif ukoll is-sistemi tal-enerġija rinnovabbli deċentralizzati l-oħrajn kollha;
- (l) meta jkun applikabbli, is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin distrettwali, kif ukoll l-enerġija rinnovabbli prodotta fl-ibliet u fil-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli;
- (m) forniment primarju ta' bijomassa solida (f'1 000 m³, għajr fir-rigward tal-punt (1)(b)(iii), li ser ikun ipprovdut f'tunnellati)

(1) Il-bijomassa tal-foresta użata għall-produzzjoni tal-enerġija (produzzjoni domestika u importazzjoni)

(a) Bijomassa primarja mill-foresta użata direttament għall-produzzjoni tal-enerġija

- (i) Meta jkunu disponibbli, friegħi u qċaċet tas-siġar (ir-rapportar huwa volontarju)
- (ii) Meta jkun applikabbli, biċċiet tas-siġar li jibqgħu fl-art wara l-qtugħ (ir-rapportar huwa volontarju)
- (iii) Injam tond (maqsum f'injam tond industrijali u injam għall-karburant)

(b) Meta jkun applikabbli, koprodotti tal-industrija bbażati fuq il-foresta użati direttament għall-enerġija

- (i) Meta jkun applikabbli, qoxra tas-siġar
- (ii) Ċipep, serratura u partiċelli oħra tal-injam
- (iii) Meta jkun applikabbli, likur iswed u żejt tal-arżnu mhux maħdum

- (c) Meta jkun disponibbli, injam ta' wara l-konsum li jintuża direttament għal produzzjoni tal-enerġija
- (d) Fjuwil abbażi ta' injam proċessat, prodott minn materja prima mhux ikkontemplata fil-punt (1)(a), (b) jew (c):
 - (i) Meta jkun applikabbli, faħam tal-injam
 - (ii) Gerbub tal-injam u maltunelli tal-injam
- (2) Meta tkun disponibbli, il-bijomassa agrikola użata għal produzzjoni tal-enerġija (produzzjoni domestika, importazzjoni u esportazzjoni)
 - (a) Għelejjel tal-enerġija għall-elettriku jew it-tisħin (inklużi msaġar ta' rotazzjoni qasira)
 - (b) Residwi tal-għelejjel agrikoli għall-elettriku jew it-tisħin
- (3) Meta tkun disponibbli, il-bijomassa ta' skart organiku għall-produzzjoni tal-enerġija (produzzjoni domestika, importazzjoni u esportazzjoni)
 - (a) Frazzjoni organika għal skart industrijali
 - (b) Frazzjoni organika għal skart municiipali
 - (c) Hama tal-iskart
- (n) konsum ta' enerġija finali ta' bijomassa solida (ammont ta' bijomassa solida użata għall-produzzjoni tal-enerġija fis-setturi li ġejjin):
 - (1) Settur tal-enerġija
 - (a) Elettriku
 - (b) Shana u enerġija kkombinati
 - (c) Shana
 - (2) Settur industrijali intern (elettriku kkonsmat u awtoprodott, CHP u tisħin)
 - (3) Konsum finali dirett residenzjali
 - (4) Oħrajn

Parti 2

Obbligi ta' rapportar addizzjonali fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika

Fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika, l-informazzjoni addizzjonali li ġejja għandha tiġi inkluża skont il-punt (c) tal-Artikolu 21:

- (a) politiki maġġuri legiſlattivi u mhux legiſlattivi, miżuri, miżuri finanzjarji u programmi implimentati fis-sena X-2 u X-1 (b'X bħala s-sena meta r-rapport ikun dovut) sabiex jintlaħqu l-oġġettivi tagħhom – imsemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 4 – li jippromwovu s-swieq ta' servizz tal-enerġija, it-titjib fil-prestazzjoni tal-enerġija fil-bini, il-miżuri li jutilizzaw il-potenzjali tal-effiċjenza enerġetika għall-infrastruttura tal-gass u l-elettriku u t-tisħin u t-tkessiġ, it-titjib tal-informazzjoni u l-kwalifika, miżuri oħra sabiex tiġi promossa l-effiċjenza enerġetika;
- (b) l-ammont kumulattiv ta' enerġija ffrankata permezz tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/UE fis-snien X-3 u X-2;
- (c) l-ammont ta' ffrankar miksub mill-miżuri mmirati lejn it-tnaqqis tal-faqar enerġetiku b'konformità mal-Artikolu 7(11) tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (d) meta jkun applikabbli, l-ammont ta' ffrankar miksub b'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (e) progress f'kull settur u r-raġunijiet għaliex il-konsum tal-enerġija baqa' stabbli jew kien qed jikber fis-sena X-3 u X-2 fl-oqsma ta' konsum tal-enerġija finali;
- (f) erja totali tal-pavimentar tal-bini b'erja totali ta' pavimetar utli 'l fuq minn 250 m² proprjetà ta' gvern ċentrali tal-Istati Membri u okkupat minnu li, fl-1 ta' Jannar tas-sena X-2 u X-1, ma tkunx issodisfat ir-rekwiżiti ta' prestazzjoni tal-enerġija msemmija fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (g) erja totali tal-pavimentar ta' bini msaħħan u/jew mkessaħ proprjetà ta' gvern ċentrali tal-Istati Membri u okkupat minnu li kien rinnovat fis-sena X-3 u X-2 imsemmija fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2012/27/UE jew l-ammont ta' enerġija ffrankata fil-bini eliġibbli proprjetà tal-gvern ċentrali tagħhom u okkupata minnu kif jissemma fl-Artikolu 5(6) tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (h) għadd ta' verifiki tal-enerġija mwettqa fis-sena X-3 u X-2. Barra minn hekk l-għadd totali stmat ta' kumpaniji kbar fit-territorju tagħhom li għalihom huwa applikabbli l-Artikolu 8(4) tad-Direttiva 2012/27/UE u l-għadd ta' verifiki tal-enerġija mwettqa f'dawk l-intrapriżi fis-sena X-3 u X-2;

- (i) il-fattur tal-enerġija primarja nazzjonali applikat għall-elettriku u ġustifikazzjoni jekk dan ikun differenti mill-koeffiċjent prestabbilit imsemmi fin-nota (3) tal-Anness IV tad-Direttiva 2012/27/UE;
 - (j) l-għadd u l-erja ta' pavimentar ta' bini b'użu ta' kważi zero enerġija fis-sena X-2 u X-1, kif previst fl-Artikolu 9 tad-Direttiva 2010/31/UE, ibbażat fuq kampjunar statistiku meta jkun hemm bżonn;
 - (k) il-link tal-internet għas-sit web fejn wieħed jista' jaċċessa l-lista jew l-interfaċċa ta' fornituri ta' servizzi tal-enerġija msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2012/27/UE.
-

ANNEX X

RAPPORT DWAR IS-SOSTENIBBILTÀ TAL-BIJOENERĠIJA TAL-UNJONI

Ir-rapport tal-UE dwar is-sostenibbiltà tal-bijoenerġija minn enerġija li ġejja mill-bijomassa li jrid jiġi adottat kull sentejn mill-Kummissjoni flimkien mar-rapport tal-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija skont il-punt (d) tal-Artikolu 35(2), għandu jkun fih bħala minimu l-informazzjoni li ġejja:

- (a) il-benefiċċji u l-ispejjeż ambjentali relattivi ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa differenti, l-effetti tal-politiki ta' importazzjoni tal-Unjoni fuqhom, is-sigurtà tal-implikazzjonijiet tal-provvista u l-modi kif jinkiseb approċċ bilanċjat bejn il-produzzjoni domestika u l-importazzjonijiet;
- (b) l-impatt fuq il-produzzjoni u l-użu ta' bijomassa fuq is-sostenibbiltà fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi, li jinkludu impatti fuq il-bijodiversità;
- (c) data u analiżi tad-disponibbiltà u d-domanda attwali u projettata tal-bijomassa sostenibbli, li jinkludu l-impatt ta' domanda ogħla għall-bijomassa fuq setturi li jużaw il-bijomassa;
- (d) l-iżvilupp teknoloġiku u l-użu ta' bijokarburanti magħmula mill-materja prima elenkata fl-Anness IX tad-Direttiva (UE) 2018/2001, u valutazzjoni tal-effett tad-disponibbiltà tal-ġhalf u l-kompetizzjoni fir-riżorsi b'kunsiderazzjoni tal-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u tal-ġerarkija tal-iskart stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE;
- (e) informazzjoni dwar ir-riżultati tar-riċerka xjentifika disponibbli, u l-analiżi tagħhom dwar it-tibdil indirett fl-użu tal-art fir-rigward tal-mezzi ta' produzzjoni kollha, akkumpanjata minn valutazzjoni dwar jekk il-firxa ta' inċertezza identifikata fl-analiżi sottostanti għall-istimi ta' emissjonijiet minn tibdil indirett fl-użu tal-art tistax titnaqqas, u jekk jistax jitqies l-impatt possibbli tal-politiki tal-Unjoni, bħall-ambjent, il-klima u l-politiki agrikoli;
- (f) fir-rigward kemm ta' pajjiżi terzi kif ukoll Stati Membri li huma sors sinifikanti ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti tal-bijomassa kkonsmati fl-Unjoni, dwar miżuri nazzjonali meħuda biex jirrispettaw l-kriterji ta' sostenibbiltà u l-kriterji ta' ffrankar ta' GHGs stabbilit fl-Artikolu 29(2) sa (7) u (10), tad-Direttiva (UE) 2018/2001, għall-protezzjoni tal-ħamrija, l-ilma u l-arja; u
- (g) informazzjoni aggregata mill-bażi tad-data msemmija fl-Artikolu 28(2) tad-Direttiva (UE) 2018/2001.

Fir-rapportar dwar l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' GHGs mill-użu tal-bijomassa, il-Kummissjoni għandha tuża l-ammonti rapportati mill-Istati Membri skont il-punt (b) tal-Parti 1 tal-Anness IX ta' dan ir-Regolament, inkluż il-valuri medji proviżorji tal-emissjonijiet stmati fil-bidla fl-użu indirett tal-art u l-firxa assoċjata derivata mill-analiżi tas-sensittività kif stabbilit fl-Anness VIII tad-Direttiva (UE) 2018/2001. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli pubblikament id-data dwar il-valuri medji proviżorji tal-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art u l-firxa assoċjata derivata mill-analiżi tas-sensittività. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk u kif tinbidel l-istima tal-iffrankar dirett fuq l-emissjonijiet jekk jittieħed kont tal-ko-prodotti bl-użu tal-approċċ ta' sostituzzjoni

ANNEX XI

SKEMI VOLONTARJI LI FUQHOM IL-KUMMISSJONI ADOTTAT DEĊIŻJONI SKONT L-ARTIKOLU 30(4) TAD-DIRETTIVA (UE) 2018/2001

Ir-rapport dwar skemi volontarji li fuqhom il-Kummissjoni adottat deċiżjoni skont l-Artikolu 30(4) tad-Direttiva (UE) 2018/2001, li għandu jiġi adottat darba kull sentejn mill-Kummissjoni flimkien mar-rapport tal-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija skont il-punt (e) tal-Artikolu 35(2) ta' dan ir-Regolament, għandu jkun fih, bħala minimu, l-analiżi tal-Kummissjoni ta' dawn li ġejjin:

- (a) l-indipendenza, il-modalità u l-frekwenza tal-verifiki, fir-rigward kemm ta' dak espress dwar daww l-aspetti fid-dokumentazzjoni tal-iskema, meta l-iskema kkonċernata ġiet approvata mill-Kummissjoni, kif ukoll fir-rigward tal-aħjar prattiki tal-industrija;
- (b) id-disponibbiltà, l-esperjenza u t-trasparenza fl-applikazzjoni ta' metodi għall-identifikazzjoni u l-indirizzar tan-nuqqas ta' konformità, b'attenzjoni partikolari biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet jew allegazzjonijiet ta' aġir ħażin serju min-naħa tal-membri tal-iskema;
- (c) it-trasparenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-iskema, id-disponibbiltà ta' traduzzjonijiet fil-lingwi applikabbli tal-pajjiżi u r-reġjuni minn fejn toriġina l-materja prima, l-aċċessibbiltà ta' lista ta' operaturi ċċertifikati u ċċertifikati rilevanti, u l-aċċessibbiltà ta' rapporti tal-awdituri;
- (d) l-involvement tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsultazzjoni ma' komunitajiet indiġeni u lokali qabel jittieħdu d-deċiżjonijiet matul l-abbozzar u l-analiżi tal-iskema kif ukoll waqt l-awditi u t-tweġiba għall-kontributi tagħhom;
- (e) ir-robustezza ġenerali tal-iskema, b'mod partikolari fid-dawl tar-regoli dwar l-akkreditament, il-kwalifika u l-indipendenza tal-awdituri u tal-korpi rilevanti tal-iskema;
- (f) meta jkunu disponibbli, l-aġġornamenti tas-suq tal-iskema, l-ammont ta' materja prima u l-bijokarburanti iċċertifikati, skont il-pajjiż tal-orijini u t-tip, l-għadd ta' parteċipanti;
- (g) il-faċilità u l-effettività tal-implimentazzjoni ta' sistema ta' intraċċar tal-provi ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà li l-iskema tagħti lill-membri/i tagħha, tali sistema intenzjonata li sservi bħala mezz ta' prevenzjoni kontra attività frodulent bi-l-ħsieb, b'mod partikolari, tal-identifikazzjoni, it-trattament u s-segwitu tal-frodi u irregolaritajiet oħrajn suspettati u fejn jixraq, l-għadd ta' każijiet ta' frodi jew irregolaritajiet identifikati;
- (h) għażliet għall-entitajiet biex ikunu awtorizzati jirrikonoxxu u jagħmlu monitoraġġ tal-korpi ta' ċertifikazzjoni;
- (i) kriterji għar-rikonoxximent jew l-akkreditament tal-korpi ta' ċertifikazzjoni;
- (j) regoli dwar kif għandu jsir il-monitoraġġ tal-korpi ta' ċertifikazzjoni;
- (k) modi biex jiffaċilitaw jew itejbu l-promozzjoni tal-aħjar prattiki.

ANNEX XII

SISTEMI TA' INVENTARJU NAZZJONALI

L-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 37 tinkludi li ġej:

- (a) id-data u l-metodi rapportati għall-attivitajiet u l-installazzjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE għall-fini tat-tħejjija tal-inventarji nazzjonali tal-GHG's sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-emissjonijiet ta' GHGs irrapportati skont l-iskema tal-EU-ETS u fl-inventarji nazzjonali tal-GHG's;
 - (b) data miġbura permezz tas-sistemi ta' rapportar dwar gassijiet fluworurati fis-setturi rilevanti, stabbiliti b'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 għall-fini tat-tħejjija tal-inventarji nazzjonali dwar il-GHG's;
 - (c) emissjonijiet, data sottostanti u metodoloġiji rapportati mill-faċilitajiet skont ir-Regolament (KE) Nru 166/2006 għall-fini tat-tħejjija tal-inventarji nazzjonali dwar il-GHG's;
 - (d) id-data rapportata skont ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008;
 - (e) data miġbura permezz ta' intraċċar ġeografiku fuq żoni tal-art fil-kuntest tal- programmi u sħarriġ eżistenti tal-Unjoni u l-Istati Membri, inkluż l-Istħarriġ Qafas Statistiku tal-Użu tal-Art taż-Żona Koperta LUCAS u l-Programm Copernicus.
-

ANNEX XIII

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Regolament (UE) Nru 525/2013	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1(1)
Artikolu 2	—
Artikolu 3	—
Artikolu 4	Artikolu 15
Artikolu 5	Artikolu 37(1), (2) u (6); Anness XII
Artikolu 6	Artikolu 37(3) u (7)
Artikolu 7	Artikolu 26(3), (4), (6) u (7); Anness V
Artikolu 8	Artikolu 26(2) u (7)
Artikolu 9	Artikolu 37(4) u (5)
Artikolu 10	Artikolu 40
Artikolu 11	—
Artikolu 12	Artikolu 39
Artikolu 13	Artikolu 18(1)(a) u Artikolu 18(3) u (4); Anness VI
Artikolu 14	Artikolu 18(1)(b) u Artikolu (2), (3) u (4); Anness VII
Artikolu 15	Artikolu 19(1); Anness VIII, Parti 1
Artikolu 16	Artikolu 19(3) u Anness VIII, Parti 2
Artikolu 17	Artikolu 19(2), (4) u (5); Anness VIII, Parti 3
Artikolu 18	Artikolu 17(2), it-tieni subparagrafu
Artikolu 19	—
Artikolu 20	—
Artikolu 21	Artikolu 29(1)(c) u Artikolu 29(5) u (7)
Artikolu 22	—
Artikolu 23	Artikolu 41(1)(d), (e), (f), (g) u (h)
Artikolu 24	Artikolu 42
Artikolu 25	—
Artikolu 26	Artikolu 44(1)(a) u Artikolu 44(2), (3) u (6)
Artikolu 27	—
Artikolu 28	Artikolu 57
Artikolu 29	—

REGOLAMENT (UE) 2018/2000 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tat-12 ta' Diċembru 2018**

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-impenn mill-ġdid tal-ammonti li jkun għad fadal li ġew impenjati għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601 jew l-allokazzjoni ta' daww l-ammonti għal azzjonijiet oħra taħt il-programmi nazzjonali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 78(2) u 79(2) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jippermetti l-impenn mill-ġdid tal-ammonti li jkun għad fadal, li ġew impenjati għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 ⁽²⁾ u (UE) 2015/1601 ⁽³⁾, kif previst skont ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ jew l-allokazzjoni ta' daww l-ammonti għal azzjonijiet oħra taħt il-programmi nazzjonali f'konformità mal-prijoritajiet tal-Unjoni u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri f'oqsma speċifiċi tal-asil u l-migrazzjoni. L-għan huwa wkoll li jiżgura li tali impenn mill-ġdid jew allokazzjoni jsiru b'mod trasparenti.
- (2) Il-Kummissjoni impenjat finanzjament lil programmi nazzjonali tal-Istati Membri taħt il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601. Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1601 ġiet emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1754 ⁽⁵⁾. Daww id-Deċiżjonijiet issa ma għadhomx japplikaw.
- (3) Il-parti tal-finanzjament allokata taħt id-Deċiżjonijiet (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601 fl-2016 u, fxi każijiet, fl-2017, tibqa' disponibbli fil-programmi nazzjonali tal-Istati Membri.
- (4) Jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jużaw l-ammonti li jkun għad fadal biex ikomplu jimplimentaw ir-rilokazzjoni billi jergġu jippenjawhom għall-istess azzjoni taħt il-programmi nazzjonali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jergġu jikkommettu jew jittrasferixxu tal-anqas 20 % ta' daww l-ammonti għal azzjonijiet fi programmi nazzjonali, għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal risistemazzjoni jew ammissjonijiet umanitarji ad hoc oħrajn, kif ukoll għal miżuri preparatorji għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali wara l-wasla tagħhom fl-Unjoni, inkluż bil-baħar, jew għat-trasferiment ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. Jenħtieġ li tali miżuri jinkludu biss daww il-miżuri msemmija fil-punti (a), (b), (e) u (f) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (UE) Nru 516/2014.
- (5) Fejn ikun ġustifikat debitament fir-reviżjoni tal-programmi nazzjonali tal-Istati Membri, jenħtieġ li kun possibbli li l-Istati Membri jistgħu jużaw sa 80 % ta' daww l-ammonti biex jindirizzaw sfidi oħra fl-oqsma tal-asil u l-migrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) Nru 516/2014. Il-ħtiġijiet tal-Istati Membri f'daww l-oqsma għadhom sinifikanti. Jenħtieġ li l-impenni mill-ġdid tal-ammonti li jkun għad fadal għall-istess azzjoni, jew it-trasferiment tagħhom għal azzjonijiet oħrajn taħt il-programm nazzjonali, ikunu possibbli biss darba u bl-approvazzjoni

⁽¹⁾ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2018 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018.

⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 tal-14 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja (ĠU L 239, 15.9.2015, p. 146).

⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 tat-22 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 80).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014, li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 168).

⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1754 tad-29 ta' Settembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1601 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja (ĠU L 268, 1.10.2016, p. 82).

tal-Kummissjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-allokazzjoni tal-fondi ssir b'mod li jirrispetta għalkollox il-prinċipji stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, b'mod partikolari il-prinċipji tal-effiċjenza u tat-trasparenza.

- (6) Il-grupp fil-mira eliġibbli għat-trasferiment, kif ukoll l-għadd ta' Stati Membri minn fejn isiru t-trasferimenti, jenħtieġ li jiġu estiżi biex l-Istati Membri jingħataw aktar flessibilità fit-twettiq tat-trasferimenti, fil-qies tal-ħtiġijiet speċifiċi ta' minorenni mhux akkumpanjati jew ta' applikanti vulnerabbli oħra, u s-sitwazzjoni speċifika tal-membri tal-familja tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. Jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet speċifiċi dwar somom sħaħ għar-risistemazzjoni u t-trasferiment ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru għal ieħor jirriflettu dik l-espansjoni.
- (7) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jkollhom biżżejjed żmien biex jirrevedu l-programmi nazzjonali ħalli jakkomodaw il-bidliet rilevanti previsti b'dan ir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi applikata deroga mill-Artikolu 50(1) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ għall-ammonti li jkun għad fadal li ġew impenjati għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601, li testendi l-iskadenza għad-diżimpenn b'sitt xhur bil-għan li titlesta l-proċedura għar-reviżjoni tal-programmi nazzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014.
- (8) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom biżżejjed żmien biex jużaw l-ammonti impenjati mill-ġdid għall-istess azzjoni jew ittrasferiti għal azzjonijiet oħra qabel id-diżimpenn ta' dawk l-ammonti. Għalhekk, meta tali impenji mill-ġdid jew trasferimenti ta' ammonti taħt il-programm nazzjonali jiġu approvati mill-Kummissjoni, l-ammonti kkonċernati għandhom jitqiesu li kienu twettqu fis-sena tar-reviżjoni tal-programm nazzjonali li japprova l-impenj mill-ġdid jew it-trasferiment ikkonċernat.
- (9) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tirrapporta kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rigward l-applikazzjoni ta' riżorsi għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali u ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari rigward it-trasferimenti ta' ammonti għal azzjonijiet taħt il-programm nazzjonali kif previst f'dan ir-Regolament.
- (10) Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-finanzjament disponibbli skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 516/2014.
- (11) L-oġġettivi ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jintlaħqu mingħajr preġudizzju għan-negozjati li għaddejjin dwar ir-riforma tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾.
- (12) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.
- (13) F'konformità mal-Artikolu 3 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-TUE u mat-TFUE, l-Irlanda nnotifikat, permezz ta' ittra tas-7 ta' Diċembru 2018, ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
- (14) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.
- (15) Bil-ħsieb tal-ħtieġa li jiġi evitat diżimpenn tal-ammonti li jkun għad fadal impenjati għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601, dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31).

- (16) Jekk ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 ma jiġix emendat qabel tmiem l-2018, il-finanzjament rilevanti mhux se jibqa' disponibbli għall-użu tal-Istati Membri taħt il-programmi nazzjonali appoġġati mill-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni. Fid-dawl tal-urġenza tal-emenda tar-Regolament (UE) Nru 516/2014, tqies f'loku li tkun prevista eċċezzjoni għall-perjodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE, mat-TFUE u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (17) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 516/2014 jiġi emendat skont dan,

ADOOTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 huwa emendat kif ġej:

- (1) l-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

- (a) l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

“Riżorsi għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali”;

- (b) fil-paragrafu 1, il-kliem “benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali” huwa sostitwit bil-kliem “applikant għal protezzjoni jew benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali”;

- (c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-ammonti addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu allokat lill-Istati Membri għall-ewwel darba fid-deċiżjonijiet individwali ta' finanzjament li japprovaw il-programm nazzjonali tagħhom f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 u aktar tard f'deċiżjoni ta' finanzjament li għandha tiġi annessa mad-deċiżjoni li tapprova l-programm nazzjonali tagħhom. L-impenji mill-ġdid ta' dawk l-ammonti għall-istess azzjoni taħt il-programm nazzjonali jew it-trasferimenti ta' dawk l-ammonti għal azzjonijiet oħra taħt il-programm nazzjonali għandhom ikunu possibbli fejn ikun ġustifikat debitament fir-reviżjoni tal-programm nazzjonali rilevanti. Ammont jista' jiġi impenjat mill-ġdid jew ittrasferit darba biss. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-impenn mill-ġdid jew it-trasferiment permezz tar-reviżjoni tal-programm nazzjonali.

Fir-rigward tal-ammonti li joħorġu mill-miżuri proviżorji stabbiliti bid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 (*) u (UE) 2015/1601 (**), bil-ħsieb li tissaħħaħ is-solidarjetà u f'konformità mal-Artikolu 80 TFUE, l-Istati Membri għandhom jerġgħu jikkommettu jew jittrasferixxu tal-anqas 20 % ta' dawk l-ammonti għal azzjonijiet taħt il-programmi nazzjonali, għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal risistemazzjoni jew ammissjonijiet umanitarji ad hoc oħrajn, kif ukoll għal miżuri preparatorji għat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali wara l-wasla tagħhom fl-Unjoni, inkluż bil-baħar, jew għat-trasferiment ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. Tali miżuri ma għandhom jinkludu l-ebda miżura relatata mad-detenzjoni. Fejn Stat Membru jerġa' jimpenja jew jittrasferixxi riżorsi taħt dak il-perċentwal minimu, ma għandux ikun possibbli d-differenza bejn l-ammont impenjat mill-ġdid jew ittrasferit u l-perċentwal minimu tiġi ttrasferita għal azzjonijiet oħra taħt il-programm nazzjonali;

(*) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 tal-14 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja (ĠU L 239, 15.9.2015, p. 146).

(**) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 tat-22 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 80).”;

- (d) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

“3a. Għall-għan tal-Artikolu 50(1) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014, meta l-ammonti li joriġinaw mill-miżuri proviżorji stabbiliti mid-Deċiżjonijiet (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601 jiġu impenjati mill-ġdid għall-istess azzjoni taħt il-programm nazzjonali jew ittrasferiti għal azzjonijiet oħra taħt il-programm nazzjonali skont il-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-ammonti kkonċernati għandhom jitqiesu li ġew impenjati fis-sena tar-reviżjoni tal-programm nazzjonali li tapprova l-impenn mill-ġdid jew it-trasferiment inkwistjoni.

3b. B'deroga mill-Artikolu 50(1) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014, l-iskadenza għad-diżimpenn tal-ammonti msemmija fil-paragrafu 3a ta' dan l-Artikolu għandu jiġi estiż b'perjodu ta' sitt xhur.

3c. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta ta' kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu.”;

(e) Il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“4. Biex l-oġġettivi tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 80 TFUE jintlaħqu b'mod effikaċi, u fil-limiti tar-riżorsi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament biex taġġusta s-somma sħiħa msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, fil-qies b'mod partikolari tar-rati kurrenti tal-inflazzjoni, l-iżviluppi rilevanti fil-qasam tat-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali u ta' beneficijarji ta' protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru għal ieħor u fil-qasam tar-risistemazzjoni u ta' forum oħra ta' ammissjoni umanitarja *ad hoc*, kif ukoll il-fatturi li jistgħu jottimizzaw l-użu tal-inċentiv finanzjarju pprovdut mis-somom sħaħ.”;

(2) fl-intestatura u fil-parti inizjali tal-Artikolu 25, il-kliem “benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali” huma sostitwiti bil-kliem “applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew ta' beneficijarji ta' protezzjoni internazzjonali”.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Strasburgu, it-12 ta' Diċembru 2018.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

A. TAJANI

Għall-Kunsill

Il-President

J. BOGNER-STRAUSS

DIRETTIVI

DIRETTIVA (UE) 2018/2001 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-11 ta' Diċembru 2018

dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli

(riformulazzjoni)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ⁽²⁾,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ ġiet emendata b'mod sostanzjali diversi drabi ⁽⁵⁾. Billi għandhom isiru iżjed emendi, dik id-Direttiva jenħtieġ li tiġi riformulata fl-interess taċ-ċarezza.
- (2) Skont l-Artikolu 194(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-promozzjoni tal-forom tal-enerġija rinnovabbli hija waħda mill-għanijiet tal-politika tal-Unjoni dwar il-enerġija. Dak il-għan qed taħdem għalih din id-Direttiva. Iż-żieda fl-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli jew "enerġija rinnovabbli" tikkostitwixxi parti importanti mill-pakkett ta' miżuri meħtieġa biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jkun hemm konformità mal-impenn tal-Unjoni fil-qafas tal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima tal-2015 wara l-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (il-"Ftehim ta' Pariġi"), u mall-qafas tal-enerġija u l-klima tal-2030 tal-Unjoni, inkluż il-mira vinkolanti tal-Unjoni li l-emissjonijiet jitnaqqsu b'tal-anqas 40 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Il-mira vinkolanti tal-Unjoni b'rabta mal-enerġija rinnovabbli għall-2030 u l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għal dik il-mira, inklużi l-ishma ta' referenza tagħhom b'rabta mal-miri globali nazzjonali tagħhom għall-2020, huma fost l-elementi li għandhom importanza ewlenija għall-politika dwar l-enerġija u l-politika ambjentali tal-Unjoni. Elementi tali oħrajn jinsabu fil-qafas ta' din id-Direttiva, pereżempju, għall-iżvilupp ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli u għall-iżvilupp ta' karburanti rinnovabbli għat-trasport.
- (3) L-użu akbar ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli għandu wkoll rwol fundamentali fil-promozzjoni tas-sigurtà fil-provvista tal-enerġija, fl-enerġija sostenibbli bi prezzijiet aċċessibbli, fl-iżvilupp u l-innovazzjoni teknoloġika kif ukoll fit-tmexxija teknoloġika u industrijali waqt li jingħataw benefiċċji ambjentali, soċjali u tas-saħħa kif ukoll opportunitajiet ewlenin għall-impjieg u l-iżvilupp reġjonali, speċjalment f'żoni rurali u iżolati, fir-reġjuni jew fit-territorji b'densità tal-popolazzjoni baxxa jew li għaddejjin minn deindustrijalizzazzjoni parzjali.

⁽¹⁾ ĠU C 246, 28.7.2017, p. 55.

⁽²⁾ ĠU C 342, 12.10.2017, p. 79.

⁽³⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2018 (għadha mhix ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018.

⁽⁴⁾ Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

⁽⁵⁾ Ara l-Parti A tal-Anness X.

- (4) B'mod partikolari, it-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, iż-żieda fit-titjib teknoloġiku, l-inċentivi għall-użu u l-espansjoni tat-trasport pubbliku, l-użu ta' teknoloġiji effiċjenti fl-enerġija u l-promozzjoni tal-użu ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tal-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ u fis-settur tat-trasport huma għodod effettivi, flimkien mal-miżuri tal-effiċjenza tal-enerġija, biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra fl-Unjoni u d-dipendenza tal-Unjoni fuq l-enerġija.
- (5) Id-Direttiva 2009/28/KE stabbiliet qafas regolatorju għall-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli li jiffissa miri nazzjonali vinkolanti fuq is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum tal-enerġija u fis-settur tat-trasport li għandhom jintlaħqu sal-2020. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2014, intitolata "Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija fil-perijodu ta' bejn l-2020 u l-2030", stabbiliet qafas għall-politiki futuri tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima u ħeġġet fehim komuni ta' kif tiġi żviluppata din il-politika wara l-2020. Il-Kummissjoni pproponiet li l-mira tal-2030 tal-Unjoni għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli kkunsmata fl-Unjoni jenħtieġ li tkun mill-inqas ta' 27 %. Dik il-proposta, ġiet approvata mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014, li tindika li l-Istati Membri jenħtieġ li jkun jistgħu jstabbilixxu l-miri nazzjonali, aktar ambizzjużi, tagħhom stess, sabiex iwasslu l-kontributi ppjanati tagħhom għall-mira tal-Unjoni għall-2030 u jeċċeduhom.
- (6) Fir-riżoluzzjonijiet tiegħu tal-5 ta' Frar 2014 intitolati "Qafas għall-politika tal-klima u tal-enerġija fl-2030" u tat-23 ta' Ġunju 2016 intitolata "Ir-Rapport dwar il-progress fl-enerġija rinnovabbli", il-Parlament Ewropew mar lil hinn mill-proposta tal-Kummissjoni jew il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, u enfażizza li, fid-dawl tal-Ftehim ta' Pariġi u t-tnaqqis fl-ispiża fit-teknoloġija rinnovabbli reċenti, kien mixtieq li wieħed ikun aktar ambizzjuż b'mod sinifikanti.
- (7) Għaldaqstant, jenħtieġ li titqies l-ambizzjoni stabbilita fil-Ftehim ta' Pariġi kif ukoll l-iżviluppi teknoloġiċi, inkluż it-tnaqqis fl-ispejjeż għall-investimenti fl-enerġija rinnovabbli.
- (8) Għaldaqstant ikun adatt li tiġi stabbilita mira vinkolanti tal-Unjoni b'sehem ta' mill-anqas 32 % ta' enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tivvaluta jekk dik il-mira jenħtieġx tiġi riveduta 'l fuq fid-dawl tat-tnaqqis sostanzjali fl-ispiża fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, l-impenji internazzjonali tal-Unjoni għad-dekarbonizzazzjoni, jew fil-każ tawt-tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-enerġija fl-Unjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jstabbilixxu l-kontribut tagħhom biex tintlaħaq dik il-mira bħala parti mill-pjanijiet nazzjonali integrati tal-enerġija u tal-klima tagħhom skont il-proċess ta' governanza stipulat fir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.
- (9) L-istabbiliment ta' mira vinkolanti tal-Unjoni dwar l-enerġija rinnovabbli għall-2030 tkompli tħeġġeġ l-iżvilupp ta' teknoloġiji li jiġġeneraw l-enerġija rinnovabbli u tipproduċi ċ-ċertezza għall-investituri. Mira definita fil-livell tal-Unjoni tħalli flessibilità akbar għall-Istati Membri li jilhq u l-miri tat-tnaqqis fil-gassijiet serra tagħhom b'mod mill-aktar kosteffettiv f'konformità maċ-ċirkostanzi speċifiċi, it-taħlita tal-enerġija u l-kapaċita tagħhom li jipproduċu l-enerġija rinnovabbli.
- (10) Sabiex tiġi żgurata konsolidazzjoni tar-riżultati miksuba fil-qafas tad-Direttiva 2009/28/KE, il-miri nazzjonali stabbiliti għall-2020 jenħtieġ li jikkostitwixxu l-kontribuzzjonijiet minimi tal-Istati Membri għall-qafas il-ġdid tal-2030. Jenħtieġ li fl-ebda ċirkostanza l-ishma nazzjonali ta' enerġija rinnovabbli ma jaqgħu taħt daww il-kontribuzzjonijiet. Jekk jagħmlu dan, l-Istati Membri rilevanti jenħtieġ li jieħdu l-miżuri adatti kif previst fir-Regolament (UE) 2018/1999 biex jiżguraw li dak is-sehem ta' referenza jerġa' jinkiseb. Jekk Stat Membru ma jżommx is-sehem tiegħu ta' referenza fuq perijodu ta' 12-il xahar, huwa jenħtieġ li, fi żmien 12-il xahar mit-tmien ta' dak il-perijodu, jieħdu miżuri addizzjonali biex jikseb mill-ġdid dak is-sehem ta' referenza. Fejn Stat Membru jkun fil-fatt ħa tali miżuri addizzjonali u jkun issodisfa l-obbligu tiegħu li jikseb mill-ġdid dak is-sehem ta' referenza, jenħtieġ li huwa jitqies li kkonforma mar-rekwiżiti obbligatorji tas-sehem ta' referenza skont din id-Direttiva kif ukoll skont ir-Regolament (UE) 2018/1999 għall-perijodu kollu in kwistjoni. L-Istat Membru inkwistjoni ma jistax għalhekk jitqies li naqas milli jwettaq l-obbligu tiegħu li jżomm is-sehem ta' referenza tiegħu għall-perijodu ta' żmien meta jkun seħħ in-nuqqas. Kemm il-qafas tal-2020 kif ukoll il-qafas tal-2030 jaqdu l-oġettivi tal-politika ambjentali u daww tal-enerġija tal-Unjoni.
- (11) L-Istati Membri jenħtieġ li jieħdu miżuri addizzjonali f'każ li s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fil-livell tal-Unjoni ma jissodisfax il-perkors tal-Unjoni lejn il-mira ta' enerġija rinnovabbli ta' mill-anqas 32 %. Taħt ir-Regolament (UE) 2018/1999 il-Kummissjoni tista' tieħu miżuri fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġi żgurati li tinkiseb il-mira fil-każ li jiġi identifikat nuqqas ta' ambizzjoni mill-Kummissjoni matul il-valutazzjoni tal-pjanijiet nazzjonali integrati dwar

⁽¹⁾ Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda d-Direttiva 94/22/KE, id-Direttiva 98/70/KE, id-Direttiva 2009/31/KE, ir-Regolament (KE) Nru 663/2009, ir-Regolament (KE) Nru 715/2009, id-Direttiva 2009/73/KE, id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119/KE, id-Direttiva 2010/31/UE, id-Direttiva 2012/27/UE, id-Direttiva 2013/30/UE u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ara paġna 1 ta' da nil-Ġurnal Uffiċjali).

il-klima u l-enerġija. Jekk il-Kummissjoni tidentifika nuqqas fil-livell tal-kunsinna matul il-valutazzjoni tagħha tar-rapporti integrati dwar il-progress nazzjonali fl-enerġija u l-klima, l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw il-miżuri previsti fir-Regolament (UE) 2018/1999 biex tagħlaq dak in-nuqqas.

- (12) Sabiex tappoġġa lill-Istati Membri fil-kontributi ambizzjużi biex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġi stabbilit qafas finanzjarju bl-għan li jiġi ffaċilitat l-investiment fi proġetti tal-enerġija rinnovabbli f'dawk l-Istati Membri, inkluż permezz tal-użu ta' strumenti finanzjarji.
- (13) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkonċentra l-għoti ta' fondi fuq it-tnaqqis tal-ispiża tal-kapital ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli peress li tali spiża għandha impatt materjali fuq l-ispiża tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli u fuq il-kompetittività tagħhom, kif ukoll fuq l-iżvilupp ta' infrastruttura essenzjali għal użu imtejjeb teknikament vijabbli u ekonomikament aċċessibbli ta' enerġija rinnovabbli bħal infrastruttura tal-grilji ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni, networks intelliġenti u interkonnessjonijiet.
- (14) Il-Kummissjoni jenħtieġ litiffacilita l-iskambju tal-aħjar prattika bejn l-awtoritajiet jew il-korpi nazzjonali jew reġjonali kompetenti, pereżempju permezz ta' laqgħat regolari biex isibu approċċ komuni ħalli jippromwovi l-użu ta' aktar proġetti ta' enerġija rinnovabbli kosteffettivi. Jenħtieġ ukoll li l-Kummissjoni tinkoraġġixxi l-investiment f'teknoloġiji nodfa, ġodda u flessibbli, u tistabbilixxi strateġija adegwata biex jiġġestixxu l-irtirar ta' teknoloġiji li ma jikkontribwixxux għat-tnaqqis ta' emissjonijiet jew li ma joffrux biżżejjed flessibilità, abbażi ta' kriterji trasparenti u sinjali tal-prezz tas-suq affidabbli.
- (15) Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, id-Direttivi 2001/77/KE ⁽²⁾ u 2003/30/KE ⁽³⁾ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u d-Direttiva 2009/28/KE stabbilixxew definizzjonijiet għal tipi differenti ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. Il-liġi tal-Unjoni dwar is-suq intern għall-enerġija tistabbilixxi definizzjonijiet għas-settur tal-elettriku b'mod ġenerali. Fl-interessi taċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali huwa adatt li japplikaw dawk id-definizzjonijiet f'din id-Direttiva.
- (16) L-iskemi ta' appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli jew "elettriku rinnovabbli" wrew li huma mod effettiv biex jitrawwem l-użu tal-elettriku rinnovabbli. Jekk u meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jimplimentaw l-iskemi ta' appoġġ, dan l-appoġġ jenħtieġ li jkun ipprovdut f'forma li tkun kemm jista' jkun mhux ta' distorsjoni għall-funzjonament tas-swieq tal-elettriku. Għal dak l-għan, għadd dejjem jiżdied ta' Stati Membri jallokaw l-appoġġ f'forma permezz ta' liema appoġġ jingħata flimkien ma' dħul mis-suq u jintroduċu sistemi bbażati fuq is-suq ikun biex jiddeterminaw il-livell ta' appoġġ meħtieġ. Flimkien ma' passi li bihom is-suq isir tajjeb biex jiżdiedu l-ishma ta' enerġija rinnovabbli, appoġġ bħal dan huwa element ewlieni taż-żieda tal-integrazzjoni fis-suq tal-elettriku rinnovabbli, filwaqt li jitqiesu l-kapaċitajiet differenti tal-produtturi żgħar u kbar li jwieġbu għas-sinjali tas-suq.
- (17) L-installazzjonijiet fuq skala żgħira jistgħu jkunu ta' benefiċċju kbir biex tiżdied l-aċċettazzjoni pubblika u biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-proġetti tal-enerġija rinnovabbli, b'mod partikolari fil-livell lokali. Sabiex tkun żgurata l-parteċipazzjoni ta' tali installazzjonijiet fuq skala żgħira, xorta waħda jistgħu jkunu meħtieġa, kundizzjonijiet speċifiċi, fosthom tariffi feed-in, biex ikun żgurat proporzjon pożittiv ta' kost-benefiċċju, skont il-liġi tal-Unjoni relatata mas-suq tal-elettriku. Id-definizzjoni ta' installazzjonijiet fuq skala żgħira bil-għan li tinkiseb din l-għajnuna hija importanti biex tingħata ċertezza legali għall-investituri. Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fihom definizzjonijiet ta' installazzjonijiet fuq skala żgħira.
- (18) Skont l-Artikolu 108 TFUE, il-Kummissjoni għandha kompetenza esklużiva li tivvaluta l-kompatibilità tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat mas-suq intern, li l-Istati Membri jistgħu jimplimentaw biex tintuża l-enerġija minn sorsi rinnovabbli. Dik il-valutazzjoni ssir abbażi tal-Artikolu 107(3) TFUE skont dispożizzjonijiet rilevanti u l-linji gwida li l-Kummissjoni tista' tadotta għal dak il-għan. Din id-Direttiva hija bla preġudizzju għall-kompetenza esklużiva tal-Kummissjoni mogħtija mit-TFUE.
- (19) Elettriku minn sorsi rinnovabbli jenħtieġ li jiġi eżerċitat bl-inqas spiża possibbli għall-konsumaturi u l-kontribwenti. Meta jfasslu l-iskemi ta' appoġġ u meta jiġi allokat l-appoġġ, l-Istati Membri jenħtieġ li jfittxu li

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1).

⁽²⁾ Direttiva (KE) Nru 2001/77/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2001 fuq il-promozzjoni ta' elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinovabbli fis-suq intern ta' l-elettriku (ĠU L 283, 27.10.2001, p. 33).

⁽³⁾ Direttiva 2003/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Mejju 2003 dwar il-promozzjoni ta' l-użu tal-bijofjuwils jew fjuwils oħra rinnovabbli għat-trasport (ĠU L 123, 17.5.2003, p. 42).

jimminimizzaw il-kost globali tas-sistema li tkun qed tintuża tul il-perkors tad-dekarbonizzazzjoni lejn l-oġettiv ta' ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju sas-sena 2050. Mekkaniżmi bbażati fuq is-suq, bħal proċeduri għas-sejħa għal offerti, intwerew li jnaqqsu l-ispiża tal-appoġġ b'mod effettiv fis-swieq kompetittivi f'ħafna ċirkostanzi. Madankollu, f'ċirkostanzi speċifiċi, proċeduri għas-sejħa għal offerti mhux neċessarjament iwasslu għal skoperta tal-prezzijiet effiċjenti. Għalhekk, jista' jkun meħtieġ li jiġu kkunsidrati eżenzjonijiet ibbilanċjati biex tiġi żgurata l-kosteffettività u tiġi minimizzata l-ispiża tal-appoġġ ġenerali. B'mod partikolari, jenħteġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-proċeduri għas-sejħa għal offerti u l-kummerċjalizzazzjoni diretta għall-installazzjonijiet fuq skala żgħira u l-proġetti ta' dimostrazzjoni sabiex jittieħed kont tal-kapaċitajiet aktar limitati tagħhom. Peress li l-Kummissjoni tivvaluta l-kompatibbiltà tal-appoġġ għall-enerġija rinnovabbli mas-suq intern skont il-każ, tali eżenzjonijiet jenħteġ li jikkonformaw mal-limiti massimi rilevanti stabbiliti fl-aħħar Linji Gwida tal-Kummissjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni u l-enerġija ambjentali. Fil-Linji Gwida għall-2014 sa 2020, daww il-limiti massimi huma stabbiliti għal 1 MW (u 6 MW jew 6 unitajiet ta' ġenerazzjoni għall-enerġija mir-riħ) u 500 kW (u 3 MW jew 3 unitajiet ta' ġenerazzjoni għall-enerġija mir-riħ) f'termini ta' eżenzjonijiet minn, rispettivament, proċeduri għas-sejħa għal offerti u kummerċjalizzazzjoni diretta. Sabiex tiżdied l-effettività tal-proċeduri għas-sejħa għal offerti biex jitnaqqsu kemm jista' jkun l-ispejjeż ġenerali tal-appoġġ jenħteġ li, bi prinċipju, l-proċeduri għas-sejħa għal offerti jkunu miftuħin għall-produtturi kollha tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fuq bażi nondiskriminatorja. Filwaqt li l-Istati Membri jiżviluppaw l-iskemi ta' appoġġ tagħhom huma jistgħu jillimitaw il-proċeduri għas-sejħa għal offerti għal teknoloġiji speċifiċi fejn dan ikun meħtieġ biex jiġu evitati riżultati mhux ideali fir-rigward ta' restrizzjonijiet tan-netwerk u l-istabbiltà tal-grilja, l-ispejjeż tal-integrazzjonis-sistema, il-ħtieġa li tinkiseb id-diversifikazzjoni tat-taħlita tal-enerġija u l-potenzjal fuq terminu twil tat-teknoloġiji.

- (20) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014 dwar il-"Qafas ta' Politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030", il-Kunsill Ewropew enfażizza l-importanza ta' suq intern tal-enerġija aktar interkonness u l-ħtieġa għal appoġġ suffiċjenti biex jiġu integrati livelli dejjem akbar ta' enerġija rinnovabbli varjabbli u b'hekk l-Unjoni tkun tista' tilħaq l-ambizzjonijiet tagħha li jkollha rwol ta' tmexxija fit-tranżizzjoni tal-enerġija. Għalhekk huwa importanti u urġenti li jiżdied il-livell ta' interkonnessjoni u li jsir progress lejn l-oġettivi tal-Kunsill Ewropew, sabiex jiġi massimizzat il-potenzjal sħiħ tal-Unjoni tal-Enerġija.
- (21) Fl-iżvilupp tal-iskemi ta' appoġġ għas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli, l-Istati Membri jenħteġ li jqisu l-provvista sostenibbli disponibbli ta' bijomassa u jqisu debitament il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u l-ġerarkija tal-iskart stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ sabiex jiġu evitati d-distorsjonijiet mhux meħtieġa tas-swieq tal-materji prima. Il-prevenzjoni u r-riċiklaġġ tal-iskart jenħteġ li jkunu l-għażla prijoritarja. Jenħteġ li l-Istati Membri jevitaw li joħolqu skemi ta' appoġġ li jmorru kontra l-miri dwar it-trattament tal-iskart u li jwasslu għal użu ineffiċjenti tal-iskart riċiklabbli.
- (22) L-Istati Membri għandhom potenzjali differenti għall-enerġija rinnovabbli u joperaw skemi differenti ta' appoġġ fil-livell nazzjonali. Il-maġġoranza tal-Istati Membri japplikaw skemi ta' appoġġ li jagħtu benefiċċji biss lill-enerġija minn sorsi rinnovabbli li tiġi prodotta fit-territorju tagħhom. Għall-funzjonament tajjeb tal-iskemi ta' appoġġ nazzjonali, huwa kruċjali li l-Istati Membri jkomplu jkunu jistgħu jikkontrollaw l-effett u l-ispejjeż tal-iskemi ta' appoġġ nazzjonali tagħhom skont il-potenzjali differenti tagħhom. Mezz importanti li bih jintlaħaq l-għan ta' din id-Direttiva jibqa' li jiġi garantit il-funzjonament tajjeb ta' skemi ta' appoġġ nazzjonali, taħt id-Direttivi 2001/77/KE u 2009/28/KE, sabiex tinżamm il-fiduċja tal-investituri u sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jfasslu miżuri nazzjonali effettivi għall-kontribuzzjoni rispettiva tagħhom għall-mira tal-Unjoni għall-2030 għall-enerġija rinnovabbli u għal miri nazzjonali li huma stabbilixxew għalihom stess. Din id-Direttiva jenħteġ li tiffaċilita l-appoġġ transkonfinali għall-enerġija rinnovabbli mingħajr ma taffettwa skemi ta' appoġġ nazzjonali b'mod sproporzjonat.
- (23) Il-ftuħ ta' skemi ta' appoġġ għal parteċipazzjoni transkonfinali jillimita l-impatti negattivi fuq is-suq intern tal-enerġija u jista', taħt ċerti kundizzjonijiet, jgħin lill-Istati Membri jiksibu l-għan tal-Unjoni b'mod aktar kosteffettiv. Il-parteċipazzjoni transkonfinali hija wkoll ir-riżultat naturali tal-iżvilupp tal-politika tal-Unjoni dwar enerġija rinnovabbli li trawwem il-konverġenza u l-kooperazzjoni għall-kontribuzzjoni għal mira vinkolanti tal-Unjoni. Għalhekk huwa xieraq li l-Istati Membri jkunu mħeġġa li jiftħu appoġġ għal proġetti li jinsabu fi Stati Membri oħra, u jiddefinixxu diversi modi li bihom jista' jiġi implimentat tali ftuħ progressiv, filwaqt li jiżguraw il-konformità mat-TFUE, b'mod partikolari l-Artikoli 30, 34 u 110 tiegħu. Minħabba li l-flussi tal-elettriku ma jistgħux jiġu traċċati, huwa xieraq li l-ftuħ ta' skemi ta' appoġġ għall-parteċipazzjoni transkonfinali jingħaqdu mal-ishma li jirrappreżentaw aspirazzjoni lejn il-livelli attwali ta' interkonnessjonijiet fiżiċi u li l-Istati Membri jitħallew jirrestrinġu l-iskemi ta' appoġġ miftuħa tagħhom għal Stati Membri li magħhom għandhom konnessjoni tan-netwerk diretta bħala indikatur Prattiku li juri l-eżistenza ta' flussi fiżiċi bejn l-Istati Membri. Madankollu, jenħteġ li dan ma jaffettwa bl-ebda mod il-funzjonament transżonali jew transkonfinali tas-swieq tal-elettriku.

⁽¹⁾ Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

- (24) Sabiex jiġi żgurat li l-ftuħ ta' skemi ta' appoġġ ikun reċiproku u jagħti benefiċċji reċiproċi, jenħtieġ li jiġu ffirmati ftehimiet ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri parteċipanti. L-Istati Membri jenħtieġ li jżommu l-kontroll fuq ir-rata tal-użu tal-kapaċità tal-elettriku rinnovabbli fit-territorju tagħhom, b'mod partikolari, sabiex jieħdu kont tal-ispejjeż tal-integrazzjoni assoċjati u l-investimenti fil-grilji meħtieġa. Għaldaqstant, l-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom permess jillimitaw il-parteċipazzjoni ta' installazzjonijiet li jinsabu fit-territorju tagħhom għal offerti li jkunu miftuħa għalihom minn Stati Membri oħra. Dawk il-ftehimiet ta' kooperazzjoni jenħtieġ li jindirizzaw l-aspetti rilevanti kollha, bħal kontabbiltà għall-ispejjeż relatati ma' proġett mibni minn Stat Membru wieħed fit-territorju ta' Stat ieħor, inkluż in-nefqa relatata ma' networks ta' rinforz, it-trasferimenti tal-enerġija, il-ħżin u l-kapaċità ta' riżerva, kif ukoll il-konġestjonijiet possibbli fin-network. F'dawk il-ftehimiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw ukoll miżuri li jistgħu jippermettu l-integrazzjoni kosteffettiva ta' tali kapaċità ta' elettriku rinnovabbli addizzjonali, kemm jekk ikunu ta' natura regolatorja (pereżempju relatati mad-disinn tas-suq) jew jipprovdu investimenti addizzjonali f'diversi sorsi ta' flessibilità (pereżempju interkonnessjonijiet, ħżin, rispons għad-domanda jew ġenerazzjoni flessibbli).
- (25) Jenħtieġ li l-Istati Membri jevitaw sitwazzjonijiet ta' distorsjoni li jirriżultaw f'importazzjoni estensiva ta' riżorsi minn pajjiżi terzi. Jenħtieġ li jitqies u jiġi promoss approċċ ta' ċiklu tal-ħajja f'dak ir-rigward.
- (26) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-iskemi ta' appoġġ disponibbli b'mod ugwali ma' parteċipanti kbar. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu miżuri, bħal l-għoti ta' informazzjoni, l-għoti t'appoġġ tekniku u finanzjarju, it-tnaqqis tar-rekwiżiti amministrattivi, inkluż kriterji għall-offerti ffukati fuq il-komunità, il-ħolqien ta' perijodi ta' żmien imfassla għall-offerti għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli jew, il-possibilità lill-komunitajiet tal-enerġija jiġu remunerati permezz ta' appoġġ dirett fejn jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-installazzjonijiet iż-żgħar.
- (27) Jenħtieġ li l-ippjanar tal-infrastruttura meħtieġ għall-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli jqis il-politiki b'rabta mal-parteċipazzjoni ta' daww affettwati mill-proġetti, b'mod partikolari l-popolazzjonijiet lokali.
- (28) Jenħtieġ li l-konsumaturi jingħataw informazzjoni komprensiva, inkluż informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-enerġija tas-sistemi tat-tiżhin u tat-tkessiħ u fuq l-ispejjeż aktar baxxi għat-tħaddim ta' vetturi elettriċi, sabiex ikunu jistgħu jagħmlu għażliet individwali bħala konsumaturi fir-rigward tal-enerġija rinnovabbli u jiġi evitat lock-in teknoloġiku.
- (29) Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 TFUE, il-politiki ta' appoġġ ta' enerġija rinnovabbli jenħtieġ li jkunu prevedibbli u stabbli u jenħtieġ li jevitaw bidliet frekwenti jew retroattivi. L-imprevedibbiltà u l-instabbiltà tal-politiki għandhom impatt dirett fuq il-kostijiet tal-finanzjament tal-kapital, fuq il-kostijiet tal-iżvilupp tal-proġetti u għalhekk fuq il-kostijiet ġenerali marbutin mal-użu tal-enerġija rinnovabbli fl-Unjoni. L-Istati Membri jenħtieġ li jipprevjenu li r-reviżjoni ta' kwalunkwe appoġġ li jingħata għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli jkollha impatt negattiv fuq il-vijabilità ekonomika tagħhom. F'dak il-kuntest, l-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu politiki ta' appoġġ kosteffettivi u jiżguraw is-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi ppubblikata skeda indikattiva fuq perijodu twil li tkopri l-aspetti ewlenin tal-appoġġ mistenni, mingħajr ma tkun affettwata l-kapaċità tal-Istati Membri li jiddeċiedu dwar l-allokazzjoni tal-baġit fis-snin koperti mill-iskeda.
- (30) L-obbligi tal-Istati Membri li jabbozzaw pjanijiet ta' azzjoni għall-enerġija rinnovabbli u r-rapporti ta' progress u l-obbligu tal-Kummissjoni li tirrapporta dwar il-progress tal-Istati Membri huma essenzjali sabiex tiżdied it-trasparenza, tiġi pprovdata ċ-ċarezza lill-investituri u l-konsumaturi u jkun possibbli monitoraġġ effettiv. Ir-Regolament (UE) 2018/1999 jintegra daww l-obbligi fis-sistema tal-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, fejn l-obbligi tal-ippjanar, ir-rappurtar u l-monitoraġġ fl-oqsma tal-enerġija u l-klima jiġu standardizzati. Il-pjattaforma ta' trasparenza dwar l-enerġija rinnovabbli hija integrata wkoll fil-pjattaforma elettronika aktar ġenerali stabbilita f'dak ir-Regolament.
- (31) Huwa meħtieġ li jiġu previsti regoli trasparenti u mhux ambigwi biex ikun ikkalkulat is-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u biex ikunu definiti daww is-sorsi.
- (32) Fil-kalkolu tal-kontribuzzjoni tal-idroelettriku u tal-enerġija mir-riħ għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-effetti tal-varjazzjoni klimatika jenħtieġ li jittaffew permezz tal-użu ta' regola ta' normalizzazzjoni. Barra minn hekk, l-elettriku prodott f'unitajiet ta' ħżin bl-ippumpjar mill-ilma li qabel kien ippumpjat 'il fuq ma jenħtieġ li ma jitqiesx bħala elettriku rinnovabbli.

- (33) Sabiex jaħdmu, pompi tas-sħana li jippermettu l-użu ta' enerġija tal-ambjent u ġeotermali flivell ta' temperatura utli jew sistemi li jipprovdu t-tkessiġ jeħtieġu l-elettriku jew xi enerġija awżiljari oħra. L-enerġija użata biex tħaddem dawk is-sistemi jenħtieġ li għalhekk titnaqqas mill-enerġija totali li tista' tintuża jew l-enerġija li titneħħa minn żona teċċedi b'mod sinifikanti l-enerġija primarja meħtieġa biex tħaddimhom. Is-sistemi ta' tkessiġ jikkontribwixxu għall-użu tal-enerġija fl-Istati Membri u għalhekk huwa adatt li l-metodi ta' kalkolu jieħdu kont tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli użata f'sistemi bħal dawn fis-setturi tal-użu finali.
- (34) Sistemi ta' enerġija passiva jużaw id-disinn tal-bini biex jisfruttaw l-enerġija. Din hija kkunsidrata bħala enerġija ffrankata. Sabiex ikun evitat l-għadd doppju, l-enerġija sfruttata b'dan il-mod jenħtieġ li ma titqiesx għall-għanijiet ta' din id-Direttiva.
- (35) Uħud mill-Istati Membri għandhom sehem kbir tal-avjazzjoni fil-konsum finali gross tal-enerġija tagħhom. Fid-dawl tar-restrizzjonijiet teknoloġiċi u regolatorji attwali li jipprevjenu l-użu kummerċjali ta' bijokarburanti fl-avjazzjoni, huwa għalhekk xieraq li dawk l-Istati Membri jingħataw eżenzjoni parzjali fil-kalkolu tal-konsum finali gross tal-enerġija fis-settur tat-trasport nazzjonali bl-ajru sabiex jippermettulhom jeskludu minn dak il-kalkolu l-ammont li bih jeċċedu b'darba u nofs il-medja tal-konsum finali gross tal-enerġija tal-Unjoni fl-avjazzjoni fl-2005, kif evalwat mill-Eurostat, jiġifieri 6,18 %. Minħabba l-karattru insulari u periferali tagħhom, Ċipru u Malta jiddependu b'mod partikolari fuq l-avjazzjoni bħala mezz ta' trasport, li huwa essenzjali għaċ-ċittadini u għall-ekonomija tagħhom. Bħala riżultat, il-konsum finali gross tal-enerġija fit-trasport nazzjonalibl-ajru tagħhom huwa sproporzjonatament għoli, jiġifieri iżjed minn tliet darbiet il-medja tal-Unjoni fl-2005. Huma għalhekk huma affettwati b'mod sproporzjonat mir-restrizzjonijiet teknoloġiċi u regolatorji attwali. Għalhekk huwa adatt li jiġi previst li huma jibbenefikaw minn eżenzjoni li tkopri l-ammont li bih jeċċedu l-medja tal-konsum finali gross tal-enerġija tal-Unjoni fl-avjazzjoni fl-2005 kif evalwat mill-Eurostat, jiġifieri 4,12 %.
- (36) Il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Lulju 2016 bit-titolu "Strateġija Ewropea għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi", għamlet enfasi fuq l-importanza partikolari, fuq perijodu medju ta' żmien, tal-bijokarburanti avanzati u l-karburanti rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika għall-avjazzjoni.
- (37) Biex jiġi żgurat li l-lista tal-materja prima biex tipproduċi bijokarburanti avanzati, bijokarburanti u bijogass oħrajn kif stabbilit f'anness għal din id-Direttiva, tqis il-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE, il-kriterji tas-sostenibbiltà tal-Unjoni, u l-hteġa li jiġi żgurat li dak l-anness ma joħloqx domanda addizzjonali għall-art filwaqt li jiġi promoss l-użu tal-iskart u r-residwi, il-Kummissjoni, meta b'mod regolari tivvaluta dak l-Annex, jenħtieġ li tqis l-inklużjoni tal-materja prima addizzjonali li ma tikkawżax effetti distorsivi sinifikanti fuq is-swieq tal-prodotti (sekondarji), l-iskart jew ir-residwi.
- (38) Biex jinħolqu opportunitajiet għat-tnaqqis tal-ispejjeż biex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni stabbilita f'din id-Direttiva u biex tingħata l-flessibbiltà lill-Istati Membri ħalli jikkonformaw mal-obbligu tagħhom li wara l-2020 ma jaqgħux taħt il-miri nazzjonali tagħhom tal-2020, huwa xieraq kemm li jkun iffaċilitat il-konsum fl-Istati Membri ta' enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli fi Stati Membri oħra, kif ukoll li l-Istati Membri jkunu jistgħu jgħoddu l-enerġija minn sorsi rinnovabbli kkunsmata fi Stati Membri oħra mas-sehem tagħhom tal-enerġija rinnovabbli. Għal dik ir-raġuni, il-Kummissjoni jenħtieġ li ddaħħal fis-seħħ Pjattaforma għall-iżvilupp rinnovabbli tal-Unjoni ("URDP"), li tippermetti l-kummerċ tal-ishma tal-enerġija rinnovabbli bejn l-Istati Membri, flimkien ma' ftehimiet ta' kooperazzjoni bilaterali. Il-URDP hija maħsuba tikkomplementa l-ftuħ volontarju ta' skemi ta' appoġġ għal proġetti li jinsabu fi Stati Membri oħra. Il-ftehimiet bejn l-Istati Membri jinkludu trasferimenti statistiċi, proġetti konġunti bejn l-Istati Membri jew skemi ta' appoġġ konġunt.
- (39) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu inkoraġġuti jaħdmu għal kull forma ta' kooperazzjoni adatta fir-rigward tal-oġettivi stabbiliti f'din id-Direttiva u jinfurmaw liċ-ċittadini dwar il-benefiċċji li jintużaw il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni. Din il-kooperazzjoni tista' sseħħ fil-livelli kollha, bilaterali jew multilaterali. Minbarra l-mekkaniżmi li għandhom effett fuq il-kalkolu tal-mira tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli u l-konformità tal-mira, u li huma previsti esklużivament f'din id-Direttiva, jiġifieri trasferimenti statistiċi bejn l-Istati Membri kemm jekk implimentati bilaterament jew permezz ta' proġetti konġunti u skemi ta' appoġġ konġunt tal-URDP, il-kooperazzjoni tista' wkoll, pereżempju, tieħu l-forma ta'skambji ta' informazzjoni u tal-aħjar prattiki, kif previsti, b'mod partikolari, fil-pjattaforma elettronika stabbilita bir-Regolament (UE) 2018/1999, kif ukoll koordinazzjoni oħra volontarja bejn it-tipi kollha ta' skemi ta' appoġġ.

- (40) Jenħtieġ li jkun possibbli li l-elettriku impurtat prodott minn sorsi rinnovabbli barra mill-Unjoni jgħodd mal-ishma tal-enerġija rinnovabbli tal-Istati Membri. Sabiex ikun garantit effett adatt tal-enerġija rinnovabbli li tieħu post l-enerġija mhux rinnovabbli fl-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi, huwa adatt li jkun żgurat li dawn l-importazzjonijiet jistħu jkunu traċċati u li jingħata kont tagħhom b'mod affidabbli. Ser jiġu kkunsidrati ftehimiet ma' pajjiżi terzi li jikkonċernaw l-organizzazzjoni ta' tali negożju fl-elettriku rinnovabbli. Jekk, bis-saħħa ta' deċiżjoni meħuda skont it-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija ⁽¹⁾ għal dak l-effett, il-partijiet kontraenti għalih jintrabtu bid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' din id-Direttiva, il-miżuri ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri previsti f'din id-Direttiva jenħtieġ li jkunu applikabbli għalihom.
- (41) Meta Stati Membri jwettqu proġetti konġunti ma' pajjiżi terzi wieħed jew aktar fir-rigward tal-produzzjoni tal-elettriku rinnovabbli, ikun adatt li daww il-proġetti konġunti jkunu relatati biss ma' installazzjonijiet li għadhom kemm inbnew jew ma' installazzjonijiet b'kapasità li għadha kemm tiżdied. Dan jgħin biex jiżgura li l-proporzjon ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum totali tal-enerġija ta' pajjiżi terzi ma jtnaqasx minħabba l-importazzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-Unjoni.
- (42) Flimkien mal-istabbiliment tal-qafas tal-Unjoni għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, din id-Direttiva tikkontribwixxi wkoll għall-impatt pożittiv potenzjali li l-Unjoni u l-Istati Membri jista' jkollhom biex tingħata spinta lill-iżvilupp tas-settur tal-enerġija rinnovabbli f'pajjiżi terzi. Jenħtieġ li l-Unjoni u l-Istati Membri jippromwovu r-riċerka, l-iżvilupp u l-investiment fil-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli f'pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp u pajjiżi sħab filwaqt li jirrispettaw bis-sħiħ il-liġi internazzjonali, u b'hekk tissaħħaħ is-sostenibbiltà ambjentali u ekonomika tagħhom u l-kapasità ta' esportazzjoni tagħhom tal-enerġija rinnovabbli.
- (43) Il-proċedura użata għall-awtorizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-liċenzjar ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli jenħtieġ li tkun oġġettiva, trasparenti, mhux diskriminatorja u proporzjonata meta jiġu applikati r-regoli għal proġetti speċifiċi. B'mod partikolari, huwa adatt li jiġi evitat kwalunkwe piż bla bżonn li jista' jinqala' mill-klassifikazzjoni ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli taħt installazzjonijiet li jirrappreżentaw riskju għoli għas-saħħa.
- (44) Għall-benefiċċju tal-użu rapidu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u bil-ħsieb tal-kwalità sostenibbli ġeneralment għolja li tkun sostenibbli u ta' benefiċċju għall-ambjent, l-Istati Membri jenħtieġ li, meta japplikaw regoli amministrattivi jew jipplanaw strutturi u leġiżlazzjoni mfassla għal-liċenzjar ta' installazzjonijiet fir-rigward tat-tnaqqis tat-tniġġis u l-kontroll tal-impjanti industrijali, għall-ġlieda kontra t-tniġġis tal-arja, jew għall-prevenzjoni jew il-minimizzazzjoni tar-rimi ta' sustanzi perikolużi fl-ambjent, jikkunsidraw il-kontribut ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ambjentali u tat-tibdil fil-klima, b' mod partikolari meta mqabbel ma' installazzjonijiet tal-enerġija mhux rinnovabbli.
- (45) Jenħtieġ li tiġi żgurata l-koerenza bejn l-oġġettivi ta' din id-Direttiva u l-liġi ambjentali l-oħra tal-Unjoni. B'mod partikolari, waqt il-proċeduri ta' valutazzjoni, ipplanar jew liċenzjar għall-installazzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli, l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw il-liġi ambjentali kollha tal-Unjoni u l-kontribut ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ambjentali u tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari meta mqabbel ma' installazzjonijiet tal-enerġija mhux rinnovabbli.
- (46) L-enerġija ġeotermali hija sors ta' enerġija rinnovabbli lokali importanti li normalment ikollha emissjonijiet konsiderevoli aktar baxxi mill-karburanti fossili, u ċerti tipi ta' impjanti ġeotermali ma jipproduċu kważi l-ebda emissjoni. Madankollu, skont il-karatteristiċi ġeoloġiċi ta' żona, il-produzzjoni tal-enerġija ġeotermali tista' titfa' gassijiet serra u sustanzi oħra minn fluwidi taħt l-art, u formazzjonijiet ġeoloġiċi oħra fis-saff ta' taħt il-ħamrija, li huma ta' ħsara għas-saħħa u l-ambjent. Jenħtieġ li l-Kummissjoni għalhekk tiffaċilita biss l-użu tal-enerġija ġeotermali b'impatt ambjentali baxx u li jirriżulta fi tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbla mas-sorsi mhux rinnovabbli.
- (47) Fil-livell nazzjonali, reġjonali u fejn applikabbli fil-livell lokali, ir-regoli u l-obbligi għal rekwiżiti minimi għall-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'binjiet ġodda u rinnovati wasslu għal żidiet konsiderevoli fl-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. Daww il-miżuri jenħtieġ li jiġu inkoraġġuti f'kuntest aktar ġenerali tal-Unjoni, filwaqt li jkun promoss l-użu ta' applikazzjonijiet aktar effiċjenti fl-enerġija tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli flimkien ma' miżuri għall-iffrankar tal-enerġija u għall-effiċjenza fl-użu tal-enerġija permezz ta' regolamenti u kodiċijiet tal-bini.

⁽¹⁾ ĠUL 198, 20.7.2006, p. 18.

- (48) Sabiex jiffaċilitaw u jħaffu l-iffissar ta' livelli minimi għall-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-bini, il-kalkolu ta' dawk il-livelli minimi f'binjiet ġodda u eżistenti soġġetti għal rinnovazzjoni maġġuri jenħtieġ li jipprovdi bażi suffiċjenti għall-valutazzjoni ta' jekk l-inklużjoni tal-livelli minimi ta' enerġija rinnovabbli hix teknikament, funzjonalment u ekonomikament fattibbli. L-Istati Membri jenħtieġ li jippermettu, inter alia, l-użu ta' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti jew, fejn is-sistemi ta' tisħin u tkessiħ distrettwali ma jkunux disponibbli, infrastruttura oħra tal-enerġija biex jiġu ssodisfati dawk ir-rekwiżiti.
- (49) Biex jiġi żgurat li miżuri nazzjonali għall-iżvilupp tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli jkunu bbażati fuq ippanar u analiżi komprensivi tal-potenzjal nazzjonali tal-enerġija rinnovabbli u l-enerġija mormija u li miżuri bħal dawn jipprevedu għal aktar integrazzjoni ta' enerġija rinnovabbli, b'appoġġ fost l-oħrajn għat-teknoloġiji innovattivi bħal pompi tas-sħana, teknoloġiji ġeotermali u solari termali, u s-sħana u l-kesħa mormija, huwa adatt li jkun meħtieġ li l-Istati Membri jwettqu valutazzjoni tal-potenzjal tagħhom ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u l-użu ta' sħana u kesħa mormija fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, partikolarment biex jiġu promossi enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-installazzjonijiet ta' tisħin u tkessiħ u jiġu promossi tisħin u tkessiħ distrettwali kompetittivi u effiċjenti. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mar-rekwiżiti ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija għat-tisħin u t-tkessiħ u jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li dik il-valutazzjoni tkun inkluda fil-valutazzjonijiet komprensivi li jsiru u jiġu notifikati f'konformità mal-Artikolu 14 tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.
- (50) In-nuqqas ta' regoli trasparenti u ta' koordinazzjoni bejn il-korpi ta' awtorizzazzjoni differenti deher li fixkel l-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. L-għoti ta' gwida lill-applikanti matul l-applikazzjoni għal permess amministrattiv u l-proċess tal-għoti ta' permess amministrattiv permezz ta' punt ta' kuntatt amministrattiv hu maħsub li jnaqqas il-kumplessità għall-iżviluppaturi tal-proġetti u jżid l-effiċjenza u t-trasparenza, inkluż għall-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli. Tali gwida jenħtieġ li tingħata fil-livell adatt ta' governanza, b'kont meħud tal-ispeċifità tal-Istati Membri. Jenħtieġ li l-punti uniċi ta' kuntatt jiġġwidaw lill-applikant u jiffaċilitaw matul il-proċess amministrattiv kollu sabiex l-applikant ma jkunx obligat jikkuntattja lil korpi amministrattivi oħra biex jikkompleta l-proċess għall-għoti ta' permess, ħliet jekk l-applikant jippreferi jagħmel dan.
- (51) Il-proċeduri amministrattivi li jieħdu fit-tul jikkostitwixxu ostaklu amministrattiv kbir u jiswew il-flus. Jenħtieġ li s-semplifikazzjoni tal-proċessi tal-għoti ta' permess amministrattiv, u limitu ta' żmien ċar għad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-awtoritajiet kompetenti għall-ħruġ tal-awtorizzazzjoni għall-installazzjoni ta' ġenerazzjoni tal-elettriku abbażi ta' applikazzjoni kkompletata, jistimolaw trattament aktar effiċjenti tal-proċeduri biex b'hekk jitnaqqsu l-ispejjeż amministrattivi. Jenħtieġ li jkun disponibbli manwal ta' proċeduri biex jiffaċilita l-fehim tal-proċeduri għall-iżviluppaturi tal-proġetti u ċ-ċittadini li jixtiequ jinvestu f'enerġija rinnovabbli. Sabiex jitrawwem l-użu ta' enerġija rinnovabbli mill-intrapriżi mikro, intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) u miċ-ċittadini individwali skont l-oġettivi stabbiliti f'din id-Direttiva, il-proċedura ta' notifiċi sempliċi għall-konnessjonijiet tal-grilja lill-korp kompetenti jenħtieġ li tiġi stabbilita għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli żgħar, inkluż dawk li huma deċentralizzati bħall-installazzjonijiet solari fuq il-bjut. B'reazzjoni għall-ħtieġa dejjem tikber għat-tiġdid ta' impjanti eżistenti ta' enerġija rinnovabbli, jenħtieġ li jiġu previsti proċeduri ssimplifikati tal-għoti ta' permessi. Din id-Direttiva, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet dwar l-organizzazzjoni u t-tul ta' żmien tal-proċess tal-għoti ta' permess amministrattiv, jenħtieġ li tapplika mingħajr preġudizzju għal-liġi internazzjonali u dik tal-Unjoni, inkluż id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-ambjent u ta' saħħet il-bniedem. Fejn debitament ġustifikat minħabba ċirkostanzi straordinari, jenħtieġ li jkun possibbli li l-perijodi ta' żmien inizjali jiġu estiżi sa sena.
- (52) Jenħtieġ li jitneħħew in-nuqqasijiet fl-informazzjoni u t-taħriġ, speċjalment fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, sabiex ikun inkoraġġut l-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli.
- (53) Sakemm l-aċċess għall-professjoni ta' installatur jew l-eżerċizzju ta' din il-professjoni ikun wieħed regolat, il-prekundizzjonijiet għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali huma stabbiliti fid-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾. Għalhekk, din id-Direttiva tapplika mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2005/36/KE.

⁽¹⁾ Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

⁽²⁾ Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonossiment ta' Kwalifiki Professionali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22).

- (54) Filwaqt li d-Direttiva 2005/36/KE tistabbilixxi rekwiżiti għar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki professjonali, inkluż għall-periti, hemm ukoll hteġa li jkun żgurat li min jippjana u l-periti jikkunsidraw b'mod adatt l-aħjar taħlita ta' enerġija rinnovabbli u teknoloġiji b'livell għoli ta' effiċjenza fil-pjanti u d-disinji tagħhom. L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jipprovdu gwida ċara f'dak ir-rigward. Dan jenħtieġ li jsir mingħajr preġudizzju għal dik id-Direttiva u b'mod partikolari l-Artikoli 46 u 49 tagħha.
- (55) Il-garanziji tal-orijini maħruġa għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandhom il-funzjoni unika li juru lill-klijent finali li sehem jew kwantità partikolari ta' enerġija ġiet prodotta minn sorsi rinnovabbli. Garanzija tal-orijini tista' tiġi trasferita, indipendentement mill-enerġija marbuta magħha, minn detentur għal ieħor. Madankollu, bil-ħsieb li jiġi żgurat li unità tal-enerġija rinnovabbli tiġi żvelata darba biss lil klijent, l-għadd doppju u l-iżvelar doppju tal-garanziji tal-orijini jenħtieġ li jiġu evitati. Jenħtieġ li l-enerġija minn sorsi rinnovabbli li fir-rigward tagħha l-garanzija tal-orijini li takkumpanjaha nbiegħet separatament mill-produttur ma tiġix żvelata jew tinbiegħ lill-klijent finali bħala enerġija minn sorsi rinnovabbli. Huwa importanti li ssir distinzjoni bejn ċertifikati ekoloġiċi li jintużaw għal skemi ta' appoġġ u garanziji tal-orijini.
- (56) Huwa adatt li s-suq tal-konsumaturi għall-elettriku rinnovabbli jitħalla jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jirrikjedu li l-fornituri tal-elettriku li jiżvelaw it-taħlita tagħhom ta' enerġija lill-klijenti finali skont il-liġi tal-Unjoni dwar is-suq intern tal-elettriku, jew li jikkumerċjalizzaw l-enerġija lill-konsumaturi b'referenza għall-konsum tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, jużaw garanziji tal-orijini minn installazzjonijiet li jipproduċu enerġija minn sorsi rinnovabbli.
- (57) Huwa importanti li tiġi pprovduta informazzjoni dwar kif l-elettriku appoġġat ikun allokat lill-klijenti finali. Sabiex titjieb il-kwalità ta' dik l-informazzjoni għall-konsumaturi, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-garanziji tal-orijini jinħarġu għall-unitajiet kollha tal-enerġija rinnovabbli li jiġu prodotti, ħlief fejn jiddeċiedu li ma joħorġux garanziji tal-orijini għall-produtturi li jirċievu wkoll appoġġ finanzjarju. Jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li joħorġu garanziji tal-orijini lil produtturi li wkoll jirċievu appoġġ finanzjarju, jew li ma joħorġux garanziji tal-orijini direttament lill-produtturi, huma jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu b'liema mezz u mekkaniżmi jiehdut kont tal-valur tas-suq ta' daww il-garanziji tal-orijini. Fejn il-produtturi tal-enerġija rinnovabbli jirċievu wkoll appoġġ finanzjarju, il-valur tas-suq tal-garanziji tal-orijini għall-istess produzzjoni jenħtieġ li jitqies kif adatt fl-iskema ta' appoġġ rilevanti.
- (58) Id-Direttiva 2012/27/UE tippredvi garanziji tal-orijini biex tingħata prova tal-orijini tal-elettriku prodott minn impjanti ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja. Madankollu, ma huwa speċifikat l-ebda użu għal dawn il-garanziji tal-orijini, u għalhekk l-użu tagħhom jista' jkun possibbli wkoll fl-iżvelar tal-użu tal-enerġija minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja.
- (59) Il-garanziji tal-orijini, li huma attwalment fis-seħħ għall-elettriku rinnovabbli, jenħtieġ li jiġu estiżi biex ikopru l-gass rinnovabbli. Jenħtieġ li l-estensjoni tas-sistema ta' garanziji tal-orijini għall-enerġija minn sorsi mhux rinnovabbli tkun għażla għall-Istati Membri. Dan jipprovdi mezz konsistenti ta' prova lill-klijenti finali dwar l-orijini tal-gass rinnovabbli bħall-bijometan u jiffaċilita aktar il-kummerċ transkonfinali ta' tali gass. Huwa jippermetti wkoll il-ħolqien ta' garanziji tal-orijini għal gass rinnovabbli oħrajn bħalma hu l-idroġenu.
- (60) Jeħtieġ tkun appoġġata l-integrazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-grilja ta' trasmissjoni u ta' distribuzzjoni u l-użu ta' sistemi tal-ħżin tal-enerġija għall-produzzjoni integrata varjabbli tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, b'mod partikolari fir-rigward tar-regoli li jirregolaw il-bgħit u l-aċċess għall-grilja. Il-qafas għall-integrazzjoni tal-elettriku rinnovabbli huwa previst fliġi oħra tal-Unjoni relatata mas-suq intern tal-elettriku. Madankollu, dak il-qafas ma jinkludix dispożizzjonijiet dwar l-integrazzjoni tal-gass minn sorsi rinnovabbli fil-grilja tal-gass. Huwa għalhekk neċessarju li jiġu inklużi tali dispożizzjonijiet f'din id-Direttiva.
- (61) Ġew rikonoxxuti l-opportunitajiet li jkun stabbilit it-tkabbir ekonomiku permezz tal-innovazzjoni u politika sostenibbli dwar l-enerġija kompetittiva. Il-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli spiss tiddependi minn SMEs lokali jew reġjonali. L-opportunitajiet għall-iżvilupp kummerċjali lokali, għat-tkabbir sostenibbli u għall-impjiegi ta' kwalità għolja li jgħibu l-investimenti fil-produzzjoni reġjonali u lokali tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fl-Istati Membri u fir-reġjuni tagħhom huma importanti. Għalhekk il-Kummissjoni u l-Istati Membri

jenħtieġ li jrawmu u jappoġġaw miżuri ta' żvilupp nazzjonali u reġionali f'dawk l-oqsma, jinkoraġġixxu l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli bejn inizzjattivi ta' żvilupp lokali u reġionali u jtejb u l-għoti ta' assistenza teknika u ta' programmi ta' tatriġ, sabiex isaħħu l-għarfien esperti regolatorju, tekniku u finanzjarju u jrawmu l-għarfien dwar il-possibilitajiet disponibbli ta' finanzjament, inkluż permezz ta' użu aktar immirat tal-fondi tal-Unjoni, bħall-użu tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni f'dak il-qasam.

- (62) L-awtoritajiet reġionali u lokali spiss jistabbilixxu miri aktar ambizzjużi rinnovabbli li jeċċedu l-miri nazzjonali. L-impenji reġionali u lokali għat-tħeġġiġ tal-iżvilupp ta' enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija bħallissa huma appoġġati permezz ta' networks, bħall-inizzjattivi Patt tas-Sindki, Bliet Intelliġenti jew Komunitajiet Intelliġenti, u l-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni dwar l-enerġija sostenibbli. Tali networks huma essenzjali u jenħtieġ li jiġu estiżi, peress li jkabbru l-għarfien u jiffaċilitaw l-iskambji tal-aħjar prattiki u tal-appoġġ finanzjarju disponibbli. F'dak il-kuntest, il-Kummissjoni jenħtieġ li tappoġġa lir-reġjuni innovattivi interessati u lill-awtoritajiet lokali biex jaħdmu bejn il-fruntieri billi tassisti fl-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' kooperazzjoni, bħar-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali, li jippermetti lill-awtoritajiet pubbliċi ta' diversi Stati Membri biex jikkollaboraw u jipprovdu servizzi u proġetti konġunti, mingħajr ma jkunu meħtieġa l-iffirmar u r-ratiffika ta' ftehim internazzjonali minn qabel min-naħa tal-parlamenti nazzjonali. Jenħtieġ li jitqiesu wkoll miżuri innovattivi oħra biex jiġi attirat aktar investment f'teknoloġiji ġodda, bħall-kuntratti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u proċessi ta' standardizzazzjoni fil-finanzjament pubbliku.
- (63) Fit-tħeġġiġ tal-iżvilupp tas-suq għal enerġija minn sorsi rinnovabbli, jeħtieġ li jitqies l-impatt pożittiv fuq l-opportunitajiet ta' żvilupp reġionali u lokali, il-prospetti għall-esportazzjoni, il-koeżjoni soċjali u l-opportunitajiet ta' impjieg, b' mod partikolari fir-rigward ta' SMEs kif ukoll produttori indipendenti tal-enerġija, inkluż l-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli.
- (64) Is-sitwazzjoni speċifika tar-reġjuni ultraperiferiċi hija rikonossuta fl-Artikolu 349 TFUE. Is-settur tal-enerġija fir-reġjuni ultraperiferiċi huwa ħafna drabi kkaratterizzat minn iżolament, provvista limitata u d-dipendenza fuq il-karburanti fossili filwaqt li dawk ir-reġjuni jibbenefikaw minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli lokali sinifikanti. Ir-reġjuni ultraperiferiċi jistgħu għalhekk iservu bħala eżempji tal-applikazzjoni tat-teknoloġiji innovattivi tal-enerġija għall-Unjoni. Huwa għalhekk neċessarju li jiġi promoss l-użu tal-enerġija rinnovabbli sabiex jintlaħaq livell ogħla ta' awtonomija tal-enerġija għal dawk ir-reġjuni u tiġi rikonossuta s-sitwazzjoni speċifika tagħhom f'termini tal-potenzjal tal-enerġija rinnovabbli u l-ħtiġijiet ta' appoġġ pubbliku. Jenħtieġ li tiġi prevista deroga ta' impatt lokali limitat li tippermetti lill-Istati Membri jadottaw kriterji speċifiċi sabiex tiġi żgurata l-eliġibbiltà għal appoġġ finanzjarju għall-konsum ta' ċerti karburanti mill-bijomassa. L-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jadottaw tali kriterji speċifiċi għal installazzjonijiet li jużaw il-karburanti mill-bijomassa u li jinsabu f'reġjun ultraperiferiku kif imsemmi fl-Artikolu 349 TFUE, kif ukoll għall-bijomassa li tintuża bħala karburant f'tali nstallazzjonijiet u li ma tikkonformax mal-kriterji tas-sostenibbiltà armonizzata, l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stabbiliti f'din id-Direttiva. Tali kriterji speċifiċi għal karburanti mill-bijomassa jenħtieġ li japplikaw irrispettivament minn jekk il-post tal-orijini ta' dik il-bijomassa huwiex Stat Membru jew pajjiż terz. Barra minn hekk, kwalunkwe kriterju speċifiku jenħtieġ li jkunu oġġettivament ġustifikat fuq il-bażi ta' indipendenza tal-enerġija tar-reġjun ultraperiferiku kkonċernat u għall-iżgurar ta' tranżizzjoni bla xkiel lejn il-kriterji ta' sostenibbiltà, kriterji ta' effiċjenza enerġetika u kriterji ta' ffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-karburanti mill-bijomassa ta' din id-Direttiva f'tali reġjun ultraperiferiku.

Meta jitqies li t-taħlita tal-enerġija għall-ġenerazzjoni tal-elettriku għar-reġjuni ultraperiferiċi hija magħmula mill-biċċa l-kbira minn żejt kombustibbli, huwa meħtieġ li jitqiesub'mod adegwat il-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'dawk ir-reġjuni. Għalhekk ikun adatt li jiġi pprovdut għal komparatur speċifiku tal-karburanti fossili għall-elettriku prodott fir-reġjuni ultraperiferiċi. L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw il-konformità effettiva mal-kriterji speċifiċi tagħhom. Finalment, jenħtieġ li l-Istati Membri mingħajr preġudizzju għal appoġġ mogħti skont skemi ta' appoġġ skont din id-Direttiva, ma jirrifjutawx li jqisu, għal raġunijiet oħra ta' sostenibbiltà, bijokarburanti u bijolikwidi miksuba skont din id-Direttiva. Din il-projbizzjoni hija maħsuba biex tiżgura li l-bijokarburanti u l-bijolikwidi li jikkonformaw mal-kriterji armonizzati previsti f'din id-Direttiva jkomplu jibbenefikaw mill-għanijiet ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ ta' din id-Direttiva, inkluż fir-rigward tar-reġjuni ultraperiferiċi kkonċernati.

- (65) Hu adatt li jitħalla jsir l-iżvilupp ta' teknoloġiji deċentralizzati ta' enerġija rinnovabbli u l-ħżin b'kundizzjonijiet mhux diskriminatorji u bla xkiel għall-finanzjament tal-investimenti fl-infrastruttura. Il-bidla għall-produzzjoni deċentralizzata tal-enerġija għandha ħafna benefiċċji, inkluż l-użu tas-sorsi ta' enerġija lokali, iż-żieda fis-sigurtà lokali tal-provvista tal-enerġija, distanzi iqsar ta' trasport u tnaqqis tat-telf fit-trasmissjoni tal-enerġija. Tali deċentralizzazzjoni trawwem ukoll żvilupp u koeżjoni komunitarji billi tipprovdi sorsi ta' dħul u toħloq impjiegi lokament.

- (66) Bl-importanza li qed tikber tal-awtokonsum tal-elettriku rinnovabbli, hemm bżonn ta' definizzjoni ta' "awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli" u ta' "awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli li jaġixxu konġuntament". Huwa wkoll neċessarju li jiġi stabbilit qafas regolatorju li jsahha il-pożizzjoni tal-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli biex jiġġeneraw, jużaw, jaħżnu, u jbigħu l-elettriku mingħajr ma jkollhom piżijiet sproporzjonati. Ċittadini li jgħixu f'appartamenti, pereżempju, jenħtieġ li jkunu jistgħu jibbenefikaw mit-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-konsumatur bl-istess mod tal-unitajiet domestiċi fi djar ta' familja waħda. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jiddistingwu bejn awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli individwali u awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli li jaġixxu konġuntament minħabba l-karatteristiċi differenti tagħhom sa punt li tali distinzjoni tkun proporzjonata u debitament ġustifikata.
- (67) It-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli li jaġixxu konġuntament joffri wkoll opportunitajiet biex il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli jtejb u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fil-livell tal-unitajiet domestiċi u jgħin fil-għieda kontra l-faqar enerġetiku permezz ta' tnaqqis fil-konsum u tariffi tal-provvista iktar baxxi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu vantaġġ adatt minn dik l-opportunità billi, fost l-oħrajn, jivvalutaw il-possibbiltà li jippermettu l-parteċipazzjoni mill-unitajiet domestiċi li nkella ma jkunux jistgħu jipparteċipaw, inkluż il-konsumaturi u kerreġja vulnerabbli.
- (68) Jenħtieġ li l-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli ma jġarrbux piżijiet jew spejjeż diskriminatorji jew sproporzjonati u jenħtieġ li ma jkunux soġġetti għal hlasiġiet mhux ġustifikati. Il-kontribut tagħhom biex tintlaħaq il-mira tal-klima u l-enerġija u l-ispejjeż u l-benefiċċji li dawn iġibu magħhom fis-sistema tal-enerġija b'mod ġenerali jenħtieġ li jiġu kkunsidrati. Għalhekk, l-Istati Membri m'għandhomx japplikaw imposti għall-elettriku prodott u kkonsmat fl-istess bini minn awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli. Madankollu, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw imposti nondiskriminatorji u proporzjonati għal tali elettriku jekk ikun meħtieġ biex tkun żgurata s-sostenibbiltà finanzjarja tas-sistema tal-elettriku, biex l-appoġġ ikun limitat għal dak li hu oġġettivament meħtieġ u jsir użu effiċjenti mill-iskemi ta' appoġġ tagħhom. Fl-istess ħin, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli jikkontribwixxu b'mod ibbilanċjat u adegwat għas-sistema ġenerali tal-kondiviżjoni tal-ispejjeż tal-produzzjoni, id-distribuzzjoni u l-konsum tal-elettriku, meta l-elettriku jiddaħħal fil-grilja.
- (69) Għal dak il-għan, jenħtieġ li bħala prinċipju ġenerali l-Istati Membri ma japplikawx imposti għall-elettriku li jiġi prodott u kkonsmat individwalment minn awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli fl-istess bini. Madankollu, sabiex jiġi evitat li dak l-inċentiv jaffettwa l-istabbiltà finanzjarja tal-iskemi ta' appoġġ għal enerġija rinnovabbli, dak l-inċentiv jista' jiġi limitat għal installazzjonijiet żgħar b'kapasità elettrika ta' 30 kW jew inqas. F'ċerti każijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu japplikaw imposti għall-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli għall-elettriku awtokonsumat fejn huma jużaw b'mod effiċjenti l-iskemi ta' appoġġ tagħhom u japplikaw aċċess nondiskriminatorju u effettiv għall-iskemi ta' appoġġ tagħhom. L-Istati Membri jenħtieġ li ikunu jistgħu wkoll japplikaw eżenzjonijiet parzjali minn imposti, tariffi, jew taħlita tagħhom u jagħtu appoġġ, sal-livell meħtieġ biex tkun żgurata l-viżibbiltà ekonomika ta' tali proġetti.
- (70) Il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini lokali u l-awtoritajiet lokali fi proġetti ta' enerġija rinnovabbli permezz ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli rriżultat f'valur miżjud sostanzjali f'termini ta' aċċettazzjoni lokali tal-enerġija rinnovabbli u aċċess għal kapital privat addizzjonali li jirriżulta f'investiment lokali, aktar għażla għall-konsumaturi u parteċipazzjoni akbar miċ-ċittadini fit-tranżizzjoni tal-enerġija. Tali involviment lokali huwa aktar u aktar kruċjali fil-kuntest taż-żieda fil-kapaċità tal-enerġija rinnovabbli. Miżuri li jippermettu lill-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli jikkompetu fuq l-istess livell ma' produtturi oħra għandhom ukoll l-għan li jżidu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini lokali fi proġetti ta' enerġija rinnovabbli u b'hekk tiżdied l-aċċettazzjoni tal-enerġija rinnovabbli.
- (71) Il-karatteristiċi speċifiċi ta' komunitajiet lokali tal-enerġija rinnovabbli f'termini ta' daqs, struttura tas-sjeda u n-numru ta' proġetti jistgħu jfixxlu l-kompetizzjoni tagħhom fuq bażi uguali ma' atturi fuq skala kbira, jiġifieri l-kompetituri bi proġetti jew portafolli akbar. Għalhekk jenħtieġ li jkun possibbli li l-Istati Membri jagħżlu kwalunkwe forma ta' entità għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, sakemm tali entità tkun tista', waqt li tagħxi fisimha stess, teżerċita d-drittijiet u tkun soġġetta għal obbligi. Sabiex jiġi evitat l-abbuż u biex tkun żgurata parteċipazzjoni ġenerali, jenħtieġ li l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli jkunu kapaċi jibqgħu awtonomi mill-membri individwali u minn atturi tradizzjonali oħra fis-suq li jipparteċipaw fil-komunità bħala membri jew azzjonisti, jew li jikkooperaw permezz ta' mezzi oħra bħall-investiment. Il-parteċipazzjoni fi proġetti tal-enerġija rinnovabbli jenħtieġ li tkun miftuħa għall-membri lokali potenzjali kollha abbażi ta' kriterji objettivi, trasparenti u nondiskriminatorji. Miżuri li jikkompensaw għal dawk l-iżvantaġġi relatati mal-karatteristiċi speċifiċi tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli lokali f'termini ta' qis, struttura tas-sjeda u l-għadd ta' proġetti jinkludu l-possibbiltà likomunitajiet tal-enerġija li joperaw fis-sistema tal-enerġija u l-faċilitazzjoni tal-integrazzjoni tagħhom fis-suq. Il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli jenħtieġ li jkunu jistgħu jaqsmu bejniethom l-enerġija li tkun prodotta mill-installazzjonijiet tagħhom li jkunu proprjetà tal-komunità. Madankollu, jenħtieġ li l-membri

tal-komunità ma jiġux eżentati minn spejjeż, imposti, tariffi u taxxi rilevanti li jithallu mill-konsumaturi finali li mhumiex membri tal-komunità, produttori f'sitwazzjoni simili, jew fejn l-infrastruttura tal-grilja pubblika tintuża għal dawk it-trasferimenti.

- (72) Il-konsumaturi tal-unitajiet domestiċi u l-komunitajiet involuti fl-awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli jenħtieġ li jżommu d-drittijiet tagħhom bħala konsumaturi, inklużi d-drittijiet li jkollhom kuntratt ma' fornitur tal-għażla tagħhom u li jbidlu l-fornitur.
- (73) Peress li jirrappreżentaw madwar nofs il-konsum finali tal-enerġija tal-Unjoni, is-settur tat-tisħin u t-tkessiħ jitqies bħala settur ewlieni fl-aċċellerazzjoni tad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija. Barra minn hekk, huwa wkoll settur strateġiku f'termini ta' sigurtà tal-enerġija, billi madwar 40 % tal-konsum tal-enerġija rinnovabbli sal-2030 huwa previst li jiġi minn tisħin u tkessiħ rinnovabbli. Madanakollu, in-nuqqas ta' strateġija armonizzata fil-livell tal-Unjoni, in-nuqqas ta' internalizzazzjoni tal-ispejjeż esterni u l-frammentazzjoni fis-swieq tat-tisħin u t-tkessiħ wasslu, sal-lum, għal progress relattivament kajman fis-settur.
- (74) Diversi Stati Membri implimentaw miżuri fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ li jilħqu mira tagħhom tal-enerġija rinnovabbli għall-2020. Madankollu, fin-nuqqas ta' miri nazzjonali vinkolanti wara l-2020, il-bqija tal-inċentivi nazzjonali jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dekarbonizzazzjoni fuq perijodu twil ta' żmien għall-2030 u l-2050. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, tissaħħaħ iċ-ċertezza għall-investituri u jitrawwem l-iżvilupp ta' suq tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli fl-Unjoni kollha, filwaqt li jiġi rrispettat il-prinċipju tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija l-ewwel, huwa adatt li jitħeġġu l-isforzi tal-Istati Membri fil-provvista tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli ħalli jikkontribwixxu għaż-żieda progressiva fis-sehem tal-enerġija rinnovabbli. Minħabba n-natura frammentata ta' xi swieq tat-tisħin u t-tkessiħ, huwa ta' importanza kbira li tiġi żgurata flessibilità fit-tfassil ta' tali sforz. Huwa importanti wkoll li jiġi żgurat li l-użu potenzjali tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli ma jkollux effetti sekondarji ta' ħsara ambjentali jew ma jwassalx għal spejjeż ġenerali sproporzjonati. Sabiex jiġi minimizzat dak ir-riskju, jenħtieġ li ż-żieda tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ tqis is-sitwazzjoni ta' dawk l-Istati Membri fejn is-sehem huwa diġà għoli ħafna, jew fejn is-sħana u l-kesħa mormija ma tintużax, bħal f'Ċipru u f'Malta.
- (75) It-tisħin u t-tkessiħ distrettwali bħalissa jirrappreżentaw madwar 10 % tad-domanda għas-sħana fl-Unjoni kollha, b'diskrepanzi kbar bejn l-Istati Membri. L-istrateġija tal-Kummissjoni dwar it-tisħin u t-tkessiħ għarfet il-potenzjal għad-dekarbonizzazzjoni tat-tisħin distrettwali permezz taż-żieda tal-effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-użu tal-enerġija rinnovabbli.
- (76) L-istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija għarfet ukoll ir-rwol taċ-ċittadini fit-tranżizzjoni tal-enerġija, fejn iċ-ċittadini jkunu responsabbli mit-tranżizzjoni tal-enerġija, jibbenefikaw minn teknoloġiji ġodda biex inaqqsu l-kontijiet tagħhom u jipparteċipaw b'mod attiv fis-suq.
- (77) Jenħtieġ li jiġu enfazzzjati s-sinerġiji potenzjali bejn sforz biex jiżdied l-użu ta' tisħin u tkessiħ rinnovabbli u l-iskemi eżistenti fil-qafas tad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽¹⁾ u d-Direttiva 2012/27/UE. L-Istati Membri jenħtieġ li, sa fejn ikun possibbli, ikollhom il-possibbiltà li jużaw l-istrutturi amministrattivi eżistenti biex jiġi implimentat dan l-isforz, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv.
- (78) Fil-qasam tat-tisħin distrettwali, huwa għalhekk kruċjali li jkun possibbli l-bdil fil-karburant għal enerġija minn sorsi rinnovabbli u jiġi evitat lock-in regolatorju u teknoloġiku u lock-out teknoloġiku permezz ta' drittijiet imsaħħa għall-produtturi tal-enerġija rinnovabbli u l-konsumaturi finali, u billi l-għodod jitwasslu għand il-konsumaturi finali biex tiġi ffaċilitata l-għażla tagħhom bejn is-soluzzjonijiet tal-ogħla rendiment fl-użu tal-enerġija li jqisu l-ħtiġijiet tat-tisħin u t-tkessiħ futuri skont il-kriterji mistennija tar-rendiment tal-bini. Konsumaturi finali jenħtieġ li jingħataw informazzjoni trasparenti u affidabbli dwar l-effiċjenza tas-sistemi ta' tisħin u tkessiħ distrettwali u s-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-provvista tat-tisħin jew it-tkessiħ speċifiku tagħhom.
- (79) Sabiex jiġu protetti l-konsumaturi ta' sistemi ta' tisħin u tkessaħ distrettwali li ma humiex sistemi effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ distrettwali u biex jkunu jistgħu jipproduċu t-tisħin u t-tkessiħ tagħhom minn sorsi rinnovabbli u b'rendiment fl-użu tal-enerġija li jkun aħjar b'mod sinifikanti, il-konsumaturi jenħtieġ li jkunu intitolati li jaqtgħu u b'hekk ma jkomplux bis-servizz tat-tisħin jew it-tkessiħ minn sistemi mhux effiċjenti ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali il-livell tal-bini kollu bit-terminazzjoni tal-kuntratt tagħhom jew, fejn il-kuntratt ikopri diversi binjiet, billi l-kuntratt jiġi mmodifikat mal-operatur tat-tisħin jew it-tkessiħ distrettwali.

⁽¹⁾ Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠUL 153, 18.6.2010, p. 13).

- (80) Bi thejjiġa għat-tranżizzjoni għal bijokarburanti avvanzati u li jimminimizzaw l-impatti ġenerali tal-bidliet diretti u indiretti fl-użu tal-art, ikun adatt li jiġi limitat l-ammont ta' bijokarburanti u bijolikwidi prodotti minn ċereali u għelejjelej oħra b'kontenut għoli ta' lamtu, għelejjelej ta' zokkor u żejt li jistgħu jgħoddu għall-miri stipulati f'din id-Direttiva, mingħajr ma tkun ristretta l-possibbiltà ġenerali li jintużaw dawn il-bijokarburanti u l-bijolikwidi. L-istabbiliment ta' limitu fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li ma jipprevjenix lill-Istati Membri milli jipprevedu limiti aktar baxxi għall-ammont ta' bijokarburanti u bijolikwidi prodotti minn ċereali u minn għelejjelej oħra b'kontenut għoli ta' lamtu, zokkor u żejt li jistgħu jingħaddu fil-livell nazzjonali lejn il-miri stipulati f'din id-Direttiva, mingħajr ma tkun ristretta l-possibbiltà ġenerali li jintużaw bijokarburanti u bijolikwidi bħal dawn.
- (81) Id-Direttiva 2009/28/KE daħħlet sett ta' kriterji ta' sostenibbiltà inkluż kriterji għall-protezzjoni tal-art b'valur ta' bijodiversità għoli u art b'riżerva għolja ta' karbonju, iżda ma kopriex il-kwistjoni tal-bidla indiretta fl-użu tal-art. Il-bidla indiretta fl-użu tal-art isseħħ meta l-kultivazzjoni tal-għelejjelej għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi jew il-karburanti mill-bijomassa tieħu post il-produzzjoni tradizzjonali tal-għelejjelej għal skopijiet ta' ikel u għalf. Tali domanda addizzjonali żżid il-pessjoni fuq l-art u tista' twassal għall-estensjoni tal-art agrikola f'żoni b'riżerva għolja ta' karbonju, bħal foresti, art mistagħdra u art torbiera, li joħloq emissjonijiet addizzjonali ta' gassijiet serra. Id-Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ tirrikonoxxi li l-kobor tal-bidla indiretta fl-użu tal-art b'rabta mal-emissjonijiet tal-gassijiet serra huwa kapaċi jista' jgħib fix-xejn xi ftit mill-iffrankar, jew kollu kemm hu, tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi jew il-karburanti mill-bijomassa individwali. Filwaqt li hemm riskji li jirriżultaw mill-bidla indiretta fl-użu tal-art, ir-riċerka wriet li l-iskala tal-effett jiddependi fuq varjetà ta' fatturi, inkluż it-tip ta' materja prima li tintuża għall-produzzjoni tal-karburant, il-livell tad-domanda għal materja prima addizzjonali li jirriżulta mill-użu tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa, u l-punt sa fejn l-art b'riżerva għolja ta' karbonju tkun protetta mad-dinja kollha.

Filwaqt li l-livell tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jinħoloq mill-bidla indiretta fl-użu tal-art ma jistax jiġi determinat b'mod inekwivoku bil-livell ta' preċiżjoni meħtieġ sabiex jiġi inkluż fil-metodoloġija tal-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-oġġla riskji ta' bidla indiretta fl-użu tal-art ġew identifikati għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti minn materja prima li għalihom ġiet osservata espansjoni sinifikanti fiż-żona tal-produzzjoni f'art b'riżerva għolja ta' karbonju. Huwa għalhekk, adatt, b'mod ġenerali, li jiġu limitati l-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa bbażati fuq l-għelejjelej tal-ikel u tal-għalf promossi fil-qafas ta' din id-Direttiva u, barra minn hekk, li l-Istati Membri jkunu rikjesti jistabbilixxu limitu speċifiku li jonqos gradwalment għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-l-għelejjelej tal-ikel u tal-għalf li għalihom ġiet osservata espansjoni sinifikanti fiż-żona tal-produzzjoni f'art b'riżerva għolja ta' karbonju. Jenħtieġ li l-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' bidla indiretta fl-użu tal-art jiġu eżentati mil-limitu speċifiku li jonqos gradwalment.

- (82) Iż-żidiet fir-rendiment fis-setturi agrikoli permezz ta' prattiki agrikoli aħjar, investimenti f'makkinarju aħjar u trasferiment tal-għarfien, lil hinn mil-livelli li jkunu ddominaw fin-nuqqas ta' skemi li jippromwovu l-produttività għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa bbażati fuq l-għelejjelej tal-ikel u l-għalf, kif ukoll tal-kultivazzjoni ta' għelejjelej fuq l-art li qabel ma kinux jintużaw għall-kultivazzjoni tal-għelejjelej, jistgħu jimmitigaw il-bidla indiretta fl-użu tal-art. Fejn ikun hemm provi li tali miżuri wasslu għal żieda fil-produttività li tmur lil hinn miż-żieda mistennija fil-produttività, jenħtieġ li l-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti minn tali materja prima addizzjonali jitqiesu bħala bijokarburanti b'riskju baxx ta' bidla indiretta fl-użu tal-art, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa. Jenħtieġ li ċ-ċaqliq fir-rendiment annwali jitqies f'dak il-kuntest.
- (83) Id-Direttiva (UE) 2015/1513 tistieden lill-Kummissjoni biex tissottometti mingħajr dewmien, proposta komprensiva għal politika kosteffiċjenti u teknoloġikament newtrali għal wara l-2020, sabiex toħloq perspettiva fit-tul għall-investiment f'bijokarburanti sostenibbli b'riskju baxx li jikkawżaw bidla indiretta fl-użu tal-art u bil-mira ewlenija tad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. Obbligu fuq l-Istati Membri li jirrikjedu lil fornituri tal-karburant li jwasslu sehem ġenerali ta' karburanti minn sorsi rinnovabbli jista' jipprovdi ċ-ċertezza għall-investituri u jinkoraġġixxu l-iżvilupp kontinwu ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli alternattivi inklużi l-bijokarburanti avvanzati, il-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, u l-elettriku rinnovabbli fis-settur tat-trasport. Peress li alternattivi rinnovabbli jistgħu ma jkunux disponibbli jew b'mod kosteffettiv għall-fornituri tal-karburant kollha, huwa adatt li l-Istati Membri jitħallew jagħmlu distinzjoni

⁽¹⁾ Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-fjuwils tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠUL 239, 15.9.2015, p. 1).

bejn il-fornituri tal-karburanti u li jeżentaw mill-obbligu, jekk ikun meħtieġ, it-tipi partikolari ta' fornitur tal-karburant. Minħabba li l-karburanti għat-trasport huma faċilment ikkummerċjalizzati, il-fornituri tal-karburanti fl-Istati Membri bi provvisti baxxi tar-riżorsi rilevanti x'aktarx jakkwistaw faċilment il-karburanti rinnovabbli minn sorsi oħra.

- (84) Jenħtieġ li tiġi stabbilita bażi tad-data tal-Unjoni biex tiżgura t-trasparenza u t-traċċabbiltà ta' karburanti sostenibbli. Filwaqt li l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jkomplu jużaw jew jistabbilixxu bażijiet tad-data nazzjonali, daww il-bażijiet tad-data nazzjonali jenħtieġ li jkunu marbuta mal-bażi tad-data tal-Unjoni, sabiex jiġi żgurat li jsiru trasferimenti tad-data istantanji u armonizzazzjoni tal-flussi tad-data.
- (85) Il-bijokarburanti avvanzati u bijokarburanti oħra u l-bijogass prodotti mill-materja prima elenkata f'anness għal din id-Direttiva, il-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, u l-elettriku rinnovabbli fis-settur tat-trasport jistgħu jikkontribwixxu għal emissjonijiet baxxi tal-karbonju, biex jistimolaw id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport tal-Unjoni b'mod kosteffettiv u jtejbu, fost oħrajn, id-diversifikazzjoni tal-enerġija fis-settur tat-trasport filwaqt li jippromwovu l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-impjiegi fl-ekonomija tal-Unjoni u jnaqqsu d-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija. Obbligu fuq l-Istati Membri biex jirrikjeđu li l-fornituri tal-karburant biex jiżguraw sehem minimu ta' bijokarburanti avvanzati u ċerti bijogassijiet, huwa maħsub biex jinkoraġġixxi l-iżvilupp kontinwu ta' karburanti avvanzati, inkluż il-bijokarburanti. Huwa importanti li jiġi żgurat li dak l-obbligu jippromwovi wkoll titjib fir-rendiment tal-gassijiet serra tal-karburanti forniti biex jintlaħaq dan l-obbligu. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta r-rendiment tal-gassijiet serra, l-innovazzjoni teknika u s-sostenibbiltà ta' daww il-karburanti.
- (86) Fir-rigward tat-Trasport Intelliġenti, huwa importanti li jiżiedu l-iżvilupp u l-użu tal-mobbiltà elettrika fit-toroq, kif ukoll li tithaffet l-integrazzjoni tat-teknoloġiji avvanzati fil-ferroviji innovattivi.
- (87) L-elettromobbiltà mistennija tagħmel parti sostanzjali mill-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport sas-sena 2030. Jenħtieġ li jingħataw aktar inċentivi li jqisu l-iżvilupp rapidu tal-elettromobbiltà u l-potenzjal ta' dak is-settur f'termini ta' tkabbir u impjiegi fl-Unjoni. Il-multiplikaturi tal-elettriku rinnovabbli forniti għas-settur tat-trasport jenħtieġ li jintużaw għall-promozzjoni tal-elettriku rinnovabbli fis-settur tat-trasport u sabiex jitnaqqas l-iżvantaġġ komparattiv fl-istatistika tal-enerġija. Peress li mhuwix possibbli li jittieħed kont tal-elettriku kollu pprovdut għal vetturi tat-triq fl-istatistika permezz ta' metraġġ iddedikat, bħal iċċarġjar mid-dar, il-multiplikaturi jenħtieġ li jintużaw biex ikun żgurat li jittieħed kont adatt tal-impatti pożittivi tat-trasport elettrifikat ibbażat fuq enerġija rinnovabbli. Jenħtieġ li jiġu esplorati għażliet biex jiġi żgurat li d-domanda għida għall-elettriku fis-settur tat-trasport tintlaħaq b'kapasità ta' ġenerazzjoni addizzjonali tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.
- (88) Fid-dawl tal-limitazzjonijiet klimatiċi li jillimitaw il-possibbiltà tal-konsum ta' ċerti tipi ta' bijokarburanti minħabba kwistjonijiet ambjentali, tekniċi jew ta' saħħa, u minħabba d-daqs u l-istruttura tas-swieq tal-karburanti tagħhom, huwa adatt li Ċipru u Malta, għall-finijiet tal-wiri tal-konformità mal-obbligi nazzjonali ta' enerġija rinnovabbli fuq il-fornituri tal-karburanti, jenħtieġ li jkunu jistgħu jqisu daww il-limitazzjonijiet inerenti.
- (89) Il-promozzjoni tal-karburanti tal-karbonju riċiklat tista' tikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-politika tad-diversifikazzjoni tal-enerġija u d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport fejn huma jilhq u l-limitu minimu adatt għall-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Huwa għalhekk adatt li jiġi inklużi daww il-karburanti fl-obbligu tal-fornitur tal-karburant, filwaqt li l-Istati Membri jingħataw l-għażla li ma jikkunsidrawx daww il-karburanti fl-obbligu jekk ma jixtiqux jagħmlu dan. Peress li daww il-karburanti m'humiex rinnovabbli, jenħtieġ li ma jingħaddux għall-mira ġenerali tal-Unjoni għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli.
- (90) Il-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika huma importanti biex jiżied is-sehem tal-enerġija rinnovabbli fis-setturi li mistennija jiddependu mill-karburanti likwidi fuq perijodu twil. Sabiex jiġi żgurat li l-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-gassijiet serra, l-elettriku li jintuża għall-produzzjoni tal-karburanti jenħtieġ li jkun ta' oriġini rinnovabbli. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tiżviluppa, permezz ta' atti delegati, metodoloġija affidabbli tal-Unjoni li tiġi applikata fejn tali elettriku jittieħed mill-grilja. Jenħtieġ li dik il-metodoloġija tiżgura li jkun hemm korrelazzjoni temporali u ġeografika bejn l-unità tal-produzzjoni tal-elettriku, li miegħu l-produttur ikollu ftehim ta' xiri bilaterali ta' elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, u l-produzzjoni tal-karburanti. Per eżempju, il-karburanti rinnovabbli ta' oriġini mhux bijoloġika ma jistgħux jingħaddu bħala totalment rinnovabbli jekk ikunu prodotti meta l-unità ta' ġenerazzjoni rinnovabbli kkuntrattata ma tkunx qed tiġġenera l-elettriku. Eżempju ieħor huwa l-każ ta' konġestjoni tal-grilja tal-elettriku, fejn il-karburanti jistgħu jingħaddu bħala totalment rinnovabbli biss meta kemm l-impjanti ta'

ġenerazzjoni tal-elettriku kif ukoll dawk tal-produzzjoni tal-karburant ikunu jinsabu fl-istess naħa fir-rigward tal-konġestjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun hemm element ta' addizzjonalità, jiġifieri li l-produttur tal-karburant ikun qed iżid mal-użu rinnovabbli jew il-finanzjament ta' enerġija rinnovabbli.

- (91) Materja prima li għandha impatti baxxi fuq il-bidla indiretta fl-użu tal-art meta tintuża għall-bijokarburanti, jenħtieġ li tiġi promossa għall-kontribut tagħha għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija. Materja prima għal bijokarburanti avvanzati u għal bijogass għat-trasport, li għaliha t-teknoloġija hija aktar innovattiva u anqas matura u li għalhekk jenħtieġ livell ogħla ta' appoġġ, jenħtieġ li, b'mod partikolari, tiġi inkluża f'anness għal din id-Direttiva. Sabiex jiġi żgurat li jiġi aġġornat skont l-aħħar żviluppi teknoloġiċi filwaqt li jiġi evitati effetti negattivi mhux intenzjonati, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrevedi dak l-anness sabiex tevalwa jekk għandhiex tiżdied materja prima ġdida.
- (92) L-ispejjeż għall-konnessjoni ta' produtturi ġodda tal-gass minn sorsi rinnovabbli mal-grilji tal-gass jenħtieġ li jkunu bbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji u jenħtieġ li jitqies il-benefiċċju li l-produtturi lokali fissi tal-gass minn sorsi rinnovabbli jipprovdu għall-grilji tal-gass.
- (93) Sabiex jiġi sfruttat il-potenzjal kollu tal-bijomassa, li ma jinkludix il-pit jew il-materjal li jinsab fil-formazzjonijiet ġeoloġiċi u/jew trasformat f'fossili, bħala kontribut għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija permezz tal-użi tagħha għall-materjali u l-enerġija, l-Unjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu mobilizzazzjoni sostenibbli akbar tal-injam eżistenti u tar-riżorsi agrikoli u l-iżvilupp ta' sistemi ġodda ta' forestrija u produzzjoni agrikola sakemm jiġu ssodisfati l-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.
- (94) Bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa jenħtieġ li dejjem jiġu prodotti b'mod sostenibbli. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa użati għall-konformità mal-mira tal-Unjoni stabbilita f'din id-Direttiva, u dawk li jibbenefikaw minn skemi ta' appoġġ, jenħtieġ li għalhekk jkunu rikjesti jissodisfaw il-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. L-armonizzazzjoni ta' dawk il-kriterji għall-bijokarburanti u l-bijolikwidi hija essenzjali għall-kisba tal-oġġettivi tal-politika tal-enerġija tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 194(1) tat-TFUE. Tali armonizzazzjoni tiżgura l-funzjonament tas-suq intern tal-enerġija u b'hekk tiffaċilita, b'mod speċjali fir-rigward tal-obbligu tal-Istati Membri li ma jirrifutawx li jikkunsidraw, fuq bażi ta' sostenibbiltà oħra, bijokarburanti u bijolikwidi miksuba skont din id-Direttiva, il-kummerċ bejn l-Istati Membri ta' bijokarburanti u bijolikwidi konformi. L-effetti pożittivi tal-armonizzazzjoni ta' dawk il-kriterji ta' hawn fuq dwar il-funzjonament tajjeb tas-suq intern tal-enerġija u dwar l-evitar ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni fl-Unjoni ma jistgħux jiġu injorati. Għall-karburanti mill-bijomassa, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jistabbilixxu aktar kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra.
- (95) L-Unjoni jenħtieġ li tieħu passi adatti fil-kuntest ta' din id-Direttiva, inkluż il-promozzjoni ta' kriterji ta' sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-bijokarburanti, u għall-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa.
- (96) Il-produzzjoni ta' materja prima agrikola għall-bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa, u l-inċentivi previsti f'din id-Direttiva biex jippromwovu l-użu tagħhom, jenħtieġ li ma jkollhomx l-effett li jinkoraġġixxu l-qerda ta' artijiet bijodiversi. Tali riżorsi limitati, rikonoxxuti f'diversi strumenti internazzjonali biex ikunu ta' valur universali, jenħtieġ li jkunu ppreservati. Jeħtieġ għalhekk li jiġu pprovvduti kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jiżguraw li l-bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa jikkwalifikaw għall-inċentivi biss fejn ikun garantit li l-materja prima agrikola ma toriġinax minn żoni bijodiversi jew, fil-każ ta' żoni ddedikati għal skopijiet ta' protezzjoni tan-natura jew għall-protezzjoni ta' ekosistemi jew speċijiet rari, mhedda jew fil-periklu li jinqerdu, l-awtorità kompetenti rilevanti turi li l-produzzjoni tal-materja prima agrikola ma tinterferixx ma' tali skopijiet.
- (97) Il-foresti jenħtieġ li jitqiesu bħala bijodiversi skont il-kriterji ta' sostenibbiltà, meta jkunu foresti primarji skont id-definizzjoni użata mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (FAO) fl-Evalwazzjoni dwar ir-Riżorsi Globali tal-Foresti tagħha, jew fejn huma protetti mil-liġijiet nazzjonali għall-protezzjoni tan-natura. Żoni fejn isir il-ġbir ta' prodotti forestali minbarra l-injam jenħtieġ li jitqiesu bħala foresti bijodiversi, dment li l-impatt tal-bniedem ikun baxx. Tipi oħra ta' foresti kif definiti mill-FAO, bħal foresti naturali modifikati, foresti seminaturali u pjantaġġuni, jenħtieġ li ma jitqisux bħala foresti primarji. Barra minn hekk, fid-dawl tan-natura

b'bijodiversità għolja ta' ċerti bwar, kemm moderati kif ukoll tropikali, inkluż savani, steppi, artijiet neqsin mix-xita u prateriji b'bijodiversità għolja, il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa magħmulin minn materja prima agrikola li toriġina minn artijiet bħal dawn jenħtieġ li ma jikkwalifikawx għall-inċentivi previsti f'din id-Direttiva. Sabiex jiġu stabbiliti kriterji adatti biex tiddefinixxi bur bħal din li għandha bijodiversità għolja skont l-aqwa data xjentifika disponibbli u l-istandards internazzjonali rilevanti, jenħtieġ li jingħataw is-setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni.

- (98) Jenħtieġ li l-art ma tkunx ikkonvertita biex takkomoda l-produzzjoni ta' materja prima agrikola għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa jekk it-telf tal-ħażna tal-karbonju tagħha wara l-konverżjoni ma setgħetx, f'perjodu raġonevoli, b'kont meħud tal-urġenza li jiġi ttrattat it-tibdil fil-klima, tiġi kkompensata bl-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-produzzjoni u l-użu ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa. Dan jevita riċerka impenjattiva bla bżonn mill-operaturi ekonomiċi u l-konverżjoni ta' art b'ħażna għolja ta' karbonju li turi li mhix eliġibbli għall-produzzjoni ta' materja prima agrikola għall-bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa. L-inventarji tal-ħażniet ta' karbonju madwar id-dinja jindikaw li artijiet mistagħdra u ż-żoni kontinwament ifforestati b'kopertura ta' ħaxix ta' aktar minn 30 % jenħtieġ li jkunu inklużi f'dik il-kategorija.
- (99) Fil-qafas tal-Politika Agrikola Komuni, il-bdiewa tal-Unjoni jenħtieġ li jikkonformaw ma' ġabra komprensiva ta' rekwiżiti ambjentali ħalli jirċievu appoġġ dirett. Il-konformità ma' daww il-kriterji tista' tiġi vverifikata bl-aktar mod effettiv fil-kuntest tal-politika agrikola. L-inklużjoni ta' daww ir-rekwiżiti fl-iskema tas-sostenibbiltà mhix adatta peress li l-kriterji tas-sostenibbiltà għall-bijoenerġija jenħtieġ li jistabbilixxu regoli li jkunu oġġettivi u li japplikaw globalment. Hemm ukoll il-periklu li l-verifika tal-konformità skont din id-Direttiva toħloq piż amministrattiv bla ħtieġa.
- (100) Il-materja prima agrikola għall-produzzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa jenħtieġ li tiġi prodotta permezz ta' prattiki konsistenti mal-protezzjoni tal-kwalità tal-ħamrija u tal-karbonju organiku fil-ħamrija. Il-kwalità tal-ħamrija u l-karbonju tal-ħamrija għaldaqstant jenħtieġ li jiġu inklużi fis-sistemi ta' monitoraġġ tal-operaturi jew l-awtoritajiet nazzjonali.
- (101) Huwa adatt li madwar l-Unjoni kollha jiddaħħlu kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-karburanti mill-bijomassa użati fis-settur tal-elettriku u fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, biex jitkompla jiġi żgurat l-iffrankar kbir tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra bi tqabbil mal-alternattivi għall-karburanti fossili, biex jiġu evitati impatti mhux intenzjonati fuq is-sostenibbiltà, u jitħeġġeġ is-suq intern. Ir-reġjuni ultraperiferiċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw il-potenzjal tar-riżorsi tagħhom sabiex tiżdied il-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-indipendenza tal-enerġija tagħhom.
- (102) Biex jiġi żgurat li, minkejja d-domanda dejjem tikber għall-bijomassa mill-foresti, il-ħsad isir b'mod sostenibbli fil-foresti fejn ir-riġenerazzjoni hija żgurata, tingħata attenzjoni speċjali lil daww iż-żoni li huma espliċitament magħżula għall-protezzjoni tal-bijodiversità, il-pajsaġġi u elementi naturali speċifiċi, li jiġu kkonservati r-riżorsi tal-bijodiversità u jiġu ttraċċati l-istokkijiet tal-karbonju, il-materja prima mill-injam jenħtieġ li toħroġ biss minn foresti li huma maħsuda skont il-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti li huma żviluppatti skont proċessi forestarji internazzjonali bħal Forest Europe u li huma implimentati permezz tal-liġijiet nazzjonali jew l-aħjar prattiki ta' ġestjoni fil-livell taż-żona tas-sors. L-operaturi jenħtieġ li jieħdu l-passi adatti biex jimminimizzaw ir-riskju li jużaw bijomassa mill-foresti mhux sostenibbli għall-produzzjoni tal-bijoenerġija. Għal dan il-għan, l-operaturi jenħtieġ li jqiegħdu fis-seħħ approċċ imsejjes fuq ir-riskju. F'dan il-kuntest, huwa adatt li l-Kummissjoni tiżviluppa gwida operattiva dwar il-verifikazzjoni tal-konformità mal-approċċ imsejjes fuq ir-riskju permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti, l-Bijolikwidi u karburanti mill-Bijomassa.
- (103) Il-ħsad għall-għanijiet ta' enerġija żdied u huwa mistenni li jkompli jikber, u dan jirriżulta f'aktar importazzjonijiet ta' materja prima minn pajjiżi terzi kif ukoll f'żieda fil-produzzjoni ta' daww il-materjali fl-Unjoni. Jenħtieġ li jiġi żgurat li l-ħsad ikun sostenibbli.
- (104) Biex jitnaqqas kemm jista' jkun il-piż amministrattiv, il-kriterji tal-Unjoni ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra jenħtieġ li japplikaw biss għall-elettriku u t-tisħin mill-karburanti mill-bijomassa prodotti f'installazzjonijiet b'kapaċità termali kklassifikata totali uguali għal jew aktar minn 20 MW.

- (105) Il-karburanti mill-bijomassa jenħtieġ li jiġu konvertiti f'elettriku u sħana b'mod effiċjenti ħalli jiġu massimizzati s-sigurtà tal-enerġija u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, kif ukoll biex jittrażżnu l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu l-arja u tiġi minimizzata l-pressjoni fuq ir-riżorsi limitati tal-bijomassa.
- (106) Il-limitu minimu tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-bijokarburanti, għall-bijolikwidi u għall-bijogass għat-trasport prodotti f'installazzjonijiet ġodda jenħtieġ li jinżied biex itejjeb il-bilanċ ġenerali tagħhom tal-gassijiet serra u jiskoraġġixxi li jsiru aktar investimenti f'installazzjonijiet b'rendiment baxx fl-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Dik iż-żieda tipprovdri salvagwardji għall-investiment fil-kapaċità tal-produzzjoni tal-bijokarburanti, tal-bijolikwidi u tal-bijogass għat-trasport.
- (107) Abbażi tal-esperjenza fl-implimentazzjoni Prattika tal-kriterji tas-sostenibbiltà tal-Unjoni, ikun adatt li jissaħħaħ ir-rwol tal-iskemi volontarji taċ-ċertifikazzjoni internazzjonali u nazzjonali għall-verifika tal-konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà b'mod armonizzat.
- (108) Huwa fl-interessi tal-Unjoni li jithegġegħ l-iżvilupp ta' skemi volontarji internazzjonali jew nazzjonali li jistabbilixxu standards għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa u li jiċċertifikaw li l-produzzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa tissodisfa dawk l-istandards. Għal dik ir-raġuni, jenħtieġ li jiġi previst li jiġi rikonoxxut li l-iskemi jagħtu evidenza u data affidabbli fejn jilhq standards adegwati ta' affidabbiltà, trasparenza u awditjar indipendenti. Sabiex ikun żgurat li l-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjoni tal-gassijiet serra tkun verifikata b'mod b'saħħtu u armonizzat u b'mod partikolari biex jiġu evitati l-frodi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta regoli ta' implimentazzjoni dettaljati, inkluż standard adegwati ta' affidabbiltà, trasparenza u awditjar indipendenti li jiġu applikati mill-iskemi volontarji.
- (109) L-iskemi volontarji jaqdu rwol dejjem aktar importanti fil-provvediment ta' evidenza ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa. Ikun adatt għaldaqstant li l-Kummissjoni tirrikjedi li l-iskemi volontarji, inkluż dawk li diġà huma rikonoxxuti mill-Kummissjoni, jirrapportaw regolarment dwar l-attività tagħhom. Tali rapporti jenħtieġ li jsiru pubbliċi ħalli tiżdied it-trasparenza u tittejjeb is-superviżjoni mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, tali rappurtar ikun jipprovdri l-informazzjoni neċessarja sabiex il-Kummissjoni tirrapporta dwar l-operat tal-iskemi volontarji bil-ħsieb li jiġu identifikati l-aħjar prattiki u biex tiġi ppreżentata proposta, jekk ikun adatt, biex tali prattiki tajbin jiġu promossi aktar.
- (110) Biex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tas-suq intern, l-evidenza li tirrigwarda l-kriterji ta' sostenibbiltà u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa li jkunu inkisbut skont skema li ġiet rikonoxxuta mill-Kummissjoni jenħtieġ li tiġi aċċettata mill-Istati Membri kollha. Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni korretta tal-prinċipi ta' ċertifikazzjoni tal-iskemi volontarji billi jissorveljaw l-operat tal-korpi ta' ċertifikazzjoni li huma akkreditati mill-korp nazzjonali ta' akkreditazzjoni u billi jinfurmaw lill-iskemi volontarji bl-osservazzjonijiet rilevanti.
- (111) Bil-għan li jkun evitat piż amministrattiv sproporzjonat, jenħtieġ li tiġi stabbilita lista ta' valuri awtomatiċi għal linji komuni ta' produzzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa u dik il-lista jenħtieġ li tiġi aġġornata u titkber meta jkun hemm disponibbli aktar data affidabbli. L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li dejjem ikunu intitolati li jiddikjaraw il-livell tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa stabbiliti minn dik il-lista. Fejn il-valur awtomatiku għall-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn linja ta' produzzjoni ikun taħt il-livell minimu meħtieġ tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-produtturi li jixtiequ juru l-konformità tagħhom ma' dak il-livell minimu jenħtieġ li jintalbu juru li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra reali mill-proċess ta' produzzjoni tagħhom huma iktar baxxi minn dawk li kienu assunti meta ġew ikkalkulati il-valuri awtomatiċi.
- (112) Jenħtieġ li jkunu stabbiliti regoli ċari abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa u l-karburanti fossili ta' riferiment tagħhom.
- (113) Skont għarfien tekniku u xjentifiku attwali, il-metodoloġija tal-kontabbiltà tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra jenħtieġ li tqis it-trasformazzjoni tal-karburanti mill-bijomassa solidi u gassużi f'enerġija finali ħalli tkun konsistenti mal-kalkolu tal-enerġija rinnovalabbli għall-finijiet ta' għadd lejn il-mira tal-Unjoni stabbilita f'din id-Direttiva. L-allokazzjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għal koprodotti, b'distinzzjoni mill-iskart u r-residwi, jenħtieġ li tiġi riveduta wkoll f'każijiet fejn l-elettriku jew it-tisħin u t-tkessiġ huma prodotti f'impjanti ta' koġenerazzjoni jew multiġenerazzjoni.

- (114) Jekk art b'ħażniet kbar ta' karbonju fil-ħamrija jew fil-veġetazzjoni tagħha tiġi kkonvertita għall-kultivazzjoni ta' materja prima għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa, parti mill-karbonju maħżun ġeneralment tiġi rilaxxata fl-atmosfera u twassal għall-formazzjoni tad-diossidu tal-karbonju (CO₂). L-impatt negattiv tal-gassijiet serra li jirriżulta jista' jipatti għall-impatt pożittiv tal-gassijiet serra tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa, fxi każi b'marġni wiesgħa. Jenħtieġ li għalhekk jiġu kkunsidrati l-effetti totali tal-karbonju ta' konverżjoni bħal din fil-kalkolu tal-iffirankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa partikolari. Dan huwa meħtieġ biex ikun żgurat li l-kalkolu tal-iffirankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra jqis it-totalità tal-effetti tal-karbonju bl-użu tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa.
- (115) Meta wieħed jikkalkula l-impatt tal-gassijiet serra tal-konverżjoni tal-art, l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jkunu jistgħu jużaw valuri attwali għall-ħażniet tal-karbonju assoċjati mal-użu tal-art ta' referenza u mal-użu tal-art wara l-konverżjoni. Jenħtieġ li huma jkunu jistgħu jużaw valuri standard ukoll. Il-metodoloġija tal-Panel Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) huwa l-bażi adatta għal dawn il-valuri standard. Dik il-ħidma bħalissa mhijiex espressa f'forma li hija applikabbli immedjament mill-operaturi ekonomiċi. Il-Kummissjoni, għalhekk, jenħtieġ li tirrevedi l-linji gwida tagħha tal-10 ta' Ġunju 2010 għall-kalkolu tal-istokkijiet tal-karbonju tal-art għall-finijiet tar-regoli għall-kalkolu tal-impatt tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' bijokarburanti, bijolikwidi u l-karburanti fossili ta' riferiment tagħhom, li huma stabbiliti f'anness ta' din id-Direttiva, filwaqt li tiżgura l-konsistenza mar-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.
- (116) Il-koprodotti mill-produzzjoni u l-użu ta' karburanti jenħtieġ li jitqiesu fil-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Il-metodu ta' sostituzzjoni huwa adatt għall-finijiet ta' analiżi tal-politika, iżda mhux għar-regolamentazzjoni ta' operaturi ekonomiċi individwali u kunsinni individwali ta' karburanti għat-trasport. F'dawk il-każijiet, il-metodu ta' allokazżjoni tal-enerġija huwa l-aktar metodu adatt, peress li huwa faċilment applikat, huwa prevedibbli maż-żmien, jimminimizza inċentivi kontroproduċenti u jipproduċi riżultati li huma ġeneralment komparabbli ma' daww prodotti mill-metodu ta' sostituzzjoni. Għall-finijiet tal-analiżi tal-politika, l-Kummissjoni jenħtieġ ukoll li, fir-rappurtar tagħha, tippreżenta riżultati bl-użu tal-metodu ta' sostituzzjoni.
- (117) Il-koprodotti huma differenti mir-residwi u r-residwi agrikoli, peress li dawn huma l-għan primarju tal-proċess tal-produzzjoni. Huwa adatt għalhekk li jiġi ċċarat li r-residwi tal-għelejjet agrikoli huma residwi u mhux koprodotti. Dan ma għandu l-ebda implikazzjoni fuq il-metodoloġija eżistenti iżda jiċċara d-dispożizzjonijiet eżistenti.
- (118) Il-metodu stabbilit li tintuża allokazżjoni tal-enerġija bħala regoli għad-diviżjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra bejn koprodotti ħadem sew u jenħtieġ jitkompla. Ikun adatt li tiġi allinjata l-metodoloġija għall-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra li jiġu mill-użu ta' sħana u ta' elettriku kkombinati -CHP meta s-CHP tintuża fl-ipproċessar tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa mal-metodoloġija applikata għal CHP li tkun l-użu finali.
- (119) Il-metodoloġija tqis t-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra bis-saħħa tal-użu tas-CHP, bi tqabbil mal-użu tal-impjanti tal-elettriku u l-impjanti tas-sħana biss, billi tqis l-utilità tas-sħana meta mqabbla mal-elettriku, u l-utilità tas-sħana f'temperaturi differenti. Jirriżulta li t-temperaturi ogħla jeħtiġilhom ikollhom parti ogħla mit-total tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mis-sħana f'temperatura baxxa, meta s-sħana hija koprodotta mal-elettriku. Il-metodoloġija tqis il-linja kollha sal-enerġija finali, inkluż il-konverżjoni għal sħana jew elettriku.
- (120) Huwa adatt li d-data użata fil-kalkolu tal-valuri awtomatiċi tinkiseb minn sorsi esperti indipendenti u xjentifiċi u li tiġi aġġornata kif adatt hekk kif dawn is-sorsi jagħmlu progress fil-ħidma tagħhom. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tinkoraġġixxi lil daww is-sorsi biex jindirizzaw, fl-aġġornament tal-ħidma tagħhom, l-emissjonijiet mill-kultivazzjoni, l-effetti tal-kundizzjonijiet reġionali u klimatoloġiċi, l-effetti ta' kultivazzjoni li tuża agrikoltura sostenibbli u metodi agrikoli organiċi, u l-kontribuzzjonijiet xjentifiku tal-produtturi fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, u s-soċjetà ċivili.

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 21 ta' Mejju 2013 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rappurtar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rappurtar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 13).

- (121) Id-domanda globali għall-materja prima agrikola qed tikber. Parti minn dik iż-żieda fid-domanda x'aktarx tkun sodisfatta permezz ta' żieda fl-ammont ta' art riżervata għall-agrikoltura. Ir-restawr ta' art li ddeterjorat b'mod gravi u għalhekk ma tistax tintuża b'mod ieħor għal finijiet agrikoli huwa mod kif tiżdied il-medda ta' art disponibbli għall-kultivazzjoni. L-iskema ta' sostenibbiltà jenħtieġ li tippromwovi l-użu ta' tali art restawrata peress li l-promozzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa ser tikkontribwixxi għal żieda fid-domanda għall-materja prima agrikola.
- (122) Sabiex tiżgura l-implimentazzjoni armonizzata tal-metodoloġija tal-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tallinjaha mal-aħħar evidenza xjentifika, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi mogħtija setgħat ta' implimentazzjoni li tadatta l-prinċipji metodoloġiċi u l-valuri neċessarji għall-valutazzjoni ta' jekk il-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ġewx issodisfati u biex tivvaluta jekk ir-rapporti mressqa mill-Istati Membri u l-pajjiżi terzi fihomx data preċiża dwar l-emissjonijiet tal-kultivazzjoni tal-materja prima.
- (123) Il-grilji tal-gass Ewropej qed isiru aktar integrati. Il-promozzjoni tal-produzzjoni u l-użu tal-bijometan, l-injezzjoni tiegħu fil-grilja tal-gass naturali u l-kummerċ transkonfinali jgħolqu l-bżonn li tiġi żgurata kontabbiltà tajba tal-enerġija rinnovabbli kif ukoll li jiġu evitati l-inċentivi doppji li jirriżultaw mill-iskemi ta' appoġġ fi Stati Membri differenti. Is-sistema ta' bilanċ tal-massa b'rabta mal-verifika tas-sostenibbiltà tal-bijoenerġija u l-bażi tad-data tal-Unjoni huma maħsuba biex jgħinu jindirizzaw dawk il-kwistjonijiet.
- (124) Il-kisba tal-oġġettivi ta' din id-Direttiva titlob li l-Unjoni u l-Istati Membri jiddedikaw ammont sinifikanti ta' riżorsi finanzjarji għar-riċerka u l-iżvilupp fir-rigward ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli. B'mod partikolari, l-Istitut Ewropew għall-Innovazzjoni u t-Teknoloġija jenħtieġ li jaġti prijorità kbira lir-riċerka u l-iżvilupp tat-teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli.
- (125) L-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jenħtieġ li tirrifletti, fejn rilevanti, il-Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, partikolarment kif implimentata permezz tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.
- (126) Sabiex jiġu emendati jew issupplimentat l-elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward tal-istabbiliment tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-kwantità ta' enerġija rinnovabbli li tintuża għat-tkessi u t-tkessi distrettwali u l-emendar tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-enerġija mill-pompi tas-sħana; l-istabbiliment tal-URDP u l-iffissar tal-kundizzjonijiet għall-finalizzazzjoni tat-transazzjonijiet ta' trasferiment statistiku bejn l-Istati Membri permezz tal-URDP; li jistabbilixxi limiti minimi xierqa għall-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ta' karburanti tal-karbonju riċiklat; l-adozzjoni, u jekk xieraq, l-emendar tal-kriterji għaċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' bidla indiretta fl-użu tal-art li għaliha jkun osservat li espansjoni sinifikanti tal-produzzjoni tkun f'art b'ħażna għolja ta' karbonju u t-tnaqqis gradwali fil-kontribut tagħhom għall-miri stipulati d'din id-Direttiva; l-adattament tal-kontenut tal-enerġija tal-karburanti tat-trasport għall-progress xjentifiku u tekniku; l-istabbiliment tal-metodoloġija tal-Unjoni għall-istabbiliment tar-regoli li bihom l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jikkonformaw mar-rekwiżiti għall-għadd tal-elettriku biex jitqies bħala totalment rinnovabbli meta wżati għall-produzzjoni tal-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, jew meta jittieħdu mill-grilja; l-ispeċifikar tal-metodoloġija li biha jiġi ddeterminat is-sehem tal-bijokarburant, u l-bijogass għat-trasport, li jirriżulta mill-ipproċessar tal-bijomassa mal-karburanti fossili fi proċess komuni u l-metodoloġija li permezz tagħha jiġi evalwat l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika u minn l-karburanti tal-karbonju riċiklatsabiex jiġi żgurat li l-krediti mill-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra jingħataw darba biss; l-emendar billi żżid ma', iżda ma tneħħix mill-listi tal-materja prima għall-produzzjoni tal-bijokarburanti avvanzati u bijokarburanti oħra u bijogass; u l-issupplimentar jew l-emendar tar-regoli għall-kalkolu tal-impatt tal-gassijiet serra fuq il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti fossili ta' riferiment tagħhom. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' thejġija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li

⁽¹⁾ Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

dawk il-konsultazzjonijiet jiġu mwettqa f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ⁽¹⁾. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jitttrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

- (127) Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva jenħtieġ li jiġu adottati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾.
- (128) Minħabba li l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jintlaħaq sehem ta' mill-inqas 32 % ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum gross finali tal-enerġija tal-Unjoni sal-2030, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jista', minħabba l-iskala tal-azzjoni, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan.
- (129) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ⁽³⁾, l-Istati Membri hađu l-impenn li, f'każijiet ġustifikati, jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni b'dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis it-trasmissjoni ta' tali dokumenti bħala ġustifikata.
- (130) Jenħtieġ li l-obbligu li din id-Direttiva tiġi trasposta fil-liġi nazzjonali jiġi limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw emenda sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva 2009/28/KE. L-obbligu li jiġu trasposti d-dispożizzjonijiet li mhumex mibdula joħroġ taħt dik id-Direttiva.
- (131) Din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri relatati mal-limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttiva tal-Kunsill 2013/18/UE ⁽⁴⁾ u d-Direttiva (UE) 2015/1513,

ADOOTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni għall-promozzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli. Hija tistabbilixxi mira vinkolanti tal-Unjoni għas-sehem globali ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija tal-Unjoni fl-2030. Hija tistabbilixxi wkoll regoli dwar appoġġ finanzjarju għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli, dwar l-awtokonsum ta' tali elettriku, dwar l-użu tal-enerġijaminn sorsi rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessi u fis-settur tat-trasport, dwar il-kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri, u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, dwar garanziji tal-orijini, dwar proċeduri amministrattivi u dwar informazzjoni u taħriġ. Hija tistabbilixxi wkoll kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet rilevanti fid-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾.

⁽¹⁾ ĠUL 123, 12.5.2016, p. 1.

⁽²⁾ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p.13).

⁽³⁾ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

⁽⁴⁾ Direttiva tal-Kunsill 2013/18/UE tat-13 ta' Mejju 2013 li tadatta d-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 230).

⁽⁵⁾ Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠUL 211, 14.8.2009, p. 55).

Japplikaw ukoll id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) “enerġija minn sorsi rinnovabbli” jew “enerġija rinnovabbli” tfisser l-enerġija minn sorsi rinnovabbli mhux fossili, b'mod partikolari enerġija mir-riħ, solari (solari termiċi u solari fotovoltajċi) u enerġija ġeotermika, enerġija ambjentali, marea, mewġ u enerġija oħra oċeanika, idroenerġija, bijomassa, gass minn landfill, gass minn impjanti għat-trattament tad-drenaġġ, u bijogass;
- (2) “enerġija ambjentali” tfisser enerġija termali naturali u enerġija akkumulata fl-ambjent b'konfini limitati, li tista' tinħażen fl-arja ambjentali minbarra fl-arja tal-egżost, jew fl-ilma tal-wiċċ jew tad-drenaġġ;
- (3) “enerġija ġeotermali” tfisser l-enerġija maħżuna fil-forma ta' sħana taħt il-wiċċ tal-art solida;
- (4) “konsum finali gross tal-enerġija” tfisser il-prodotti tal-enerġija li għal għanjiet ta' enerġija jingħataw lill-industrija, it-trasport, l-unitajiet domestiċi, is-servizzi inkluż is-servizzi pubbliċi, l-agrikoltura, l-forestrija u s-sajd, l-konsum ta' elettriku u sħana mill-fergħa tal-enerġija għall-produzzjoni tal-elettriku, tas-sħana u tal-karburant għat-trasport u t-telf ta' elettriku u sħana fid-distribuzzjoni u t-trasmissjoni;
- (5) “skema ta' appoġġ” tfisser kull strument, skema jew mekkaniżmu applikat minn Stat Membru jew grupp ta' Stati Membri, li jippromwovi l-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli billi titnaqqas l-ispiża ta' dik l-enerġija, billi jizzied il-prezz li bih tista' tinbiegħ, permezz ta' obbligu ta' enerġija rinnovabbli jew inkella, il-volum ta' tali enerġija mixtrija, inkluż iżda mhux limitat għal, għajnuna għall-investment, eżenzjonijiet jew tnaqqis mit-taxxa, rifużjonijiet tat-taxxa, skemi ta' appoġġ għall-obbligu ta' enerġija rinnovabbli inkluż dawk li jużaw ċertifikati ekoloġiċi, u skemi ta' appoġġ dirett għall-prezzijiet inkluż tariffi “feed-in” u ħlasijiet ta' primjums varjabbli jew fissi;
- (6) “obbligu ta' enerġija rinnovabbli” tfisser skema ta' appoġġ li tirrikjedi li l-produtturi tal-enerġija jinkludu fil-produzzjoni tagħhom sehem partikolari ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, li tirrikjedi li l-fornituri tal-enerġija jinkludu sehem partikolari ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-provvista tagħhom, jew li tirrikjedi li l-konsumaturi tal-enerġija jinkludu fil-konsum tagħhom sehem partikolari ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, inklużi skemi li bihom dawn ir-rekwiżiti jistgħu jiġu sodisfatti permezz tal-użu ta' ċertifikati ekoloġiċi;
- (7) “strument finanzjarju” tfisser strument finanzjarju kif definiti fil-punt (29) tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾;
- (8) “SME” tfisser intrapriża mikro, żgħira jew ta' daqs medju kif definita fl-Artikolu 2 tal-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE ⁽²⁾;
- (9) “sħana u kesħa mormija” tfisser sħana jew kesħa inevitabbli ġġenerata bħala prodott sekondarju f'installazzjonijiet industrijali jew tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, jew f'settur terziarju, li tiġi dissipata bla ma tintuża fl-arja jew fl-ilma bla aċċess għal sistema ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali, fejn ikun intuża jew ser jintuża l-proċess ta' koġenerazzjoni jew fejn il-koġenerazzjoni mhix fattibbli;
- (10) “tiġdid (repowering)” tfisser it-tiġdid ta' impjanti tal-elettriku li jipproduċu l-enerġija rinnovabbli, inkluż is-sostituzzjoni sħiħa jew parzjali tal-installazzjonijiet jew tas-sistemi u t-tagħmir tal-operazzjoni għal finijiet tas-sostituzzjoni tal-kapaċità jew taż-żieda tal-effiċjenza jew tal-kapaċità tal-installazzjoni;
- (11) “operatur tas-sistema tad-distribuzzjoni” tfisser operatur kif definit fil-punt (6) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/72/KE u fil-punt (6) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾;
- (12) “garanzija tal-oriġini” tfisser dokument elettroniku li għandu l-funzjoni unika li jagħti evidenza lil klijent finali li sehem jew kwantità partikolari ta' enerġija ġiet prodotta minn sorsi rinnovabbli;

⁽¹⁾ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

⁽²⁾ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 li tikkonċerna intrapriżi mikro, żgħira u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

⁽³⁾ Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94).

- (13) “taħlita ta’ enerġija residwa” tfisser it-taħlita tal-enerġija annwali totali għal Stat Membru, minbarra l-parti koperta mill-garanziji tal-orijini kkanċellati;
- (14) “awtokonsumatur ta’ sorsi rinnovabbli” tfisser klijent finali li jopera fil-bini tiegħu li jkun jinsab fi ħdan konfini limitati jew, fejn ikun permess mill-Istati Membri, f’binjiet oħra, li jiġġenera elettriku rinnovabbli għall-konsum tiegħu stess, u li jista’ jaħżen jew jbigħ l-elettriku rinnovabbli ġġenerat minnu stess, dment li, għall-awtokonsumaturi ta’ sorsi rinnovabbli li mhumex unitajiet domestiċi, daww l-attivitajiet ma jikkostitwixx l-attività kummerċjali jew professjonali primarja tagħhom;
- (15) “awtokonsumaturi ta’ sorsi rinnovabbli li jaġixxu konġuntament” tfisser grupp ta’ mill-inqas żewġ awtokonsumaturi ta’ sorsi rinnovabbli li jaġixxu konġuntament f’konformità mal-punt (14) li jinsabu fl-istess blokk bini jew f’bini b’aktar minn appartament wieħed;
- (16) “komunità tal-enerġija rinnovabbli” tfisser entità legali:
- (a) li, skont il-liġi nazzjonali applikabbli, hija bbażata fuq parteċipazzjoni miftuħa u volontarja, hija awtonoma, u hija fil-fatt ikkontrollata minn azzjonisti jew membri li jinsabu fl-inhaw tal-proġetti ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli li huma proprjetà ta’ dik l-entità ġuridika u żviluppati minnha;
 - (b) li l-azzjonisti jew il-membri tagħha jkunu persuni fiżiċi, SMEs jew awtoritajiet lokali, inkluż municiċipalitajiet;
 - (c) li l-għan ewlieni tagħha huwa li tipprovdi benefiċċji komunitarji ambjentali, ekonomiċi jew soċjali għall-azzjonisti jew membri tagħha jew għaż-żoni lokali fejn topera u mhux għall-profitti finanzjarji;
- (17) “fthem dwar ix-xiri tal-elettriku minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli” tfisser kuntratt li bih persuna ġuridika jew fiżika taqbel li tixtri l-elettriku rinnovabbli direttament mingħand produttur tal-enerġija;
- (18) “kummerċ bejn il-pari” ta’ enerġija rinnovabbli tfisser il-bejgħ ta’ enerġija rinnovabbli bejn il-parteeipanti fis-suq permezz ta’ kuntratt b’kundizzjonijiet predeterminati li jirregolaw l-eżekuzzjoni u s-saldu awtomatizzati tat-transazzjoni, jew direttament bejn il-parteeipanti fis-suq jew indirettament permezz ta’ parteeipant fis-suq iċċertifikat ta’ parti terza, bħal aggregatur. Id-dritt li jsir il-kummerċ bejn il-pari għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet involuti bħala klijenti finali, produtturi, fornituri jew aggregaturi;
- (19) “tisħin distrettwali” jew “tkessiħ distrettwali” tfisser id-distribuzzjoni ta’ enerġija termali f’forma ta’ fwar, ilma sħun jew likwidi mkessħin, minn sorsi ċentrali jew deċentralizzati ta’ produzzjoni permezz ta’ netwerk lejn diversi binjiet jew siti, għall-użu ta’ tisħin jew tkessiħ ta’ spazju jew proċess;
- (20) “tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti” tfisser tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti kif ddefinit fil-punt (41) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (21) “koġenerazzjoni ta’ effiċjenza għolja” tfisser koġenerazzjoni ta’ effiċjenza għolja kif ddefinit fil-punt (34) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE;
- (22) “ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija” tfisser ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija kif ddefinit fil-punt (12) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2010/31/UE;
- (23) “skart” tfisser skart kif definit fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/98/KE bl-esklużjoni ta’ sustanzi li jkunu ġew modifikati jew kontaminati intenzjonalment sabiex jissodisfaw din id-definizzjoni;
- (24) “bijomassa” tfisser il-frazzjoni bijodegradabbli ta’ prodotti, skart u residwi ta’ orijini bijoloġika mill-agrikoltura, inkluż sustanzi veġetali u mill-annimali, mill-industrija forestali u industrija relatati, inkluż is-sajd u l-akkwakultura, kif ukoll il-frazzjoni bijodegradabbli ta’ skart, inkluż l-iskart industrijali u municiċipali ta’ orijini bijoloġika;
- (25) “bijomassa agrikola” tfisser bijomassa prodotta mill-agrikoltura;
- (26) “bijomassa tal-foresta” tfisser bijomassa prodotta mill-forestrija;
- (27) “karburanti mill-bijomassa” tfisser karburanti gassużi u solidi prodotti mill-bijomassa;
- (28) “bijogass” tfisser karburanti gassużi prodotti mill-bijomassa;

- (29) “bijoskart” tfisser bijoskart kif iddefinit fil-punt (4) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2008/98/KE;
- (30) “żona tas-sorsi” tfisser iż-żona definita ġeografikament li tkun is-sors tal-materja prima mill-bijomassa forestali, li minnha tkun disponibbli informazzjoni affidabbli u indipendenti u fejn il-kundizzjonijiet huma omoġenji biżżejjed biex jiġi evalwat ir-riskju tas-sostenibbiltà u l-karatteristiċi tal-legalità tal-bijomassa forestali;
- (31) “riġenerazzjoni tal-foresti” tfisser l-istabbiliment mill-ġdid ta’ art forestata permezz ta’ mezzi naturali jew artifiċjali wara t-tneħħija ta’ art forestata preċedenti bil-qtugħ tas-siġar jew minħabba kawżi naturali, inkluż nar jew maltempata;
- (32) “bijolikwidi” tfisser karburant likwidu għal għanijiet ta’ enerġija minbarra għat-trasport, inkluż l-elettriku u t-tisħin u t-tkessiħ, prodott mill-bijomassa;
- (33) “bijokarburanti” tfisser karburant likwidu għat-trasport prodott mill-bijomassa;
- (34) “bijokarburanti avanzati” tfisser bijokarburanti li huma prodotti mill-materji prima elenkati fil-Parti A tal-Anness IX;
- (35) “karburanti tal-karbonju riċiklat” tfisser karburanti likwidi u gassużi prodotti minn flussi ta’ skart likwidu jew solidu ta’ oriġini mhux rinnovabbli li ma jkunux adatti għall-irkupru materjali skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE, jew minn gass mill-ipproċessar tal-iskart u gass tal-egżost ta’ oriġini mhux rinnovabbli li jiġu prodotti bħala konsegwenza inevitabbli u mhux intenzjonati tal-proċess ta’ produzzjoni fl-installazzjonijiet industrijali;
- (36) “karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta’ oriġini mhux bijoloġika” tfisser karburanti likwidi jew gassużi li jintużaw fis-settur ta-trasport għajr il-bijokarburanti jew il-bijogass, li l-kontenut enerġetiku tagħhom huwa derivat minn sorsi ta’ enerġija rinnovabbli għajr il-bijomassa;
- (37) “bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b’riskju baxx ta’ bidla indiretta fl-użu tal-art” tfisser bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa, li l-materja prima tagħhom ġiet prodotta fi skemi li jevitaw l-effetti ta’ spostament tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa bbażati fuq l-għelejjel tal-ikel u tal-ġhalf permezz ta’ prattiki agrikoli mtejba kif ukoll permezz tal-kultivazzjoni ta’ għelejjel f’żoni li qabel ma kinux jintużaw għall-kultivazzjoni tal-għelejjel, u li ġew prodotti f’konformità mal-kriterji ta’ sostenibbiltà għall-bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa stipulati fl-Artikolu 29;
- (38) “fornitur tal-karburant” tfisser entità li tipprovi l-karburant fis-suq li tkun responsabbli biex tgħaddi l-karburant minn punt ta’ dazju tas-sisa jew, fil-każ tal-elettriku jew fejn l-ebda dazju tas-sisa mhu dovut jew fejn jkun debitament ġustifikat, kwalunkwe entità rilevanti oħra magħżula minn Stat Membru;
- (39) “għelejjel b’kontenut għoli ta’ lamtu” tfisser għelejjel li jinkludu prinċipalment ċereali, irrispettivament minn jekk jintużawx biss iż-żrieragħ jew il-pjanta kollha, bħal fil-każ tal-qamħirrun aħdar; tuberji u għelejjel tal-għeruq, bħal patata, artiċokks, patata ħelwa, kassava u jam; u għelejjel tal-basla tuberuża, bħal taro u cocoyam;
- (40) “għelejjel tal-ikel u l-ġhalf” tfisser għelejjel b’kontenut għoli ta’ lamtu, għelejjel taz-zokkrijiet jew għelejjel taż-żejt prodotti fuq art agrikola bħala għelejjel ewlenin minbarra r-residwi, il-materjal skartat jew linjoċellulożiku u l-għelejjel intermedji, bħall-għelejjel tat-titwiq u l-għelejjel ta’ kopertura dment li l-użu ta’ tali għelejjel intermedji ma jgħolqx domanda għal aktar art;
- (41) “materjal linjoċellulożiku” tfisser materjal magħmul minn linjin, ċelluloża u emiċelluloża bħal bijomassa li toriġina minn foresti, għelejjel ta’ injam għall-enerġija u residwi u skart ta’ industrijali li huma bbażati fuq il-foresti;
- (42) “materjal ċellulożiku mhux tal-ikel” tfisser materja prima prinċipalment magħmula minn ċelluloża u emiċelluloża, b’kontenut aktar baxx ta’ linjin minn materjal linjoċellulożiku; hija tinkludi residwi tal-ikel u tal-ġhalfa tal-ikel, bħal tiben, magħlef, ħlif u qxur; għelejjel tal-enerġija ta’ ħaxix b’kontenut baxx ta’ lamtu, bħal sikrana, switchgrass, miscanthus, kannamieli kbar; għelejjel ta’ kopertura qabel u wara l-għelejjel ewlenin; għelejjel ta’ newb il-bwar; residwi industrijali, inkluż minn għelejjel għall-ikel u l-ġhalf wara li ż-żjut veġetali, zokkrijiet, lamti u proteini jkunu ġew estratti; u materjal mill-bijoskart fejn l-għelejjel ta’ newb il-bwar u ta’ kopertura huma mifhuma li jkunu merġat miżrugħa temporanji u fuq perijodu qasir li jinkludu taħlita ta’ ħaxix u legumi b’kontenut baxx ta’ lamtu biex jinkiseb għalf għall-bhejjem u titjeb il-fertilità tal-ħamrija biex jinkisbu rendimenti oġġla ta’ għelejjel ewlenin li jinħartu;
- (43) “residwu” tfisser sustanza li ma tkunx il-prodott(i) finali li proċess ta’ produzzjoni jkun maħsub li jipproduċi direttament; li ma tkunx l-għan primarju tal-proċess ta’ produzzjoni u l-proċess ma jkunx ġie mmodifikat apposta biex jipproduċiha;

- (44) “residwi mill-agrikoltura, l-akkwakultura, is-sajd u l-forestrija” tfisser residwi li huma ġġenerati direttament mill-agrikoltura, l-akkwakultura, is-sajd u l-forestrija u li ma jinkludux residwi minn industriji relatati jew minn ipproċessar relatat;
- (45) “valur reali” tfisser l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-fażijiet kollha, jew uħud minnhom, ta’ proċess ta’ produzzjoni ta’ bijokarburant, ta’ bijolikwidu jew ta’ karburant mill-bijomassa speċifiku, ikkalkulat skont il-metodoloġija stipulata fil-Parti C tal-Anness V jew il-Parti B tal-Anness VI;
- (46) “valur tipiku” tfisser stima tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għal linja ta’ produzzjoni ta’ bijokarburant, bijolikwidu jew bijokarburant mill-bijomassa partikolari, li huwa rappreżentattiv tal-konsum tal-Unjoni;
- (47) “valur awtomatiku” tfisser valur idderivat minn valur tipiku permezz tal-applikazzjoni ta’ fatturi determinati minn qabel u li jista’ f’ċirkostanzi speċifikati f’din id-Direttiva, jintuża minflok valur reali.

Artikolu 3

Mira ġenerali vinkolanti tal-Unjoni għall-2030

1. L-Istati Membri għandhom kollettivament jiżguraw li s-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija tal-Unjoni fl-2030 ikun ta’ mill-inqas 32 %. Il-Kummissjoni għandha tevalwa din il-mira, bil-ksieb li tressaq proposta leġislattiva sal-2023 biex iżżidha fejn ikun hemm aktar tnaqqis sostanzjali fl-ispejjeż tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, fejn ikun meħtieġ biex jintlaħqu l-impenji internazzjonali tal-Unjoni għad-dekarbonizzazzjoni, jew fejn tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-enerġija fl-Unjoni jiġġustifika tali żieda.

2. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kontributi nazzjonali biex tintlaħaq kollettivament din il-mira ġenerali stipulata fil-paragrafu 1 ta’ dan l-Artikolu bħala parti mill-pjanijiet integrati nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima skont l-Artikoli 3 sa 5 u 9 sa 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999. Fit-tnejn tal-abbozz tal-pjanijiet integrati nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-formola msemmija fl-Anness II ta’ dak ir-Regolament

Jekk, abbażi tal-valutazzjoni tal-abbozz ta’ pjanijiet integrati nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima mressqa skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/1999, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-kontribuzzjonijiet nazzjonali tal-Istati Membri mhumiex biżżejjed biex kollettivament tintlaħaq il-mira ġenerali vinkolanti tal-Unjoni, hija għandha ssegwi l-proċedura stipulata fl-Artikoli 9 u 31, ta’ dak ir-Regolament.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-politiki nazzjonali tagħhom jinkludu l-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 25 sa 28 ta’ din id-Direttiva, u l-iskemi ta’ appoġġ tagħhom, jifasslu b’kont meħud debitu għall-ġerarkija tal-iskart kif stabbilit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE, bil-għan li jiġu evitati effetti ta’ distorsjoni indebiti fuq is-swieq tal-materja prima. L-Istati Membri m’għandhomx jagħtu appoġġ għall-enerġija rinnovabbli prodotta mill-inċinerazzjoni tal-iskart jekk ma kienx hemm konformità mal-obbligi tal-ġbir separat stipulati f’dik id-Direttiva.

4. Mill-1 ta’ Jannar 2021, is-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli mill-konsum finali gross tal-enerġija ta’ kull Stat Membru m’għandhiex tkun anqas mis-sehem ta’ referenza li jidher fit-tielet kolonna tat-tabella fil-Parti A tal-Anness I għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jiżguraw il-konformità ma’ dak is-sehem ta’ referenza. Jekk Stat Membru ma jżommx is-sehem ta’ referenza tiegħu kif imkejjel fuq perijodu ta’ sena, għandhom japplikaw l-ewwel u t-tieni subparagrafi tal-Artikolu 32(4) tar-Regolament (UE) 2018/1999.

5. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-ambizzjoni kbira tal-Istati Membri permezz ta’ qafas abilitanti li jinkludi l-użu aħjar tal-fondi tal-Unjoni inkluż il-fondi addizzjonali għall-faċilitazzjoni ta’ tranżizzjoni ġusta tar-reġjuni b’użu intensiv tal-karbonju lejn iżjed ishma ta’ enerġija rinnovabbli, b’mod partikolari strumenti finanzjarji, speċjalment għall-għanijiet li ġejjin:

- (a) it-tnaqqis tal-ispiża tal-kapital għal proġetti tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli;
- (b) l-iżvilupp ta’ proġetti u programmi għall-integrazzjoni tas-sorsi rinnovabbli f’sistema tal-enerġija, għaż-żieda tal-flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija, għaż-żamma tal-istabbiltà tal-grilja u għall-ġestjoni tal-konġestjonijiet fil-grilja;
- (c) l-iżvilupp ta’ infrastruttura ta’ grilji tat-trasmissjoni u tad-distribuzzjoni, netwerks intelliġenti, faċilitajiet għall-ħżin u interkonnessjonijiet, bil-għan li wieħed jasal għall-mira ta’ interkonnessjoni ta’ 15 % tal-elettriku sal-2030, sabiex jiżied il-livell teknikament fattibli u ekonomikament aċċessibbli ta’ enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-sistema tal-elettriku;

(d) it-titjib tal-kooperazzjoni reġjonali bejn l-Istati Membri u bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi, permezz ta' proġetti konġunti, skemi ta' appoġġ konġunti u l-ftuħ ta' skemi ta' appoġġ għall-elettriku rinnovabbli għall-produtturi li jinsabu fi Stati Membri oħra.

6. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma faċilitattiva sabiex tappoġġa lill-Istati Membri li jużaw mekkaniżmi ta' kooperazzjoni biex jikkontribwixxu lejn il-mira ġenerali vinkolanti tal-Unjoni billi stiplulata fil-paragrafu 1.

Artikolu 4

Appoġġ finanzjarju għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli

1. Sabiex tintlaħaq jew tinqabeż il-mira tal-Unjoni stabbilita fl-Artikolu 3(1), u l-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru lejn dik il-mira fil-livell nazzjonali għall-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, l-Istati Membri jistgħu japplikaw skemi ta' appoġġ.

2. L-iskemi ta' appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli għandhom jipprovdu inċentivi għall-integrazzjoni tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fis-suq tal-elettriku b'mod ibbażat fuq is-suq u li jirreaġixxi għas-suq, filwaqt li jevitaw distorsjonijiet bla bżonn fis-swieq tal-elettriku kif ukoll iqisu l-ispejjeż possibbli tal-integrazzjoni tas-sistema u l-istabbiltà tal-grilja.

3. L-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli għandu jiffassal b'mod li tiġi massimizzata l-integrazzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fis-suq tal-elettriku u jiżgura li l-produtturi tal-enerġija rinnovabbli qed iwieġbu għas-sinjali tal-prezz tas-suq u jimmassimizzaw l-introjti tagħhom mis-suq.

Għal dak il-għan, fi skemi diretti ta' appoġġ tal-prezzijiet, l-appoġġ għandu jingħata fil-forma ta' primjum tas-suq, li jista' jkun, fost l-oħrajn, varjabbli jew fiss.

L-Istati Membri jistgħu jeżentaw installazzjonijiet u proġetti ta' dimostrazzjoni fuq skala żgħira minn dan il-paragrafu, mingħajr preġudizzju għal-liġi tal-Unjoni applikabbli dwar is-suq intern tal-elettriku.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli jingħata b'mod miftuħ, trasparenti, kompetittiv, mhux diskriminatorju u kosteffiċjenti.

L-Istati Membri jistgħu jeżentaw installazzjonijiet u proġetti ta' dimostrazzjoni fuq skala żgħira minn proċeduri ta' sejħa għal offerti.

L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw ukoll l-istabbiliment ta' mekkaniżmi biex jiżguraw id-diversifikazzjoni reġjonali fit-tnejd ta' elettriku li jiġġedded, b'mod partikolari biex jiżguraw integrazzjoni tas-sistema kosteffiċjenti.

5. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-proċeduri għas-sejħa għal offerti għal teknoloġiji speċifiċi fejn il-ftuħ għall-skemi ta' appoġġ tal-produtturi kollha ta' elettriku minn sorsi rinnovabbli jwassal għal riżultat subottimali, fid-dawl ta':

(a) il-potenzjal fit-tul ta' teknoloġija partikolari;

(b) il-ħtieġa li tinkiseb id-diversifikazzjoni;

(c) l-ispejjeż għall-integrazzjoni tal-grilja;

(d) il-limitazzjonijiet tan-netwerk u l-istabbiltà tal-grilja;

(e) għall-bijomassa, il-bżonn li jiġu evitati d-distorsjonijiet fis-swieq tal-materja prima.

6. Meta l-appoġġ għall-enerġija minn sorsi rinnovabbli jingħata permezz ta' proċedura għas-sejħa għall-offerti, l-Istati Membri għandhom, sabiex tiġi żgurata rata għolja ta' twettiq tal-proġetti:

(a) jistabbilixxu u jipubblikaw kriterji trasparenti u mhux diskriminatorji biex jikkwalifikaw għal proċedura għas-sejħa għal offerti u jistabbilixxu dati ċari u regolati għat-twettiq tal-proġetti;

(b) jipubblikaw informazzjoni dwar il-proċeduri għas-sejħa għal offerti preċedenti, inklużi r-rati ta' twettiq tal-proġetti.

7. Sabiex tiżdied il-ġenerazzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fir-reġjuni l-aktar imbiegħda u fil-gżejjer iż-żgħar, l-Istati Membri jistgħu jadattaw l-iskemi ta' appoġġ finanzjarju għal proġetti li jinsabu f'dawk ir-reġjuni sabiex iqisu l-ispejjeż tal-produzzjoni assoċjati mal-kundizzjonijiet speċifiċi tagħhom ta' iżolament u dipendenza esterna.

8. Sal-31 ta' Diċembru 2021 u kull tliet snin wara din id-data, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-rendiment tal-appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli mogħti permezz ta' sejħiet għal offerti fl-Unjoni, filwaqt li tanalizza b'mod partikolari, l-abbiltà ta' proċeduri għas-sejħa tal-offerti li:

- (a) jiksibu tnaqqis fl-ispejjeż;
- (b) jiksibu titjib teknoloġiku;
- (c) jiksibu rati għolja ta' twettiq;
- (d) jipprovdu l-parteċipazzjoni mhux diskriminatorja ta' atturi żgħar u tal-awtoritajiet lokali fejn applikabbli;
- (e) jillimitaw l-impatt ambjentali;
- (f) jiżguraw l-aċċettabbiltà lokali;
- (g) jiżguraw is-sigurtà tal-provvista u l-integrazzjoni tal-grilja.

9. Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 TFUE.

Artikolu 5

Il-ftuħ tal-iskemi ta' appoġġ għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli

1. L-Istati Membri għandu jkollhom id-dritt, skont l-Artikoli 7 sa 13 ta' din id-Direttiva, li jiddeċiedu sa fejn jappoġġjaw elettriku minn sorsi rinnovabbli li jiġi prodott fi Stat Membru ieħor. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jifhem l-parteċipazzjoni fi skemi ta' appoġġ għal elettriku minn sorsi rinnovabbli għal produtturi li jinsabu fi Stati Membri oħra, suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

Meta jifhem l-parteċipazzjoni fi skemi ta' appoġġ għal elettriku minn sorsi rinnovabbli, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-appoġġ għal sehem indikattiv tal-kapaċità li għadha kif ġiet appoġġata, jew tal-baġit allokat għaliha, f'kull sena tkun miftuħa għalprodutturi li jinsabu fi Stati Membri oħra.

Tali ishma indikattivi, f'kull sena, jistgħu jammontaw għal mill-inqas 5 % mill-2023 sal-2026 u mill-inqas 10 % mill-2027 sal-2030, jew fejn inqas, għall-livell ta' interkonnnettività tal-Istat Membru kkonċernatfi kwalunkwe sena partikolari.

L-Istati Membri jistgħu jorganizzaw skema pilota waħda jew aktar fejn l-appoġġ ikun miftuħ għal ġeneraturi li jinsabu fi Stati Membri oħra sabiex tinkiseb aktar esperjenza ta' implimentazzjoni.

2. L-Istati Membri jistgħu jitolbu prova ta' importazzjoni fiżika ta' elettriku minn sorsi rinnovabbli. Għal dak il-għan, l-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-parteċipazzjoni fl-iskemi ta' appoġġ tagħhom lil produtturi li jinsabu fl-Istati Membri li magħhom hemm konnessjoni diretta permezz ta' interkonnnetturi. Madankollu, l-Istati Membri m' għandhomx ibiddlu jew b'mod ieħor jaffettwaw l-iskedi trans-żonali u l-allokkazzjoni tal-kapaċità minħabba fil-produtturi li jipparteċipaw fi skemi ta' appoġġ transkonfinali. It-trasferimenti transkonfinali tal-elettriku għandhom jiġu determinati biss bl-eżitu tal-allokkazzjoni tal-kapaċità skont il-liġi tal-Unjoni fis-suq intern tal-elettriku.

3. Jekk Stat Membru jiddeċiedi li jiftaħ il-parteċipazzjoni fi skemi ta' lil produtturi li jinsabu fi Stati Membri oħra, l-Istati Membri rilevanti għandhom jaqblu dwar il-prinċipji ta' din il-parteċipazzjoni. Dawn il-ftehimiet għandhom ikopru mill-inqas il-prinċipji tal-allokkazzjoni tal-elettriku li jiġġedded li huwa s-suġġett ta' appoġġ transkonfinali.

4. Il-Kummissjoni għandha, fuq talba tal-Istati Membri rilevanti, tassistihom matul il-proċess tan-negozjati permezz tal-istabbiliment ta' arranġamenti ta' kooperazzjoni billi tipprovi informazzjoni u analiżi, inkluża data kwantitattiva u kwalitattiva dwar l-ispejjeż u l-benefiċċji diretti u indiretti tal-kooperazzjoni, kif ukoll permezz ta' gwida u kompetenza teknika. Il-Kummissjoni tista' tinkoraġġixxi jew tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar Prattiki u tista' tiżviluppa mudelli għal ftehim ta' kooperazzjoni sabiex tiffaċilita l-proċess tan-negozjati. Il-Kummissjoni għandha tevalwa, sal-2025, l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-provvediment tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fl-Unjoni skont dan l-Artikolu.

5. Sal-2023, il-Kummissjoni għandha twestaq evalwazzjoni tal-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu. Dik l-evalwazzjoni għandha tivvaluta l-ħtieġa li jiġi introdott obbligu għall-Istati Membri biex jifhem parzjalment il-parteċipazzjoni fl-iskemi ta' appoġġ tagħhom għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli lil produtturi li jinsabu fi Stati Membri oħra bil-għan li jkun hemm ftuħ ta' 5 % sal-2025 u ftuħ ta' 10 % sal-2030.

Artikolu 6

L-istabbiltà tal-appoġġ finanzjarju

1. Mingħajr preġudizzju għall-adattazzjonijiet meħtieġa għall-konformità mal-Artikoli 107 u 108 TFUE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-livell ta', u l-kundizzjonijiet marbuta mal-appoġġ mogħti għal proġetti tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ma jiġux riveduti b'eċċa mod li jkollhom effetti negattivi fuq id-drittijiet konferiti hemmhekk u li jimmina l-vijabilità ekonomika ta' proġetti li jibbenefikaw diġà mill-appoġġ.
2. L-Istati Membri jistgħu jaġġustaw il-livell ta' appoġġ skont il-kriterji oġġettivi, dment li tali kriterji jiġu stabbiliti fid-disinn oriġinali tal-iskema ta' appoġġ.
3. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw skeda fuq perijodu twil li tantiċipa l-allokazzjoni mistennija ta' appoġġ, li tkopri, bħala referenza, mill-inqas il-ħames snin li ġejjin, jew, f'każ ta' restrizzjonijiet ta' ppjanar baġitarju, it-tliet snin ta' wara, inkluż, iż-żmien indikattiv, il-frekwenza tal-proċeduri tas-sejħa għall-offerti fejn xieraq, il-kapaċità mistennija u l-baġit jew l-appoġġ massimu unitarju mistenni li jiġi allokati, u t-teknoloġiji eliġibbli mistennija, jekk applikabbli. Dik l-iskeda għandha tiġi aġġornata fuq bażi annwali jew, fejn meħtieġ, biex tirrifletti żviluppi riċenti tas-suq jew l-allokazzjoni mistennija ta' appoġġ.
4. L-Istati Membri għandhom, tal-anqas darba kull ħames snin, jivvalutaw l-effettività tal-iskemi tal-appoġġ tagħhom għall-elettriku minn sorsi rinnovabbli u l-effetti distributtivi kbar tagħhom fuq gruppi ta' konsumaturi differenti, u fuq investimenti. Dik il-valutazzjoni għandha tqis l-effett ta' bidliet possibbli fl-iskemi ta' appoġġ. L-ippjanar indikattiv fit-tul li jirregola d-deċiżjonijiet tal-appoġġ u t-tfassil ta' appoġġ għid għandu jqis ir-riżultati ta' dik il-valutazzjoni. L-Istati Membri għandhom jinkludu l-valutazzjoni fl-aġġornamenti rilevanti tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima u r-rapporti ta' progress f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999.

Artikolu 7

Kalkolu tas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli

1. Il-konsum finali gross ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'kull Stat Membru għandu jkun ikkalkulat bħala s-somma ta':
 - (a) konsum finali gross ta' elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli;
 - (b) konsum finali gross ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli għat-tisħin u t-tkessiħ; u
 - (c) konsum finali ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-trasport.

Fir-rigward tal-punt (a), (b) jew (c) tal-ewwel subparagrafu, gass, elettriku u idroġenu minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli għandhom ikunu kkunsidrati darba biss, għall-finijiet tal-kalkolu tas-sehem tal-konsum finali gross ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli.

Soġġett għat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 29(1), il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa li ma jissodisfawx il-kriterji ta' sostenibilità u l-iffrankar fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra stipulati fl-Artikolu 29(2) sa (7) u (10) ma għandhomx jiġu kkunsidrati.

2. Għall-finijiet tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, il-konsum finali gross ta' elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli għandu jkun ikkalkulat bħala l-kwantità ta' elettriku prodott fi Stat Membru minn sorsi rinnovabbli, inkluż il-produzzjoni tal-elettriku minn awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli u komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli u bl-esklużjoni tal-produzzjoni ta' elettriku f'unitajiet ta' ppumpjar tal-ħażniet minn ilma li qabel kien ippumpjat 'il fuq.

F'impjanti multi-kombustibbli li jużaw sorsi rinnovabbli u mhux rinnovabbli, il-parti biss tal-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli għandha tkun ikkunsidrata. Għall-finijiet ta' dak il-kalkolu, il-kontribut ta' kull sors ta' enerġija għandu jkun ikkalkulat fuq il-bażi tal-kontenut tiegħu ta' enerġija.

L-elettriku ġġenerat bl-idroenerġija u bl-enerġija mir-riħ għandu jkun ikkunsidrat skont ir-regoli ta' normalizzazzjoni stabbiliti fl-Anness II.

3. Għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, il-konsum finali gross ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ għandu jkun ikkalkulat bħala l-kwantità ta' tisħin u tkessiħ distrettwali prodotta fi Stat Membru minn sorsi rinnovabbli, miżjuda bil-konsum ta' enerġija oħra minn sorsi rinnovabbli fl-industrija, fid-djar, fis-servizzi, fl-agrikoltura, fil-forestrija u fis-sajd għal finijiet ta' tisħin, tkessiħ u ta' pproċessar.

Fimpjanti multi-kombustibbli li jużaw sorsi rinnovabbli u mhux rinnovabbli, għandha tkun ikkunsidrata biss il-parti tat-tisħin u t-tkessiħ prodotta minn sorsi rinnovabbli. Għall-għanijiet ta' dak il-kalkolu, il-kontribut ta' kull sors ta' enerġija għandu jkun ikkalkulat fuq il-bażi tal-kontenut tiegħu ta' enerġija.

L-enerġija ambjentali u ġeotermali li tintuża għat-tisħin u t-tkessiħ permezz ta' pompi tas-sħana u sistemi ta' tkessiħ distrettwali għandha titqies għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, dment li l-output finali tal-enerġija jisboq sew l-input ta' enerġija primarja meħtieġ biex jitħaddmu l-pompi tat-tisħin. Il-kwantità ta' sħana jew kasha li għandha tiġi meqjusa bħala enerġija minn sorsi rinnovabbli għall-għanijiet ta' din id-Direttiva għandha tiġi kkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII u għandha tqis l-użu tal-enerġija fis-setturi ta' użu aħħari kollha.

L-enerġija termali ġġenerata minn sistemi ta' enerġija passiva, li taħtom jinkiseb passivament konsum inqas ta' enerġija permezz tad-disinn tal-bini jew minn sħana ġġenerata minn enerġija minn sorsi mhux rinnovabbli, m'għandhiex tkun ikkunsidrata għall-finijiet tal-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.

Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 35 biex tissupplimentu din id-Direttiva billi tistabbilixxi metodoloġija għall-kalkolu tal-kwantità ta' enerġija rinnovabbli użata għat-tkessiħ u t-tkessiħ distrettwali u temenda l-Anness VII.

Dik il-metodoloġija għandha tinkludi fatturi stagionali ta' prestazzjoni minimi għall-pompi tas-sħana li joperaw bil-kontra.

4. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) Il-konsum finali tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tat-trasport għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma tal-bijokarburanti, il-karburanti mill-bijomassa u l-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika kollha kkonsumati mis-settur tat-trasport. Madankollu, il-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika li huma prodotti mill-elettriku rinnovabbli għandhom jitqiesu bħala parti mill-kalkolu skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 biss meta tiġi kkalkulata l-kwantità tal-elettriku prodott fi Stat Membru mis-sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

(b) Għall-kalkolu tal-konsum finali tal-enerġija fis-settur tat-trasport, għandhom jintużaw il-valuri li jirrigwardaw il-kontenut tal-enerġija tal-karburanti għat-trasport kif stabbilit fl-Anness III. Għad-determinazzjoni tal-kontenut tal-enerġija ta' karburanti tat-trasport mhux inklużi fl-Anness III, l-Istati Membri għandhom jużaw l-istandards tal-Organizzazzjoni Ewropea tal-Istandardizzazzjoni (ESO) rilevanti sabiex jiddeterminaw il-valuri kalorifiċi ta' karburanti. Fejn l-ebda standard ESO ma ġie adottat għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jużaw l-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istandardizzazzjoni (ISO) rilevanti.

5. Is-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli għandu jkun ikkalkulat bħala l-konsum finali gross ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli diviż bil-konsum finali gross ta' enerġija mis-sorsi kollha ta' enerġija, mogħti bħala perċentwali.

Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, is-somma msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi aġġustata skont l-Artikoli 8, 10, 12 u 13.

Meta jsir il-kalkolu tal-konsum finali gross tal-enerġija ta' Stat Membru għall-iskop li titkejjel il-konformità tiegħu mal-miri u t-trajettorja indikattiva stipulata f'din id-Direttiva, il-kwantità ta' enerġija kkunsurata fl-avjazzjoni għandha, bħala proporzjon tal-konsum finali gross tal-enerġija ta' dak l-Istat Membru, titqies li mhijiex aktar minn 6,18 %. Fil-każ ta' Ċipru u Malta, l-ammont ta' enerġija ikkonsurata fl-avjazzjoni għandha, bħala proporzjon tal-konsum finali gross tal-enerġija ta' dawk l-Istati Membri, jiġi kkunsidrat li m'huwiex aktar minn 4,12 %.

6. Il-metodoloġija u d-definizzjonijiet użati fil-kalkolu tas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli għandhom ikunu dawk previsti fir-Regolament (KE) Nru 1099/2008.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koerenza tal-informazzjoni statistika użata fil-kalkolu ta' dawk l-ishma settorjali u globali u tal-informazzjoni statistika rappurtata lill-Kummissjoni skont dak ir-Regolament.

Artikolu 8

Il-pjattaforma tal-iżvilupp rinnovabbli tal-Unjoni u trasferimenti statistiċi bejn l-Istati Membri

1. L-Istati Membri jistgħu jaqblu dwar trasferiment statistiku ta' ammont speċifikat ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli minn Stat Membru wieħed għal Stat Membru ieħor. Il-kwantità trasferita għandha:

- (a) titnaqqas mill-ammont ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli li jkun ikkunsidrat fil-kalkolu tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-Istat Membru li jwettaq it-trasferiment għall-finijiet ta' din id-Direttiva; u
- (b) tiżdied mal-ammont ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli li jkun ikkunsidrat fil-kalkolu tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-Istat Membru li jaċċetta t-trasferiment għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

2. Sabiex tiffaċilita l-kisba tal-mira tal-Unjoni stabbilita fl-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva, u tal-kontribuzzjoni ta' kull Stat Membru għal dik il-mira skont l-Artikolu 3(2) ta' din id-Direttiva, u sabiex tiffaċilita t-trasferimenti statistiċi skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi pjattaforma għall-iżvilupp rinnovabbli tal-Unjoni ("URDP"). L-Istati Membri jistgħu, fuq bażi volontarja, jippreżentaw lill-URDP id-data annwali dwar il-kontribuzzjonijiet nazzjonali tagħhom għall-mira tal-Unjoni jew kwalunkwe benchmark stabbilit għall-monitoraġġ tal-progress fir-Regolament (UE) 2018/1999, inkluż l-ammont li bih jistennaw li ma jilhqax jew li jeċċedu il-kontribuzzjoni tagħhom, u indikazzjoni tal-prezz li lesti li jaċċettaw biex jittrasferixxu kwalunkwe produzzjoni żejda ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli minn Stat Membru ieħor, jew lejha. Il-prezz ta' dawk it-trasferimenti għandu jiġi stabbilit fuq bażi ta' każ b' każ ibbażat fuq il-mekkaniżmu tat-tqabbil tad-domanda u l-offerta tal-URDP.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-URDP tkun tista' tqabbel id-domanda u l-offerta għal ammonti ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli li jitqiesu fil-kalkolu tas-sehem ta' enerġija rinnovabbli ta' Stat Membru - abbażi ta' prezzijiet jew kwalunkwe kriterji oħra speċifikati mill-Istat Membru li jaċċetta t-trasferiment.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 35 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi l-URDP u li tistipula l-kundizzjonijiet tal-finalizzazzjoni tat-trasferiment kif imsemmi fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu.

4. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 jista' jkollhom durata ta' sena kalendarja waħda jew aktar. Tali arranġamenti bejn l-Istati Membri għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni jew iffinalizzati fl-URDP mhux aktar tard minn 12-il xahar wara t-tmiem ta' kull sena li fiha jkollhom effett. It-tagħrif mibgħut lill-Kummissjoni għandu jinkludi l-kwantità u l-prezz tal-enerġija involuta. Għal trasferimenti ffinalizzati fl-URDP, il-partijiet involuti u l-informazzjoni dwar it-trasferiment partikolari ta' dawk it-transazzjonijiet għandhom jiġu rilaxxati lill-pubbliku.

5. It-trasferimenti għandhom isiru effettivi wara li l-Istati Membri kollha involuti fit-trasferiment ikunu nnotifikaw it-trasferiment lill-Kummissjoni jew wara li jkunu ġew issodisfati l-kundizzjonijiet ta' kklerjar fuq l-URDP, kif applikabbli.

Artikolu 9

Proġetti konġunti bejn l-Istati Membri

1. Żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jikkooperaw għal kull tip ta' proġetti konġunti fir-rigward tal-produzzjoni tal-elettriku, it-tisħin jew it-tkessi minn sorsi rinnovabbli. Tali kooperazzjoni tista' tinvolvi operaturi privati.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-proporzjon jew l-ammont ta' elettriku, tisħin jew tkessi minn sorsi rinnovabbli prodott minn kwalunkwe proġett konġunt fit-territorju tagħhom, li beda jgħadd wara 25 ta' Ġunju 2009, jew mill-kapaċità miżjuda ta' impjant li għe rinovat wara dik id-data, li għandu jkun ikkunsidrat bħala li jgħodd għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' Stat Membru ieħor għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

3. In-notifika msemmija fil-paragrafu 2 għandha:

- (a) tiddekrivi l-impjant propost jew tidentifika l-impjant rinovat;

- (b) tispeċifika l-proporzjon jew l-ammont ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ prodott mill-impjant li għandu jitqies bħala li jgħodd għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' l-Istat Membru l-ieħor;
 - (c) tidentifika l-Istat Membru li qed jibbenefika min-notifika; u
 - (d) tispeċifika l-perijodu, f'sena kalendarja sħiħa, li matulha l-elettriku jew it-tisħin jew it-tkessiħ prodott mill-impjant minn sorsi rinnovabbli għandu jitqies bħala li jgħodd għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' Stat Membru ieħor.
4. It-terminu ta' proġett konġunt msemmi f'dan l-Artikolu jista' jestendi lil hinn mill-2030.
5. Notifika li ssir skont dan l-Artikolu m'għandhiex tinbidel jew tiġi rtirata mingħajr il-qbil konġunt tal-Istat Membru li jagħmel in-notifika u l-Istat Membru identifikat taħt il-punt (c) tal-paragrafu 3.
6. Il-Kummissjoni għandha, fuq talba mill-Istati Membri kkonċernati, tiffaċilita l-istabbiliment ta' proġetti konġunti bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari permezz ta' assistenza teknika dedikata u assistenza fl-iżvilupp tal-proġetti.

Artikolu 10

Effetti tal-proġetti konġunti bejn l-Istati Membri

1. Fi żmien tliet xhur mit-tmiem ta' kull sena li taqa' fil-perijodu msemmi fil-punt (d) tal-Artikolu 9(3), l-Istat Membru li jkun għamel in-notifika skont l-Artikolu 9 għandu jgħod li ta' notifika li tiddikjara:
- (a) l-ammont totali ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ prodott minn sorsi rinnovabbli matul dik is-sena mill-impjant li kien is-suġġett tan-notifika skont l-Artikolu 9; u
 - (b) l-ammont ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ prodott minn sorsi rinnovabbli matul dik is-sena minn dak l-impjant li tgħodd għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' Stat Membru ieħor skont it-termini tan-notifika.
2. L-Istat Membru notifikanti għandu jippreżenta l-ittra ta' notifika lill-Istat Membru li jibbenefika min-notifika u lill-Kummissjoni.
3. Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, l-ammont ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ minn sorsi rinnovabbli nnotifikat skont il-punt (b) tal-paragrafu 1 għandu:
- (a) jitnaqqas mill-ammont ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ minn sorsi rinnovabbli li jkun ikkunsidrat, fil-kalkolu tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-Istat Membru li jgħod li ta' notifika skont il-paragrafu 1; u
 - (b) jiżdied mal-ammont ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ minn sorsi rinnovabbli li jkun ikkunsidrat fil-kalkolu tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-Istat Membru li jgħod li ta' notifika skont il-paragrafu 2.

Artikolu 11

Proġetti konġunti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi

1. Stat Membru wieħed jew aktar jistgħu jikkooperaw ma' pajjiż terz jew aktar dwar kull tip ta' proġetti konġunti fir-rigward tal-produzzjoni tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli. Din il-kooperazzjoni tista' tinvolvi operaturi privati u għandha isseħħ b'rispett sħiħ tad-dritt internazzjonali.
2. L-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli f'pajjiż terz għandu jkun ikkunsidrat għall-finijiet ta' kalkolu tas-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-Istati Membri biss fejn jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) l-elettriku jiġi kkunsidrat fl-Unjoni, li jiġi kkunsidrat li ġie ssodisfat fejn:
 - (i) ammont ekwivalenti ta' elettriku għall-elettriku kkunsidrat ġie nnominat b'mod deċiż għall-kapaċità ta' interkonnessjoni allokata mill-Operaturi tas-Sistema ta' Trasmissjoni fil-pajjiż tal-oriġini, il-pajjiż tad-destinazzjoni u, jekk rilevanti, kull pajjiż terz ta' tranżitu;

- (ii) ammont ekwivalenti ta' elettriku għall-elettriku kkunsidrat għe rreġistrat b'mod deċiż fl-iskeda ta' bilanċ mill-operaturi tas-sistema ta' trażmissjoni min-naħa tal-Unjoni ta' interkonnnettur; u
 - (iii) il-kapaċità nominata u l-produzzjoni tal-elettriku mis-sorsi rinnovabbli permezz tal-installazzjoni msemmiya fil-punt (b) għall-istess perijodu ta' żmien;
 - (b) l-elettriku jiġi prodott minn impjant li sar operattiv wara l-25 ta' Ġunju 2009 jew permezz taż-żieda fil-kapaċità ta' impjant li għe rinnovat wara dik id-data, fil-qafas ta' proġett konġunt kif imsemmi fil-paragrafu 1;
 - (c) l-ammont ta' elettriku prodott u esportat ma rċevix appoġġ minn skema ta' appoġġ ta' pajjiż terz minbarra għajnuna għall-investiment li nġatat lill-impjant; u
 - (d) l-elettriku għe prodott f'konformità mad-dritt internazzjonali, f'pajjiż terz li huwa firmatarju għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, jew konvenzjonijiet internazzjonali jew trattati oħra dwar id-drittijiet tal-bniedem.
3. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, l-Istati Membri jistgħu japplikaw lill-Kummissjoni, sabiex jittieħed kont tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli u kkunsmati minn pajjiż terz, fil-kuntest tal-bini ta' interkonnnettur b'tul ta' żmien twil haġna bejn l-Istat Membru u pajjiż terz fejn jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:
- (a) il-kostruzzjoni tal-interkonnnettur bdiet sal-31 ta' Diċembru 2026;
 - (b) m'għandux ikun possibbli li l-interkonnnettur isir operattiv sal-31 ta' Diċembru 2030;
 - (c) għandu jkun possibbli li l-interkonnnettur isir operattiv sal-31 ta' Diċembru 2032;
 - (d) wara li jibda jopera, l-interkonnnettur ser jintuża għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, skont il-paragrafu 2, tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli;
 - (e) l-applikazzjoni tirrigwarda proġett konġunt li jissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-punti (b) u (c) tal-paragrafu 2 u li ser juża l-interkonnnettur wara li jibda jaħdem, u għal kwantità ta' elettriku li ma tkunx aktar mill-kwantità li ser tiġi esportata fl-Unjoni wara li l-interkonnnettur jibda jaħdem.
4. Il-proporzjon jew l-ammont ta' elettriku prodott minn kwalunkwe impjant fit-territorju ta' pajjiż terz, li għandu jiġi meqjus bħala li jgħodd għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' Stat Membru wieħed jew aktar għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, għandu jiġi notifikat lill-Kummissjoni. Meta aktar minn Stat Membru wieħed huwa kkonċernat, id-distribuzzjoni bejn l-Istati Membri ta' dak il-proporzjon jew l-ammont għandha tkun notifikata lill-Kummissjoni. Il-proporzjon jew l-ammont m'għandux jaqbeż il-proporzjon jew l-ammont verament esportat lejn u kkunsmat fl-Unjoni, għandu jikkorrispondi għall-ammont imsemmi fil-punt (a)(i) u (ii) tal-paragrafu 2 u għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt (a) ta' dak il-paragrafu. In-notifika għandha ssir minn kull Stat Membru lil daww li l-proporzjon jew l-ammont ta' elettriku għandu jgħodd għall-oġettiv globali nazzjonali tiegħu.
5. In-notifika msemmiya fil-paragrafu 4 għandha:
- (a) tiddekrivi l-impjant propost jew tidentifika l-impjant rinnovat;
 - (b) tispeċifika l-proporzjon jew l-ammont ta' elettriku prodott mill-impjant li għandu jitqies bħala li jgħodd għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' Stat Membru kif ukoll, soġġett għar-rekwiżiti ta' kunfidenzjalità, l-arranġamenti finanzjarji ekwivalenti;
 - (c) tispeċifika l-perijodu, fi snin kalendarji sħaħ, li matulu l-elettriku għandu jitqies bħala li jgħodd għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli tal-Istat Membru; u
 - (d) tinkludi dikjarazzjoni bil-miktub dwar l-għarfien tal-punti (b) u (c) minn pajjiż terz li fit-territorju tiegħu għandu jibda' jaħdem l-impjant u indikazzjoni tal-proporzjoni jew ammont ta' elettriku prodott mill-impjant li ser ikun għall-użu domestiku minn dak il-pajjiż terz.
6. It-terminu ta' proġett konġunt kif imsemmi f'dan l-Artikolu jista' jestendi lil hinn mill-2030.
7. Notifika li ssir taħt dan l-Artikolu għandha tinbidel jew tiġi rtirata biss fejn ikun hemm qbil konġunt bejn l-Istat Membru li jagħmel in-notifika u l-Istat terz li rrikonoxxa l-proġett konġunt skont il-punt (d) tal-paragrafu 5.

8. L-Istati Membri u l-Unjoni għandhom jinkoraġġixxu lill-korpi rilevanti tal-Komunità tal-Enerġija biex, skont it-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija, jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jippermettu lill-Partijiet Kontraenti japplikaw id-dispożizzjonijiet dwar il-koooperazzjoni bejn l-Istati Membri stipulati f'din fid-Direttiva.

Artikolu 12

Effetti tal-proġetti konġunti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi

1. Fi żmien 12-il xahar mit-tmiem ta' kull sena li taqa' fil-perijodu speċifikat taħt il-punt (c) tal-Artikolu 11(5), l-Istat Membru notifikanti għandu jgħod li ta' notifika li tiddikjara:
 - (a) l-ammont totali ta' elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli matul dik is-sena mill-impjant li kien is-suġġett tan-notifika skont l-Artikolu 11;
 - (b) l-ammont ta' elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli matul dik is-sena minn dak l-impjant li jgħodd għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli tiegħu skont it-termini tan-notifika skont l-Artikolu 11; u
 - (c) evidenza ta' konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 11(2).
2. L-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għandu jippreżenta l-ittra ta' notifika lill-Kummissjoni u lill-pajjiż terz li jkun irrikonoxxa l-proġett skont il-punt (d) tal-Artikolu 11(5).
3. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ishma tal-enerġija rinnovabbli skont din id-Direttiva, tal-ammont ta' elettriku minn sorsi rinnovabbli nnotifikat skont il-punt (b) tal-paragrafu 1 għandu jiġi miżjud mal-ammont tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli li jitqies, fil-kalkolu tal-ishma tal-enerġija rinnovabbli tal-Istat Membru li jgħod li ta' notifika.

Artikolu 13

Skemi konġunti ta' appoġġ

1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri taħt l-Artikolu 5, żewġ Stati Membri jew aktar jistgħu jiddeċiedu, fuq bażi volontarja, biex jgħaqqdu jew jikkoordinaw parzjalment l-iskemi ta' appoġġ nazzjonali tagħhom. F'tali każijiet, ċertu ammont ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli prodott fit-territorju ta' Stat Membru parteċipanti wieħed jista' jgħodd għas-sehem tal-enerġija rinnovabbli ta' Stat Membru parteċipanti ieħor sakemm l-Istati Membri kkonċernati:
 - (a) jagħmlu trasferiment statistiku tal-ammonti speċifikati tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor skont l-Artikolu 8; jew
 - (b) jistabbilixxu regola tad-distribuzzjoni miftehma mill-Istati Membri parteċipanti li talloka ammonti ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli bejn l-Istati Membri li jipparteċipaw.
- Regola ta' distribuzzjoni kif msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn tliet xhur wara t-tmiem tal-ewwel sena li fiha tidħol fis-seħħ.
2. Fi żmien tliet xhur mit-tmiem ta' kull sena, kull Stat Membru li jkun għamel notifika taħt it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 għandu jgħod li ta' notifika li tiddikjara l-ammont totali ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ minn sorsi rinnovabbli prodotta matul is-sena li għandha tkun is-suġġett tar-regola ta' distribuzzjoni.
 3. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ishma tal-enerġija rinnovabbli skont din id-Direttiva, l-ammont ta' elettriku jew tisħin jew tkessiħ minn sorsi rinnovabbli nnotifikat skont il-paragrafu 2 għandu jiġi allokat mill-ġdid bejn l-Istati Membri kkonċernati skont ir-regola ta' distribuzzjoni nnotifikata.
 4. Il-Kummissjoni għandha tqassam linji gwida u l-aħjar prassi, u, fuq it-talba tal-Istati Membri kkonċernati, tiffaċilita l-istabbiliment ta' skemi ta' appoġġ konġunt bejn l-Istati Membri.

Artikolu 14

Żidiet tal-kapaċità

Għall-finijiet tal-Artikolu 9(2) u l-punt (b) tal-Artikolu 11(2), unitajiet ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli attribwibbli għal żieda fil-kapaċità ta' impjant għandhom ikunu ttrattati daqs li kieku kienu prodotti minn impjant separat li sar operattiv fil-mument li fih seħħet iż-żieda fil-kapaċità.

Artikolu 15

Proċeduri amministrattivi, regolamenti u kodiċijiet

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kull regola nazzjonali li tikkonċerna l-proċeduri ta' awtorizzazzjoni, ċertifikazzjoni u liċenzjar li huma applikati għal impjanti u networks assoċjati ta' trażmissjoni u distribuzzjoni għall-produzzjoni tal-elettriku, it-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli, għall-proċess ta' trasformazzjoni tal-bijomassa f'bijokarburanti, bijolikwidi, karburanti mill-bijomassa jew prodotti tal-enerġija oħra, u għal karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika jkunu proporzjonati u meħtieġa u jikkonformaw mal-prinċipju l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel.

L-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jieħdu l-passi adatti biex jiżguraw li:

- (a) il-proċeduri amministrattivi huma simplifikati u mġahġġla fil-livell amministrattiv xieraq u jiġu stabbiliti perijodi ta' żmien prevedibbli għall-proċeduri imsemmija fl-ewwel subparagrafu;
- (b) ir-regoli dwar l-awtorizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni u l-liċenzjar ikunu oġġettivi, trasparenti u proporzjonali, ma jiddiskriminawx bejn l-applikanti u jikkunsidraw bis-sħiħ il-partikolaritajiet ta' teknoloġiji individwali ta' enerġija rinnovabbli;
- (c) it-tariffi amministrattivi mħallsa minn konsumaturi, pjanifikaturi, periti, bennejja u installaturi u fornituri ta' tagħmir u sistemi huma trasparenti u relatati mal-ispiża; u
- (d) proċeduri ta' awtorizzazzjoni simplifikati u inqas ta' xkiel, inkluża proċedura ta' notifika sempliċi, huma stabbiliti għal strumenti deċentralizzati, għall-produzzjoni u l-ħżin tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu b'mod ċar kwalunkwe speċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu ssodisfatiminn tagħmir u sistemi ta' enerġija rinnovabbli biex jibbenefikaw minn skemi ta' sostenn. Fejn jeżistu standards Ewropej, inklużi ekotikketti, tikketti tal-enerġija u sistemi oħra ta' referenza teknika stabbiliti minn korpi ta' standardizzazzjoni Ewropej, dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għandhom ikunu espressi skont dawk l-istandards. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi m'għandhomx jippreskrivu fejn it-tagħmir u s-sistemi għandhom jiġu ċċertifikati u m'għandhomx jimpedixxu l-funzjonament xieraq tas-suq intern.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali jinkludu dispożizzjonijiet għall-integrazzjoni u l-użu tal-enerġija rinnovabbli, inkluż għal awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli u komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, u l-użu ta' sħana u kesħa mormija li ma jistgħux jiġu evitati fl-ippjanar, inkluż fl-ippjanar spazjali bikri, l-iddisinjar, il-bini u r-rinnovazzjoni ta' infrastrutturi urbani, żoni industrijali, kummerċjali jew residenzjali u fl-infrastruttura tal-enerġija, inklużi n-networks tal-elettriku, tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali, tal-gass naturali u tal-karburanti alternattivi. L-Istati Membri għandhom, b'mod partikolari, jinkoraġġixxu korpi amministrattivi lokali u reġjonali biex jinkludu t-tisħin u t-tkessiħ minn sorsi rinnovabbli fl-ippjanar tal-infrastruttura ta' belt fejn xieraq, u biex jikkonsultaw l-operaturi tan-network sabiex jirriflettu l-impatt ta' programmi ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija u r-rispons għad-domanda, kif ukoll dispożizzjonijiet speċifiċi dwar l-awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli u l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, dwar pjanijiet għall-iżvilupp tal-infrastruttura tal-operaturi.

4. L-Istati Membri għandhom jintroduċu miżuri xierqa fir-regolamenti u l-kodiċi tal-bini sabiex tiżdied id-distribuzzjoni ta' kull tip ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tal-bini.

Fl-istabbiliment ta' tali miżuri jew fl-iskemi ta' sostenn tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jqisu, fejn applikabbli, miżuri nazzjonali relatati ma' żidiet sostanzjali fl-awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli, fil-ħżin tal-enerġija lokali u fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija, relatati mal-koġenerazzjoni u relatati mal-bini b'enerġija passiva, b'ammont ta' enerġija baxxa jew dawk b'ammont ta' enerġija żero.

L-Istati Membri għandhom, fir-regolamenti u l-kodiċijiet tal-bini tagħhom jew b'mezzi oħra b'effett ekwivalenti, jeħtieġu l-użu ta' livelli minimi ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'bini ġdida u f'bini eżistenti li huwa soġġett għal rinnovazzjoni estensiva, sa fejn teknikament, funzjonalment u ekonomikament fattibbli, u li jirriflettu r-riżultati tal-kalkolu kostottimali li sar skont l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2010/31/UE, u sa fejn dan ma jaffettwax b'mod negattiv il-kwalità tal-arja ta' ġewwa. L-Istati Membri għandhom jippermettu li daww il-livelli minimi jiġu ssodisfatti fost l-oħrajn permezz ta' tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti bl-użu ta' sehem sinifikanti tal-enerġija rinnovabbli u ta' sħana u kesħa mormija.

Ir-rekwiżiti stipulati fl-ewwel subparagrafu għandhom japplikaw għall-forzi armati, biss sa fejn l-applikazzjoni tagħha ma tikkawżax konflitt man-natura u l-għan prinċipali tal-attivitajiet tal-forzi armati u bl-eċċezzjoni ta' materjal użat b'mod esklussiv għal finijiet militari.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bini pubbliki ġdida, u l-bini pubbliki eżistenti li huwa soġġett għal rinnovazzjoni estensiva, fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, jiżvolġu rwol eżemplari fil-kuntest ta' din id-Direttiva mill-1 ta' Jannar 2012. L-Istati Membri jistgħu, inter alia, jippermettu li dan l-obbligu jiġi ssodisfat billi jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' bini b'enerġija kważi żero kif meħtieġ mid-Direttiva 2010/31/UE, jew billi jipprovdu li għall-bjut ta' bini pubbliki jew bini kemm tal-pubbliku kif ukoll privat biex jintuża minn partijiet terzi għall-impjanti li jipproduċu enerġija minn sorsi rinnovabbli.

6. Fir-rigward tar-regolamenti u l-kodiċijiet tal-bini tagħhom, l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-użu ta' sistemi u tagħmir għat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli li jiksbu tnaqqis sinifikanti ta' konsum ta' enerġija. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jużaw tikketti tal-enerġija jew ekotikketti jew ċertifikati jew standards oħra xierqa żviluppati fil-livell nazzjonali jew tal-Unjoni, fejn dawn jeżistu, u jiżguraw l-għoti ta' informazzjoni u pariri adegwati dwar alternattivi rinnovabbli u effiċjenti ħafna fl-użu tal-enerġija kif ukoll strumenti u inċentivi finanzjarji eventwali disponibbli fil-każ ta' bdil, bil-ħsieb li jiġu promossi żieda fir-rata tal-bdil ta' sistemi tat-tisħin qodma u żieda fil-bidla għal soluzzjonijiet ibbażati fuq l-enerġija rinnovabbli konformi mad-Direttiva 2010/31/UE.

7. L-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni tal-potenzjal tagħhom ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u tal-użu tas-sħana u l-kesħa mormija fis-settur tat-tisħin jew t-tkessiħ. Dik il-valutazzjoni għandha, fejn xieraq, tinkludi analiżi spazjali ta' żoni adatti għal implimentazzjoni b'riskji ekoloġiċi baxxi u l-potenzjal għal proġetti ta' unitajiet domestiċi fuq skala żgħira u għandha tiġi inkluża fit-tieni valutazzjoni komprensiva meħtieġa skont l-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2012/27/UE għall-ewwel darba sal-31 ta' Diċembru 2020 u fl-aġġornamenti sussegwenti tal-valutazzjonijiet komprensivi.

8. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw l-ostakli regolatorji u amministrattivi għal ftehimiet dwar ix-xiri ta' enerġija rinnovabbli fuq medda twila ta' żmien, u għandhom ineħħu l-ostakli mhux ġustifikati għal, u jiffaċilitaw l-adozzjoni ta', ftehimiet bħal dawn. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li daww il-ftehimiet ma jkunux soġġetti għal proċeduri jew imposti sproporzjonati jew diskriminatorji.

L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu politiki u miżuri li jiffaċilitaw l-użu ta' ftehimiet dwar ix-xiri ta' enerġija rinnovabbli fil-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima u r-rapporti ta' progress skont ir-Regolament (UE) 2018/1999.

Artikolu 16

L-organizzazzjoni u t-tul ta' żmien tal-proċess tal-għoti tal-permess

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu jew jinnominaw punt ta' kuntatt wieħed jew aktar. Daww il-punti ta' kuntatt għandhom, fuq talba mill-applikant, jiġġwidaw u jiffaċilitaw l-applikazzjoni għall-permess amministrattiv u l-proċess tal-għoti tal-permess. L-applikant m'għandux ikun meħtieġ li jikkuntatta aktar minn punt ta' kuntatt wieħed għall-proċess kollu. Il-proċess tal-għoti tal-permessi għandu jkopri l-permessi amministrattivi rilevanti biex jinbnew, jiġġeddu, u jitħaddmu l-impjanti għall-produzzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u l-assi meħtieġa għall-konnessjoni tagħhom man-netwerk. Il-proċess tal-għoti tal-permess għandu jinkludi l-proċeduri kollha mir-rikonoxximent tal-wasla tal-applikazzjoni għat-trasmissjoni tal-eżitu tal-proċedura msemmija fil-paragrafu 2.

2. Il-punt ta' kuntatt għandu jagħti gwida lill-applikant matul il-proċess ta' applikazzjoni għall-permess amministrattiv b'mod trasparenti sal-għoti ta' wieħed jew diversi deċiżjonijiet mill-awtoritajiet responsabbli fi tmiem il-proċess, jipprovdi lill-applikant bl-informazzjoni neċessarja kollha u jinvolvi, fejn adatt, awtoritajiet amministrattivi oħra. L-applikanti għandhom ikunu jistgħu jippreżentaw id-dokumenti rilevanti f'forma diġitali wkoll.

3. Il -punt ta' kuntatt għandu jagħmel disponibbli manwal ta' proċeduri għal żviluppaturi ta' proġetti tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u għandu jipprovdi dik l-informazzjoni online ukoll, filwaqt li jindirizza wkoll b'mod distint proġetti fuq skala żgħira u proġetti tal-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli. L-informazzjoni online għandha tindika l-punt ta' kuntatt rilevanti għall-applikazzjoni tal-applikant. Jekk l-Istat Membru jkollu aktar minn punt ta' kuntatt wiehied, l-informazzjoni online għandha tindika l-punt ta' kuntatt rilevanti għall-applikazzjoni tal-applikant.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7, il-proċess ta' għoti tal-permess imsemmi fil-paragrafu 1 m'għandux jaqbeż is-sentejn għall-impjanti tal-enerġija, inklużi l-proċeduri rilevanti kollha tal-awtoritajiet kompetenti. Fejn debitament ġustifikat minħabba ċirkostanzi straordinari, dak il-perijodu ta' sentejn jista' jiġi estiż sa sena.

5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 7, il-proċess ta' għoti ta' permess m'għandux jaqbeż sena għal installazzjonijiet b'kapaċità ta' elettriku ta' inqas minn 150 kW. Fejn debitament ġustifikat minħabba ċirkostanzi straordinari, dak il-perijodu ta' sena jista' jiġi estiż sa sena.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-applikanti jkollhom aċċess faċli għal proċeduri sempliċi għas-soluzzjoni tat-tilwim rigward il-proċessi tal-għoti ta' permessi u tal-ħruġ ta' permessi biex jinbnew u jitħaddmu impjanti tal-enerġija rinnovabbli, inkluż, fejn applikabbli, mekkaniżmi alternattivi ta' riżoluzzjoni tat-tilwim.

6. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw iit-tiġdid ta' impjanti tal-enerġija rinnovabbli eżistenti bl-iżgurar ta' proċess tal-għoti tal-permess simplifikat u bla dewmien. It-tul ta' dan il-proċess ma għandux jaqbeż sena waħda.

Fejn debitament ġustifikat minħabba ċirkostanzi straordinari, bħal minħabba raġunijiet prevalenti ta' sigurtà fejn il-proġett ta' tiġdid ikollu impatt sostanzjali fuq il-grilja jew il-kapaċità, id-daqs jew il-prestazzjoni oriġinali tal-installazzjoni, dak il-perijodu ta' sena jista' jiġi estiż sa sena.

7. L-iskadenzi stabbiliti f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għall-obbligi taħt il-liġi ambjentali tal-Unjoni applikabbli, għall-appelli ġudizzjarji, rimedji u proċedimenti oħra quddiem qorti jew tribunal, u għall-mekkaniżmi alternattivi ta' soluzzjoni ta' tilwim, inklużi proċeduri ta' lmenti, ta' appelli u rimedji mhux ġudizzjarji, u jistgħu jiġu estiżi għad-durata ta' tali proċeduri.

8. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu proċedura b'notifika sempliċi għal konnessjonijiet mal-grilja għal proġetti ta' tiġdid kif imsemmi fl-Artikolu 17(1). Fejn l-Istati Membri jagħmlu hekk, it-tiġdid għandu jkun permess wara n-notifika lill-awtorità rilevanti fejn ma jkun mistenni l-ebda impatt ambjentali jew soċjali negattiv sinifikanti. Dik l-awtorità għandha tiddeċiedi fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi n-notifika jekk dan huwiex biżżejjed.-

Fejn l-awtorità rilevanti tiddeċiedi li n-notifika hija suffiċjenti, din għandha awtomatikament toħroġ il-permess. Fejn dik l-awtorità tiddeċiedi li n-notifika mhijiex suffiċjenti, ikun meħtieġ li ssir applikazzjoni għal permess ġdid u għandhom japplikaw il-limiti taż-żmien imsemmija fil-paragrafu 6.

Artikolu 17

Proċedura b'notifika sempliċi għall-konnessjonijiet mal-grilja

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu proċedura b' notifika sempliċi għall-konnessjoni mal-grilja li permezz tagħha impjanti jew unitajiet ta' produzzjoni aggregata ta' awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli u proġetti ta' dimostrazzjoni, b'kapaċità elettrika ta' 10,8 kW jew inqas, jew eqwivalenti għall-konnessjonijiet minbarra dawk trifażi, għandhom ikunu konnessi mal-grilja wara notifika lill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni.

L-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fi żmien perijodu limitat wara n-notifika jista' jirrifjuta il-punt ta' konnessjoni mal-grilja rikjest jew jipproponi punt ta' konnessjoni mal-grilja alternattiv għal raġunijiet ta' tħassib dwar is-sikurezza fondati jew l-incompatibbiltà teknika tal-komponenti tas-sistema. Fil-każ ta' deċiżjoni pożittiva mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, jew fin-nuqqas ta' deċiżjoni mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni fi żmien xahar wara n-notifika, l-impjant jew l-unità ta' produzzjoni aggregata tista' tiġi konnessa.

2. L-Istati Membri jistgħu jippermettu proċeduri sempliċi ta' notifika għal impjanti jew unitajiet ta' produzzjoni aggregata b'kapaċità elettrika ta' iktar minn 10,8 kW u sa 50 kW, dment li jinżammu l-istabbiltà, l-affidabbiltà u s-sikurezza tal-grilja.

Artikolu 18

Informazzjoni u taħriġ

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni dwar miżuri ta' sostenn issir disponibbli għall-atturi rilevanti kollha, fosthom il-konsumaturi vulnerabbli bi dħul baxx, l-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli, il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, il-benneja, l-installaturi, il-periti, il-fornituri ta' tagħmir u sistemi tat-tisħin, tat-tkessiħ u tal-elettriku u għall-fornituri ta' vetturi kompatibbli mal-użu ta' enerġija rinnovabbli u ta' sistemi ta' trasport intelliġenti.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni dwar il-benefiċċji netti, l-ispiża u l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija ta' tagħmir u sistemi għall-użu ta' tisħin, tkessiħ u elettriku minn sorsi rinnovabbli ssir disponibbli jew mill-fornitur tat-tagħmir jew tas-sistema jew mill-awtoritajiet kompetenti.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li skemi ta' ċertifikazzjoni jew skemi ta' kwalifikazzjoni ekwivalenti jkunu disponibbli għall-installaturi ta' boilers u stufi, sistemi fotovoltaiċi solari u sistemi termali solari, sistemi ġeotermali tal-wiċċ u pompi tas-sħana. Dawk l-iskemi jistgħu jikkunsidraw lis-skemi u l-istrutturi eżistenti kif xieraq, u għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji stipulati fl-Anness IV. Kull Stat Membru għandu jirrikonoxxi ċ-ċertifikazzjoni maħruġa minn Stati Membri oħra skont dawk il-kriterji.
4. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar skemi ta' ċertifikazzjoni jew skemi ta' kwalifikazzjoni ekwivalenti kif imsemmi fil-paragrafu 3 disponibbli għall-pubbliku. L-Istati Membri jistgħu wkoll jagħmlu l-lista tal-installaturi li huma kwalifikati jew ċertifikati skont il-paragrafu 3 disponibbli għall-pubbliku.
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ssir disponibbli gwida lill-parteċipanti kollha rilevanti, b'mod partikolari għall-pjanifikaturi u l-periti sabiex dawn ikunu tassew kapaċi jikkunsidraw sew l-aħjar tlaqqigħ ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, u teknoloġiji b'effiċjenza għolja u ta' tisħin u tkessiħ distrettwali matul l-ippjanar, l-iddisinjar, il-bini u r-rinnovazzjoni ta' żoni industrijali, kummerċjali jew residenzjali.
6. L-Istati Membri, fejn xieraq bil-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, għandhom jiżviluppaw tagħrif xieraq, sensibilizzazzjoni, programmi ta' gwida jew ta' taħriġ sabiex iċ-ċittadini jiġu infurmati ta' kif jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom bħala klijenti attivi, u dwar il-benefiċċji u l-prattiċitajiet, inkluż l-aspetti tekniċi u finanzjarji, tal-iżvilupp u tal-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, inkluż permezz tal-awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli jew fil-qafas tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli.

Artikolu 19

Garanzija tal-orijini għal enerġija minn sorsi rinnovabbli

1. Għall-finijiet ta' dimostrazzjoni lill-klijenti finali s-sehem jew il-kwantità ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'taħlita tal-enerġija tal-fornitur tal-enerġija u fl-enerġija fornuta lill-konsumaturi skont kuntratti kkummerċjalizzati b'referenza għall-konsum tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-orijini tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli tista' tkun garantita bħala tali fit-tifsira ta' din id-Direttiva, skont kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.
2. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li garanzija tal-orijini tinħareġ bi tweġiba għal talba minn produttur tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, sakemm l-Istati Membri ma jiddeċiedux, għall-finijiet ta' kontabbiltà għall-valur tas-suq tal-garanzija tal-orijini li ma joħorġux tali garanzija tal-orijini lil produttur li jirċievi appoġġ finanzjarju minn skema ta' appoġġ. L-Istati Membri jistgħu jirranġaw biex il-garanziji tal-orijini jinħarġu għal enerġija minn sorsi ta' mhux rinnovabbli. Il-ħruġ ta' garanzija tal-orijini jista' jiġi soġġett għal limitu minimu ta' kapaċità. Garanzija tal-orijini għandha tkun tad-daqs standard ta' 1 MWh. M'għandhiex tinħareġ aktar minn garanzija ta' orijini waħda għal kull unità ta' enerġija prodotta.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istess unità ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli titqies darba biss.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta produttur jirċievi appoġġ finanzjarju minn skema ta' appoġġ, il-valur tas-suq tal-garanzija tal-orijini għall-istess produzzjoni jittieħed kont tiegħu b'mod adatt fl-iskema ta' appoġġ rilevanti.

Għandu jiġi preżunt li il-valur tas-suq tal-garanzija tal-orijini għall-istess produzzjoni jittieħed kont tiegħu b'mod adatt fil-każijiet li ġejjin:

- (a) meta l-appoġġ finanzjarju jingħata permezz ta' proċedura tal-offerti jew sistema ta' ċertifikati hodur negozjabbli;
- (b) meta l-valur tas-suq tal-garanziji tal-orijini jitqies b'mod amministrattiv fil-livell tal-appoġġ finanzjarju; jew
- (c) meta l-garanziji tal-orijini ma jinħarġux direttament lill-produttur imma lil fornitur jew konsumatur li jixtri l-enerġija minn sorsi rinnovabbli jew f'kuntatt kompetittiv jew fi ftehim dwar ix-xiri tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli.

Sabiex jittieħed kont tal-valur tas-suq tal-garanzija tal-orijini l-Istati Membri jistgħu, fost l-oħrajn, jiddeċiedu li joħorġu garanzija tal-orijini lill-produttur u jikkancellawha immedjatament.

Il-garanzija tal-orijini m'għandhiex funzjoni f'dak li jirrigwarda l-konformità ta' Stat Membru mal-Artikolu 3. It-trasferimenti ta' garanziji tal-orijini, b'mod separat jew flimkien mat-trasferiment fiżiku tal-enerġija, m'għandux ikollu effett fuq id-deċiżjoni tal-Istati Membri li jużaw trasferimenti statistiċi, proċeduri konġunti jew skemi konġunti ta' appoġġ għall-konformità mal-Artikolu 3 jew fuq il-kalkolu tal-konsum finali gross ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli kkalkulat skont l-Artikolu 7.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-garanziji tal-orijini għandhom ikunu validi għal 12-il xahar wara l-produzzjoni tal-unità ta' enerġija rilevanti. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-garanziji tal-orijini kollha li ma jkunux ġew ikkanċellati għandhom jiskadu sa mhux aktar tard minn 18 xahar wara l-produzzjoni tal-unità ta' enerġija. L-Istati Membri għandhom jiinkludu l-garanziji tal-orijini skaduti fil-kalkolu tat-taħlita tal-enerġija residwa.

4. Għall-finijiet tal-iżvelar imsemmi fil-paragrafi 8 u 13, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kumpanniji tal-enerġija jikkanċellaw il-garanziji tal-orijini sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara t-tmiem tal-perijodu ta' validità tal-garanzija tal-orijini.

5. L-Istati Membri jew il-korpi kompetenti maħtura għandhom jissorveljaw il-ħruġ, it-trasferiment u l-ikkanċellar ta' garanziji tal-orijini. Il-korpi kompetenti maħtura m'għandhomx ikollhom ir-responsabbiltajiet ġeografiċi li jikkoinċidu, u għandhom jkunu indipendenti minn attivitajiet ta' produzzjoni, kummerċ u provvista.

6. L-Istati Membri jew il-korpi kompetenti maħtura għandhom idaħħlu fis-seħħ mekkaniżmi adatti biex jiżguraw li l-garanziji tal-orijini jinħarġu, jiġu ttrasferiti u jiġu kanċellati elettronicament u jkunu preċiżi, affidabbli u reżistenti għall-frodi. L-Istati Membri u l-korpi kompetenti maħtura għandhom jiżguraw li r-rekwiżiti li jimponu jikkonformaw mal-istandard CEN - EN 16325.

7. Garanzija tal-orijini għandha tispeċifika, għall-inqas:

- (a) is-sors ta' enerġija li minnu ġiet prodotta l-enerġija u d-dati ta' bidu u ta' tmiem tal-produzzjoni;
- (b) jekk din hijiex relatata ma':
 - (i) l-elettriku;
 - (ii) il-gass, inkluż l-idroġenu; jew
 - (iii) it-tishin jew it-tkessih;
- (c) l-identità, il-post, it-tip u l-kapaċità tal-impjant fejn ġiet prodotta l-enerġija;
- (d) jekk l-impjant ibbenefika minn appoġġ għall-investiment u jekk l-unità tal-enerġija bbenefikat b'xi mod minn skema ta' appoġġ nazzjonali, u t-tip ta' skema ta' appoġġ;
- (e) id-data li fiha l-impjant sar operattiv; u
- (f) id-data u l-pajjiż ta' ħruġ u numru ta' identifikazzjoni uniku.

Informazzjoni simplifikata tista' tkun speċifikata għall-garanziji tal-orijini minn installazzjonijiet ta' inqas minn 50 kW.

8. Fejn fornitur tal-elettriku huwa meħtieġ juri is-sehem jew il-kwantità ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-taħlita ta' enerġija għall-finijiet tal-punt (a) tal-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2009/72/KE, għandu jagħmel dan billi juża l-garanziji tal-orijini ħlief:

- (a) rigward is-sehem ta' taħlita tal-enerġija li tikkorrispondi għal offerti kummerċjali mingħajr segwitu, jekk hemm, li għalihom il-fornitur jista' juża it-taħlita residwa; jew
- (b) fejn Stat Membru jiddeċiedi li ma joħroġux garanziji tal-orijini lil produttur li jirċievi appoġġ finanzjarju minn skema ta' appoġġ.

Fejn l-Istati Membri għamlu arranġament biex ikollhom garanziji tal-orijini għal tipi oħra tal-enerġija, il-fornituri għandhom dejjem jużaw għall-iżvelar l-istess tip ta' garanziji tal-orijini bħall-enerġija fornuta. Bl-istess mod, il-garanziji tal-orijini maħluqa skont l-Artikolu 14(10) tad-Direttiva 2012/27/UE jistgħu jintużaw biex jissostanzjaw kwalunkwe rekwiżit li juri l-kwantità tal-elettriku prodott minn koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja. Għall-finijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, fejn l-elettriku jiġi ġġenerat mill-koġenerazzjoni ta' effiċjenza għolja bl-użu ta' sorsi rinnovabbli garanzija tal-orijini waħda biss li tispeċifika ż-żewġ karatteristiċi, tista' tinħareġ.

9. L-Istati Membri għandhom jirrikonossu l-garanziji tal-orijini maħruġa minn Stati Membri oħrajn skont din id-Direttiva esklużivament bħala evidenza tal-elementi msemmijin fil-paragrafu 1 u l-punti (a) sa (f) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 7. Stat Membru jista' jiċċad ir-rikonossiment ta' garanzija tal-orijini biss fil-każ li jkollu dubji bbażati fuq raġunijiet sodi dwar il-preċiżjoni, l-affidabbiltà jew l-awtentiċità tagħha. L-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni dwar tali każ u l-ġustifikazzjoni tagħha.

10. Jekk il-Kummissjoni jirriżultalha li każda għar-rikonossiment ta' garanzija tal-orijini ma jkollhiex bażi, il-Kummissjoni tista' tadotta deċiżjoni li teħtieġ li l-Istat Membru kkonċernat jirrikonossiha.

11. L-Istati Membri ma għandhom jirrikonossu garanziji tal-orijini maħruġa minn pajjiżi terzi ħlief meta l-Unjoni tkun ikkonkludiet ftehim ma' dak il-pajjiż terz dwar ir-rikonossiment reċiproku tal-garanziji tal-orijini maħruġa mill-Unjoni u sistemi kompatibbli ta' garanziji tal-orijini stabbiliti f'dak il-pajjiż terz, u biss meta jkun hemm importazzjoni jew esportazzjoni diretta tal-enerġija.

12. Stat Membru jista' jintroduċi, skont il-liġi tal-Unjoni, kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji għall-użu ta' garanziji tal-orijini skont l-obbligi stipulati fl-Artikolu 3(9) tad-Direttiva 2009/72/KE.

13. Il-Kummissjoni għandha tadotta rapport li jivvaluta opzjonijiet biex tiġi stabbilita tikketta ekoloġika għall-Unjoni kollha bil-ħsieb li tippromwovi l-użu ta' enerġija rinnovabbli li ġejjin minn installazzjonijiet ġodda. Il-fornituri għandhom jużaw l-informazzjoni li tinsab f'garanziji ta' orijini biex juru l-konformità mar-rekwiżiti ta' din it-tikketta.

Artikolu 20

Aċċess għall-grilji u t-tħaddim tagħhom

1. Fejn ikun rilevanti, l-Istati Membri għandhom jevalwaw il-ħtieġa tal-estensjoni tal-infrastruttura tan-netwerk tal-gass eżistenti sabiex jiffaċilitaw l-integrazzjoni tal-gass minn sorsi rinnovabbli.

2. Fejn ikun rilevanti, l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operaturi ta' sistemi ta' trasmissjoni u l-operaturi ta' sistemi ta' distribuzzjoni fit-territorju tagħhom jippubblikaw regoli tekniċi skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2009/73/KE, b'mod partikolari rigward ir-regoli tal-konnessjoni man-netwerk li jinkludu rekwiżiti dwar il-kwalità tal-gass, l-odorazzjoni tal-gass u l-pressjoni tal-gass. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu wkoll mill-operaturi ta' sistemi ta' trasmissjoni u ta' sistemi ta' distribuzzjoni li jippubblikaw it-tariffi ta' konnessjoni biex issir il-konnessjoni tal-gass minn sorsi rinnovabbli ibbażati fuq kriterji oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

3. Soġġett għal evalwazzjoni tagħhom inkluża fil-pjanijiet integrati nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima skont l-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1999, dwar in-neċessità li tinbena infrastruttura ġdida għat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali minn sorsi rinnovabbli bil-għan li tinkiseb il-mira tal-Unjoni stipulata fl-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom, fejn ikun rilevanti, jieħdu l-passi meħtieġa bil-għan li tkun żviluppata infrastruttura distrettwali għat-tisħin u t-tkessiħ sabiex takkomoda l-iżvilupp tat-tisħin u t-tkessiħ minn faċilitajiet kbar tal-bijomassa, enerġija solari, enerġija mill-ambjent u ġeotermali u minn sħana u kasha mormija.

Artikolu 21

Awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konsumaturi jkunu intitolati li jsiru awtokonsumaturi tas-sorsi rinnovabbli, soġġett għal dan l-Artikolu.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli, individwalment jew permezz ta' aggregaturi, jkunu intitolati sabiex:
 - (a) jiġġeneraw l-enerġija rinnovabbli, inkluż għall-konsum tagħhom stess, jaħżnu u jbigħu l-produzzjoni żejda tagħhom ta' elettriku rinnovabbli, inkluż permezz ta' ftehimiet dwar ix-xiri tal-qawwa elettrika rinnovabbli, arranġamenti ta' negozjar bejn il-pari u l-fornituri, mingħajr ma jkunu soġġetti:
 - (i) fir-rigward tal-elettriku li huma jikkunsmaw minn jew li jifgħu fil-grilja, għal proċeduri u imposti diskriminatorji jew sproporzjonati, u għall-imposti fuq in-netwerk li ma jirriflettux l-ispejjeż;
 - (ii) fir-rigward tal-elettriku rinnovabbli awtoġenerat tagħhom minn sorsi rinovabbli li jibqa' fil-proprjetà tagħhom, għal proċeduri diskriminatorji jew sproporzjonati, u kwalunkwe imposti jew tariffi;
 - (b) jinstallaw u jħaddmu sistemi ta' ħżin tal-elettriku kkombinati ma' installazzjonijiet li jiġġeneraw l-elettriku rinnovabbli għall-awtokonsum mingħajr ebda responsabbiltà għal xi ħlas doppju, inkluż l-imposti fuq in-netwerk għal elettriku maħżun li jibqa' fil-proprjetà tagħhom;
 - (c) iżommu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom bħala konsumaturi finali;
 - (d) jirċievu remunerazzjoni, inkluż fejn applikabbli, permezz ta' skemi ta' appoġġ, għall-elettriku rinnovabbli awtoġenerat li jifgħu fil-grilja, li jirrifletti l-valur tas-suq ta' dak l-elettriku u li jista' jqis il-valur u jistgħu jieħdu kont tal-valur fit-tul tal-elettriku li jintefa' fil-grilja, l-ambjent u s-soċjetà.
3. L-Istati Membri jistgħu japplikaw imposti u tariffi mhux diskriminatorji u proporzjonati fuq awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli, fir-rigward tal-elettriku rinnovabbli awtoġenerat tagħhom, li jibqa' fil-proprjetà tagħhom f'każ wieħed jew aktar tas-segwenti:
 - (a) jekk l-elettriku rinnovabbli awtoġenerat huwa appoġġat b'mod effettiv permezz ta' skemi ta' appoġġ, biss sal-punt li l-vijabilità ekonomika tal-proġett u l-effett ta' inċentiv ta' tali appoġġ ma jiġux imminati;
 - (b) mill-1 ta' Diċembru 2026, jekk is-sehem globali installazzjonijiet ta' awtokonsum jaqbeż 8 % tal-kapaċità totali installata tal-elettriku tal-Istati Membri, u jekk jintwera, permezz ta' analiżi tal-kost-benefiċċju mwettqa mill-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Istat Membru jekk is-sehem globali ta' installazzjonijiet ta' awto-konsum jaqbeż it-8 % tal-kapaċità totali installata ta' elettriku ta' Stat Membru, li ssir permezz ta' proċess miftuħ, trasparenti u parteċipatorju, li d-dispożizzjoni stipulati fil-punt (a)(ii) tal-paragrafu 2 jew tirriżulta f'piż sproporzjonat sinifikanti fuq is-sostenibbiltà finanzjarja fit-tul tas-sistema, jew toħloq inċentiv li jaqbeż dak li hu oġġettivament meħtieġ biex tinkiseb l-provvista kost-effettiva tal-enerġija rinnovabbli, u li tali piż jew inċentiv ma jistax jitnaqqas billi jittieħdu azzjonijiet raġonevoli oħra; jew
 - (c) jekk l-elettriku rinnovabbli awtoġenerat jiġi prodott f'impijanti b'kapaċità elettrika installata totali li taqbeż it-30 kW.
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtokonsumaturi tal-enerġija rinnovabbli li jkunu fl-istess bini, inklużi blokok b'għadd ta' appartamenti, ikunu intitolati biex jieħdu sehem konġunt fl-attivitajiet msemmija fil-paragrafu 2 u li jkunu permessi jagħmlu arranġamenti bejniethom għall-kondiviżjoni tal-enerġija rinnovabbli li tkun prodotta fis-sit jew siti tagħhom, mingħajr peregudizzju għall-imposti fuq in-netwerk u imposti, ħlasijiet, tariffi u taxxi rilevanti oħra applikabbli għal kull awtokonsumatur tal-enerġija rinnovabbli. L-Istati Membri jistgħu jiddifferenzjaw bejn awtokonsumaturi tas-sorsi rinnovabbli individwali u awtokonsumaturi tas-sorsi rinnovabbli li jaġixxu b'mod konġunt. Tali trattament differenti għandu jkun proporzjonat u ġustifikat kif xieraq.
5. L-installazzjoni ta' awtokonsumatur ta' sorsi rinnovabbli tista' tkun proprjetà ta' parti terza jew tiġi ġestita minn parti terza għall-installazzjoni, l-operat, inkluż il-kejl tal-konsum, u l-manutenzjoni dment li l-parti terza tibqa' soġġetta għall-istruzzjonijiet tal-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli. Il-parti terza nnifsha m'għandhiex titqies bħala awtokonsumatur ta' sorsi rinnovabbli.

6. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas ta' abilitazzjoni li jippromwovi u jiffaċilita l-iżvilupp ta' awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli bbażat fuq valutazzjoni tal-ostakli mhux ġustifikati eżistenti u tal-potenzjal ta' awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli fit-territorji tagħhom u n-netwerks tal-enerġija. Dak il-qafas abilitanti għandu, inter alia:

- (a) jindirizza l-aċċessibbiltà ta' awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli għall-konsumaturi finali kollha, inklużi dawk f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx jew vulnerabbli;
- (b) jiġu indirizzati l-ostakli mhux ġustifikati għall-finanzjament ta' proġetti fis-suq u miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament;
- (c) jindirizzaw ostakli regolatorji mhux ġustifikati oħra għall-awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli, anke għall-inkwilini;
- (d) jindirizzaw inċentivi għas-sidien tal-bini biex joħlqu opportunitajiet ta' awtokonsum ta' sorsi rinnovabbli inkluż għall-inkwilini;
- (e) jagħti lill-awtokonsumaturi ta' sorsi rinnovabbli, għall-elettriku rinnovabbli awtoġenerat li jifgħu fil-grilja, aċċess mhux diskriminatorju għal skemi ta' appoġġ rilevanti eżistenti kif ukoll għas-segmenti kollha tas-suq tal-elettriku;
- (f) jiżguraw li l-awtokonsumaturi rinnovabbli jikkontribwixxu b'mod adegwat u bbilanċjat għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ġenerali tas-sistema meta l-elettriku jiġi mitfuh fil-grilja.

L-Istati Membri għandhom jinkludu sommarju tal-politiki u l-miżuri taħt il-qafas ta' appoġġ u valutazzjoni tal-implimentazzjoni tagħhom rispettivament fil-pjanijiet nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima u fir-rapporti ta' progress tagħhom, skont ir-Regolament (UE) 2018/1999.

7. Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 TFUE.

Artikolu 22

Komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali, b'mod partikolari l-klijenti domestiċi, ikunu intitolati jipparteċipaw f'komunità tal-enerġija rinnovabbli waqt li jżommu d-drittijiet jew l-obbligi tagħhom bħala klijenti finali, u mingħajr ma jkunu soġġetti għal kundizzjonijiet jew proċeduri mhux ġustifikati jew diskriminatorji li jipprevjenu l-parteċipazzjoni tagħhom f'komunità tal-enerġija rinnovabbli, sakemm, għall-imprezzi privati, il-parteċipazzjoni tagħhom ma tikkostitwixxi l-attività kummerċjali jew professjonali ewlenija tagħhom.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli jkunu intitolati li:

- (a) jipproduċu, jużaw, jaħżnu u jbigħu enerġija minn sorsi rinnovabbli, inkluż permezz ta' ftehimiet ta' xiri tal-enerġija;
- (b) jaqsmu fil-komunità tal-enerġija rinnovabbli, l-enerġija rinnovabbli li tiġi prodotta mill-unitajiet ta' produzzjoni li huma proprjetà ta' dik il-komunità tal-enerġija rinnovabbli, soġġetta għar-rekwiżiti l-oħra stipulati f'dan l-Artikolu u għaż-żamma tad-drittijiet u l-obbligi tal-membri tal-komunità tal-enerġija rinnovabbli bħala klijenti;
- (c) jaċċessaw is-swieq tal-enerġija adatti kollha kemm direttament jew permezz tal-aggregazzjoni b'mod mhux diskriminatorju.

3. L-Istati Membri għandhom iwettqu valutazzjoni tal-ostakli eżistenti u l-potenzjal tal-iżvilupp ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli fit-territorji tagħhom.

4. L-Istati Membri għandhom jipprovdu qafas li jippermetti l-promozzjoni u l-faċilitazzjoni tal-iżvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli. Dak il-qafas għandu jiżgura, inter alia, li:

- (a) jitneħħew l-ostakli regolatorji u amministrattivi mhux ġustifikati għall-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli;
- (b) il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli li jfornu l-enerġija jew jipprovdu servizzi ta' aggregazzjoni jew servizzi oħra kummerċjali tal-enerġija huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet rilevanti għal tali attivitajiet;

- (c) l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni rilevanti jikkoopera mal-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli biex jiffaċilita t-trasferimenti tal-enerġija fil-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli;
 - (d) il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli huma soġġetti għal proċeduri ġusti, proporzjonata u trasparenti, inkluż proċeduri ta' reġistrazzjoni u ta' liċenzjar, u imposti fuq in-netwerk li jirriflettu l-kost, kif ukoll imposti, tariffi u taxxi rilevanti, li jiżguraw li jikkontribwixxu, b'mod adegwat, ġust u bbilanċjat, għall-kondiviżjoni tal-ispejjeż ġenerali tas-sistema f'konformità ma' analiżi trasparenti tal-ispejjeż u l-benefiċċji ta' sorsi tal-enerġija distribwiti żviluppati mill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali;
 - (e) il-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli mhumiex soġġetti għal trattament diskriminatorju fir-rigward tal-attivitajiet, id-drittijiet u l-obbligi tagħhom bħala klijenti finali, produttori, fornituri, operatori tas-sistema ta' distribuzzjoni, jew parteċipanti oħra fis-suq;
 - (f) il-parteeipazzjoni fil-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli hija aċċessibbli għall-konsumaturi kollha, inklużi dawk f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx jew vulnerabbli;
 - (g) jkunu disponibbli għodod biex jiffaċilitaw l-aċċess għall-finanzjament u l-informazzjoni;
 - (h) jiġi pprovdut appoġġ regolatorju u tal-bini tal-kapaċitajiet lil awtoritajiet pubbliċi biex jagħmlu possibbli u jistabbilixxu komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli, u biex jgħinu lil awtoritajiet biex jipparteċipaw direttament;
 - (i) regoli li jiżguraw it-trattament uguali u mhux diskriminatorju tal-konsumaturi li jipparteċipaw fil-komunità tal-enerġija rinnovabbli.
5. L-elementi ewlenin tal-qafas abilitanti msemmi fil-paragrafu 4, u tal-implimentazzjoni tiegħu għandhom ikunu parti mill-aġġornamenti tal-pjanijiet integrati nazzjonali dwar il-klima u l-enerġija u mir-rapporti ta' progress tal-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/1999.
6. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli jkunu miftuħa għal parteċipazzjoni transfruntiera.
7. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 107 u 108 TFUE, l-Istati Membri għandhom jieħdu kont tal-ispeċifitajiet ta' komunitajiet tal-enerġija rinnovabbli meta jfasslu l-iskemi ta' appoġġ, sabiex ikunu jistgħu jikkompetu għall-appoġġ fuq bażi uguali ma' parteċipanti oħra tas-suq.

Artikolu 23

L-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fit-tisħin u t-tkessiħ

1. Sabiex tippromwovi l-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, kull Stat Membru għandu jagħmel ħiltu biex iżid is-sehem ta' enerġija rinnovabbli f'dak is-settur b' 1,3 punti perċentwali indikattivi bħala medja annwali kkalkulata għall-perijodi 2021-2025 u 2026-2030, li jibda mis-sehem tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ fl-2020, espress f'termini ta' sehem nazzjonali tal-konsum tal-enerġija finali u kkalkulat skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 7, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Dik iż-żieda għandha tkun limitata għal 1,1 punti perċentwali indikattivi għall-Istati Membri fejn is-sħana u l-kesħa tal-mormija ma jintużawx. L-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, jipprioritizzaw l-aqwa teknoloġija disponibbli.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, meta jiġi kkalkulat is-sehem tal-enerġija rinnovabbli tiegħu fis-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ u ż-żieda annwali medja tiegħu skont dak il-paragrafu, kull Stat Membru:
- (a) jistgħu jgħoddu s-sħana u l-kesħa mormija, soġġett għal limitu ta' 40 % taż-żieda annwali;
 - (b) fejn is-sehem ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ huwa ogħla minn 60 %, jista' jgħodd kwalunkwe tali sehem bħala li jissodisfa ż-żieda annwali medja; u
 - (c) fejn is-sehem ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u tat-tkessiħ huwa ogħla minn 50 % u sa 60 %, jista' jgħodd kwalunkwe tali sehem bħala li jissodisfa nofs iż-żieda annwali medja.

Meta jiddeċiedu liema miżuri għandhom jadottaw għall-iskop ta' provvista ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-effettività tan-nefqa li tirrifletti l-ostakli strutturali li jirriżultaw minn sehem għoli ta' gass naturali jew tkessiħ, jew minn strutturi ta' insedjament b'densità baxxa ta' popolazzjoni.

Fejn dawk il-miżuri jirriżultaw f'żieda medja annwali iktar baxxa minn dik imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom jagħmlu dan pubbliku, pereżempju permezz tal-rapporti nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima integrati tagħhom skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u jipprovdu lill-Kummissjoni bir-raġunijiet, inkluż dwar l-għażla tal-miżuri kif imsemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu.

3. Abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu u jippubblikaw lista tal-miżuri, u jistgħu jaħtru u jippubblikaw l-isem tal-entitajiet implimentattivi, bħall-fornituri tal-karburanti, korpi pubbliċi jew professjonali, li għandhom jikkontribwixxu għaż-żieda medja annwali msemmija fil-paragrafu 1.

4. L-Istati Membri jistgħu jimplimentaw iż-żieda medja annwali msemmija fil-paragrafu 1 permezz, inter alia, ta' għażla jew aktar minn dawn li ġejjin:

- (a) inkorporazzjoni fiżika tal-enerġija rinnovabbli jew tas-sħana u l-kesħa mormija fl-enerġija u l-karburant tal-enerġija fornuta għat-tisħin u t-tkessiħ;
- (b) miżuri ta' mitigazzjoni diretti bħall-installazzjoni ta' sistemi tat-tisħin u t-tkessiħ rinnovabbli effiċjenti ħafna f'bini, jew fużu tal-enerġija rinnovabbli jew ta' sħana u kesħa mormija fil-proċessi tat-tisħin u t-tkessiħ industrijali;
- (c) miżuri ta' mitigazzjoni indiretti koperti minn ċertifikati kummerċjabbli li jagħtu xhieda tal-konformità mal-obbligu stipulati fil-paragrafu 1 permezz ta' appoġġ għal miżuri ta' mitigazzjoni indiretti, mwettqa minn operatur ekonomiku ieħor bħal installatur tat-teknoloġija tar-rinnovabbli indipendenti jew kumpannija tas-servizzi tal-enerġija li tipprovdi servizzi ta' installazzjoni tal-enerġija rinnovabbli;
- (d) miżuri ta' politika oħra, b'effett ekwivalenti biex tintlaħaq iż-żieda medja annwali kif imsemmija fil-paragrafu 1, inkluż miżuri fiskali jew inċentivi finanzjarji oħra.

Meta jkunu qed jadottaw u jimplimentaw il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri għandhom jimmiraw għall-aċċessibbiltà tal-miżuri għall-konsumaturi kollha, b'mod partikolari dawk f'unitajiet domestiċi bi dħul baxx jew vulnerabbli, li kiekuma jkollhomx biżżejjed kapital bil-quddiem biex jibbenefikaw.

5. L-Istati Membri jistgħu jużaw l-istrutturi stabbiliti taħt l-iskemi nazzjonali ta' obbligi ta' iffrankar tal-enerġija stabbilit fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/UE biex jimplimentaw u jissorveljaw il-miżuri msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu.

6. Fejn entitajiet ikunu deżinjati skont il-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontribuzzjoni ta' dawk l-entitajiet deżinjati ikun jista' jitkejjel u jista' jiġi verifikat u li l-entitajiet deżinjati jirrappurtaw annwalment dwar:

- (a) l-ammont totali ta' enerġija rinnovabbli fornuta għat-tisħin u t-tkessiħ;
- (b) l-ammont totali ta' enerġija rinnovabbli fornuta għat-tisħin u t-tkessiħ;
- (c) l-ammont ta' sħana u kesħa mormija furnuti għat-tisħin u t-tkessiħ;
- (d) is-sehem tal-enerġija rinnovabbli u ta' sħana u kesħa mormija fl-ammont totali tal-enerġija fornuta għat-tisħin u t-tkessiħ; u
- (e) it-tip tas-sors tal-enerġija rinnovabbli.

Artikolu 24

Tisħin u tkessiħ distrettwali

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-enerġija u s-sehem ta' enerġija rinnovabbli fis-sistemi ta' tisħin u ta' tkessiħ distrettwali tagħhom tingħata b'mod faċli u aċċessibbli lill-konsumaturi finali, bħal fuq siti web tal-fornituri, kontijiet annwali, jew fuq talba.

2. L-Istati Membri għandhom jistipulaw il-miżuri meħtieġa u l-kundizzjonijiet biex jippermettu li l-klijenti tas-sistemi ta' tisħin jew ta' tkessiħ distrettwali li mhumiex tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti, jew li mhumiex tali sistema sal-31 ta' Diċembru 2025 abbażi ta' pjan approvat mill-awtorità kompetenti, biex jiġu skonnettjati billi jiġi tterminat jew modifikat il-kuntratt tagħhom sabiex jipproduċu huma stess tisħin jew tkessiħ minn sorsi ta' rinnovabbli.

Fil-każ li t-terminazzjoni ta' kuntratt tkun assoċjata ma' skonesjoni fiżika, tali terminazzjoni tal-kuntratt tista' tkun kundizzjonali fuq il-kumpens għall-ispejjeż direttament imġarrba bħala riżultat tal-iskonesjoni fiżiku u għall-porzjon mhux deprezzat tal-assi meħtieġa biex tiġi pprovduta s-sħana u l-kesħa lil dak il-klijent.

3. L-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu d-dritt ta' skonesjoni billi jittterminaw jew jimmodifikaw il-kuntratt skont il-paragrafu 2 ma' klijenti li jistgħu juru li s-soluzzjoni ta' provvista alternattiva ppjanata għat-tisħin jew għat-tkessiħ twassal għal riżultati li jkunu b'mod sinifikanti aħjar f'dik li hi prestazzjoni tal-enerġija. Il-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-enerġija tas-soluzzjoni ta' provvista alternattiva tista' tkun ibbażata fuq ċertifikat tal-prestazzjoni tal-enerġija.

4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li s-sistemi ta' tisħin u tkessiħ distrettwali jikkontribwixxu għaż-żieda msemija fl-Artikolu 23(1) ta' din id-Direttiva billi jimplimentaw mill-inqas waħda miż-żewġ opzjonijiet li ġejjin:

(a) Jaħdmu biex jizzied is-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u minn sorsi ta' sħana u kesħa mormija fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali b'mill-inqas punt perċentwali wieħed bħala medja annwali kkalkulata għall-perijodu 2021-2025 u għall-perijodu 2026-2030, li jibda mis-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u minn sorsi ta' sħana u kesħa mormija fis-settur tat-tisħin u t-tkessiħ distrettwali fl-2020, espress f'termini ta' sehem tal-konsum ta' enerġija finali fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali, billi implimentataw miżuri li jistgħu jkunu mistennija li jixprunaw dik iż-żieda medja annwali fi snin b'kundizzjonijiet klimatiċi normali.

L-Istati Membri b'shem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u minn sorsi ta' sħana u kesħa mormija fit-tisħin u t-tkessiħ distrettwali ogħla minn 60 % jistgħu jgħoddu kwalunkwe tali sehem bħala li jissodisfa ż-żieda medja annwali msemija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt.

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa biex jimplimentaw iż-żieda medja annwali msemija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt fil-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima skont l-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1999.

(b) Jiżguraw li l-operaturi ta' sistemi ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali jkunu obbligati li jikkollegaw fornituri ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli u minn sħana u kesħa mormija huma obbligati li joffru li jikkollegaw u jixtru sħana u kesħa minn sorsi rinnovabbli u minn sħana u kesħa mormija minn fornituri ta' partijiet terzi abbażi ta' kriterji mhux diskriminatorji stabbiliti mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat, fejn jeħtieġu li jagħmlu waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

(i) jissodisfaw id-domanda minn klijenti ġodda;

(ii) jissostitwixxu kapaciċajiet eżistenti ta' ġenerazzjoni tas-sħana jew il-kesħa;

(iii) jespandu il-kapaciċità eżistenti ta' ġenerazzjoni tas-sħana jew il-kesħa.

5. Fejn Stat Membru jeżerċita l-għażla msemija fil-punt (b) tal-paragrafu 4, operatur ta' sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali jista' jirrifjuta li jikkollega u jixtri s-sħana jew il-kesħa minn fornituri ta' partijiet terzi fejn:

(a) is-sistema ma jkollhiex il-kapaciċità neċessarja minħabba provvisti oħrajn tas-sħana u l-kesħa mormija, tas-sħana jew il-kesħa minn sorsi rinnovabbli jew tas-sħana jew il-kesħa prodotti minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja;

(b) is-sħana jew il-kesħa minn fornitur ta' parti terza ma tissodisfax il-parametri tekniċi meħtieġa biex jikkonnettjaw u jiżguraw l-operat affidabbli u sikur tas-sistema ta' tisħin u tkessiħ distrettwali; jew

(c) l-operatur jista' juri li l-għoti ta' aċċess iwassal għal żieda eċċessiva fl-ispiża tat-tisħin jew tat-tkessiħ għall-klijenti finali meta mqabbel mal-ispiża tal-provvista lokali ewlenija ta' tisħin jew tkessiħ li magħha jikkompetu s-sorsi rinnovabbli jew is-sħana u l-kesħa mormija.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta operatur ta' sistema ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali jirrifjuta li jikkollega fornitur ta' tisħin jew tkessiħ skont l-ewwel subparagrafu, l-informazzjoni, ir-raġunijiet għar-rifjut, kif ukoll il-kundizzjonijiet u l-miżuri li jenħtieġu li jittieħdu fis-sistema sabiex jippermettu l-konesjoni, tiġi pprovduta minn dak l-operatur lill-awtorità kompetenti skont il-paragrafu 9.

6. Fejn Stat Membru jeżerċita l-għażla msemija fil-punt (b) tal-paragrafu 4, huwa jista' jeżenta lill-operaturi tas-sistemi ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali li ġejjin mill-applikazzjoni ta' dak il-punt:

(a) tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti;

(b) tisħin u t-tkessiħ distrettwali effiċjenti li jisfrutta l/koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja;

- (c) tisħin u tkessiħ distrettwali li abbażi ta' pjan approvat mill-awtorità kompetenti jsiru sistemi ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali sal-31 ta' Diċembru 2025;
- (d) tisħin u tkessiħ distrettwali b'input termali totali anqas minn 20 MW.
7. Id-dritt ta' skonnessjoni billi jitterminaw jew jimmodifikaw il-kuntratt tagħhom skont il-paragrafu 2 jista' jiġi eżerċitat mill-klijenti individwali, minn impriżi konġunti magħmula minn klijenti jew minn partijiet li jaġixxu fisem il-klijenti. Għal blokko ta' appartamenti multipli, tali skonnessjoni tista' tiġi eżerċitata biss fuq il-livell tal-bini kollu f'konformità mal-liġi tad-djar applikabbli.
8. L-Istati Membri għandhom jirrikjeđu li l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni jivvalutaw mill-anqas kull erba' snin, b'kooperazzjoni mal-operaturi tas-sistemi ta' tisħin jew tkessiħ distrettwali fil-qasam rispettiv tagħhom, il-potenzjal għat-tisħin distrettwali u s-sistemi tat-tkessiħ u sistemi oħra li jipprovdu servizzi ta' bilanċjar, inkluż ir-rispons għad-domanda u l-ħżin ta' eċċessi ta' elettriku prodotti minn sorsi rinnovabbli, u jekk l-użu tal-potenzjal identifikat ikun aktar effiċjenti fir-riżorsi u aktar kosteffiċjenti minn soluzzjonijiet alternattivi.
9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-drittijiet tal-konsumaturi u r-regoli għat-tħaddim tas-sistemi tat-tisħin u tkessiħ distrettwali skont dan l-Artikolu huma definiti b'mod ċar u infurzati mill-awtorità kompetenti.
10. Stat Membru m'għandux ikun meħtieġ li japplika l-paragrafi 2 sa 9 ta' dan l-Artikolu fejn:
- (a) is-sehem tiegħu ta' tisħin u tkessiħ distrettwali huwa inqas minn jew daqs 2 % tal-konsum ġenerali ta' enerġija fit-tisħin u tkessiħ fl-24 ta' Diċembru 2018; jew
- (b) is-sehem tiegħu ta' tisħin u tkessiħ distrettwali jiġi miżjud 'il fuq minn 2 % billi jiġu żviluppati tisħin u tkessiħ distrettwali effiċjenti u ġodda abbażi tal-pjanijiet nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima skont l-Anness I tar-Regolament (UE) 2018/1999 jew il-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 15(7) ta' din id-Direttiva; jew
- (c) is-sehem tiegħu tas-sistemi msemmija fil-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu jikkostitwixxi aktar minn 90 % tal-bejgħ totali ta' tisħin u tkessiħ distrettwali.

Artikolu 25

L-integrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport

1. Sabiex jiġi integrat l-użu tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi obbligu fuq il-fornituri tal-karburant biex jiżgura li s-sehem tal-enerġija rinnovabbli fi ħdan il-konsum finali tal-enerġija fis-settur tat-trasport huwa mill-inqas 14 % sal-2030 (sehem minimu) skont it-trajettorja indikattiva stabbilita mill-Istat Membru u kkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita f'dan l-Artikolu u fl-Artikoli 26 u 27. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta dak l-obbligu, bil-ħsieb li tippreżenta, sal-2023, proposta leġislattiva biex iżżidu fil-każ ta' aktar tnaqqis sostanzjali fl-ispejjeż fil-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli, fejn meħtieġ, biex jintlaħqu l-impenji internazzjonali tal-Unjoni għad-dekarbonizzazzjoni, jew fejn ġustifikat minħabba tnaqqis sinifikanti fil-konsum tal-enerġija fil-Unjoni.

L-Istati Membri jistgħu jeżentaw, jew jagħmlu distinzjoni bejn, fornituri differenti tal-karburant u trasportaturi tal-enerġija differenti meta jistabbilixxu l-obbligu fuq il-fornituri tal-karburant, u jiżguraw li jitqiesu il-grad varji tal-maturità u l-ispejjeż ta' teknoloġiji differenti.

Għall-kalkolu tas-sehem minimu msemmi fl-ewwel subparagrafu, l-Istati Membri:

- (a) għandhom iqisu karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika ukoll meta jintużaw bħala prodotti intermedji għall-produzzjoni ta' karburanti konvenzjonali; u
- (b) jistgħu jqisu karburanti riċiklati tal-karbonju.

Fis-sehem minimu msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-kontribuzzjoni ta' bijokarburanti u bijogass avanzati prodotti mill-materja prima elenkata fil-parti A tal-Anness IX bħala sehem mill-konsum finali tal-enerġija fis-settur tat-trasport għandu jkun tal-anqas 0,2 % fl-2022, tal-anqas 1 % fl-2025 u, tal-anqas 3,5 % fl-2030.

L-Istati Membri jistgħu jeżentaw lill-fornituri tal-karburant li jfornu karburant fil-forma ta' elettriku jew karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika mir-rekwiżit ta' konformità mas-sehem minimu ta' bijokarburanti u bijogass avanzati prodotti minn materja prima elenkata fl-Anness IX fir-rigward ta' dawk il-karburanti.

Meta jistabbilixxu l-obbligu msemmi fl-ewwel u r-raba' subparagrafi biex jiżguraw l-kisba tas-sehem stabbilit hemmhekk, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu hekk, inter alia, permezz ta' miżuri li jimmiraw għal volumi, kontenut tal-enerġija jew emissjonijiet ta' gassijiet serra, dment li jintwera li jinkisbu l-ammont minimu ta' ishma msemmija fl-ewwel u r-raba' subparagrafi.

2. L-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-użu ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika għandu jkun mill-anqas 70 % mill-1 ta' Jannar 2021.

Sal-1 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 35 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi limiti minimi xierqa għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra ta' karburanti riċiklati tal-karbonju permezz ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja li tqis l-ispeċifità ta' kull karburant.

Artikolu 26

Regoli speċifiċi għal bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa prodotti minn għelejjel tal-ikel jew tal-ġhalf

1. Għall-kalkolu tal-konsum finali gross tal-enerġija ta' Stat Membru minn sorsi tal- rinnovabbli stabbiliti fl-Artikolu 7 u s-sehem minimu msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1), is-sehem ta' bijokarburanti u bijolikwidi, kif ukoll mill-karburanti mill-bijomassa kkunsmati fit-trasport, fejn prodotti minn għelejjel tal-ikel u tal-ġhalf, m'għandux ikun aktar minn punt perċentwali wieħed ogħla mis-sehem ta' tali karburanti fil-konsum finali ta' enerġija fis-setturi tat-trasport bit-triq u bil-ferrovija fl-2020 f'dak l-Istat Membru, b'massimu ta' 7 % konsum finali tal-enerġija fis-setturi tat-trasport bit-triq u bil-ferrovija f'dak l-Istat Membru.

Meta dak is-sehem ikun inqas minn 1 % fi Stat Membru, huwa jista' jiżdied sa massimu ta' 2 % tal-konsum finali fis-setturi tat-trasport bit-triq u bil-ferrovija.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu limitu aktar baxx u jistgħu jiddistingwu, għall-finijiet tal-Artikolu 29(1) bejn tipi ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa prodotti minn għelejjel tal-ikel u l-ġhalf, b'kont meħud tal-aħjar evidenza disponibbli dwar l-impatt tal-bidla indiretta fl-użu tal-art. L-Istati Membri jistgħu, pereżempju, jistabbilixxu limitu aktar baxx għas-sehem minn bijokarburanti bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti minn għelejjel taż-żejt.

Fkaż li s-sehem mill-bijokarburanti u l-bijolikwidi, kif ukoll mill-karburanti mill-bijomassa kkunsmati fit-trasport,, prodotti mill-għelejjel tal-ikel u l-ġhalf fi Stat Membru huwa limitat għal sehem aktar baxx minn 7 % jew Stat Membru jiddeċiedi li jillimita s-sehem aktar, dak l-Istat Membru jista' jnaqqas is-sehem minimu msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1) skont dan b'massimu ta' 7 punti perċentwali.

2. Għall-kalkolu tal-konsum finali gross ta' enerġija ta' Stat Membru minn sorsi rinnovabbli msemmija fl-Artikolu 7 u s-sehem minimu msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1) is-sehem ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art, prodotti minn għelejjel tal-ikel jew tal-ġhalf, li għalihom hija osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna għolja ta' karbonju ma għandux jaqbeż il-livell ta' konsum ta' tali karburanti f'dak l-Istat Membru fl-2019, sakemm ma jkunux iċċertifikati li huma bijokarburanti, bijolikwidi jew karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art skont dan il-paragrafu.

Mill-31 ta' Diċembru 2023 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2030, dan il-limitu għandu jonqos gradwalment għal 0 %.

Sal-1 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni għandha, tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-istatus ta' espansjoni fil-produzzjoni ta' għelejjel tal-ikel u tal-ġhalf rilevanti madwar id-dinja.

Sal-1 ta' Frar 2019, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 35 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistipula l-kriterji għaċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju baxx ta' tibdil indirett fl-użu tal-art u għad-determinazzjoni tal-materja prima b'riskju għoli ta' bidla indiretta fl-użu tal-art li għaliha jkun osservat li espansjoni sinifikanti tal-produzzjoni tkun f'art b'ħażna għolja ta' karbonju. Ir-rapport u l-att delegat li jakkumpanjah għandhom ikunu bbażati fuq l-aħjar data xjentifika disponibbli.

Sal-1 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-kriterji stipulati fl-atti delegati msemmija fir-raba' subparagrafu abbażi tal-aħjar data xjentifika disponibbli u għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 35 biex temenda tali kriterji, fejn xieraq, u biex tinkludi trajettorja biex jitnaqqas gradwalment il-kontribut għall-mira tal-Unjoni stabbilita fl-Artikolu 3(1) u għas-sehem minimu msemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1), ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa b'riskju għoli ta' tibdil indirett fl-użu tal-art, prodotti minn materja prima, li għalihom hija osservata espansjoni sinifikanti taż-żona ta' produzzjoni f'art b'ħażna għolja ta' karbonju.

Artikolu 27

Regoli għall-kalkolu fir-rigward tal-ishma minimi ta' enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport

1. Għall-kalkolu tal-ishma minimi msemmija fl-ewwel u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 25(1), għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin::

- (a) għall-kalkolu tad-denominatur, jiġifieri l-kontenut enerġetiku tal-karburanti għat-trasport bit-triq u bil-ferrovija fornuti għal konsum jew użu fis-suq, għandu jitqies il-petrol, id-diżil, il-bijokarburanti, il-gass naturali, il-bijogass, il-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, karburanti u elettriku mill-karbonju riċiklat fornut lis-setturi tat-trasport fit-triq u bil-ferrovija;
- (b) għall-kalkolu tan-numeratur, jiġifieri l-ammont ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli kkonsmat mit-trasport għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 25(1), għandu jitqies il-kontenut tal-enerġija tat-tipi kollha ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fornut lis-setturi kollha tat-trasport, inkluż l-elettriku rinnovabbli fornut lit-trasport bit-triq u bil-ferrovija. L-Istati Membri jistgħu wkoll iqisu l-karburanti tal-karbonju riċiklat..

Għall-kalkolu tan-numeratur, is-sehem tal-bijokarburanti u l-bijogass prodott minn materja prima, inklużi fil-Parti B tal-Anness IX għandu, ħlief f'Ċipru u Malta, ikun limitat għal 1,7 % tal-kontenut ta' enerġija ta' karburanti tat-trasport fornuti għall-konsum jew l-użu fis-suq. L-Istati Membri jistgħu, fejn ġustifikat, jimmodifikaw dak il-limitu, b'kont meħud tad-disponibbiltà ta' materja prima. Kwalunkwe tali modifika għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

- (c) Għall-kalkolu kemm tan-numeratur kif ukoll tad-denominatur, għandhom jintużaw il-valuri li jirrigwardaw il-kontenut tal-enerġija tal-karburanti għat-trasport kif stabbilit fl-Anness III. Għad-determinazzjoni tal-kontenut tal-enerġija ta' karburanti tat-trasport mhux inklużi fl-Anness III, l-Istati Membri għandhom jużaw standards tal-ESO rilevanti għad-determinazzjoni tal-valuri kalorifiċi ta' karburanti. Fejn l-ebda standard ESO ma ġie adottat għal dak l-għan, għandhom jintużaw l-istandards tal-ISO rispettivi. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 35 biex temenda din id-Direttiva billi tadatta l-kontenut tal-enerġija ta' karburanti tat-trasport, kif stabbilit fl-Anness III, skont il-progress xjentifiku u tekniku.

2. Għall-finijiet li tintwera l-konformità mal-ishma minimi msemmija fl-Artikolu 25(1):

- (a) is-sehem ta' bijokarburanti u bijogass għat-trasport prodott mill-materja prima elenkata fl-Anness IX jista' jitqies bħala d-doppju tal-kontenut tal-enerġija tiegħu;
- (b) is-sehem ta' elettriku rinnovabbli għandu jitqies bħala erba' darbiet il-kontenut tal-enerġija tiegħu meta jiġi fornut lill-vetturi bit-triq u jista' jitqies li huwa 1,5 darba l-kontenut tal-enerġija meta jkun fornut lit-trasport ferrovjarju;
- (c) bl-eċċezzjoni tal-karburanti prodotti minn għelejjel tal-ikel jew tal-ġalf, il-kontribut ta' karburanti fornuti fis-setturi tal-avjazzjoni u tat-trasport bil-baħar għandu jitqies li jkun 1,2 darbiet il-kontenut tal-enerġija tagħhom.

3. Għall-kalkolu tassew tal-elettriku rinnovabbli fl-elettriku li jintuża għal vetturi tat-triq u l-vetturi ferrovjarji għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu l-Istati Membri għandhom jirreferu għall-perijodu ta' sentejn ta' qabel is-sena li fiha l-elettriku jiġi fornut fit-territorju tagħhom..

B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, biex jiġi ddeterminat is-sehem tal-elettriku għall-finijiet tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fil-każ ta' elettriku miksub minn konnessjoni diretta ma' installazzjoni li tiġġenera l-elettriku rinnovabbli u fornuta lil vetturi tat-triq, dak l-elettriku għandu jingħadd b'mod sħiħ bħala rinnovabbli.

Sabiex jiġi żgurat li ż-żieda mistennija fid-domanda tal-elettriku fis-settur tat-trasport lil hinn mil-linja bażi attwali tintlaħaq b'kapaċità ta' ġenerazzjoni ta' enerġija rinnovabbli addizzjonali, il-Kummissjoni għandha tiżviluppa qafas dwar l-addizzjonalità fis-settur tat-trasport u u għandha tiżviluppa għażliet differenti bil-għan li tiddetermina il-linja bażi tal-Istati Membri u li tkejjel l-addizzjonalità.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, fejn l-elettriku jintuża għall-produzzjoni ta' karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, sew direttament jew inkella għall-produzzjoni ta' prodotti intermedji, jista' jintuża s-sehem medju tal-elettriku minn sorsi rinnovabbli fil-pajjiż tal-produzzjoni, kif imkejjel sentejn qabel is-sena inkwistjoni, għandu jintuża biex jiġi ddeterminat is-sehem tal-enerġija.

Madankollu, l-elettriku miksub minn konnessjoni diretta ma' installazzjoni tal-ġenerazzjoni tal-elettriku rinnovabbli jista' jingħadd bis-sħiħ bħala elettriku rinnovabbli għall-produzzjoni ta' daww il-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika dment li l-installazzjoni:

- (a) tibda taħdem wara, jew fl-istess ħin tal-installazzjoni li tipproduċi karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika; u
- (b) mhix konnessa mal-grilja jew hija konnessa mal-grilja iżda tista' tingħata evidenza li l-elettriku kkonċernat ġie fornuta mingħajr ma ttejed l-elettriku mill-grilja.

L-elettriku li ttejed mill-grilja jista' jingħadd bħala rinnovabbli b'mod sħiħ sakemm ikun prodott eskklusivament minn sorsi rinnovabbli u l-proprietarjiet rinnovabbli u kriterji xierqa oħra ntwerew, waqt li jiġi żgurat li l-karatteristiċi rinnovabbli ta' dak l-elettriku jiġu ddikjarati darba biss u biss f'settur ta' użu aħħari wieħed.

Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha tadotta att delegat skont l-Artikolu 35 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistipula metodoloġija tal-Unjoni li tistipula regoli dettaljati li bihom l-operaturi ekonomiċi għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fil-ħames u s-sitt subparagrafi ta' dan il-paragrafu.

Artikolu 28

Dispożizzjonijiet oħra dwar l-enerġija rinnovabbli fis-settur tat-trasport

1. Bil-ħsieb li jiġi minimizzat ir-riskju li kunsinni individwali jiġu ddikjarati aktar minn darba fl-Unjoni, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom isaħħu l-kooperazzjoni fost is-sistemi nazzjonali u bejn is-sistemi nazzjonali u skemi u l-verifikaturi volontarji stabbiliti skont l-Artikolu 30, inkluż, fejn adatt, bl-iskambju ta' data. Fejn l-awtorità kompetenti ta' Stat Membru wieħed tissuspetta jew tiskopri frodi hija għandha, fejn xieraq, tinforma lill-Istati Membri l-oħra.

2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li tiġi stabbilita bażi tad-data tal-Unjoni li tippermetti t-traċċar ta' karburanti għat-trasport likwidi u gassużi li huma eliġibbli biex jingħaddu għan-numeratur imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 27(1) jew li jitqiesu għall-finijiet imsemmija fil-punti (a), (b), u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 29(1). L-Istati Membri għandhom jirrikjedu lill-operaturi ekonomiċi rilevanti biex idaħħlu f'dik il-bażi tad-data l-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet li jkun saru u dwar il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà ta' dawn il-karburanti, inkluż l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tul iċ-ċiklu ta' ħajjithom, mill-punt tal-produzzjoni tagħhom sal-fornitur tal-karburanti li jqiegħed il-karburant fis-suq. Stat Membru jista' jistabbilixxi bażi tad-data nazzjonali li hija marbuta mal-bażi tad-data tal-Unjoni filwaqt li jiżgura li l-informazzjoni mdaħħla tiġi trasferita minnufih bejn il-bażijiet tad-data.

Il-fornituri tal-karburanti għandhom idaħħlu fil-bażi tad-data rilevanti, l-informazzjoni meħtieġa sabiex tiġi vverifikata l-konformità mar-rekwiżiti stipulati fl-ewwel u r-raba' subparagrafi tal-Artikolu 25(1).

3. Sal-31 ta' Diċembru 2021, l-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw id-disponibbiltà ta' karburanti minn sorsi rinnovabbli għat-trasport inkluż inkluż fir-rigward ta' punti ta' iċċarġjar b'qawwa għolja aċċessibbli għall-pubbliku u infrastruttura ta' riforniment oħra kif provdut fl-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom skont id-Direttiva 2014/94/UE.

4. L-Istati Membri għandu jkollhom aċċess għall-bażi tad-data tal-Unjoni imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu. Huma għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jdaħħlu l-informazzjoni korretta fil-bażi tad-data rilevanti. Il-Kummissjoni għandha tirrikjedi l-iskemi li huma s-suġġett ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 30(4) ta' din id-Direttiva jivverifikaw il-konformità ma' dan ir-rekwiżit meta ssir il-verifika tal-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà għal bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa. Hija għandha tippubblika, kull sentejn, informazzjoni aggregata mill-bażi tad-data tal-Unjoni skont l-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2018/1999.

5. Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 35 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tispeċifika l-metodoloġija li tiddetermina s-sehem tal-bijokarburant u l-bijogass għat-trasport li jirriżulta mill-ipproċessar tal-bijomassa mal-karburanti fossili fi proċess komuni, u billi tispeċifika l-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika u karburanti tal-karbonju riċiklat, li għandhom jiżguraw li ma jingħatax kreditu għal emissjonijiet evitati ta' CO₂ li l-qbid tagħhom diġà rċieva kreditu tal-emissjonijiet taħt dispożizzjonijiet oħra tal-liġi.

6. Sal-25 ta' Ġunju 2019 u kull sentejn wara din id-data, il-Kummissjoni għandha il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-lista tal-materja prima stabbilita fil-Partijiet A u B tal-Anness IX bil-ħsieb li żżid materja prima skont il-prinċipji stabbilita fit-tielet subparagrafu.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 35 biex temenda l-lista tal-materja prima stabbilita fil-Partijiet A u B tal-Anness IX billi żżid materja prima, iżda mhux biex tneħħiha. Il-materja prima li tista' tiġi pproċessata biss b'teknoloġiji avvanzati għandha tiżdied mal-Parti A tal-Anness IX. Il-materja prima li tista' tiġi pproċessata f'bijokarburanti, jew f'bijogass għat-trasport, b'teknoloġiji maturi għandha tiżdied mal-Parti B tal-Anness IX.

Tali atti delegati għandhom ikun ibbażat fuq analiżi tal-potenzjal tal-materja prima bħala materja prima għall-produzzjoni ta' bijokarburanti u bijogass għat-trasport, b'kont meħud ta' dan li ġej kollu:

- (a) il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari u tal-ġerarkija tal-iskart stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE;
- (b) il-kriterji ta' sostenibbiltà tal-Unjoni stipulati fl-Artikolu 29(2) sa (7);
- (c) il-ħtieġa li jiġu evitati effetti distorsivi sinifikanti fuq is-swieq għal prodotti (sekondarji), skart jew residwi;
- (d) il-potenzjal li jwassal għall-iffrankar sostanzjali tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra meta mqabbla ma' karburanti fossili abbażi ta' valutazzjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-emissjonijiet;
- (e) il-ħtieġa li jiġu evitati impatti negattivi fuq l-ambjent u l-bijodiversità; u
- (f) il-ħtieġa li jiġi evitat il-ħolqien ta' domanda addizzjonali għall-art.

7. Sal-31 ta' Diċembru 2025, fil-kuntest ta' valutazzjoni biennali tal-progress imwettaq skont ir-Regolament (UE) 2018/1999, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk l-obbligu fir-rigward ta' bijokarburanti avvanzati u ta' bijogass prodotti minn materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX stipulat fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 25(1) jistimulax b'mod effettiv l-innovazzjoni u jiżgura l-iffrankar ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra fis-settur tat-trasport. Il-Kummissjoni għandha tanalizza f'dik l-evalwazzjoni jekk l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu effettivament evitax kontabbiltà doppja ta' enerġija rinnovabbli.

Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta biex temenda l-obbligu fir-rigward ta' bijokarburanti avvanzati u ta' bijogass prodotti minn materja prima elenkata fil-Parti A tal-Anness IX stipulat fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 25(1).

Artikolu 29

Kriterji tas-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-bijokarburanti, l-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa

1. L-enerġija mill-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa għandha tiġi kkunsidrata għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) ta' dan is-subparagrafu biss jekk tissodisfa l-kriterji dwar is-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stipulati fil-paragrafi 2 sa 7 u 10:

- (a) il-kontribut lejn il-mira tal-Unjoni stabbilit fl-Artikolu Artikolu 3(1) u l-ishma tal-enerġija rinnovabbli tal-Istati Membri;

- (b) il-kejl tal-konformità mal-obbligi tal-enerġija rinnovabbli, inkluż l-obbligu stipulat fl-Artikolu 25;
- (c) l-eliġibbiltà għal sostenn finanzjarju għall-konsum ta' bijokarburanti u bijolikwidi, bijokarburanti u karburanti mill-bijomassa.

Madankollu, il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-iskart u r-residwi, minbarra r-residwi li ġejjin mill-agrikoltura, l-akwakultura, is-sajd u l-forestrija, iridu jissodisfaw biss il-kriterju tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stipulat fil-paragrafu 10 sabiex jitqiesu għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Dan is-subparagrafu għandu japplika wkoll għal skart u residwi li huma l-ewwel ipproċessati fi prodott qabel ma jkomplu jiġu proċessati f'bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa.

Elettriku, tisħin u tkessiġ prodotti minn skart solidu municipli m'għandhomx ikunu soġġetti għall-kriterji tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stipulati fil-paragrafu 10.

Il-karburanti mill-bijomassa għandhom jissodisfaw il-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stipulati fil-paragrafi fil-paragrafi 2 sa 7 u 10 jekk ikunu użati f'installazzjonijiet li jipproduċu l-elettriku, it-tisħin u t-kessiġ jew il-karburanti b'input termiku nominali totali ekwivalenti għal jew akbar minn 20 MW f'każ ta' karburanti mill-bijomassa solidi u b'input termiku nominali totali ekwivalenti għal jew akbar minn 2 MW fil-każ ta' karburanti gassużi mill-bijomassa. L-Istati Membri jistgħu japplikaw il-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra kriterji għal installazzjonijiet b'kapaċità ta' input termiku nominali totali aktar baxxa.

Il-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stipulati fil-paragrafi 2 sa 7 u 10 għandhom japplikaw indipendentement mill-orijini ġeografika tal-bijomassa.

2. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi, u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-iskart u r-residwi mhux mill-foresterija iżda minn art agrikola għandhom jitqiesu għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 biss fejn l-operaturi jew l-awtoritajiet nazzjonali jkollhom fis-seħħ pjanijiet ta' monitoraġġ jew ta' ġestjoni sabiex jindirizzaw l-impatti fuq il-kwalità tal-ħamrija u l-karbonju fil-ħamrija. Informazzjoni dwar kif l-impatti jiġu mmonitorjati u ġestiti għandha tiġi rrappurtata skont l-Artikolu 30(3).

3. Il-bijokarburanti, bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti minn bijomassa agrikola kkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 m'għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn art b'valur għoli ta' bijodiversità, jiġifieri art li kellha wieħed mill-istati li ġejjin fi jew wara Jannar 2008, kemm jekk l-art għad għandha dan l-istatus u kemm jekk le:

- (a) foresta primarja u art oħra bis-siġar, jiġifieri foresta u art oħra bis-siġar ta' speċi nattivi, fejn m'hemmx indikazzjoni ċarament viżibbli ta' attività tal-bniedem u l-proċessi ekoloġiċi mhumex disturbati b'mod sinifikanti;
- (b) foresta b'bijodiversità għolja u art imsagħra oħra rikka fl-ispeċijiet u mhux degradata, jew li tkun ġiet identifikata bħala ta' bijodiversità għolja mill-awtorità kompetenti rilevanti, sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li l-produzzjoni ta' dik il-materja prima ma interferixxietx ma' daww il-finijiet tal-ħarsien tan-natura;

(c) żoni deżinjati:

- (i) mil-liġi jew mill-awtorità kompetenti rilevanti għal finijiet ta' ħarsien tan-natura; jew
- (ii) għall-protezzjoni ta' ekosistemi jew speċi rari, mhedda jew fil-periklu li jinqerdu li huma rikonoxxuti minn strumenti ta' ftehim internazzjonali jew inklużi f'listi mfassla minn organizzazzjonijiet intergovernattivi jew l-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura, soġġett għar-rikonoxximent tagħhom skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(4);

sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li l-produzzjoni ta' dik il-materja prima ma interferixxietx ma' daww il-finijiet ta' ħarsien tan-natura;

(d) bur b'bijodiversità għolja ta' aktar minn ettaru li huwa:

- (i) naturali, jiġifieri bur li ser jibqa' bur fin-nuqqas ta' intervent tal-bniedem u li jżomm il-kompożizzjoni tal-ispeċi naturali u l-karatteristiċi u l-proċessi ekoloġiċi; jew
- (ii) mhux naturali, jiġifieri bur li mingħajr l-intervent tal-bniedem ma jibqax bur u li huwa rikki fl-ispeċijiet u mhux degradat u li ġie identifikat bħala ta' bijodiversità għolja mill-awtorità kompetenti rilevanti, sakemm ma tiġix ipprovduta evidenza li l-ħsad tal-materja prima jkun meħtieġ biex jinżamm l-istatus tiegħu ta' bur ta' bijodiversità għolja.

Il-Kummissjoni tista' taddotta atti ta' implimentazzjoni li jispeċifika aktar il-kriterji li permezz tagħhom jiġi ddeterminat liema art bil-ħaxix għandha tkun koperta mill-punt (d) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(3).

4. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti minn bijomassa agrikola kkunsidrati għall-finijiet msemmija il-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ma għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn art b'ħażna għolja ta' karbonju, jiġifieri art li kellha waħda mill-istati li ġejjin f'Jannar 2008 u li m'għadx għandha dak l-istatus:

- (a) artijiet mistagħdra, jiġifieri art li hija miksiya bi jew saturata bl-ilma permanentement jew għal parti sinifikanti tas-sena;
- (b) żoni kontinwament ifforestati, jiġifieri art fuq firxa ikbar minn ettaru b'siġar oġhla minn ħames metri u b'kopertura ta' aktar minn 30 %, jew siġar li jistgħu jilhqqu dawk il-limiti in situ;
- (c) art fuq firxa ikbar minn ettaru b'siġar oġhla minn ħames metri u b'kopertura ta' bejn 10 % u 30 %, jew siġar li jistgħu jilhqqu dawn il-limiti in situ, sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li l-ħażna ta' karbonju taż-żona qabel u wara l-konverżjoni hija tali li, meta tiġi applikata l-metodoloġija stipulata fil-Parti C tal-Anness V, il-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu jkunu ssodisfatti.

Dan il-paragrafu m'għandhomx japplikaw jekk, fiż-żmien meta nkisbet il-materja prima, l-art kellha l-istess status li kellha f'Jannar 2008.

5. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa agrikola ikkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 m'għandhomx isiru minn materja prima miksuba minn art li kienet art torbiera f'Jannar 2008, sakemm ma tkunx ipprovduta evidenza li turi li l-kultivazzjoni u l-ħsad ta' dik il-materja prima ma tinvolvi id-drenaġġ ta' ħamrija li qabel ma jkunx sarilha drenaġġ.

6. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa forestali kkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw il-kriterji li ġejjin sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' użu tal-bijomassa forestali li ġejja minn produzzjoni mhux sostenibbli:

- (a) il-pajjiż li fih tkun inħasdet il-bijomassa forestali għandu liġijiet nazzjonali u/jew sottonazzjonali applikabbli għall-qasam tal-ħsad kif ukoll sistemi ta' monitoraġġ u infurzar fis-seħħ li jiżguraw li:
 - (i) il-legalità tal-operazzjonijiet tal-ħsad;
 - (ii) ir-riġenerazzjoni tal-forestal fiż-żoni tal-ħsad;
 - (iii) żoni deżinjati mil-liġijiet internazzjonali jew nazzjonali jew mill-awtorità kompetenti rilevanti għal finijiet ta' konservazzjoni tan-natura, inkluż fl-artijiet mistagħdra jew torbiera, ikunu protetti;
 - (iv) il-ħsad isir b'mod li jqis bis-sħiħ iż-żamma tal-kwalità tal-ħamrija u l-bijodiversità bl-għan li jiġu minimizzati l-impatti negattivi; u
 - (v) il-ħsad iżomm jew itejjeb il-kapaċità tal-produzzjoni fit-tul tal-forestal;
- (b) meta l-evidenza msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu ma tkunx disponibbli, il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa forestali għandhom jiġu kkunsidrati għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 jekk ikunu hemm fis-seħħ sistemi tal-ġestjoni fil-livell ta' żona ta' sors tal-forestal sabiex jiġu żgurati:
 - (i) il-legalità tal-operazzjonijiet tal-ħsad;
 - (ii) ir-riġenerazzjoni tal-forestal fiż-żoni tal-ħsad;
 - (iii) li żoni deżinjati mil-liġijiet nazzjonali jew internazzjonali jew mill-awtorità kompetenti rilevanti għal għanijiet ta' ħarsien tan-natura, inkluż fl-artijiet mistagħdra jew torbiera ikunu protetti, sakemm ma tiġix ipprovduta evidenza li l-ħsad ta' dik il-materja prima ma interferixxiet ma' dawk il-finijiet ta' ħarsien tan-natura;
 - (iv) li l-ħsad isir b'mod li jqis bis-sħiħ iż-żamma tal-kwalità tal-ħamrija u l-bijodiversità bil-għan li jiġu minimizzati l-impatti negattivi; u
 - (v) li l-ħsad iżomm jew itejjeb il-kapaċità tal-produzzjoni fit-tul tal-forestal.

7. Il-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa forestali kkunsidrati għall-finijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti l-kriterji li ġejjin dwar l-użu tal-art, bidla fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) li ġejjin:

(a) il-pajjiż jew l-organizzazzjoni ta' integrazzjoni ekonomika reġjonali tal-oriġini tal-bijomassa forestali:

(i) huma Parti għall-Ftehim ta' Pariġi;

(ii) ippreżentaw kontribut determinat fil-livell nazzjonali (NDC) għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), li jkopri l-emissjonijiet u l-assorbimenti mis-settur tal-agrikoltura, il-forestrija u l-użu tal-art bl-iżgurar li kwalunkwe tibdil fil-ħażna tal-karbonju assoċjata ma' ħsad tal-bijomassa hija kontabilizzata lejn l-impenn tal-pajjiż biex inaqqas jew jillimita l-emissjonijiet tal-gassijiet serra kif speċifikat fin-NDC; jew

(iii) għandu/ħa fis-seħħ liġijiet nazzjonali jew subnazzjonali, f'konformità mal-Artikolu 5 tal-Ftehim ta' Pariġi, applikabbli għall-qasam tal-ħsad, biex jikkonservaw u jsaħħu l-istokkijiet u l-ħażniet (sinks) tal-karbonju, u li jipprovdu evidenza li l-emissjonijiet rappurtati mis-setturi tal-LULUCF ma jeċċedux l-emissjonijiet ma jaqbżux l-assorbimenti;

(b) fejn l-evidenza msemija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu ma tkunx disponibbli, il-bijokarburanti, bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa prodotti mill-bijomassa forestali għandhom jiġu kkunsidrati għall-finijiet msemija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 jekk ikun hemm fis-seħħ sistemi tal-ġestjoni fil-livell ta' żona ta' sors tal-forestra sabiex jiġi żgurat li l-livelli tal-istokkijiet u l-ħażniet (sinks) tal-karbonju fil-forestra jinżammu, jew jissaħħu fuq perijodu fit-tul.

8. Sal-31 ta' Jannar 2021 il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-gwida operattiva fuq l-evidenza li turi l-konformità mal-kriterji stipulati fil-paragrafi 6 u 7 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 34(3).

9. Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha teżamina jekk il-kriterji stipulati fil-paragrafi 6 u 7 jimminimizawx b'mod effettiv ir-riskju tal-użu tal-bijomassa forestali li ġejja minn produzzjoni mhux sostenibbli u tindirizza l-kriterji tal-LULUCF, abbażi tad-data disponibbli.

Il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex temenda l-kriterji stipulati fil-paragrafi 6 u 7 għall-perijodu ta' wara l-2030.

10. L-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-użu ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa kkunsidrati għall-finijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun:

(a) mill-anqas ta' 50 % għal bijokarburanti, bijogass ikkonsmat fis-settur tat-trasport u bijolikwidi prodotti f'installazzjonijiet li jkunu joperaw fil-5 ta' Ottubru 2015 jew qabel;

(b) mill-anqas ta' 60 % għal bijokarburanti, bijogass ikkonsmat fis-settur tat-trasport u bijolikwidi prodotti f'installazzjonijiet li jibdew joperaw mis-6 ta' Ottubru 2015 sal-31 ta' Diċembru 2020;

(c) mill-anqas ta' 65 % għal bijokarburanti, bijogass ikkonsmat fis-settur tat-trasport u bijolikwidi prodotti f'installazzjonijiet li jibdew joperaw wara l-1 ta' Jannar 2021;

(d) mill-inqas ta' 70 % għall-elettriku, it-tisħin u t-tkessi minn produzzjoni tal-karburanti mill-bijomassa użati f'installazzjonijiet li jibdew joperaw mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2025, u 80 % għal installazzjonijiet li jibdew joperaw mill-1 ta' Jannar 2026.

Installazzjoni għandha titqies li qed topera jekk tkun bdiet il-produzzjoni fiżika ta' bijokarburanti, bijogass ikkonsmat fis-settur tat-trasport u bijolikwidi, u l-produzzjoni fiżika ta' tisħin u tkessi u ta' elettriku mill-karburanti mill-bijomassa.

L-iffrankar ta' emissjonijiet ta' gass serra li jirriżulta mill-użu ta' bijokarburanti, bijogass ikkonsmat fis-settur tat-trasport, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa użati f'installazzjonijiet li jipproduċu t-tisħin, it-tkessi u l-elettriku għandu jiġi kkalkulat skont l-Artikolu 31(1).

11. L-elettriku mill-karburanti mill-bijomassa għandu jitqies għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 biss jekk jissodisfa wieħed jew aktar mir-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) huwa prodott f'installazzjonijiet b'input termiku nominali otali ta' inqas minn 50 MW;
- (b) għal installazzjonijiet b'input termiku nominali totali ta' bejn 50 u 100 MW, huwa prodott bl-applikazzjoni ta' teknoloġija ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, jew, għal installazzjonijiet ta' elettriku biss, li jilhqqu livell ta' effiċjenza fl-enerġija assoċjat mal-aħjar tekniki disponibbli (BAT-AEELs) kif definit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1442 ⁽¹⁾;
- (c) għal installazzjonijiet b'input termiku nominali totali ta' iktar minn 100 MW, huwa prodott bl-applikazzjoni ta' teknoloġija ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja, jew, għal installazzjonijiet tal-elettriku biss, li jiksibu effiċjenza elettrika netta mil-lanqas ta' 36 %;
- (d) huwa prodott bl-applikazzjoni tal-Ġbir u l-H₂in tal-CO₂ mill-Bijomassa.

Għall-finijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-installazzjonijiet tal-elettriku biss għandhom jitqiesu biss jekk ma jużawx karburanti fossili bħala karburant ewlieni u biss jekk ma jkun hemm l-ebda potenzjal kosteffikaċi għall-applikazzjoni ta' teknoloġija ta' koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja skont il-valutazzjoni skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva 2012/27/UE.

Għall-finijiet tal-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dan il-paragrafu għadu japplika biss għal installazzjonijiet li jibdew joperaw jew jiġu konvertiti għall-użu ta' karburanti mill-bijomassa wara l-25 ta' Diċembru 2021. Għall-finijiet tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, dan il-paragrafu għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-appoġġ pprovdut taħt skemi ta' appoġġ approvati skont l-Artikolu 4 sal-25 ta' Diċembru 2021.

L-Istati Membri jistgħu japplikaw rekwiżiti ogħla ta' effiċjenza enerġetika minn dawk msemmija fl-ewwel subparagrafu għal installazzjonijiet b'input termiku nominali aktar baxx.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għall-elettriku minn installazzjonijiet li huma s-suġġett ta' notifika speċifika minn Stat Membru lill-Kummissjoni abbażi ta' eżistenza sostanzjata ta' riskji għas-sigurtà tal-provvista tal-elettriku. Wara valutazzjoni tan-notifika, il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tqis l-elementi inklużi hemmhekk.

12. Għall-finijiet msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, u mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 25 u 26, l-Istati Membri ma għandhomx jirrifjutaw li jikkunsidraw, għal raġunijiet oħra ta' sostenibbiltà, bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti miksuba f'konformità ma' dan l-Artikolu. Dan il-paragrafu huwa mingħajr preġudizzju għall-appoġġ pubbliku mogħti taħt skemi ta' appoġġ approvati qabel l-24 ta' Diċembru 2018.

13. Għall-finijiet imsemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw, għal perijodu perijodu ta' żmien limitat, mill-kriterji stipulati fil-paragrafi 2 sa 7 u 10 u 11 ta' dan l-Artikolu billi jadottaw kriterji differenti għal:

- (a) installazzjonijiet li jinsabu f'reġjun ultraperiferiku kif imsemmi fl-Artikolu 349 TFUE sa fejn tali faċilitajiet jipproduċu elettriku jew tisħin jew tkessiħ minn karburanti mill-bijomassa; u
- (b) karburanti mill-bijomassa użati fl-installazzjonijiet imsemmija fil-punt (a) ta' dan is-subparagrafu, irrISPettivament mill-post ta' oriġini ta' dik il-bijomassa, sakemm tali kriterji jkunu oġġettivament iġġustifikati għal raġunijiet li l-għan tagħhom huwa l-i żgurar, għal dan ir-reġjun ultraperiferiku, ta' introduzzjoni gradwali bla xkiel tal-kriterji stipulati fil-paragrafi 2 sa 7 u 10 u 11 ta' dan l-Artikolu u b'hekk jinċentivaw it-tranżizzjoni mill-karburanti fossili għal karburanti mill-bijomassa sostenibbli.

Il-kriterji differenti msemmija f'dan il-paragrafu għandhom ikunu soġġetti għal notifika speċifika mill-Istat Membru rilevanti lill-Kummissjoni.

14. Għall-finijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixx kriterji addizzjonali dwar is-sostenibbiltà għall-bijokarburanti mill-bijomassa.

Sal-31 ta' Diċembru 2026, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt li tali kriterji addizzjonali jista' jkollhom fuq is-suq intern, akkumpanjati, jekk meħtieġ, minn proposta biex tiġi żgurata l-armonizzazzjoni tagħhom.

⁽¹⁾ Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1442 tal-31 ta' Lulju 2017 li tistabbilixxi l-konklużjonijiet tal-aqwa tekniki disponibbli (BAT), skont id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għall-impjanti kbar tal-kombustjoni (ĠU L 212, 17.8.2017, p. 1).

Artikolu 30

Verifika tal-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-kriterji ta' ffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra

1. Fejn bijokarburanti, bijolikwidi karburanti mill-bijomassa u/jew karburanti oħra li huma eliġibbli għall-għadd biex jintlaħaq in-numeratur imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 27(1), għandhom jiġu kkunsidrati għall-finijiet imsemmija fl-Artikoli 23 u 25 u fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 29(1), l-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi juru li l-kriterji ta' sostenibbiltà u ta' ffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stipulat fl-Artikolu 29(2) sa (7) u (10) ġew sodisfatti. Għal dawk il-finijiet għandhom jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jużaw sistema ta' bilanċ tal-massa li:

- (a) tippermetti li kunsinni ta' materja prima jew karburanti b'karatteristiċi ta' sostenibbiltà u ta' ffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra differenti pereżempju f'kontejner, faċilità loġistika jew tal-ipproċessar, infrastruttura jew sit tat-trażmissjoni u d-distribuzzjoni;
- (b) tippermetti li kunsinni ta' materja prima b'kontenut ta' enerġija differenti jiġu mħallta għall-finijiet ta' aktar proċessar, sakemm id-daqs tal-kunsinni jkun aġġustat skont il-kontenut tal-enerġija tagħhom;
- (c) teħtieġ li informazzjoni dwar il-karatteristiċi tas-sostenibbiltà u ta' ffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u d-daqsijiet tal-kunsinni msemija fil-punt (a) tibqa' assenjata lit-taħlita; u
- (d) tipprovdi li s-somma tal-kunsinni kollha meħuda mit-taħlita tiġi deskritta bħala li għandha l-istess karatteristiċi ta' sostenibbiltà, fl-istess kwantitajiet, bħas-somma tal-kunsinni kollha miżjuda mat-taħlita u tirrikjedi li dan il-bilanċ jinkiseb tul medda xierqa ta' żmien.

Is-sistema ta' bilanċ tal-massa għandha tiżgura li kull kunsinna tiġi kkunsidrata darba biss fil-punti (a), (b) jew (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(1), għall-finijiet tal-kalkolu tal-konsum finali gross tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u għandha tinkludi informazzjoni dwar jekk ġiex ipprovdut appoġġ lill-produzzjoni ta' dik il-kunsinna, u jekk hekk, dwar it-tip ta' skema ta' appoġġ.

2. Meta kunsinna tkun ipproċessata, l-informazzjoni dwar is-sostenibbiltà u l-karatteristiċi tal-ifffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra tal-kunsinna għandhom jiġu aġġustati u assenjati għall-output skont ir-regoli li ġejjin:

- (a) meta l-ipproċessar ta' kunsinna ta' materja prima jirriżulta biss f'output waħda li hi maħsuba għall-produzzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi jew il-karburanti mill-bijomassa, karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, jew karburanti tal-karbonju riċiklat, id-daqs tal-kunsinna u l-kwantitajiet relatati tas-sostenibbiltà u l-karatteristiċi tal-ifffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għandhom jiġu aġġustati bl-applikazzjoni ta' fattur ta' konverżjoni li jirrappreżenta l-proporzjon bejn il-massa tal-output li hi maħsuba għal tali produzzjoni u l-massa tal-materja prima li tidħol fil-proċess;
- (b) meta l-ipproċessar ta' kunsinna ta' materja prima jirriżulta f'aktar minn output wieħed li hu maħsub għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi jew karburanti mill-bijomassa, karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, jew karburanti tal-karbonju riċiklat, għal kull output għandu jiġi applikat fattur ta' konverżjoni separat u għandu jintuża bilanċ tal-massa separat.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-operaturi ekonomiċi jippreżentaw informazzjoni affidabbli dwar il-konformità mal-limiti ta' ffrankar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti, u adottati skont, l-Artikolu 25(2), u mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-ifffrankar tal-gassijiet serra kif stipulati fl-Artikolu 29(2) sa (7) u (10), u li l-operaturi ekonomiċi jpoġġu għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri rilevanti, fuq talba, id-data li ntużat biex tkun żviluppata l-informazzjoni. L-Istati Membri għandhom jeħtieġu li l-operaturi ekonomiċi jagħmlu arranġament għal standard adegwat ta' verifika indipendenti tal-informazzjoni ppreżentata, u li jipprovdu evidenza li dan sar. Għall-konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 29(6) u l-punt (a) tal-Artikolu 29(7) tista' tintuża verifika mill-ewwel jew it-tieni parti sal-ewwel punt ta' għbir tal-bijomassa forestali. L-awditjar għandu jivverifika li s-sistemi użati mill-operaturi ekonomiċi huma preċiżi, affidabbli u mħarsa kontra l-frodi inkluż verifika li tiżgura li l-materjali mhumieks mmodifikati jew mormija intenzjonalment sabiex il-kunsinna jew parti minnha tkun tista' ssir skart jew residwu. Dan għandu jevalwa l-frekwenza u l-metodoloġija tat-teħid ta' kampjuni u r-robustezza tad-data.

L-obbligi stipulati f'dan il-paragrafu għandhom japplikaw irrispettivament jekk il-bijokarburanti, il-bijolikwidi, il-karburanti mill-bijomassa, il-karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika, jew il-karburanti tal-karbonju riċiklat ikunu prodotti fl-Unjoni jew ikunu importati. L-informazzjoni dwar l-oriġini ġeografika u t-tip ta' materja prima ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa għal kull fornitur tal-karburant għandha tkun disponibbli għall-konsumaturi fuq siti elettroniċi tal-operaturi, il-fornituri jew l-awtoritajiet kompetenti rilevanti u għandha tiġi aġġornata fuq bażi annwali.

L-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni, f'forma aggregata, l-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik l-informazzjoni fuq il-pjattaforma ta' rappurtar elettroniku imsemmija fl-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2018/1999 f'forma mqassra u żżomm il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni kummerċjalment sensitiva.

4. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li skemi volontarji nazzjonali jew internazzjonali li jistabbilixxu standards għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, bijolikwidi jew, karburanti mill-bijomassa jew karburanti oħra li huma eliġibbli għall-għadd biex jintlaħaq in-numeratur imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 27(1) jipprovdu data eżatta dwar tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-finijiet tal-Artikolu 25(2) u l-Artikolu 29(10), juru li l-Artikolu 27(3) u l-Artikolu 28(2) u (4) ġew rispettati, jew juru li kunsinni ta' bijokarburanti, bijolikwidi jew karburanti mill-bijomassa jikkonformaw mal-kriterji ta' sostenibbiltà stipulati fl-Artikolu 29(2) sa (7). Meta jintwera li l-kriterji stipulati fl-Artikolu 29(6) u (7) huma ssodisfati, l-operaturi jistgħu jiddeċiedu li jipprovdu direttament l-evidenza meħtieġa direttament fil-livell ta' żona tas-sorsi. Il-Kummissjoni tista' tirrikonoxxi żoni għall-protezzjoni ta' ekosistemi jew speċijiet rari, mhedda jew fil-periklu ta' estinzjoni rikonnoxuti minn ftehimiet internazzjonali jew inklużi f'listi stabbiliti minn organizzazzjonijiet intergovernattivi jew mill-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura għall-finijiet tal-punt (c)(ii) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 29(3).

Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li dawk l-iskemi jkollhom informazzjoni eżatta dwar il-miżuri meħuda għall-protezzjoni tal-ħamrija, l-ilma u l-arja, tar-restawr ta' art degradata, tal-evitar ta' konsum eċċessiv tal-ilma f'żoni fejn l-ilma hu skars, u għaċ-ċertifikazzjoni tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi b'riskju baxx ta' bdil indirett tal-użu tal-art.

5. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjonijiet skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(3). Tali deċiżjonijiet għandhom ikunu validi għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin.

Il-Kummissjoni għandha tirrikjedi li kull skema volontarja li tkun ġiet adottata deċiżjoni dwarha skont il-paragrafu 4, tippreżenta ta' kull sena sat-30 ta' April, rapport lill-Kummissjoni li jkopri kull wieħed mill-punti stabbiliti fl-Anness IX tar-Regolament (UE) 2018/1999. Ir-rapport għandu jkopri s-sena kalendarja preċedenti. Ir-rekwiżit li jiġi ppreżentat rapport għandu japplika biss għall-iskemi volontarji li jkunu operaw għal mill-inqas 12-il xahar.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-rapporti mfasslin mill-iskemi volontarji disponibbli, f'forma aggregata jew sħiħa jekk adatt, fuq il-pjattaforma ta' rappurtar elettroniku msemmija Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

6. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu skemi nazzjonali li bihom il-konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra skont il-kriterji stipulati fl-Artikolu 29(2) sa (7) u (10) u mal-limiti tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għal karburanti għat-trasport rinnovabbli likwidi u gassużi ta' orijini mhux bijoloġika u karburanti tal-karbonju riċiklat stabbiliti, u adottati skont l-Artikolu 25(2) u f'konformità mal-Artikolu 28(5) tkun verifikata matul il-katina kollha ta' kustodja li tinvolvi l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

Stat Membru jista' jinnotifika l-iskema nazzjonali tiegħu lill-Kummissjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti prijorità lill-valutazzjoni ta' tali skema sabiex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent bilaterali u multilaterali reċiproku ta' skemi għall-verifika tal-konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra għall-bijokarburanti, l-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa u mal-limiti ta' ffrankar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal karburanti oħra li huma eliġibbli li jingħaddu lejn in-numeratur imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 27(1). Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi permezz ta' atti ta' implimentazzjoni jekk tali skema nazzjonali nnotifikata hijiex konformi mal-kundizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(3).

Fejn id-deċiżjoni hija pożittiva, l-iskemi stabbiliti skont dan l-Artikolu m'għandhomx jirrifjutaw ir-rikonoxximent reċiproku mal-iskema ta' dak l-Istat Membru fir-rigward tal-verifika ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà u ta' ffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stipulati fl-Artikolu 29(2) sa (7) u (10) u l-limiti ta' ffrankar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti, u adottati skont l-Artikolu 25(2).

7. Il-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjonijiet skont il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu biss jekk l-iskema inkwistjoni tissodisfa standards adegwati ta' affidabbiltà, trasparenza u awditjar indipendenti u tipprovdi assigurazzjonijiet adegwati

li l-ebda materjal ma ġie modifikat jew mormi intenzjonalment b'tali mod li l-kunsinna jew parti minnha taqa' taħt l-Anness IX. Fil-każ ta' skemi li jkejlu l-iffrankar ta' emissjonijiet ta' gass serra, dawn l-iskemi għandhom jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti metodoloġiċi stabbilit fl-Anness V jew VI. Listi ta' żoni b'valur għoli ta' bijodiversità kif imsemmija fl-punt (c)(ii) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 29(3) għandhom jissodisfaw standards adegwati ta' oġġettività u koerenza ma' standards rikonoxxuti internazzjonalment u jipprevedu proċeduri adegwati ta' appell.

L-iskemi volontarji msemmija fil-paragrafu 4 għandhom, u mill-inqas darba fis-sena, jippubblikaw lista tal-korpi ta' ċertifikazzjoni tagħhom li jintużaw għal awditu indipendenti, li tindika għal kull korp ta' ċertifikazzjoni, l-entità jew l-awtorità nazzjonali pubblika li minnha kien rikonoxxut u l-entità jew l-awtorità nazzjonali pubblika li qed tissorveljah.

8. Sabiex tiġi żgurata li l-konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra kif ukoll mad-dispożizzjonijiet dwar bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa ta' riskju baxx jew għoli ta' bidla diretta jew indiretta fl-użu tal-art tiġi vverifikata b'mod effiċjenti u armonizzat b'mod partikolari għall-prevenzjoni tal-frodi, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jspesifikaw regoli ta' implimentazzjoni dettaljati, inkluż standards adegwati ta' affidabbiltà, trasparenza u awditjar indipendenti u tirrikjedi li l-iskemi volontarji kollha japplikaw dawk l-istandards. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(3).

F'dawk l-atti ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-ħtieġa li jiġi minimizzat il-piż amministrattiv. L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jistabbilixxu perijodu ta' żmien li fih l-iskemi volontarji huma rikjesti li jimplimentaw l-istandards. Il-Kummissjoni tista' tħassar deċiżjonijiet li jirrikonoxxu l-iskemi volontarji skont il-paragrafu 4 fil-każ li dawk l-iskemi jonqsu milli jimplimentaw tali standards fil-perijodu ta' żmien previst. Fejn Stat Membru jqajjem tħassib li skema volontarja mhix qed taħdem f'konformità mal-istandards ta' affidabbiltà, trasparenza u awditjar indipendenti li jikkostitwixxu l-bażi għal deċiżjonijiet skont il-paragrafu 4, il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-kwistjoni u tiegħu azzjoni xierqa.

9. Fejn operatur ekonomiku jipprovdi evidenza jew data miksuta skont xi skema li kienet is-suġġett ta' deċiżjoni skont il-paragrafu 4 jew 6 ta' dan l-Artikolu, sal-punt kopert minn dik id-deċiżjoni, Stat Membru ma għandux jeħtieġ li l-fornitur jipprovdi evidenza ulterjuri ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà u ta' ffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stipulati fl-Artikolu 29(2) sa (7) u (10).

L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom jissorveljaw l-operat ta' korpi ta' ċertifikazzjoni li jkunu qed iwettqu awditu indipendenti skont skema volontarja. Il-korpi ta' ċertifikazzjoni għandhom jippreżentaw fuq talba mill-awtoritajiet kompetenti, l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa biex tissorvelja l-operazzjoni, inkluż id-data, il-ħin u l-post eżatt tal-awditjar. Fejn l-Istati Membri jsibu kwistjonijiet ta' nuqqas ta' konformità, huma għandhom jinfurmaw l-iskema volontarja mingħajr dewmien.

10. Fuq talba ta' Stat Membru, li tista' tkun ibbażata fuq it-talba ta' operatur ekonomiku, il-Kummissjoni għandha, abbażi tal-evidenza disponibbli kollha, teżamina jekk ġewx issodisfati l-kriterji ta' sostenibbiltà u tal-iffrankar tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra stipulati fl-Artikolu 29(2) sa (7) u (10) fir-rigward ta' sors ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa, u l-limiti tal-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra stabbiliti, u adottati, skont l-Artikolu 25(2).

Fi żmien sitt xhur minn meta tiġi riċevuta talba bħal din u f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(3), il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tiddeċiedi jekk l-Istat Membru kkonċernat jistax:

- (a) iqis bijokarburanti, bijolikwidi, karburant mill-bijomassa u karburanti oħra li huma eliġibbli biex jiġu mgħadda lejn in-numeratur imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 27(1) minn dak is-sors għall-finijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 29(1); jew
- (b) b'deroga mill-paragrafu 9 ta' dan l-Artikolu jitlob lill-fornitur tas-sors ta' bijokarburanti, bijolikwidi, karburant mill-bijomassa jew karburanti oħra li huma eliġibbli biex jingħaddu lejn in-numeratur imsemmi fil-punt (b) tal-Artikolu 27(1) biex jipprovdi aktar evidenza tal-konformità ma' dawk il-kriterji ta' sostenibbiltà u ta' ffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u dawk il-limiti ta' ffrankar ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra.

Artikolu 31

Kalkolu tal-impatt tal-gass serra ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa

1. Għall-finijiet tal-Artikolu 29(10), l-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gass serra mill-użu ta' bijokarburant, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa għandu jkun ikkalkulat b'waħda mill-modi li ġejjin:
 - (a) fejn valur awtomatiku għall-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gass serra għall-mogħdija ta' produzzjoni hija stipulata fil-Parti A jew B tal-Anness V għal bijokarburanti u bijolikwidi u fil-parti A tal-Anness VI għal karburanti mill-bijomassa fejn il-valur el għal dawk il-bijokarburanti jew bijolikwidi kkalkulat skont il-punt 7 tal-Parti C tal-Anness V u għal dawk il-karburanti mill-bijomassa kkalkulati skont il-punt 7 tal-Parti B tal-Anness VI huwa uguali għal żero jew anqas, billi jintuża dak il-valur awtomatiku;
 - (b) bl-użu ta' valur attwali kkalkulat skont il-metodoloġija stipulata fil-Parti C tal-Anness V għal bijokarburanti u bijolikwidi u fil-parti B tal-Anness VI għall-karburanti mill-bijomassa;
 - (c) billi jintuża valur ikkalkulat bħala s-somma tal-fatturi tal-formuli msemmija fil-punt 1 tal-Parti C tal-Anness V, fejn l-valuri awtomatiċi diżaggregati fil-Parti D jew E tal-Anness V jistgħu jintużaw għal xi fatturi, u valuri reali, ikkalkulati skont il-metodoloġija stipulata fil-Parti C tal-Anness V, huma użati għall-fatturi l-oħra kollha;
 - (d) billi jintuża valur ikkalkulat bħala s-somma tal-fatturi tal-formoli msemmija fil-punt 1 tal-Parti B tal-Anness VI, fejn l-valuri awtomatiċi diżaggregati fil-Parti C tal-Anness VI jistgħu jintużaw għal xi fatturi, u valuri reali, ikkalkulati skont il-metodoloġija stipulata fil-Parti B tal-Anness VI, huma użati għall-fatturi l-oħra kollha.
 2. L-Istati Membri jistgħu jippreżentaw lill-Kummissjoni rapporti li jinkludu tagħrif dwar l-emissjonijiet tipiċi ta' gassijiet serra mill-kultivazzjoni ta' materja prima agrikola taż-żoni fit-territorju tagħhom ikklassifikati bħala livell 2 fin-nomenklatura tal-unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) jew bħala livell NUTS aktar diżaggregat skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾. Dawk ir-rapporti għandhom jiġu akkumpanjati minn deskrizzjoni tal-metodu u tar-sorsi tad-data użati biex jiġi kkalkulat il-livell tal-emissjonijiet. Dak il-metodu għandu jikkunsidra l-karatteristiċi tal-ħamrija, il-klima u l-produzzjoni mistennija ta' materja prima.
 3. Fil-każ tat-territorji barra l-Unjoni, rapporti ekwivalenti għal dawk imsemmijin fil-paragrafu 2 u mfasslin minn korpi kompetenti, jistgħu jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni.
 4. Il-Kummissjoni tista', permezz ta' atti ta' implimentazzjoni tiddeċiedi li r-rapporti msemmijin fil-paragrafu 2 u 3 ta' dan l-Artikolu jkun fihom data preċiża sabiex jitkejlu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra assoċjati mal-kultivazzjoni ta' materja prima ta' bijomassa agrikola prodotti fiż-żoni inklużi fit-tali rapporti għall-finijiet tal-Artikolu 29(10). Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(3).
- Dik id-data tista', skont tali deċiżjonijiet tintuża minflok valuri awtomatiċi diżaggregati għall-kultivazzjoni stipulata fil-Parti D jew E tal-Anness V għall-bijokarburanti u l-bijolikwidi u fil-Parti C tal-Anness VI għall-karburanti mill-bijomassa.
5. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-Annessi V u VI bil-ħsieb, fejn iġġustifikat li żżid jew tirrevedi l-valuri għall-mogħdijiet tal-produzzjoni tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa. Dawk ir-reviżjonijiet għandhom tqis ukoll il-modifika tal-metodoloġija stipulata fil-Parti C tal-Anness V, u fil-Parti B tal-Anness VI.

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 35, biex temenda, fejn xieraq, l-Annessi V u VI billi żżid jew tirrevedi l-valuri awtomatiċi jew timmodifika l-metodoloġija.

Fil-każ ta' kull adattament ta' jew żieda fil-lista ta' valuri awtomatiċi fl-Annessi V u VI:

- (a) fejn il-kontribut ta' fattur għall-emissjonijiet globali huwa żgħir, fejn hemm varjazzjoni limitata, jew fejn l-ispiża jew id-diffikultà li jiġu stabbiliti valuri attwali huma għoljin, il-valuri awtomatiċi għandhom ikunu tipiċi ta' proċessi ta' produzzjoni normali;
- (b) fil-każijiet l-oħra kollha, il-valuri awtomatiċi għandhom ikunu konservattivi meta mqabbla mal-proċessi ta' produzzjoni normali.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

6. Fejn ikun meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-Parti C għall-Anness V u l-Parti B għall-Anness VI, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati li jinkludu definizzjonijiet, fatturi ta' konverżjoni, kalkoli tal-emissjonijiet annwali mill-kultivazzjoni jew iffrankar tal-emissjonijiet ikkawżat mill-bidliet ta' hawn fuq u stokkijiet tal-karbonju ta' taħt l-art li diġà jinsabu f'art ikkultivata, kalkolu tal-iffrankar mill-emissjonijiet mill-qabda tal-CO₂, is-sostituzzjoni tal-CO₂ u l-ħażna ġeoloġika tal-CO₂. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 34(3).

Artikolu 32

Atti ta' implimentazzjoni

L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 29(3), l-Artikolu 29(8), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(5), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 30(6), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 30(8), l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 31(4) u l-Artikolu 31(6) ta' din id-Direttiva, għandhom jikkunsidraw bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet dwar t-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra f'konformità mal-Artikolu 7a tad-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-kunsill ⁽¹⁾.

Artikolu 33

Monitoraġġ mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-orijini ta' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa kkunsmati fl-Unjoni u l-impatt tal-produzzjoni tagħhom, inkluż l-impatt li jseħħ b'halo riżultat tal-ispustjar, fuq l-użu ta' art fl-Unjoni u fil-pajjiżi terzi ewlenin ta' provvista. Dan il-monitoraġġ għandu jkun ibbażat fuq il-pjanijiet integrati nazzjonali tal-Istati Membri fir-rigward tal-enerġija u l-klima u r-rapporti ta' progress korrispondenti skont l-Artikoli 3, 17 u 20 tar-Regolament (UE) 2018/1999, u dawk tal-pajjiżi terzi, l-organizzazzjonijiet intergovernattivi, l-istudji xjentifiċi rilevanti u kull informazzjoni rilevanti oħra. Il-Komunità għandha timmonitorja wkoll iċ-ċaqliq fil-prezzijiet tal-prodotti essenzjali assoċjati mal-użu tal-bijomassa għall-enerġija u kull effett pożittiv jew negattiv fuq is-sigurtà tal-ikel.

2. Il-Kummissjoni għandha żżomm djalogu u twettaq skambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi u ma' produttori tal-bijokarburanti, tal-bijolikwidi u tal-karburanti mill-bijomassa, organizzazzjonijiet tal-konsumatur u mas-soċjetà ċivili rigward l-implimentazzjoni ġenerali tal-miżuri li jinsabu f'din id-Direttiva relatati ma' bijokarburanti, bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa. F'dak l-ambitu, hija għandha tkun partikolarment attenta għall-impatt li dik il-produzzjoni tal-bijokarburanti, tal-bijolikwidi u tal-karburanti mill-bijomassa jista' jkollha fuq il-prezzijiet tal-ikel.

3. Fl-2026, il-Kummissjoni għandha tippreżenta, jekk xieraq, proposta leġislattiva dwar il-qafas regolatorju għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli għall-perijodu ta' wara l-2030.

Din il-proposta għandha tqis l-esperjenza tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, inklużi l-kriterji tagħha dwar is-sostenibbiltà u l-iffrankar tal-gassijiet serra, u żviluppi teknoloġiċi fl-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

4. Fl-2032, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport li jeżamina mill-ġdid l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Artikolu 34

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar l-Unjoni tal-Enerġija stabbilit bl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

2. Minkejja l-paragrafu 1, fi kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà tal-bijokarburanti, il-bijolikwidi u l-karburanti mill-bijomassa, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti, l-Bijolikwidi u karburanti mill-bijomassa. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

⁽¹⁾ Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58).

Fejn il-Kumitati ma jagħtu ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 35

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(3), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 25(2), fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 26(2), fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 26(2), fil-punt (c) tal-Artikolu 27(1), fis-seba' subparagrafu tal-Artikolu 27(3), fl-Artikolu 28(5), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(6), u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 31(5) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mill-24 ta' Diċembru 2018. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħat għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjona għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.
3. Is-setgħa li jkunu adottati atti delegati msemija fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7(3) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' sentejn mill-24 ta' Diċembru 2018.
4. Id-delega tas-setgħa msemija fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7(3), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(3), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 25(2), fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 26(2), fil-ħames subparagrafu tal-Artikolu 26(2), fil-punt (c) tal-Artikolu 27(1), fis-seba' subparagrafu tal-Artikolu 27(3), fl-Artikolu 28(5), fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(6), u fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 31(5) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
5. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
6. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
7. Att delegat adottat skont il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 7(3), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 8(3), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 25(2), ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 26(2), il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 26(2), il-punt (c) tal-Artikolu 27(1), is-seba' subparagrafu tal-Artikolu 27(3), l-Artikolu 28(5), it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28(6), u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 31(5) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrinjoġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 36

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' Artikoli 2 sa 13, 15 sa 31 u 37 u l-Annessi II, III u V sa IX, sat-30 ta' Ġunju 2021. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk il-miżuri.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew tali referenza għandha takkumpanjahom meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Għandhom ukoll jinkludu dikjarazzjoni li fiha jingħad li referenzi għad-Direttivi mħassra minn din id-Direttiva fil-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għandhom jinftiehem b'halha referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza u kif tfasslet it-tali dikjarazzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

3. Din id-Direttiva ma għandhiex taffettwa l-applikazzjoni tad-derogi skont il-liġital-Unjoni dwar is-suq intern tal-enerġija għall-elettriku.

Artikolu 37

Tħassir

Id-Direttiva 2009/28/KE, kif emendata mid-Direttivi elenkati fil-Parti A tal-Anness X, hija mħassra b'effett mill-1 ta' Lulju 2021, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi stabbiliti fil-Parti B tal-Anness X, u mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri fl-2020 kif stipulati fl-Artikolu 3(1) u stabbiliti fil-Parti A tal-Anness I tad-Direttiva 2009/28/KE.

Ir-referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftehmha bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni stabbilita fl-Anness XI.

Artikolu 38

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fl-*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 39

Destinatari

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, il-11 ta' Diċembru 2018.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

A. TAJANI

Għall-Kunsill

Il-President

J. BOGNER-STRAUSS

ANNEX I

**MIRI GLOBALI NAZZJONALI GĦAS-SEHEM TA' ENERĠIJA MINN SORSI RINNOVABBILI FIL-KONSUM
FINALI GROSS TA' ENERĠIJA FL-2020 ⁽¹⁾**

A. Miri nazzjonali kumplessivi

	Sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali ta' enerġija, 2005 (S ₂₀₀₅)	Mira għal sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali ta' enerġija, 2020 (S ₂₀₂₀)
Il-Belġju	2,2 %	13 %
Il-Bulgarija	9,4 %	16 %
Ir-Repubblika Ċeka	6,1 %	13 %
Id-Danimarka	17,0 %	30 %
Il-Ġermanja	5,8 %	18 %
L-Estonja	18,0 %	25 %
L-Irlanda	3,1 %	16 %
Il-Greċja	6,9 %	18 %
Spanja	8,7 %	20 %
Franza	10,3 %	23 %
Il-Kroazja	12,6 %	20 %
L-Italja	5,2 %	17 %
Ċipru	2,9 %	13 %
Il-Latvja	32,6 %	40 %
Il-Litwanja	15,0 %	23 %
Il-Lussemburgu	0,9 %	11 %
L-Ungerija	4,3 %	13 %
Malta	0,0 %	10 %
In-Netherlands	2,4 %	14 %
L-Awstrija	23,3 %	34 %
Il-Polonja	7,2 %	15 %
Il-Portugall	20,5 %	31 %
Ir-Rumanija	17,8 %	24 %
Is-Slovenja	16,0 %	25 %
Ir-Repubblika Slovakka	6,7 %	14 %
Il-Finlandja	28,5 %	38 %
L-Iżvezja	39,8 %	49 %
Ir-Renju Unit	1,3 %	15 %

⁽¹⁾ Sabiex ikunu jistgħu jinkisbu l-oġġettivi nazzjonali stabbiliti f'dan l-Anness, huwa ssottolinjat li l-linji gwida tal-għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali jirrikonnoxxu l-ħtieġa kontinwa għal mekkaniżmi nazzjonali ta' appoġġ għall-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli.

ANNEX II

REGOLA TA' NORMALIZZAZZJONI GĦALL-IKKALKULAR TA' ELETTRIKU ĠĠENERAT MILL-IDROENERĠIJA U MILL-ENERĠIJA MIR-RIĦ

Ir-regola li ġejja għandha tkun applikata għall-finijiet tal-ikkalkular ta' elettriku ġġenerat mill-idroenerġija fi Stat Membru partikolari:

$(Q_{N(norm)})/(C_N[(/i)(N 14)](Q_i C_i)] 15)$ fejn:

N	=	is-sena ta' referenza;
$Q_{N(norm)}$	=	l-elettriku normalizzat iġġenerat mill-impjanti kollha tal-idroenerġija ta' Stat Membru fis-sena N, għal finijiet ta' kontabbiltà;
Q_i	=	il-kwantità ta' elettriku li fil-fatt tiġi ġġenerata fis-sena i mill-impjanti kollha tal-idroenerġija tal-Istat Membru mkejla f'GWh, minbarra l-produzzjoni minn sistema ta' ħażna bl-ippumpjar mill-ilma li qabel kien ippumpjat 'il fuq;
C_i	=	il-kapaċità installata totali, il-kwantità netta tal-ħażna bl-ippumpjar, tal-impjanti kollha tal-idroenerġija tal-Istat Membru fi tmiem is-sena i, imkejla f'MW.

Ir-regola li ġejja għandha tkun applikata għall-finijiet tal-kalkolu tal-elettriku ġġenerat bl-enerġija mir-riħ fuq l-art fi Stat Membru partikolari:

$(Q_{N(norm)})((C_N C_{N 1 2})((/i)(Nn))Q_i(/j)(Nn))(C_j C_{j 1 2}))$ fejn:

N	=	is-sena ta' referenza;
$Q_{N(norm)}$	=	l-elettriku normalizzat iġġenerat mill-impjanti kollha tal-enerġija mir-riħ fuq l-art tal-Istat Membru fis-sena N, għal finijiet ta' kontabbiltà;
Q_i	=	il-kwantità ta' elettriku fil-fatt iġġenerata fis-sena i mill-impjanti kollha tal-enerġija mir-riħ fuq l-art tal-Istat Membru mkejla f'GWh;
C_j	=	il-kapaċità installata totali tal-impjanti kollha tal-enerġija mir-riħ fuq l-art tal-Istat Membru fi tmiem is-sena j, imkejla f'MW;
n	=	4 snin, jew in-numru ta' snin qabel is-sena N li għalihom hemm disponibbli informazzjoni dwar kapaċità u produzzjoni għall-Istat Membru konċernat, skont liema wieħed hu l-inqas.

Ir-regola li ġejja għandha tkun applikata għall-finijiet tal-kalkolu tal-elettriku ġġenerat bl-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta fi Stat Membru partikolari:

$(Q_{N(norm)})((C_N C_{N 1 2})((/i)(Nn))Q_i(/j)(Nn))(C_j C_{j 1 2}))$ fejn:

N	=	is-sena ta' referenza;
$Q_{N(norm)}$	=	l-elettriku normalizzat iġġenerat mill-impjanti kollha tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta tal-Istat Membru fis-sena N, għal finijiet ta' kontabbiltà;
Q_i	=	il-kwantità ta' elettriku fil-fatt iġġenerata fis-sena i mill-impjanti kollha ta' tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta tal-Istat Membru mkejla f'GWh;
C_j	=	il-kapaċità installata totali tal-impjanti kollha tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta tal-Istat Membru fi tmiem is-sena j, imkejla f'MW;
n	=	4 snin, jew in-numru ta' snin qabel is-sena N li għalihom hemm disponibbli informazzjoni dwar kapaċità u produzzjoni għall-Istat Membru konċernat, skont liema wieħed hu l-inqas.

ANNEX III

KONTENUT TA' ENERĠIJA FIL-KARBURANTI

Karburant	Kontenut ta' enerġija skont il-piż (valur kalorifiku aktar baxx, MJ/kg)	Kontenut ta' enerġija skont il-volum (valur kalorifiku aktar baxx, MJ/l)
KARBURANTI MILL-BIJOMASSA U/JEW OPERAZZJONIJIET TAL-IPPROĊESSAR TAL-BIJOMASSA		
Bijopropan	46	24
Żejt veġetali pur (żejt prodott minn pjanti taż-żejt permezz tal-ippressar, l-estrazzjoni jew proċeduri paragonabbli, grezz jew raffinat imma mhux modifikat kimikament)	37	34
Bijodiżil - aċidu grass metilester (metilester prodott minn żejt ta' oriġini mill-bijomassa)	37	33
Bijodiżil - aċidu grass etilester (etilester prodott minn żejt ta' oriġini mill-bijomassa)	38	34
Bijogass li jista' jissaffa sa kwalità ta' gass naturali	50	—
Żejt idrottrattat (trattat termokimikament bl-idroġenu) ta' oriġini mill-bijomassa, li jintuża bħala sostitut għad-diżil	44	34
Żejt idrottrattat (trattat termokimikament bl-idroġenu) ta' oriġini mill-bijomassa, li jintuża bħala sostitut għall-petrol	45	30
Żejt idrottrattat (trattat termokimikament bl-idroġenu) ta' oriġini mill-bijomassa, li jintuża bħala sostitut għall-karburant tal-avjazzjoni	44	34
Żejt idrottrattat (trattat termokimikament bl-idroġenu) ta' oriġini mill-bijomassa, li jintuża bħala sostitut għall-gass tal-petroljum likwifikat	46	24
Żejt koproċessat (proċessat fraffinerija fl-istess waqt ma' karburant fossili) ta' oriġini mill-bijomassa jew il-bijomassa pirolizzata li jintuża bħala sostitut għad-diżil	43	36
Żejt koproċessat (proċessat fraffinerija fl-istess waqt ma' karburant fossili) ta' oriġini mill-bijomassa jew il-bijomassa pirolizzata li jintuża bħala sostitut għall-petrol	44	32
Żejt koproċessat (proċessat fraffinerija fl-istess waqt ma' karburant fossili) ta' oriġini mill-bijomassa jew il-bijomassa pirolizzata li jintuża bħala sostitut għall-karburant tal-avjazzjoni	43	33
Żejt koproċessat (proċessat fraffinerija fl-istess waqt ma' karburant fossili) ta' oriġini mill-bijomassa jew il-bijomassa pirolizzata li jintuża bħala sostitut għall-gass tal-petroljum likwifikat	46	23
KARBURANTI RINNOVABBILI LI JISTGĦU JIĠU PRODOTTI MINN SORSI RINNOVABBILI VARJI INLUŻI, IL-BIJOMASSA		
Metanol minn sorsi rinnovabbli	20	16
Etanol minn sorsi rinnovabbli	27	21
Propanol minn sorsi rinnovabbli	31	25
Butanol minn sorsi rinnovabbli	33	27

Karburant	Kontenut ta' enerġija skont il-piż (valur kalorifiku aktar baxx, MJ/kg)	Kontenut ta' enerġija skont il-volum (valur kalorifiku aktar baxx, MJ/l)
Diżil Fischer-Tropsch (idrokarbur sintetiku jew taħlita ta' idrokarburi sintetiċi li tintuża bħala sostitut għad-diżil)	44	34
Petrol Fischer-Tropsch (idrokarbur sintetiku jew taħlita ta' idrokarburi sintetiċi prodotta mill-bijomassa li tintuża bħala sostitut għall-petrol)	44	33
Karburant tal-avjazzjoni Fischer-Tropsch (idrokarbur sintetiku jew taħlita ta' idrokarburi sintetiċi prodotta mill-bijomassa li tintuża bħala sostitut għall-karburant tal-avjazzjoni)	44	33
Gass tal-petroljum likwifikat Fischer-Tropsch (idrokarbur sintetiku jew taħlita ta' idrokarburi sintetiċi li tintuża bħala sostitut għall-gass tal-petroljum likwifikat)	46	24
DME (dimetileter)	28	19
Idroġenu minn sorsi rinnovabbli	120	—
ETBE (etiltertjobutileter prodott abbażi tal-etanol)	36 (li minnu 37 % minn sorsi rinnovabbli)	27 (li minnu 37 % minn sorsi rinnovabbli)
MTBE (metil-tertjo-butyl-eter prodott fuq il-bażi tal-metanol)	35 (li minnu 22 % minn sorsi rinnovabbli)	26 (li minnu 22 % minn sorsi rinnovabbli)
TAAE (amiletileterterzjarju prodott fuq il-bażi tal-etanol)	38 (li minnu 29 % minn sorsi rinnovabbli)	29 (li minnu 29 % minn sorsi rinnovabbli)
TAME (amil-metil-eter-terzjarju prodott fuq il-bażi tal-metanol)	36 (li minnu 18 % minn sorsi rinnovabbli)	28 (li minnu 18 % minn sorsi rinnovabbli)
THxEE (eżiletileterterzjarju prodott fuq il-bażi tal-metanol)	38 (li minnu 25 % minn sorsi rinnovabbli)	30 (li minnu 25 % minn sorsi rinnovabbli)
THxME (eżilmetileterterzjarju prodott fuq il-bażi tal-metanol)	38 (li minnu 14 % minn sorsi rinnovabbli)	30 (li minnu 14 % minn sorsi rinnovabbli)
KARBURANTI FOSSILI		
Petrol	43	32
Diżil	43	36

ANNEX IV

ĊERTIFIKAZZJONI TAL-INSTALLATURI

L-iskemi ta' ċertifikazzjoni jew l-iskemi ta' kwalifikazzjoni ekwivalenti msemmija fl-Artikolu 18(3) għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterji li ġejjin:

1. Il-proċess ta' ċertifikazzjoni jew ta' kwalifika għandu jkun trasparenti u definit b'mod ċar mill-Istati Membri jew mill-korp amministrattiv maħtur minnhom.
2. Installaturi ta' bijomassa, ta' pompi tas-sħana, enerġija ġeotermali tal-wiċċ u ta' sistemi fotovoltajċi solari u termali solari għandhom ikunu ċertifikati minn programm ta' taħriġ jew minn fornitur tat-taħriġ akkreditat.
3. L-akkreditazzjoni tal-programm ta' taħriġ jew tal-fornitur għandha ssir mill-Istati Membri jew mill-korp amministrattiv maħtur minnhom. Il-korp ta' akkreditazzjoni għandu jiżgura li l-programm ta' taħriġ offrut mill-fornitur tat-taħriġ għandu kontinwità u kopertura reġjonali jew nazzjonali. Il-fornitur tat-taħriġ għandu jkollu faċilitajiet tekniċi adegwati biex jipprovdi taħriġ prattiku, inkluż xi tagħmir tal-laboratorju jew faċilitajiet korrispondenti biex jipprovdu taħriġ prattiku. Il-fornitur tat-taħriġ għandu joffri wkoll b'żieda mat-taħriġ bażiku, korsijiet iqsar ta' aġġornament dwar kwistjonijiet topiċi, inkluż dwar teknoloġiji ġodda, biex jippermetti t-tagħlim tul il-ħajja fil-qasam tal-impjanti. Il-fornitur tat-taħriġ jista' jkun il-manifattur tat-tagħmir jew tas-sistema, istituti jew assoċjazzjonijiet.
4. It-taħriġ li jwassal għaċ-ċertifikazzjoni jew il-kwalifika ta' installatur għandu jinkludi partijiet teoretiċi u prattiċi. Fi tmiem it-taħriġ, l-installatur għandu jkollu l-ħiliet meħtieġa biex jistalla t-tagħmir u s-sistemi rilevanti biex jilhq l-ħtiġijiet ta' prestazzjoni u affidabbiltà tal-klijent, jinkludi sengħa ta' kwalità, u jikkonforma mal-kodiċijiet u standards applikabbli kollha, inklużi tikkettar tal-enerġija u ekotikkettar.
5. Il-kors ta' taħriġ għandu jintemm b'eżami li jwassal għal ċertifikat jew kwalifika. L-eżami għandu jinkludi valutazzjoni prattika ta' installazzjoni tajba ta' bojlers u stufi tal-bijomassa, pompi tas-sħana, impjanti ġeotermali tal-wiċċ, impjanti fotovoltajċi solari u termali solari.
6. L-iskemi ta' ċertifikazzjoni jew l-iskemi ta' kwalifikazzjoni ekwivalenti msemmija fl-Artikolu 18(3) għandhom jieħdu kont debitu tal-linji gwida li ġejjin:
 - (a) Programmi ta' taħriġ akkreditati għandhom ikunu offruti lil installaturi b'esperjenza tax-xogħol, li għamlu, jew li qed jagħmlu, it-tip ta' taħriġ li ġej:
 - (i) fil-każ ta' installaturi ta' bojlers u stufi tal-bijomassa: taħriġ bħala plumber, fitter tal-pajpijiet, inġinier tas-sħana jew tekniku ta' tagħmir sanitarju jew ta' tisħin jew ta' tkessi bħala prerekwiżit;
 - (ii) fil-każ ta' installaturi tal-pompi tas-sħana: taħriġ bħala plumber jew inġinier tas-sistemi tat-tkessi u jkollu ħiliet bażiċi fl-elettriku u s-sistemi tal-ilma (qtugħ ta' pajpijiet, issaldjar ta' ġonot tal-pajpijiet, inkullar ta' ġonot tal-pajpijiet, tqegħid ta' iżolant, issiġillar ta' fittings, ittestjar għan-nixxijiet u installazzjoni ta' sistemi ta' tisħin u tkessi) bħala prerekwiżit;
 - (iii) fil-każ ta' installatur ta' sistemi fotovoltajċi solari u termali solari: taħriġ bħala plumber jew elettriciġta, u jkollu ħiliet dwar sistemi tal-ilma, elettriċi u ta' tisqif; inkluż għarfien fl-issaldjar ta' ġonot tal-pajpijiet, l-inkullar ta' ġonot tal-pajpijiet, issiġillar ta' fittings, ittestjar għan-nixxijiet fis-sistemi tal-ilma, l-abbiltà li jgħaddi sistemi ta' wajers, familjarità mal-materjali bażiċi tas-soqfa, metodi ta' ifflaxxjar u issiġillar bħala prerekwiżit; jew
 - (iv) skema ta' taħriġ vokazzjonali biex tipprovdi installatur bil-ħiliet adegwati li jikkorrispondu għal tliet snin edukazzjoni fil-ħiliet imsemmija fil-punt (a), (b) jew (c), inklużi kemm it-tagħlim fil-klassi kif ukoll fuq il-post tax-xogħol.
 - (b) Il-parti teoretika tat-taħriġ għall-installatur ta' stufi u bojlers tal-bijomassa għandha tagħti idea tas-sitwazzjoni fis-suq tal-bijomassa, u tkopri aspetti ekoloġiċi, karburanti mill-bijomassa, loġistika, protezzjoni min-nirien, sussidji relatati, tekniki tal-kombustjoni, sistemi tan-nar, soluzzjonijiet idrawliċi ottimali, tqabbil bejn spiża u potenzjal ta' profitt kif ukoll id-disinn, l-installazzjoni u l-manutenzjoni ta' bojlers u stufi tal-bijomassa. It-taħriġ għandu jipprovdi wkoll għarfien dwar kull standard Ewropew għat-teknoloġija u l-karburanti mill-bijomassa, bħal gerbub, u liġi nazzjonali u tal-Unjoni relatata mal-bijomassa.

- (c) Il-parti teoretika tat-taħriġ tal-installatur tal-pompa tas-sħana għandha tagħti ħarsa tas-sitwazzjoni fis-suq tal-pompi tas-sħana u tkopri riżorsi ġeotermali u temperaturi tas-sorsi mill-art ta' reġjuni differenti, identifikazzjoni ta' ħamrija u blat għall-konduttività termali, regolamenti dwar l-użu ta' riżorsi ġeotermali, fattibbiltà tal-użu ta' pompi tas-sħana fil-bini u d-determinazzjoni tal-aħjar sistema ta' pompi tas-sħana, u għarfien dwar ir-rekwiżiti tekniċi tagħhom, is-sigurtà, l-iffiltrar tal-arja, il-konnessjoni mas-sors ta' sħana u t-tqassim tas-sistema. It-taħriġ għandu jipprovdi wkoll għarfien tajjeb dwar kull standard Ewropew għall-pompi tas-sħana, u dwar il-liġi nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti. L-installatur għandu juri l-kompetenzi ewlenin li ġejjin:
- (i) konozzenza bażika tal-prinċipji fiżiċi u ta' operazzjoni ta' pompa tas-sħana, inkluż il-karatteristiċi taċ-ċirku tal-pompa tas-sħana: il-kuntest bejn temperaturi baxxi tas-sink tas-sħana, temperaturi għoljin tas-sors tas-sħana, u l-effiċjenza tas-sistema, id-determinazzjoni tal-koeffiċjent tal-prestazzjoni u l-fattur tal-prestazzjoni staġjonali (SPF);
 - (ii) konozzenza bażika tal-komponenti u l-funzjoni tagħhom fi ħdan ċirku ta' pompa tas-sħana, inkluż il-kompressur, il-valv ta' espansjoni, l-evaporatur, il-kondensatur, tagħmir għall-iffittjar u fittings, żejt lubrifikant, refriġerant, superheating jew sub-cooling u possibbiltajiet ta' tkessiħ bil-pompi tas-sħana; u
 - (iii) l-abbiltà li jagħżel u jkejjel il-komponenti f'sitwazzjonijiet tipiċi ta' installazzjoni, inkluża d-determinazzjoni tal-valuri tipiċi tat-tagħbija tas-sħana ta' bini differenti u għall-produzzjoni ta' ilma sħun ibbażat fuq il-konsum ta' enerġija, id-determinazzjoni tal-kapaċità tal-pompa tas-sħana fuq it-tagħbija tas-sħana għall-produzzjoni tal-ilma sħun, fuq il-massa tal-ħażna tal-bini u fuq il-provvista mhux interrotta tal-kurrent; jiddetermina l-komponent tal-buffer tank u l-volum tiegħu u l-integrazzjoni tat-tieni sistema ta' tisħin.
- (d) Il-parti teoretika tat-taħriġ tal-installatur ta' sistemi fotovoltajċi solari u dak termali solari għandha tagħti idea tas-sitwazzjoni tas-suq tal-prodotti solari u tqabbil tal-ispiża u l-potenzjal ta' profitt, u tkopri aspetti ekoloġiċi, komponenti, karatteristiċi u daqsijiet ta' sistemi solari, għażla ta' sistemi preċiżi u l-kejl tad-daqs tal-komponenti, determinazzjoni tad-domanda għas-sħana, protezzjoni min-nirien, sussidji relatati, kif ukoll id-disinn, l-installazzjoni, u l-manutenzjoni ta' installazzjonijiet fotovoltajċi solari u termali solari. It-taħriġ għandu jipprovdi wkoll għarfien tajjeb ta' kull standard Ewropew għat-teknoloġija, u ċertifikazzjoni bħal Solar Keymark, u l-liġi nazzjonali u tal-Unjoni relatata. L-installatur għandu juri l-kompetenzi ewlenin li ġejjin:
- (i) l-abbiltà li jaħdem b'mod sigur bl-użu tal-għodda u t-tagħmir meħtieġ u li jimplementa kodiċijiet u standards tas-sigurtà u li jidentifika perikli fis-sistema tal-ilma, l-elettriku u oħrajn assoċjati ma' installazzjonijiet impjanti solari;
 - (ii) l-abbiltà li jidentifika sistemi u komponenti speċifiċi tagħhom għal sistemi attivi u passivi, inkluż id-disinn mekkaniku, u li jiddetermina l-post tal-komponenti u t-tqassim u l-konfigurazzjoni tas-sistema;
 - (iii) l-abbiltà li jiddetermina l-post meħtieġ għall-installazzjoni, l-orjentazzjoni u l-angolu tas-sistema fotovoltajċa solari u tal-ħijter tal-ilma, billi jikkunsidra d-dell, l-aċċess għax-xemx, l-integrità strutturali, kemm l-installazzjoni hija xierqa għall-bini jew għall-klima u li jidentifika metodi ta' installazzjoni differenti adatti għat-tipi ta' soqfa u l-bilanċ tat-tagħmir tas-sistema meħtieġ għall-installazzjoni; u
 - (iv) b'mod partikolari għas-sistemi fotovoltajċi solari, l-abbiltà li jiġi adattat id-disinn elettriku, inkluża d-determinazzjoni tal-kurrenti tad-disinn, bl-għażla ta' kondutturi xierqa u ratings għal kull ċirkwit elettriku, li jiddetermina d-daqs xieraq, ir-ratings u l-postijiet għat-tagħmir u s-sottosistemi kollha assoċjati u l-għażla ta' punt ta' interkonnessjoni xieraq.
- (e) Iċ-ċertifikazzjoni tal-installatur għandha tkun limitata fiż-żmien, bil-għan li jkun meħtieġ seminar jew attività ta' aġġornament għal ċertifikazzjoni kontinwa.

ANNEX V

REGOLI GĦALL-KALKOLU TAL-IMPATT TAL-GASS SERRA TAL-BIJOKARBURANTI, BIJOLIKWIDI U L-KOMPARATURI TAL-KARBURANT FOSSILI TAGĦHOM

A. VALURI TIPIĊI U VALURI AWTOMATIĊI GĦALL-BIJOKARBURANTI JEKK PRODOTTI MINGĦAJR EMISSJONIJIET NETTI TAL-KARBONJU MIT-TIBDIL FL-UŻU TAL-ART

Mogħdija ta' produzzjoni tal-bijokarburant	Iffrankar fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra - valur tipiku	Iffrankar fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra - valur awtomatiku
etanol tal-pitrava taz-zokkor (l-ebda bijogass mill-islop, gass naturali bħala karburant tal-proċess f'bojler konvenzjonali)	67 %	59 %
etanol tal-pitrava taz-zokkor (bil-bijogass mill-islop, gass naturali bħala karburant tal-proċess f'bojler konvenzjonali)	77 %	73 %
etanol tal-pitrava taz-zokkor (l-ebda bijogass mill-islop, gass naturali bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*))	73 %	68 %
etanol tal-pitrava taz-zokkor (bil-bijogass mill-islop, gass naturali bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*))	79 %	76 %
etanol tal-pitrava taz-zokkor (l-ebda bijogass mill-islop, linjite bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*))	58 %	47 %
etanol tal-pitrava taz-zokkor (bil-bijogass mill-islop, linjite bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*))	71 %	64 %
etanol tal-qamħirrum (maize) (gass naturali bħala karburant tal-proċess f'bojler konvenzjonali)	48 %	40 %
etanol tal-qamħirrum (maize), (gass naturali bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*))	55 %	48 %
etanol tal-qamħirrum (maize) (linjite bħala karburant tal-proċess fl-impjant CHP (*))	40 %	28 %
etanol tal-qamħirrum (maize) (residwi tal-foresti bħala karburant tal-proċess fl-impjant CHP (*))	69 %	68 %
ċereali oħra għajr l-etanol tal-qamħirrum (gass naturali bħala karburant tal-proċess f'bojler konvenzjonali)	47 %	38 %
ċereali oħra għajr l-etanol tal-qamħirrum (gass naturali bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*))	53 %	46 %
ċereali oħra għajr l-etanol tal-qamħirrum (linjite bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*))	37 %	24 %
ċereali oħra għajr l-etanol tal-qamħirrum (residwi tal-foresti bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*))	67 %	67 %

Mogħdija ta' produzzjoni tal-bijokarburant	Iffrankar fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra - valur tipiku	Iffrankar fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra - valur awtomatiku
etanol tal-kannamiela	70 %	70 %
il-parti minn sorsi rinnovabbli ta' ethyl-tertio-butyl-ether (ETBE)	Ugwali għal dik tal-mogħdija użata għall-produzzjoni ta' etanol	
il-parti minn sorsi rinnovabbli ta' tertiary-amyl-ethyl-ether (TAAE)	Ugwali għal dik tal-mogħdija użata għall-produzzjoni ta' etanol	
bijodiżil taż-żerriegħa tal-kolza	52 %	47 %
bijodiżil tal-ġirasol	57 %	52 %
bijodiżil tas-soybean sojja	55 %	50 %
bijodiżil miż-żejt tal-palm (ħawt effluwenti miftuħ)	32 %	19 %
bijodiżil taż-żejt tal-palm (proċess bil-qbid tal-metan fil-mitħna taż-żejt)	51 %	45 %
bijodiżil mill-iskart taż-żejt tat-tisjir	88 %	84 %
bijodiżil mit-tħin fin (rendering) ta' xaħmijiet tal-annimali (**)	84 %	78 %
żejt veġetali idrotrattat miż-żerriegħa tal-kolza	51 %	47 %
żejt veġetali idrotrattat mill-ġirasol	58 %	54 %
żejt veġetali idrotrattat mis-sojja	55 %	51 %
żejt veġetali idrotrattat miż-żejt tal-palm (ħawt effluwenti miftuħ)	34 %	22 %
żejt veġetali idrotrattat miż-żejt tal-palm (proċess bil-qbid tal-metan fil-mitħna taż-żejt)	53 %	49 %
żejt idrotrattat mill-iskart taż-żejt tat-tisjir	87 %	83 %
żejt idrotrattat mit-tħin fin (rendering) tax-xaħmijiet tal-annimali (**)	83 %	77 %
żejt veġetali safi miż-żerriegħa tal-kolza	59 %	57 %
żejt veġetali safi mill-ġirasol	65 %	64 %
żejt veġetali safi mis-sojja	63 %	61 %
żejt veġetali safi miż-żejt tal-palm (ħawt effluwenti miftuħ)	40 %	30 %
żejt veġetali safi miż-żejt tal-palm (proċess bil-qbid tal-metan fil-mitħna taż-żejt)	59 %	57 %

Mogħdija ta' produzzjoni tal-bijokarburant	Iffrankar fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra - valur tipiku	Iffrankar fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra - valur awtomatiku
żejt safi mill-iskart taż-żejt tat-tisjir	98 %	98 %

(*) Valuri awtomatiċi għall-ipproċessar bl-użu tas-CHP huma validi biss jekk is-sħana tal-proċess hija fornuta kollha bis-CHP.

(**) Tapplika biss għal bijokarburanti prodotti minn prodotti sekondarji tal-annimali kklassifikat bħala materjal tal-kategorija 1 u 2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, li għalihom l-emissjonijiet relatati mal-iġenizzazzjoni bħala parti mit-tħin fin (rendering) mhumiex ikkunsidrati

B. VALURI STMATI TIPIĊI U VALURI AUTOMATIĊI GĦALL-BIJOKARBURANTI U BIJOLIKWIDI FUTURI LI MA KINUX FIS-SUQ JEW LI KIENU FIS-SUQ BISS FI KWANTITAJIET NEGLIĠIBBLI FL-2016, JEKK PRODOTTI BL-EBDA EMISSJONI NETTA TA' KARBONJU MILL-BIDLIET FL-UŻU TAL-ART

Mogħdija ta' produzzjoni tal-bijokarburant	Iffrankar fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra - valur tipiku	Iffrankar fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra - valur awtomatiku
etanol tat-tiben tal-qamħ	85 %	83 %
diżil Fischer-Tropsch mill-iskart tal-injam f'impjant awtonomu	85 %	85 %
diżil Fischer-Tropsch mill-injam imkabbar f'impjant awtonomu	82 %	82 %
petrol Fischer-Tropsch mill-iskart tal-injam f'impjant awtonomu	85 %	85 %
petrol Fischer-Tropsch mill-injam imkabbar f'impjant awtonomu	82 %	82 %
dimetileter (DME) mill-iskart tal-injam f'impjant awtonomu	86 %	86 %
dimetileter (DME) mill-injam imkabbar f'impjant awtonomu	83 %	83 %
metanol mill-iskart tal-injam f'impjant awtonomu	86 %	86 %
metanol mill-injam imkabbar f'impjant awtonomu	83 %	83 %
diżil Fischer – Tropsch mill-gassifikazzjoni tal-likur iswed integrat mal-polpa	89 %	89 %
petrol Fischer Tropsch mill-gassifikazzjoni tal-likur iswed integrat mal-polpa	89 %	89 %
dimetileter (DME) mill-gassifikazzjoni tal-likur iswed integrat mal-polpa	89 %	89 %
Metanol mill-gassifikazzjoni tal-likur iswed integrat mal-polpa	89 %	89 %
il-parti minn sorsi rinnovabbli ta' methyl-tertio-butyl-ether (MTBE)	Ugwali għal dik tal-mogħdija użata għall-produzzjoni ta' metanol	

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).

C. METODOLOĠIJA

1. L-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-produzzjoni u mill-użu ta' karburanti, bijokarburanti u bijolikwidi għat-trasport għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

- (a) l-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-produzzjoni u l-użu ta' bijokarburanti għandhom jiġu kkalkulati bħala:

$$E = e_{ec} + e_l + e_p + e_{td} + e_u - e_{sca} - e_{ccs} - e_{ccr}$$

fejn

E	=	emissjonijiet totali mill-użu tal-karburant;
e_{ec}	=	emissjonijiet mill-estrazzjoni jew il-kultivazzjoni tal-materja prima;
e_l	=	emissjonijiet annwalizzati mill-bidliet tal-ħażna tal-karbonju kkawżati minn tibdil fl-użu tal-art;
e_p	=	emissjonijiet mill-ipproċessar;
e_{td}	=	emissjonijiet mit-trasport u d-distribuzzjoni;
e_u	=	emissjonijiet mill-karburant użat;
e_{sca}	=	iffrankar tal-emissjonijiet minn akumulazzjoni tal-karbonju mill-ħamrija permezz ta' ġestjoni agrikola mtejbja;
e_{ccs}	=	iffrankar tal-emissjonijiet mill-qbid u l-ħażna ġeoloġika ta' CO ₂ ; u
e_{ccr}	=	iffrankar tal-emissjonijiet mill-qbid u s-sostituzzjoni ta' CO ₂ .

L-emissjonijiet mill-manifattura ta' makkinarju u tagħmir m'għandhomx jiġu kkunsidrati.

- (b) L-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-produzzjoni u l-użu tal-bijolikwidi għandhom jiġu kkalkulati bħal fil-każ tal-bijokarburanti (E), iżda bl-estensjoni neċessarja għall-inklużjoni neċessarja tal-konverżjoni tal-enerġija f'elettriku u/jew tas-sħana u t-tkessiħ prodotti, kif ġej:

- (i) Għall-installazzjonijiet tal-enerġija li jrendu biss sħana:

$$EC_h = \frac{E}{\eta_h}$$

- (ii) Għal installazzjonijiet tal-enerġija li jrendu biss elettriku:

$$EC_{el} = \frac{E}{\eta_{el}}$$

fejn

$EC_{h,el}$ = l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra mill-prodott tal-enerġija finali.

E = l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tal-bijolikwidu qabel il-konverżjoni tat-tmiem.

η_{el} = l-effiċjenza elettrika, definita bħala l-elettriku prodott f'sena diviż bl-input annwali tal-bijolikwidu abbażi tal-kontenut tal-enerġija tiegħu.

η_h = l-effiċjenza termali, iddefinita bħala s-sħana utli prodotta diviża bl-input annwali tal-bijolikwidu abbażi tal-kontenut tal-enerġija tiegħu.

- (iii) Fil-każ tal-enerġija elettrika jew mekkanika li ġejja minn installazzjonijiet tal-enerġija li jipproduċu sħana utli flimkien ma' elettriku u/jew enerġija mekkanika:

$$EC_{el} = \frac{E}{\eta_{el}} \left(\frac{C_{el} \cdot \eta_{el}}{C_{el} \cdot \eta_{el} + C_h \cdot \eta_h} \right)$$

- (iv) Fil-każ tal-enerġija tas-sħana utli li ġejja minn installazzjonijiet tal-enerġija li jipproduċu sħana flimkien ma' elettriku u/jew enerġija mekkanika:

$$EC_h = \frac{E}{\eta_h} \left(\frac{C_h \cdot \eta_h}{C_{el} \cdot \eta_{el} + C_h \cdot \eta_h} \right)$$

fejn:

$EC_{h,el}$ = l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra mill-prodott tal-enerġija finali.

E = l-emissjonijiet totali ta' gassijiet serra tal-bijolikwidu qabel il-konverżjoni tat-tmiem.

η_{el} = l-effiċjenza elettrika, definita bħala l-elettriku prodott fsena diviż bl-input annwali tal-karburant abbażi tal-kontenut tal-enerġija tiegħu.

η_h = l-effiċjenza tas-sħana, definita bħala l-produzzjoni tas-sħana utli fsena diviża bl-input annwali tal-karburant abbażi tal-kontenut tal-enerġija tiegħu.

C_{el} = frazzjoni tal-enerġija fl-elettriku, u/jew enerġija mekkanika, issettjata għal 100 % ($C_{el} = 1$).

C_h = l-effiċjenza ta' Carnot (frazzjoni ta' enerġija fis-sħana utli).

L-effiċjenza ta' Carnot, C_h , għas-sħana utli f'temperaturi differenti hija definita bħala:

$$C_h = \frac{T_h - T_0}{T_h}$$

fejn

T_h = It-temperatura, imkejla f'temperatura assoluta (kelvin) tas-sħana utli fil-punt tat-twassil.

T_0 = It-temperatura tal-madwar, iffissata f'273,15 kelvin (ugwali għal 0 °C)

Jekk is-sħana eċċessiva tiġi esportata għat-tisħin tal-bini, f'temperatura ta' anqas minn 150° C (423,15 kelvin), C_h tista' tiġi definita alternattivament kif ġej:

C_h = L-effiċjenza ta' Carnot fi sħana f'150 °C (423,15 kelvin), li hi: 0,3546

Għall-finijiet ta' dak il-kalkolu, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- "koġenerazzjoni" tfisser il-ġenerazzjoni simultanja fi proċess wieħed tal-enerġija termali u l-elettriku u/jew l-enerġija mekkanika;
- "sħana utli" tfisser is-sħana ġġenerata biex tissodisfa domanda ekonomikament ġustifikabbli għas-sħana, għal għanijiet ta' tisħin u tkessiġ;
- "domanda ekonomikament ġustifikabbli" tfisser domanda li ma taqbiżx il-ħtieġa għas-sħana jew it-tkessiġ u li kieku tkun issodisfata fil-kundizzjonijiet tas-suq.

2. L-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn bijokarburanti u bijolikwidi għandha tiġi espressa kif ġej:

- l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn bijokarburanti, E , għandhom ikunu espressi f'termini ta' grammi ta' CO₂ ekwivalenti għal kull MJ ta' karburant, g CO₂eq/MJ.
- l-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn bijolikwidi, EC , espressi f'termini ta' grammi ta' CO₂ ekwivalenti għal kull MJ ta' prodott ta' enerġija finali (sħana jew elettriku), g CO₂eq/MJ.

Meta t-tisħin u t-tkessiġ huma kkoġenerati mal-elettriku, l-emissjonijiet għandhom jiġu allokatu bejn is-sħana u l-elettriku (bħal skont 1(b)), irrispettivament minn hekk is-sħana hix użata għal għanijiet attwali ta' tisħin jew ta' tkessiġ ⁽¹⁾.

⁽¹⁾ Is-sħana u s-sħana mormija jintużaw biex jiġġeneraw it-tkessiġ (arja jew ilma mkessaħ) permezz ta' chillers tal-assorbiment. Għaldaqstant, jixraq li jiġu kkalkulati biss l-emissjonijiet marbuta mas-sħana prodotta għal kull MJ ta' sħana, irrispettivament minn jekk l-użu aħħari tas-sħana hux sħana attwali jew tkessiġ permezz ta' chillers tal-assorbiment.

Fejn l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-estrazzjoni jew il-kultivazzjoni ta' materja prima e_{ec} huma espressi f'unità ta' g CO₂eq/dry-ton ta' materja prima, il-konverżjoni fi grammi ta' CO₂ ekwivalenti għal kull MJ ta' karburant, g CO₂eq/MJ, għandha tiġi kkalkulata kif ġej⁽¹⁾:

$$e_{ec} \text{ karburant}_a \left[\frac{\text{gCO}_2 \text{eq}}{\text{MJ karburant}} \right]_{ec} = \frac{e_{ec} \text{ materja prima}_a \left[\frac{\text{gCO}_2 \text{eq}}{t_{niexfa}} \right]}{LHV_a \left[\frac{\text{MJ materja prima}}{t \text{ materja prima niexfa}} \right]} \times \text{Fattur karburant materja prima}_a \times \text{Fattur allokazżjoni karburant}_a$$

Fejn

$$\text{Fattur allokazżjoni karburant}_a = \left[\frac{\text{Enerġija fil-karburant}}{\text{Enerġija fil-karburant} + \text{Enerġija fil-koprodotti}} \right]$$

$$\text{Fattur karburant materja prima}_a = [\text{Proporzjon ta' MJ materja prima meħtieġa biex tagħmel 1 MJ karburant}]$$

L-emissjonijiet għal kull tunnellata-niexfa ta' materja prima għandhom jiġu kkalkulati kif ġej:

$$e_{ec} \text{ materja prima}_a \left[\frac{\text{gCO}_2 \text{eq}}{t_{niexfa}} \right] = \frac{e_{ec} \text{ materja prima}_a \left[\frac{\text{gCO}_2 \text{eq}}{t_{niexfa}} \right]}{(1 - \text{kontenut ta' ndewwa})}$$

3. L-iffrankar tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra minn bijokarburanti u bijolikwidi għandu jkun ikkalkulat bħala dan li ġej:

(a) iffrankar fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn bijokarburanti:

$$\text{IFFRANKAR} = (E_{F(t)} - E_B) / E_{F(t)}$$

fejn

E_B	=	emissjonijiet totali mill-bijolikwidi; u
$E_{F(t)}$	=	emissjonijiet totali mill-komparatur tal-karburanti fossili għat-trasport

(b) iffrankar fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra minn sħana jew tkessiħ, u elettriku li jkun iġġenerat mill-bijolikwidi:

$$\text{IFFRANKAR} = (EC_{F(h\&c,el)} - EC_{B(h\&c,el)}) / EC_{F(h\&c,el)}$$

fejn

$EC_{B(h\&c,el)}$ = emissjonijiet totali mis-sħana jew l-elettriku; u

$EC_{F(h\&c,el)}$ = emissjonijiet totali mill-karburant fossili komparatur għas-sħana utli jew l-elettriku.

4. Il-gassijiet serra kkunsidrati għall-finijiet tal-punt 1 għandhom ikunu CO₂, N₂O u CH₄. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ekwivalenza ta' CO₂, daww il-gassijiet għandhom jingħataw valur kif ġej:

CO ₂	:	1
N ₂ O	:	298
CH ₄	:	25

5. L-emissjonijiet mill-estrazzjoni u l-kultivazzjoni ta' materja prima, e_{ec} , għandhom jinkludu emissjonijiet mill-proċess ta' estrazzjoni jew kultivazzjoni nnifsu; mill-għbir, it-tnixxif u l-ħażna ta' materja prima; mill-iskart u n-nixxijiet; u mill-produzzjoni ta' kimiċi jew prodotti użati fl-estrazzjoni jew il-kultivazzjoni. Il-qbid ta' CO₂ fil-kultivazzjoni ta' materja prima għandu jiġi eskluż. L-estimi tal-emissjonijiet mill-kultivazzjoni tal-bijomassa agrikola jistgħu jinkisbu

⁽¹⁾ Il-formula tal-kalkolu tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-estrazzjoni u l-kultivazzjoni ta' materja prima, e_{ec} , tiddeskrivi każijiet fejn il-materja prima tiġi konvertita f'bijokarburanti f'pass wieħed. Għal katini ta' provvista aktar kumplessi, jeħtieġ li jkun hemm aġġustamenti għall-kalkolu tal-gassijiet serra mill-estrazzjoni jew il-kultivazzjoni ta' materja prima e_{ec} għal prodotti intermedji.

mill-użu ta' medji reġjonali għall-emissjonijiet mill-kultivazzjoni inklużi fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 31(4) jew l-informazzjoni dwar il-valuri awtomatiċi diżaggregati għall-emissjonijiet mill-kultivazzjoni inklużi f'dan l-Anness, bħala alternattiva għall-użu ta' valuri attwali. Fin-nuqqas tal-informazzjoni rilevanti f'dawk ir-rapporti huwa permess li l-medji tal-kalkolu jissejso fuq prattiki tal-biedja lokali abbażi pereżempju ta' data ta' grupp ta' farms, bħala alternattiva għall-użu ta' valuri attwali.

6. Għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-punt 1(a), l-iffrankar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra minn ġestjoni agrikola mtejbja, e_{sca} , bħal pereżempju għat-tnaqqis jew it-tneħħija tal-ħrit, għal inqas titjib/rotazzjoni tal-għelejjel, l-użu ta' wċuħ tar-raba', inkluża l-ġestjoni tar-residwu mill-għelejjel, u l-użu ta' sustanza organika li ttejjeb il-ħamrija (eż. kompost, diġestat tal-fermentazzjoni tad-demel), għandhom jiġu kkunsidrati biss jekk tiġi pprovduta evidenza solida u verifikabbli li żdied il-karbonju mill-ħamrija, jew li huwa raġonevoli li wieħed jistenna li dan jiżdied matul il-perijodu li fih tkun għet ikkultivata l-materja prima konċernata waqt li jitqiesu l-emissjonijiet fejn dawn il-prattiki jwasslu għal żieda fl-użu tal-erbiċidi u tal-fertilizzanti ⁽¹⁾.
7. L-emissjonijiet annwalizzati mill-bidliet fil-ħażniet tal-karbonju kkawżati minn tibdil fl-użu tal-art, e_i , għandhom jiġu kkalkulati bid-diviżjoni ndaqs tal-emissjonijiet totali fuq 20 sena. Għall-kalkolu ta' daww l-emissjonijiet għandha tiġi applikata r-regola li ġejja:

$$e_i = (CS_R - CS_A) \times 3,664 \times 1/20 \times 1/P - e_b, \text{ } ^{(2)}$$

fejn

e_i	=	emissjonijiet ta' gassijiet serra annwalizzati minn tibdil ta' ħażna ta' karbonju minħabba tibdil fl-użu tal-art (imkejla bħala massa (grammi) ekwivalenti għal CO ₂ għal kull unità ta' enerġija prodotta (mega-joules) mill-bijokarburant jew mill-bijolikwidi). "Raba" ⁽³⁾ u "raba' perenni" ⁽⁴⁾ għandhom jitqiesu bħala użu wieħed tal-art;
CS_R	=	il-ħażna ta' karbonju għal kull unità ta' erja assoċjata mal-użu tal-art ta' referenza (imkejla bħala massa (tunnellati) ta' karbonju għal kull unità ta' erja, inklużi kemm il-ħamrija kif ukoll il-veġetazzjoni). L-użu tal-art ta' referenza għandu jkun l-użu tal-art f'Jannar 2008 jew 20 sena qabel ma nkisbet il-materja prima, skont liema jiġi l-aħħar;
CS_A	=	il-ħażna ta' karbonju kull żona ta' unità assoċjata mal-użu attwali tal-art (imkejla bħala massa (tunnellati) tal-karbonju kull żona ta' unità, inklużi kemm il-ħamrija kif ukoll il-veġetazzjoni). F'każijiet fejn il-ħażna tal-karbonju takkumula għal aktar minn sena, il-valur attribwit għal CS_A għandu jkun il-ħażna stmata kull unità ta' medda wara 20 sena jew meta l-għalla tilħaq il-maturità, skont liema jiġi qabel;
P	=	il-produttività tal-għalla (imkejla bħala enerġija minn bijokarburant jew bijolikwidu għal kull unità ta' erja kull sena) u
e_b	=	bonus ta' 29 g CO ₂ eq/MJ bijokarburant jew bijolikwidu jekk il-bijomassa tinkiseb minn art degradata restawrata skont il-kundizzjonijiet stipulati fil-punt 8.

8. Il-bonus ta' 29 g CO₂eq/MJ għandu jiġi attribwit jekk tiġi pprovduta evidenza li l-art:

- (a) ma kinitx qed tintuża għal attività agrikola jew kwalunkwe attività oħra f'Jannar 2008; u
- (b) hija art li ddeterjorat b'mod gravi, inkluża tali art li qabel kellha użu agrikolu.

Il-bonus ta' 29 g CO₂eq/MJ għandu japplika għal perijodu sa 20 sena mid-data tal-konverżjoni tal-art għal użu agrikolu, bil-kundizzjoni li jkun żgurati żieda kontinwa fil-ħażniet ta' karbonju kif ukoll tnaqqis sostanzjali fil-fenomeni tal-erożjoni għall-art li taqa' taħt (b).

⁽¹⁾ Il-kejl ta' karbonju mill-ħamrija jista' jikkostitwixxi evidenza bħal din, eż. permezz tal-ewwel kejl qabel dak tal-kultivazzjoni u daww sussegwenti f'intervalli regolari b'ħafna snin bejn kull wieħed. F'każ bħal dan, qabel ma jkun disponibbli t-tieni kejl, iż-żieda fil-karbonju mill-ħamrija tista' tiġi stmata fuq il-bażi ta' esperimenti jew kampjuni tal-ħamrija rappreżentattivi. Mit-tieni kejl 'il quddiem, il-kejl ikun jikkostitwixxi l-bażi biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' żieda fil-karbonju tal-ħamrija u d-daqs tagħha.

⁽²⁾ Il-kwożjent li jinkiseb meta l-piż molekulari ta' CO₂ (44,010 g/mol) jiġi diviż mill-piż molekulari tal-karbonju (12,011 g/mol) huwa ekwivalenti għal 3,664.

⁽³⁾ Raba' kif definit mill-IPCC.

⁽⁴⁾ Għelejjel perenni huma ddefiniti bħala għelejjel pluriennali li z-zokk tagħhom ma jinħasadx kull sena bħal pereżempju msaġar ta' newba qasira u żejt tal-palm.

9. Art li ddeterjorat b'mod gravi tfisser art li għal perijodu sostanzjali ta' żmien kienet immellħa b'mod sostanzjali jew kellha kontenut sostanzjalment baxx ta' materjal organiku u sfat mgħawra b'mod gravi.

10. Il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid, sal-31 ta' Diċembru 2020, linji gwida għall-kalkolu tal-ħażna tal-karbonju fl-art ⁽¹⁾ li juża bħala referenza l-Linji Gwida tal-2006 tal-IPCC għall-Inventorji Nazzjonali tal-Gass serra — volum 4 u skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 u r-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾. Il-Linji Gwida tal-Kummissjoni għandhom iservu bħala l-bażi għall-kalkolu tal-ħażna tal-karbonju fl-art għall-finijiet ta' din id-Direttiva.

11. Emissjonijiet mill-ipproċessar, e_p , għandhom jinkludu emissjonijiet mill-ipproċessar innifsu; mill-iskart u n-nixxijiet; u mill-produzzjoni ta' kimiċi jew prodotti użati fl-ipproċessar, inkluż l-emissjonijiet tad-diossidu ta' CO_2 li jikkorrispondu mal-kontenut ta' karbonju fossili, irrispettivament jekk effettivament jinħarqux jew le fil-proċess.

Fil-kalkolu tal-konsum ta' elettriku mhux prodott fl-impjant ta' produzzjoni tal-karburant, l-intensità tal-emissjonijiet tal-gass serra tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni ta' dak l-elettriku għandha tkun meqjusa li hija ugwali għall-intensità medja tal-emissjonijiet tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' elettriku f'reġjun definit. B'deroga minn din ir-regola l-produtturi jistgħu jużaw valur medju għal impjant ta' produzzjoni tal-elettriku individwali għall-elettriku prodott minn dak l-impjant, jekk dak l-impjant mhux konness mal-grilja tal-elettriku.

L-emissjonijiet mill-ipproċessar għandhom jinkludu emissjonijiet mit-tnixxif ta' prodotti u materjali intermedji, fejn dan huwa rilevanti.

12. L-emissjonijiet mit-trasport u d-distribuzzjoni, e_{td} , għandhom jinkludu emissjonijiet mit-trasport ta' materja prima u materjali semi-maħduma u mill-ħażna u d-distribuzzjoni ta' materjali maħduma. L-emissjonijiet mit-trasport u mid-distribuzzjoni li għandhom jitqiesu fil-punt 5 mgħandhomx ikunu koperti minn dan il-punt.

13. L-emissjonijiet tal-karburant użat, e_u , għandhom jitqiesu li huma żero għall-bijokarburanti u bijolikwidi.

L-emissjonijiet ta' gassijiet serra mhux CO_2 (N_2O u CH_4) tal-karburant fl-użu għandhom jinkludu l-fattur e_u fil-każ tal-bijolikwidi.

14. L-iffrankar ta' emissjonijiet mill-qbid u l-ħżin ġeoloġiku ta' CO_2 , e_{ccs} , li jkun għadu ma ġiex meqjus f' e_p , għandu jkun limitat għall-emissjonijiet evitati permezz tal-akkwiżizzjoni u l-ħażna tad- CO_2 emess direttament relatat mal-estrazzjoni, it-trasport, l-ipproċessar u d-distribuzzjoni tal-karburant jekk il-ħażna tkun saret b'mod konformi mad-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾.

15. L-iffrankar ta' emissjonijiet mill-qbid u s-sostituzzjoni tal-karbonju, e_{ccr} , għandu jkun relatat direttament mal-produzzjoni tal-bijokarburant jew il-bijolikwidu li huma attribwiti lejha, u għandu jkun limitat għall-emissjonijiet evitati permezz tal-qbid ta' CO_2 li fihom il-karbonju joriġina minn bijomassa u li hija użata biex tissostitwixxi CO_2 li joriġina mill-fossili fil-produzzjoni ta' prodotti u servizzi kummerċjali.

16. Meta unità tal-koġenerazzjoni – li tipprovdi s-sħana u/jew l-elettriku lil proċess tal-produzzjoni ta' karburant li għalih ikunu qed jiġu kkalkulati l-emissjonijiet - tipproduċi elettriku żejjed u/jew sħana utli żejda, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra għandhom jinqasmu bejn l-elettriku u s-sħana utli skont it-temperatura tas-sħana (li tirrifletti s-siwi (l-utilità) tas-sħana). Il-parti utli tas-sħana tinsab billi il-kontenut enerġetiku tagħha jiġi mmultiplikat mal-effiċjenza ta' Carnot, C_h , ikkalkulata kif ġej:

$$C_h = \frac{T_h - T_0}{T_h}$$

fejn

T_h = It-temperatura, imkejla f'temperatura assoluta (kelvin) tas-sħana utli fil-punt tat-twassil.

T_0 = It-temperatura tal-madwar, iffissata f'273,15 kelvin (ugwali għal 0 °C)

⁽¹⁾ Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/335/UE tal-10 ta' Ġunju 2010 dwar il-linji gwida għall-kalkolu tal-ħażna tal-karbonju fl-art għall-għanijiet tal-Anness V tad-Direttiva 2009/28/KE (ĠU L 151, 17.6.2010, p. 19).

⁽²⁾ Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).

⁽³⁾ Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-diossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).

Jekk is-sħana eċċessiva tiġi esportata għat-tisħin tal-bini, f'temperatura ta' anqas minn 150 °C (423,15 kelvin), C_h tista' tiġi definita alternattivament kif ġej:

$$C_h = L\text{-effiċjenza ta' Carnot fi sħana f'150 °C (423,15 kelvin), li hi: 0,3546}$$

Għall-finijiet ta' dak il-kalkolu, għandhom jintużaw l-effiċjenzi attwali, definiti bħala l-enerġija mekkanika, l-elettriku u s-sħana annwali prodotti rispettivament diviżi bl-input tal-enerġija annwali.

Għall-finijiet ta' dak il-paragrafu, japplikaw id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- (a) "koġenerazzjoni" għandha tfisser il-ġenerazzjoni simultanja fi proċess wieħed tal-enerġija termali u l-enerġija mekkanika u/jew elettrika;
 - (b) "sħana utli" għandha tfisser sħana ġġenerata biex tkun issodisfata domanda ekonomikament ġustifikabbli għas-sħana, għal finijiet ta' tisħin jew tkessiħ;
 - (c) "domanda ekonomikament ġustifikabbli" għandha tfisser domanda li ma taqbiżx il-ħtieġa għas-sħana jew it-tkessiħ u li kieku tkun issodisfata fil-kundizzjonijiet tas-suq.
17. Fejn proċess ta' produzzjoni ta' karburant jipproduċi, f'taħlita, il-karburant li għalih l-emissjonijiet huma kkalkulati u prodott jew aktar prodotti oħra ("prodotti-sekondarji"), l-emissjonijiet ta' gassijiet serra għandhom ikunu diviżi bejn il-karburant jew il-prodott intermedju tiegħu u l-prodotti sekondarji proporzjonalment għall-kontenut enerġetiku tagħhom (determinat b'valur ta' tisħin iktar baxx fil-każ ta' prodotti sekondarji minbarra l-elettriku u s-sħana). L-intensità tal-gassijiet serra ta' sħana utli eċċessiva jew elettriku eċċessiv hija l-istess bħall-intensità tal-gassijiet serra tas-sħana u l-elettriku mwassla sal-proċess tal-produzzjoni tal-karburant u hija determinata mill-kalkolu tal-intensità tal-gassijiet serra tal-inputs u l-emissjonijiet kollha, inkluża l-materja prima u l-emissjonijiet CH_4 u N_2O , minn u sal-unità tal-kongenerazzjoni, il-bojler u apparat ieħor li jwassal is-sħana jew l-elettriku sal-proċess tal-produzzjoni tal-karburant. Fil-każ ta' koġenerazzjoni ta' elettriku u sħana, il-kalkolu jitwettaq skont il-punt 16.
18. Għall-fini tal-kalkolu msemmi fil-punt 17, l-emissjonijiet li jridu jiġu diviżi għandhom ikunu $e_{cc} + e_l + e_{sca} +$ dwak il-frazzjonijiet ta' e_p , e_{id} , e_{ccs} , u e_{ccr} li jsiru sa u inkluż l-istadju tal-proċess li fih huwa prodott il-prodott sekondarju. Jekk tkun saret xi allokazżjoni għal prodotti sekondarji fi stadju ta' proċess preċedenti fiċ-ċiklu tal-ħajja, il-frazzjoni ta' daww l-emissjonijiet assenjata f'dak l-aħħar stadju tal-proċess lill-prodott ta' karburant intermedju, għandha tintuża għal daww il-finijiet minflok mit-total ta' daww l-emissjonijiet.

Fil-każ ta' bijokarburanti u bijolikwidi, il-prodotti sekondarji kollha għandhom ikunu kkunsidrati għall-finijiet ta' dak il-kalkolu. L-ebda emissjonijiet ma għandhom jiġu allokat għal skart u residwi. Il-prodotti sekondarji li għandhom kontenut ta' enerġija negattiva għandhom ikunu kkunsidrati li għandhom kontenut ta' enerġija zero għall-finijiet tal-kalkolu.

Skart u residwi, inkluż qċaċet tas-siġar u ferġat, tiben, qxur, ċifċiegħ u qxur tal-lewż, u residwi minn katini tal-ipproċessar, inkluż glicerina grezza (glicerina li mhijiex raffinata) u bagasse, għandhom ikunu kkunsidrati li għandhom emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu ta' ħajjithom ta' zero sal-proċess ta' għbir ta' daww il-materjali irrispettivament minn jekk dawn jiġux ipproċessati għal prodotti intermedjarji qabel ma jiġu trasformati fi prodott finali.

Fil-każ ta' karburanti manifatturati fir-raffineriji, għajr it-taħlita ta' impjanti tal-ipproċessar mal-bojlers jew unitajiet ta' koġenerazzjoni li jipprovdu s-sħana u/jew l-elettriku lill-impjant ta' proċessar, l-unità tal-analiżi għall-finijiet tal-kalkolu msemmi fil-punt 17 għandha tkun ir-raffinerija.

19. Għall-bijokarburanti, għall-fini tal-kalkolu msemmi fil-punt 3, l-element ta' paragon tal-karburant fossili $E_{F(t)}$ għandu jkun 94 g $\text{CO}_2\text{eq/MJ}$.

Għall-bijolikwidi użati fil-produzzjoni tal-elettriku, għall-fini tal-kalkolu msemmi fil-punt 3, l-element ta' paragon tal-karburant fossili $EC_{F(e)}$ għandu jkun 183 g $\text{CO}_2\text{eq/MJ}$.

Għall-bijolikwidi użati fil-produzzjoni ta' sħana utli, kif ukoll fil-produzzjoni ta' tisħin u/jew tkessiħ, għall-fini tal-kalkolu msemmi fil-punt 3, il-komparatur tal-karburanti fossili $EC_{F(h\&c)}$ għandu jkun 80 g $\text{CO}_2\text{eq/MJ}$.

D. VALURI AWTOMATIĊI DIŻAGGREGATI GĦALL-BIJOKARBURANTI U L-BIJOLIKWIDI

Valuri awtomatiċi diżaggregati għall-kultivazzjoni: “e_{ec}” kif definita fil-parti C ta’ dan l-Anness, inkluż l-emissjonijiet tan-N₂O mill-ħamrija

Mogħdija tal-produzzjoni tal-bijokarburanti u bijolikwidi	Emissjonijiet ta’ gassijiet serra - valur tipiku (g CO ₂ eq/MJ)	Emissjonijiet ta’ gassijiet serra - valur awtomatiku (g CO ₂ eq/MJ)
etanol tal-pitrava taz-zokkor	9,6	9,6
etanol tal-qamħirrum (maize)	25,5	25,5
etanol minn ċereali oħra għajr il-qamħirrum (maize)	27,0	27,0
etanol tal-kannamiela	17,1	17,1
il-parti minn sorsi rinnovabbli ta’ ETBE	Ugwali għal dik tal-mogħdija użata għall-produzzjoni ta’ etanol	
il-parti mis-sorsi rinnovabbli tat-TAEE	Ugwali għal dik tal-mogħdija użata għall-produzzjoni ta’ etanol	
bijodiżil taż-żerriegħa tal-kolza	32,0	32,0
bijodiżil tal-ġirasol	26,1	26,1
bijodiżil tas-sojja	21,2	21,2
bijodiżil taż-żejt tal-palm	26,2	26,2
bijodiżil mill-iskart taż-żejt tat-tisjir	0	0
bijodiżil mit-tħin fin (rendering) ta’ xaħmijiet tal-annimali (**)	0	0
żejt veġetali idrotrattat miż-żerriegħa tal-kolza	33,4	33,4
żejt veġetali idrotrattat mill-ġirasol	26,9	26,9
żejt veġetali idrotrattat mis-sojja	22,1	22,1
żejt veġetali idrotrattat miż-żejt tal-palm	27,4	27,4
żejt idrotrattat mill-iskart taż-żejt tat-tisjir	0	0
żejt idrotrattat mit-tħin fin (rendering) tax-xaħmijiet tal-annimali (**)	0	0
żejt veġetali safi miż-żerriegħa tal-kolza	33,4	33,4
żejt veġetali safi mill-ġirasol	27,2	27,2
żejt veġetali safi mis-sojja	22,2	22,2
żejt veġetali safi miż-żejt tal-palm	27,1	27,1
żejt safi mill-iskart taż-żejt tat-tisjir	0	0

(**) Tapplika biss għal bijokarburanti prodotti minn prodotti sekondarji tal-annimali kklassifikat bħala materjal tal-kategorija 1 u 2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009, li għalihom l-emissjonijiet relatati mal-igenizzazzjoni bħala parti mit-tħin fin (rendering) mhumiex ikkunsidrati.

Valuri awtomatiċi diżaggregati għall-kultivazzjoni: “e_{cc}” - fil-każ ta’ emissjonijiet tan-N₂O mill-ħamrija biss (dawn huma diġà inklużi fil-valuri diżaggregati għall-emissjonijiet mill-kultivazzjoni fit-tabella “e_{cc}”)

Mogħdija tal-produzzjoni tal-bijokarburanti u bijolikwidi	Emissjonijiet ta’ gassijiet serra - valur tipiku (g CO ₂ eq/MJ)	Emissjonijiet ta’ gass serra - valur awtomatiku (g CO ₂ eq/MJ)
etanol tal-pitrava taz-zokkor	4,9	4,9
etanol tal-qamħirrum (maize)	13,7	13,7
etanol minn ċereali oħra għajr il-qamħirrum (maize)	14,1	14,1
etanol tal-kannamiela	2,1	2,1
il-parti minn sorsi rinnovabbli ta’ ETBE	Ugwali għal dik tal-mogħdija użata għall-produzzjoni ta’ etanol	
il-parti mis-sorsi rinnovabbli tat-TAEE	Ugwali għal dik tal-mogħdija użata għall-produzzjoni ta’ etanol	
bijodiżil taż-żerriegħa tal-kolza	17,6	17,6
bijodiżil tal-ġirasol	12,2	12,2
bijodiżil tas-sojja	13,4	13,4
bijodiżil taż-żejt tal-palm	16,5	16,5
bijodiżil mill-iskart taż-żejt tat-tisjir	0	0
bijodiżil mit-tħin fin (rendering) ta’ xaħmijiet tal-annimali (**)	0	0
żejt veġetali idrotrattat miż-żerriegħa tal-kolza	18,0	18,0
żejt veġetali idrotrattat mill-ġirasol	12,5	12,5
żejt veġetali idrotrattat mis-sojja	13,7	13,7
żejt veġetali idrotrattat miż-żejt tal-palm	16,9	16,9
żejt idrotrattat mill-iskart taż-żejt tat-tisjir	0	0
żejt idrotrattat mit-tħin fin (rendering) tax-xaħmijiet tal-annimali (**)	0	0
żejt veġetali safi miż-żerriegħa tal-kolza	17,6	17,6
żejt veġetali safi mill-ġirasol	12,2	12,2
żejt veġetali safi mis-sojja	13,4	13,4
żejt veġetali safi miż-żejt tal-palm	16,5	16,5
żejt safi mill-iskart taż-żejt tat-tisjir	0	0

(**) Nota: tapplika biss għal bijokarburanti prodotti minn prodotti sekondarji tal-annimali kklassifikat bħala materjal tal-kategorija 1 u 2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009, li għalihom l-emissjonijiet relatati mal-iġenizzazzjoni bħala parti mit-tħin fin (rendering) mhumiex ikkunsidrati.

Valuri awtomatiċi diżaggregati għall-ipproċessar: "ep" kif definit fil-Parti C ta' dan l-Anness

Mogħdija tal-produzzjoni tal-bijokarburanti u bijolikwidi	Emissjonijiet ta' gassijiet serra - valur tipiku (g CO ₂ eq/MJ)	Emissjonijiet ta' gass serra - valur awtomatiku (g CO ₂ eq/MJ)
etanol tal-pitrava taz-zokkor (l-ebda bijogass mill-isloj, gass naturali bħala karburant tal-proċess f'bojler konvenzjonali)	18,8	26,3
etanol tal-pitrava taz-zokkor (bil-bijogass mill-isloj, gass naturali bħala karburant tal-proċess f'bojler konvenzjonali)	9,7	13,6
etanol tal-pitrava taz-zokkor (l-ebda bijogass mill-isloj, gass naturali bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*))	13,2	18,5
etanol tal-pitrava taz-zokkor (bil-bijogass mill-isloj, gass naturali bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*))	7,6	10,6
etanol tal-pitrava taz-zokkor (l-ebda bijogass mill-isloj, linjite bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*))	27,4	38,3
etanol tal-pitrava taz-zokkor (bil-bijogass mill-isloj, linjite bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*))	15,7	22,0
etanol tal-qamħirrum (maize) (gass naturali bħala karburant tal-proċess f'bojler konvenzjonali)	20,8	29,1
etanol tal-qamħirrum (maize), (gass naturali bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*))	14,8	20,8
etanol tal-qamħirrum (maize) (linjite bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*))	28,6	40,1
etanol tal-qamħirrum (maize) (residwi tal-foresti bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*))	1,8	2,6
ċereali oħra għajr l-etanol tal-qamħirrum (gass naturali bħala karburant tal-proċess f'bojler konvenzjonali)	21,0	29,3
ċereali oħra għajr l-etanol tal-qamħirrum (gass naturali bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*))	15,1	21,1
ċereali oħra għajr l-etanol tal-qamħirrum (linjite bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*))	30,3	42,5
ċereali oħra għajr l-etanol tal-qamħirrum (residwi tal-foresti bħala karburant tal-proċess f'impjant CHP (*))	1,5	2,2
etanol tal-kannamiela	1,3	1,8
il-parti minn sorsi rinnovabbli ta' ETBE	Ugwali għal dik tal-mogħdija użata għall-produzzjoni ta' etanol	

Mogħdija tal-produzzjoni tal-bijokarburanti u bijolikwidi	Emissjonijiet ta' gassijiet serra - valur tipiku (g CO ₂ eq/MJ)	Emissjonijiet ta' gass serra - va- lur awtomatiku (g CO ₂ eq/MJ)
il-parti mis-sorsi rinnovabbli tat-TAEE	Ugwali għal dik tal-mogħdija użata għall-produzzjoni ta' etanol	
bijodiżil taż-żerriegħa tal-kolza	11,7	16,3
bijodiżil tal-ġirasol	11,8	16,5
bijodiżil tas-sojja	12,1	16,9
bijodiżil taż-żejt tal-palm (ħawt effluwenti miftuħ)	30,4	42,6
bijodiżil taż-żejt tal-palm (proċess bil-qbid tal-metan fil-mitħna taż-żejt)	13,2	18,5
bijodiżil mill-iskart taż-żejt tat-tisjir	9,3	13,0
bijodiżil mit-tħin fin (rendering) ta' xaħmijiet tal-annimali (**)	13,6	19,1
żejt veġetali idrotrattat miż-żerriegħa tal-kolza	10,7	15,0
żejt veġetali idrotrattat mill-ġirasol	10,5	14,7
żejt veġetali idrotrattat mis-sojja	10,9	15,2
żejt veġetali idrotrattat miż-żejt tal-palm (ħawt effluwenti miftuħ)	27,8	38,9
żejt veġetali idrotrattat miż-żejt tal-palm (proċess bil-qbid tal-metan fil-mitħna taż-żejt)	9,7	13,6
żejt idrotrattat mill-iskart taż-żejt tat-tisjir	10,2	14,3
żejt idrotrattat mit-tħin fin (rendering) tax-xaħmijiet tal-annimali (**)	14,5	20,3
żejt veġetali safi miż-żerriegħa tal-kolza	3,7	5,2
żejt veġetali safi mill-ġirasol	3,8	5,4
żejt veġetali safi mis-sojja	4,2	5,9
żejt veġetali safi miż-żejt tal-palm (ħawt effluwenti miftuħ)	22,6	31,7
żejt veġetali safi miż-żejt tal-palm (proċess bil-qbid tal-metan fil-mitħna taż-żejt)	4,7	6,5
żejt safi mill-iskart taż-żejt tat-tisjir	0,6	0,8

(*) Valuri awtomatiċi għall-ipproċessar bl-użu tas-CHP huma validi biss jekk is-sħana tal-proċess hija fornuta kollha bis-CHP.

(**) Nota: tapplika biss għal bijokarburanti prodotti minn prodotti sekondarji tal-annimali kklassifikat bħala materjal tal-kategorija 1 u 2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009, li għalihom l-emissjonijiet relatati mal-iġenizzazzjoni bħala parti mit-tħin fin (rendering) mhumiex ikkunsidrati.

Valuri awtomatiċi diżaggregati għall-estrazzjoni taż-żejt biss (dawn diġà huma inklużi fil-valuri diżaggregati għall-ipproċessar tal-emissjonijiet fit-tabella “e_p”)

Mogħdija tal-produzzjoni tal-bijokarburanti u bijolikwidi	Emissjonijiet ta' gassijiet serra - valur tipiku (g CO ₂ eq/MJ)	Emissjonijiet ta' gassijiet serra - valur awtomatiku (g CO ₂ eq/MJ)
bijodiżil taż-żerriegħa tal-kolza	3,0	4,2
bijodiżil tal-ġirasol	2,9	4,0
bijodiżil tas-sojja	3,2	4,4
bijodiżil taż-żejt tal-palm (ħawt effluwenti miftuħ)	20,9	29,2
bijodiżil taż-żejt tal-palm (proċess bil-qbid tal-metan fil-mitħna taż-żejt)	3,7	5,1
bijodiżil mill-iskart taż-żejt tat-tisjir	0	0
bijodiżil mit-tħin fin (rendering) ta' xaħmijiet tal-annimali (**)	4,3	6,1
żejt veġetali idrotrattat miż-żerriegħa tal-kolza	3,1	4,4
żejt veġetali idrotrattat mill-ġirasol	3,0	4,1
żejt veġetali idrotrattat mis-sojja	3,3	4,6
żejt veġetali idrotrattat miż-żejt tal-palm (ħawt effluwenti miftuħ)	21,9	30,7
żejt veġetali idrotrattat miż-żejt tal-palm (proċess bil-qbid tal-metan fil-mitħna taż-żejt)	3,8	5,4
żejt idrotrattat mill-iskart taż-żejt tat-tisjir	0	0
żejt idrotrattat mit-tħin fin (rendering) tax-xaħmijiet tal-annimali (**)	4,3	6,0
żejt veġetali safi miż-żerriegħa tal-kolza	3,1	4,4
żejt veġetali safi mill-ġirasol	3,0	4,2
żejt veġetali safi mis-sojja	3,4	4,7
żejt veġetali safi miż-żejt tal-palm (ħawt effluwenti miftuħ)	21,8	30,5
żejt veġetali safi miż-żejt tal-palm (proċess bil-qbid tal-metan fil-mitħna taż-żejt)	3,8	5,3
żejt safi mill-iskart taż-żejt tat-tisjir	0	0

(**) Nota: tapplika biss għal bijokarburanti prodotti minn prodotti sekondarji tal-annimali kklassifikat bħala materjal tal-kategorija 1 u 2 skont ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009, li għalihom l-emissjonijiet relatati mal-iġenizzazzjoni bħala parti mit-tħin fin (rendering) mhumiex ikkunsidrati.

Valuri diżaggregati awtomatiċi għat-trasport u d-distribuzzjoni: “e_{id}” kif definit fil-Parti C ta’ dan l-Anness

Mogħdija tal-produzzjoni tal-bijokarburanti u bijolikwidi	Emissjonijiet ta’ gassijiet serra - valur tipiku (g CO ₂ eq/MJ)	Emissjonijiet ta’ gassijiet serra - valur awtomatiku (g CO ₂ eq/MJ)
etanol tal-pitrava taz-zokkor (l-ebda bijogass mill-islop, gass naturali bħala karburant tal-proċess f’bojler konvenzjonali)	2,3	2,3
etanol tal-pitrava taz-zokkor (bil-bijogass mill-islop, gass naturali bħala karburant tal-proċess f’bojler konvenzjonali)	2,3	2,3
etanol tal-pitrava taz-zokkor (l-ebda bijogass mill-islop, gass naturali bħala karburant tal-proċess f’impjant CHP (*))	2,3	2,3
etanol tal-pitrava taz-zokkor (bil-bijogass mill-islop, gass naturali bħala karburant tal-proċess f’impjant CHP (*))	2,3	2,3
etanol tal-pitrava taz-zokkor (l-ebda bijogass mill-islop, linjite bħala karburant tal-proċess f’impjant CHP (*))	2,3	2,3
etanol tal-pitrava taz-zokkor (bil-bijogass mill-islop, linjite bħala karburant tal-proċess f’impjant CHP (*))	2,3	2,3
etanol tal-qamħirrun (maize) (gass naturali bħala karburant tal-proċess f’impjant CHP)	2,2	2,2
etanol tal-qamħirrun (maize) (gass naturali bħala karburant tal-proċess f’bojler konvenzjonali)	2,2	2,2
etanol tal-qamħirrun (maize) (linjite bħala karburant tal-proċess f’impjant CHP (*))	2,2	2,2
etanol tal-qamħirrun (maize) (residwi tal-foresti bħala karburant tal-proċess f’impjant CHP (*))	2,2	2,2
ċereali oħra għajr l-etanol tal-qamħirrun (gass naturali bħala karburant tal-proċess f’bojler konvenzjonali)	2,2	2,2
ċereali oħra għajr l-etanol tal-qamħirrun (gass naturali bħala karburant tal-proċess f’impjant CHP (*))	2,2	2,2
ċereali oħra għajr l-etanol tal-qamħirrun (linjite bħala karburant tal-proċess f’impjant CHP (*))	2,2	2,2
ċereali oħra għajr l-etanol tal-qamħirrun (residwi tal-foresti bħala karburant tal-proċess f’impjant CHP (*))	2,2	2,2
etanol tal-kannamiela	9,7	9,7
il-parti minn sorsi rinnovabbli ta’ ETBE	Ugwali għal dik tal-mogħdija użata għall-produzzjoni ta’ etanol	

Mogħdija tal-produzzjoni tal-bijokarburanti u bijolikwidi	Emissjonijiet ta' gassijiet serra - valur tipiku (g CO ₂ eq/MJ)	Emissjonijiet ta' gassijiet serra - valur awtomatiku (g CO ₂ eq/MJ)
il-parti mis-sorsi rinnovabbli tat-TAEE	Ugwali għal dik tal-mogħdija użata għall-produzzjoni ta' etanol	
bijodiżil taż-żerriegħa tal-kolza	1,8	1,8
bijodiżil tal-ġirasol	2,1	2,1
bijodiżil tas-sojja	8,9	8,9
bijodiżil taż-żejt tal-palm (ħawt effluwenti miftuħ)	6,9	6,9
bijodiżil taż-żejt tal-palm (proċess bil-qbid tal-metan fil-mitħna taż-żejt)	6,9	6,9
bijodiżil mill-iskart taż-żejt tat-tisjir	1,9	1,9
bijodiżil mit-tħin fin (rendering) ta' xaħmijiet tal-annimali (**)	1,7	1,7
żejt veġetali idrotrattat miż-żerriegħa tal-kolza	1,7	1,7
żejt veġetali idrotrattat mill-ġirasol	2,0	2,0
Artikolu 19(1), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 31(1), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 19(1), l-ewwel subparagrafu, punti (a), (b) u (c)	Artikolu 31(1), l-ewwel subparagrafu, punti (a), (b) u (c)
—	Artikolu 31(1), l-ewwel subparagrafu, punt (d)
Artikolu 19(2), (3) u (4)	Artikolu 31(2), (3) u (4)
Artikolu 19(5)	—
Artikolu 19(7), l-ewwel subparagrafu	Artikolu 31(5), l-ewwel subparagrafu
Artikolu 19(7), l-ewwel subparagrafu, l-ewwel, it-tieni, it-tielet u l-raba' inċiż	—
Artikolu 19(7), it-tieni u t-tielet subparagrafi	Artikolu 31(5), it-tieni u t-tielet subparagrafi
Artikolu 19(8)	Artikolu 31(6)
Artikolu 20	Artikolu 32
Artikolu 22	—
Artikolu 23(1) u (2)	Artikolu 33(1) u (2)
Artikolu 23(3), (4), (5), (6), (7) u (8)	—
Artikolu 23(9)	Artikolu 33(3)
Artikolu 23(10)	Artikolu 33(4)
Artikolu 24	—
Artikolu 25(1)	Artikolu 34(1)
Artikolu 25(2)	Artikolu 34(2)
Artikolu 25(3)	Artikolu 34(3)
Artikolu 25a(1)	Artikolu 35(1)
Artikolu 25a(2)	Artikolu 35(2) u (3)
Artikolu 25a(3)	Artikolu 35(4)
—	Artikolu 35(5)
Artikolu 25a(4) u (5)	Artikolu 35(6) u (7)
Artikolu 26	—
Artikolu 27	Artikolu 36
—	Artikolu 37
Artikolu 28	Artikolu 38
Artikolu 29	Artikolu 39
Anness I	Anness I
Anness II	Anness II
Anness III	Anness III
Anness IV	Anness IV
Anness V	Anness V
Anness VI	—
—	Anness VI
Anness VII	Anness VII
Anness VIII	Anness VIII
Anness IX	Anness IX
—	Anness X
—	Anness XI

DIRETTIVA (UE) 2018/2002 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**tal-11 ta' Diċembru 2018****li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 194(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni ⁽²⁾,Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽³⁾,

Billi:

- (1) Il-moderazzjoni tad-domanda għall-enerġija hija waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija stabbilita mill-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Frar 2015 intitolata "Qafas Strateġiku għal Unjoni tal-Enerġija Reżiljenti b'Politika dwar il-Bidla fil-Klima li tħares 'il quddiem". It-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija matul il-katina kollha tal-enerġija, inklużi l-ġenerazzjoni, it-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-użu finali tal-enerġija, ser ikun ta' benefiċċju għall-ambjent, itejjeb il-kwalità tal-arja u s-saħħa pubblika, inaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, itejjeb is-sigurtà tal-enerġija bit-tnaqqis tad-dipendenza mill-importazzjonijiet tal-enerġija minn barra l-Unjoni, jaqta l-ispejjeż tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għall-kumpanniji, jgħin biex itaffi l-faqar enerġetiku u jwassal għal żieda fil-kompetittività, aktar impjegi u żieda fl-attività ekonomika fl-ekonomija kollha, u b'hekk itejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini. Dan huwa konformi mal-impenji tal-Unjoni magħmula fil-qafas tal-Unjoni tal-Enerġija u l-aġenda tal-klima globali stabbilita mill-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar il-bidla fil-klima wata l-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ⁽⁴⁾ (il-"Ftehim ta' Pariġi"), bl-impenn li żżomm iż-żieda fit-temperatura medja globali sew taħt iż-2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u li tagħmel sforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C iktar mil-livelli preindustrijali.
- (2) Id-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾ hija element għall-progress lejn l-Unjoni tal-Enerġija, li taħtha l-effiċjenza fl-enerġija għandha tiġi ttrattata bħala sors tal-enerġija fiha nnifisha. Jenħtieġ li l-prinċipju li l-effiċjenza fl-enerġija tiġi l-ewwel meta jiġu stabbiliti regoli għodda għan-naħa tal-provvista u għal oqsma ta' politika oħra. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura li l-effiċjenza fl-enerġija u r-rispons tan-naħa tad-domanda jkun jistgħu jikkompetu fuq termini ekwi mal-kapaċità tal-ġenerazzjoni. Jenħtieġ li l-effiċjenza fl-enerġija tiġi kkunsidrata kull meta jittieħdu deċizzjonijiet marbuta mal-ippjanar tas-sistema tal-enerġija jew dwar finanzjament. Irid isir titjib fl-effiċjenza fl-enerġija kull meta jkun iżjed kosteffettiv minn soluzzjonijiet mil-lat tal-provvista li jkun ekwivalenti. Dan għandu jgħin biex jiġu sfruttati d-diversi benefiċċji tal-effiċjenza fl-enerġija għall-Unjoni, b'mod partikolari għaċ-ċittadini u għan-negozji.
- (3) Jenħtieġ li l-effiċjenza fl-enerġija tiġi rikonoxxuta bħala element kruċjali u kunsiderazzjoni prijoritarja f'deċizzjonijiet futuri ta' investiment dwar l-infrastruttura tal-enerġija tal-Unjoni.
- (4) Biex tintlaħaq mira ambizzjuża għall-effiċjenza fl-enerġija jeħtieġ li jitneħħew ostakli, biex jiġi ffaċilitat l-investiment f'miżuri ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija. Pass wieħed f'dik id-direzzjoni hija l-kjarifika mogħtija mill-Eurostat fid-19 ta' Settembru 2017 dwar kif għandhom jiġu rreġistrati l-kuntratti ta' prestazzjoni tal-enerġija fil-kontijiet nazzjonali, li telimina inċertezzi u tiffaċilita l-użu ta' tali kuntratti.

⁽¹⁾ ĠU C 246, 28.7.2017, p. 42.⁽²⁾ ĠU C 342, 12.10.2017, p. 119.⁽³⁾ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Novembru 2018 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċizzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2018.⁽⁴⁾ ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.⁽⁵⁾ Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

- (5) Il-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014 appoġġa mira ta' 27 % ta' effiċjenza fl-enerġija għall-2030 fil-livell tal-Unjoni, li għandha tiġi riveduta sal-2020 b'kont meħud ta' mira ta' livell tal-Unjoni ta' 30 %. Fir-Risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2015 intitolata "Lejn Unjoni Ewropea tal-Enerġija", il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tivvaluta, addizzjonalment, il-vijabbiltà ta' mira ta' 40 % għall-effiċjenza fl-enerġija għall-istess perijodu ta' żmien. Għalhekk huwa xieraq li d-Direttiva 2012/27/UE tiġi emendata, biex tiġi adattata għall-perspettiva tal-2030.
- (6) Il-ħtieġa li l-Unjoni tilħaq il-miri tagħha tal-effiċjenza fl-enerġija fil-livell tal-UE, espressi f'konsum primarju u/jew finali tal-enerġija, tenħtieġ li tiġi stabbilita b'mod ċar fil-forma ta' mira ta' mill-inqas 32,5 % għall-2030. Il-proġettazzjonijiet magħmula fl-2007 indikaw konsum ta' 1 887 Mtoe ta' enerġija primarja u konsum ta' 1 416 Mtoe ta' enerġija finali. Tnaqqis ta' 32,5 % jirriżulta rispettivament f'1 273 Mtoe u 956 Mtoe fl-2030. Dik il-mira, li hi tal-istess natura bħall-mira tal-Unjoni għall-2020, jenħtieġ li tiġi vvalutata mill-Kummissjoni sabiex tiġi riveduta l-fuq sal-2023 fil-każ ta' tnaqqis sostanzjali tal-ispejjeż jew, fejn meħtieġ, biex jitwettqu l-impenji internazzjonali tal-Unjoni għad-dekarbonizzazzjoni. Ma hemm ebda mira vinkolanti fil-livell tal-Istati Membri fil-perspettivi tal-2020 u tal-2030, u jenħtieġ li tibqa' mhux ristretta l-libertà tal-Istati Membri li jistabbilixxu l-kontribuzzjonijiet nazzjonali tagħhom fuq il-bażi tal-konsum primarju jew finali ta' enerġija jew l-iffrankar primarju jew finali tal-enerġija, jew fuq l-intensità tal-enerġija. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-kontribuzzjonijiet indikattivi nazzjonali tagħhom tal-effiċjenza fl-enerġija filwaqt li jqisu li l-konsum tal-enerġija tal-Unjoni għall-2030 ma jridx ikun aktar minn 1 273 Mtoe ta' enerġija primarja u/jew mhux aktar minn 956 Mtoe ta' enerġija finali. Dan ifisser li l-konsum primarju ta' enerġija fl-Unjoni jenħtieġ li jitnaqqas b'26 %, u li l-konsum finali ta' enerġija jenħtieġ li jitnaqqas b'20 %, meta mqabbel mal-livelli tal-2005. Evalwazzjoni regolari tal-progress lejn il-kisba tal-miri tal-Unjoni għall-2030 hija neċessarja u hija prevista fir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.
- (7) L-effiċjenza operattiva tas-sistemi tal-enerġija fi kwalunkwe mument partikolari hija influwenzata mill-kapaċità li jalimentaw enerġija ġġenerata minn sorsi differenti – b'livelli differenti ta' inerzja u ħinijiet tal-istartjar – fil-grila, mingħajr intoppi u b'mod flessibbli. It-titjib ta' dik l-effiċjenza jkun jista' jsir użu aħjar mill-enerġija rinnovabbli.
- (8) It-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija jista' jagħti kontribut għal produzzjoni ekonomika akbar. L-Istati Membri u l-Unjoni jenħtieġ li jkollhom l-għan li jnaqqsu l-konsum tal-enerġija irrispettivament mil-livelli ta' tkabbir ekonomiku.
- (9) L-obbligu tal-Istati Membri li jistabbilixxu strateġiji fit-tul għall-mobilizzazzjoni tal-investiment u l-faċilitazzjoni tar-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini nazzjonali tagħhom u jinnotifikawhom lill-Kummissjoni jitneħħa mid-Direttiva 2012/27/UE u jiżdied mad-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ fejn dak l-obbligu jaqbel mal-pjanijiet fit-tul għal bini b'użu tal-enerġija qrib iż-żero (NZEBS) u d-dekarbonizzazzjoni tal-bini.
- (10) Fid-dawl tal-qafas tal-klima u l-enerġija għall-2030, l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija stabbilit mid-Direttiva 2012/27/UE jenħtieġ li jiġi estiż lil hinn mill-2020. Dik l-estensjoni toħloq aktar stabbiltà għall-investituri u b'hekk tinkoraġġixxi investimenti fit-tul u miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija fit-tul, bħar-rinnovazzjoni estensiva tal-bini bl-oġettiv, fuq perijodu twil, li tiġi faċilitata t-trasformazzjoni kosteffettiva ta' bini eżistenti f'NZEBS. L-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija għandu rwol importanti fil-ħolqien ta' tkabbir u ta' impjegi lokali, u jenħtieġ li jinżamm sabiex jiġi żgurat li l-Unjoni tkun tista' tikseb il-miri tagħha tal-enerġija u tal-klima billi toħloq aktar opportunitajiet u sabiex il-konsum tal-enerġija ma jibqax affettwat mit-tkabbir. Il-kooperazzjoni mas-settur privat hija importanti biex jiġu vvalutati l-kundizzjonijiet li bihom jista' jiġi sfruttat l-investiment privat għal proġetti ta' effiċjenza fl-enerġija u biex jiġu żviluppati mudelli ta' dħul ġodda għall-innovazzjoni fil-qasam tal-effiċjenza fl-enerġija.
- (11) Il-miżuri għat-titjib tal-effiċjenza fl-enerġija għandhom ukoll impatt pożittiv fuq il-kwalità tal-arja, minħabba li aktar bini effiċjenti fl-enerġija jikkontribwixxi biex inaqqas id-domanda għall-karburanti tat-tisħin, inklużi l-karburanti solidi tat-tisħin. Għalhekk, il-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija jikkontribwixxu għat-titjib fil-kwalità tal-arja ta' ġewwa u ta' barra u jgħinu, b'mod kosteffettiv, biex jinkisbu l-oġettivi tal-politika tal-kwalità tal-arja tal-Unjoni, kif stabbiliti b'mod partikolari mid-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾.

⁽¹⁾ Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

⁽²⁾ Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13).

⁽³⁾ Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

- (12) L-Istati Membri huma meħtieġa jilhqqu ffrankar kumulattiv fl-użu finali tal-enerġija għall-perijodu kollu ta' obbligu mill-2021 sal-2030, ekwivalenti għal iffrankar annwali ġdid ta' mill-inqas 0,8 % tal-konsum finali tal-enerġija. Dak ir-rekwiżit jista' jiġi ssodisfat minn miżuri ġodda ta' politika li jiġu adottati matul il-perijodu l-ġdid ta' obbligu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 jew minn azzjonijiet individwali ġodda b'riżultat ta' miżuri ta' politika adottati matul jew qabel il-perijodu preċedenti, sakemm l-azzjonijiet individwali li jattivaw l-iffrankar tal-enerġija jiġu introdotti matul il-perijodu l-ġdid. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw skema ta' obbligi tal-effiċjenza fl-enerġija, miżuri ta' politika alternattivi jew it-tnejn. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkunu pprovduti diversi għażliet, inkluż jekk l-enerġija użata fit-trasport tkunx, kollha kemm hi jew parzjalment, inkluża fix-xenarju bażi ta' kalkolu, sabiex l-Istati Membri jingħataw flessibilità f'kif jikkalkulaw l-ammont tal-iffrankar tal-enerġija tagħhom, filwaqt li jiżguraw li l-iffrankar kumulattiv meħtieġ fl-użu finali tal-enerġija ekwivalenti għal iffrankar annwali ġdid ta' mill-inqas 0,8 % jintlaħaq.
- (13) Madankollu, l-impożizzjoni ta' rekwiżit bħal dan fuq Ċipru u Malta tkun sproporzjonata. Is-suq tal-enerġija ta' dawn l-Istati Membri għejjer żgħar għandu karatteristiċi speċifiċi li jillimitaw sostanzjalment il-firxa ta' miżuri disponibbli biex jiġi ssodisfat l-obbligu tal-iffrankar tal-enerġija, bħall-eżistenza ta' distributur tal-elettriku wieħed, in-nuqqas ta' networks ta' gass naturali u ta' sistemi ta' tisħin distrettwali u tkessiħ distrettwali, kif ukoll iċ-ċokon tal-kumpanniji tad-distribuzzjoni tal-petroleum. Dawn il-karatteristiċi speċifiċi huma aggravati biċ-ċokon tas-swieq tal-enerġija ta' dawn l-Istati Membri. Għalhekk, Ċipru u Malta jenħtieġ li jkunu meħtieġa jiksibu biss iffrankar kumulattiv fl-użu finali tal-enerġija ekwivalenti għal iffrankar ġdid ta' 0,24 % tal-konsum finali ta' enerġija għall-perijodu mill-2021 sal-2030.
- (14) Fejn jużaw skema ta' obbligi, jenħtieġ li l-Istati Membri jinnominaw partijiet obligati fost id-distributuri tal-enerġija, il-kumpanniji li jbigħu l-enerġija fil-livell tal-konsum u d-distributuri jew bejjiegħa fil-livell tal-konsum tal-karburant għat-trasport abbażi ta' kriterji oġġettivi u mhux diskriminatorji. Jenħtieġ li n-nomina jew l-eżenzjoni min-nomina ta' ċerti kategoriji ta' tali distributuri jew bejjiegħa fil-livell tal-konsum ma jinftehimux bħala inkompatibbli mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu jekk tali distributuri jew bejjiegħa fil-livell tal-konsum jew ċerti kategoriji biss minnhom ikunux nominati bħala partijiet obligati.
- (15) Il-miżuri tal-Istati Membri ta' titjib tal-effiċjenza fl-enerġija fit-trasport huma eliġibbli biex jiġu kkunsidrati biex iwettqu l-obbligu tagħhom ta' ffrankar kumulattiv fl-użu finali tal-enerġija. Tali miżuri jinkludu politika li tkun, fost l-oħrajn, iddedikata biex tippromwovi vetturi aktar effiċjenti, bidla fil-mezzi għar-roti, il-mixi u t-trasport kollettiv, jew pjani ta' mobilità u żvilupp urban li jnaqqas id-domanda għat-trasport. Barra minn hekk, jistgħu jkunu wkoll eliġibbli skemi li jaċċelleraw l-użu ta' vetturi ġodda u aktar effiċjenti jew politika li trawwem bidla għal karburanti aktar effiċjenti li jnaqqsu l-użu tal-enerġija għal kull kilometru, soġġett għall-konformità mar-regoli dwar il-materjalità u l-addizzjonalità stabbiliti fl-Anness V tad-Direttiva 2012/27/UE kif emendat skont din id-Direttiva. Jenħtieġ li tali miżuri, jekk ikun xieraq, ikunu konsistenti mal-oqfsa ta' politika nazzjonali tal-Istati Membri stabbiliti skont id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.
- (16) Il-miżuri meħudin mill-Istati Membri skont ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ u li jirriżultaw f'titjib fl-effiċjenza fl-enerġija li jista' jiġi vverifikat, u mkejjel jew stmat jistgħu jitqiesu bħala mod kosteffettiv kif l-Istati Membri jissodisfaw l-obbligi tagħhom ta' ffrankar tal-enerġija taħt id-Direttiva 2012/27/UE kif emendata minn din id-Direttiva.
- (17) Bħala alternattiva għar-rekwiżit li partijiet obligati jiksibu l-ammont ta' ffrankar kumulattiv fl-użu finali tal-enerġija, meħtieġ taħt l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2012/27/UE kif emendata minn din id-Direttiva, jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri, fl-iskemi ta' obbligi tagħhom, biex jippermettu jew jesiġu li partijiet obligati jikkontribwixxu għal Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija.
- (18) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7(4) u (5) kif introdott minn din id-Direttiva, l-Istati Membri u l-partijiet obligati jenħtieġ li jagħmlu użu mill-mezzi u t-teknoloġiji disponibbli kollha biex jiksibu l-iffrankar kumulattiv tal-enerġija meħtieġ fl-użu finali, inkluż billi jippromwovu teknoloġiji sostenibbli f'sistemi effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ distrettwali, infrastruttura effiċjenti ta' tisħin u tkessiħ u verifiki tal-enerġija jew sistemi ta' ġestjoni

⁽¹⁾ Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).

⁽²⁾ Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).

ekwivalenti, dejjem jekk l-iffrankar iddikjarat tal-enerġija jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 7 u fl-Anness V tad-Direttiva 2012/27/UE kif emendata minn din id-Direttiva. L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-mira ta' livell għoli ta' flessibbiltà fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' politika alternattivi.

- (19) Il-miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija fit-tul ser ikomplu jwasslu għal iffrankar tal-enerġija wara l-2020 iżda sabiex jikkontribwixxu għall-mira tal-effiċjenza fl-enerġija tal-Unjoni għall-2030, jenħtieġ li daww il-miżuri jwasslu għal iffrankar għdid wara l-2020. Min-naħa l-oħra, l-iffrankar tal-enerġija miksub wara l-31 ta' Diċembru 2020 jenħtieġ li ma jingħaddx mal-iffrankar kumulattiv meħtieġ fl-użu finali tal-enerġija għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.
- (20) L-iffrankar għdid jenħtieġ li jkun addizzjonali għal dak li jsir is-soltu, biex l-iffrankar li xorta waħda kien isir ma jingħaddx mat-tweqqif tar-rekwiżiti tal-iffrankar tal-enerġija. Sabiex jiġi kkalkulat l-impatt tal-miżuri introdotti, jenħtieġ li jingħadd biss l-iffrankar nett, imkejje bħala l-bidla fil-konsum tal-enerġija li tista' tiġi attribwita direttament għall-miżura tal-effiċjenza fl-enerġija inkwistjoni. Sabiex jiġi kkalkulat l-iffrankar nett, l-Istati Membri jenħtieġ li jistabbilixxu xenarju bażi ta' kif is-sitwazzjoni tevolve fin-nuqqas tal-miżura inkwistjoni. Il-miżura ta' politika inkwistjoni jenħtieġ li tiġi evalwata bi tqabbil ma' dak ix-xenarju bażi. L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-fatt li jistgħu jittieħdu miżuri oħra ta' politika fl-istess perijodu ta' żmien li wkoll jista' jkollhom impatt fuq l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija, sabiex mhux il-bidliet kollha osservati mill-introduzzjoni tal-miżura ta' politika partikolari li qed tiġi evalwata jiġu attribwiti għal dik il-miżura ta' politika waħedha. L-azzjonijiet tal-parti obbligata, parteċipanti jew inkarigata jenħtieġ li fil-fatt jikkontribwixxu għall-kisba tal-iffrankar tal-enerġija ddikjarat biex jiġi żgurat l-adempiment tar-rekwiżit tal-materjalità.
- (21) Huwa importanti li jitqiesu, fejn rilevanti, l-stadij kollha fil-katina tal-enerġija fil-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija sabiex jiżied il-potenzjal ta' ffrankar tal-enerġija fit-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-elettriku.
- (22) Il-ġestjoni effikaċi tal-ilma tista' tagħti kontribut sinifikanti għall-iffrankar tal-enerġija. Is-setturi tal-ilma u tal-ilma mormi jammontaw għal 3,5 % tal-użu tal-elettriku fl-Unjoni u dak il-proporzjon mistenni jikber. Fl-istess ħin, it-tnixxijiet tal-ilma jammontaw għal 24 % tal-ilma totali kkunsmat fl-Unjoni u s-setturi tal-enerġija huwa l-akbar konsumatur tal-ilma, b'44 % tal-konsum. Il-potenzjal għall-iffrankar tal-enerġija permezz tal-użu ta' teknoloġiji u proċessi intelliġenti jenħtieġ li jiġi esplorat bis-sħiħ.
- (23) F'konformità mal-Artikolu 9 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, il-politiki tal-Unjoni dwar l-effiċjenza fl-enerġija jenħtieġ li jkunu inklużivi u għalhekk jenħtieġ li dawn jiżguraw l-aċċessibbiltà ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija għal konsumaturi milqutin minn faqar enerġetiku. It-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija tal-bini jenħtieġ b'mod partikolari li jkun ta' benefiċċju għal unitajiet domestiċi vulnerabbli, inklużi daww milqutin mill-faqar enerġetiku, u, fejn xieraq, daww li jgħixu f'akkomodazzjoni soċjali. L-Istati Membri diġà jistgħu jeħtieġu li l-partijiet obligati jinkludu għanijiet soċjali fil-miżuri ta' ffrankar tal-enerġija, b'rabta mal-faqar enerġetiku u din il-possibbiltà jenħtieġ li tiġi estiża għal miżuri ta' politika alternattivi u Fondi Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija u jenħtieġ li tissarraf f'obbligu, filwaqt li l-Istati Membri jkunu jistgħu jżommu flessibbiltà sħiħa b'rabta mad-daqs, il-kamp ta' applikazzjoni u l-kontenut tagħhom. Jekk skema tal-obbligi tal-effiċjenza fl-enerġija ma tkunx tippermetti miżuri marbuta ma' konsumaturi tal-enerġija individwali, l-Istat Membru jista' jieħu miżuri biex itaffi l-faqar enerġetiku permezz biss ta' miżuri ta' politika alternattivi.
- (24) Madwar 50 miljun unità domestika fl-Unjoni jintlaqtu mill-faqar enerġetiku. Il-miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija jridu b'hekk ikunu ċentrali għal kwalunkwe strateġija kosteffiċjenti biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku u l-vulnerabbiltà tal-konsumaturi, u huma komplementari għall-politiki ta' sigurtà soċjali fil-livell tal-Istati Membri. Biex jiġi żgurat li l-miżuri tal-effiċjenza fl-enerġija jnaqqsu l-faqar enerġetiku għall-okkupanti b'mod sostenibbli, jenħtieġ li titqies il-kosteffettività ta' tali miżuri, kif ukoll kemm il-prezz tagħhom jista' jintlaħaq mis-sidien tal-proprietajiet u l-okkupanti, u jenħtieġ li jiġi garantit appoġġ finanzjarju adegwat għal dawn il-miżuri fil-livell ta' Stat Membru. L-istokk tal-bini tal-Unjoni jeħtieġi, fuq perijodu twil, li jiġi konvertit fi NZEBs skont l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Ir-rati attwali tar-rinnovazzjoni tal-bini mhumiex suffiċjenti u l-bini li huwa okkupati minn ċittadini b'introjtu baxx li huma affettwati minn faqar enerġetiku huwa l-aktar diffiċli biex jintlaħaq. Il-miżuri stipulati fid-Direttiva 2012/27/UE kif emendata minn din id-Direttiva fir-rigward tal-obbligi ta' ffrankar tal-enerġija, l-iskemi tal-obbligi tal-effiċjenza fl-enerġija u miżuri ta' politika alternattivi huma għalhekk ta' importanza partikolari.
- (25) Jenħtieġ li jinkiseb aktar tnaqqis fl-infiq mill-konsumaturi fuq l-enerġija billi l-konsumaturi jiġu meġhuna jnaqqsu l-użu tal-enerġija tagħhom bit-tnaqqis fil-ħtiġijiet tal-enerġija tal-bini u titjib fl-effiċjenza tal-apparati, li jenħtieġ li jiġu kkombinati mad-disponibbiltà ta' mezzi ta' trasport li jużaw inqas enerġija integrati mat-trasport pubbliku u l-użu tar-rota.

- (26) Huwa kruċjali li titqajjem il-kuxjenza taċ-ċittadini kollha tal-Unjoni dwar il-benefiċċji ta' żieda tal-effiċjenza fl-enerġija u li tingħatalhom informazzjoni preċiża dwar modi kif din tista' tinkiseb. Effiċjenza akbar fl-enerġija hija wkoll ferm importanti għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni għaliex tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq l-importazzjoni ta' karburanti minn pajjiżi terzi.
- (27) L-ispejjeż u l-benefiċċji tal-miżuri kollha tal-effiċjenza fl-enerġija meħuda, inkluż perijodi ta' rkupru tal-ħlas lura, jenħtieġ li jsiru kompletament trasparenti għall-konsumaturi.
- (28) Meta jimplimentaw id-Direttiva 2012/27/UE kif emendata minn din id-Direttiva u jieħdu miżuri oħra fil-qasam tal-effiċjenza fl-enerġija, l-Istati Membri jenħtieġ li jagħtu attenzjoni partikolari lis-sinerġiji bejn il-miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija u l-użu effiċjenti ta' riżorsi naturali skont il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari.
- (29) L-Istati Membri, filwaqt li jieħdu vantaġġ minn mudelli u teknoloġiji ġodda tan-negozju, jenħtieġ li jistinkaw biex jippromwovu u jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija, inkluż permezz ta' servizzi ta' enerġija innovattivi għall-klijenti kbar u żgħar.
- (30) Bħala parti mill-miżuri stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-15 ta' Lulju 2015 intitolata "Inwasslu Patt Ġdid għall-Konsumaturi tal-Enerġija", fil-kuntest tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-istrateġija dwar it-Tisħin u t-Tkessiħ, jenħtieġ li jissaħħu d-drittijiet minimi tal-konsumaturi għal informazzjoni preċiża, affidabbli, ċara u f'waqtha dwar il-konsum tal-enerġija tagħhom. Jenħtieġ li l-Artikoli 9 sa 11 u l-Anness VII tad-Direttiva 2012/27/UE jiġu emendati biex jipprevedu feedback frekwenti u mtejjeb dwar il-konsum tal-enerġija, fejn dan ikun teknikament fattibbli u kosteffiċjenti bil-ħsieb tal-apparati ta' kejl fil-post. Din id-Direttiva tiċċara li jekk il-kejl separat huwiex kosteffiċjenti jew le jiddependi minn jekk l-ispejjeż relatati humiex proporzjonati għall-iffrankar potenzjali ta' enerġija. Il-valutazzjoni jekk il-kejl separat huwiex kosteffiċjenti jew le tista' tqis l-effett ta' miżuri konkreti oħra ppjanati f'bini partikolari, bħal pereżempju kwalunkwe rinnoazzjoni li tkun ser issir.
- (31) Din id-Direttiva tiċċara wkoll li jenħtieġ li japplikaw drittijiet relatati mal-kontijiet, u mal-informazzjoni dwar il-kontijiet jew il-konsum, għall-konsumaturi tat-tisħin, it-tkessiħ jew l-ilma sħun domestiku furnut minn sors ċentrali anki fejn ma jkollhomx relazzjoni kuntrattwali individwali diretta ma' fornitur tal-enerġija. Id-definizzjoni tat-terminu "klijent aħħari" tista' tintfiehmed bħala li tirreferi biss għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jixtru l-enerġija abbażi ta' kuntratt dirett u individwali ma' fornitur tal-enerġija. Għall-finijiet tad-dispożizzjonijiet rilevanti, it-terminu "utent aħħari" għalhekk jenħtieġ li jiġi introdott biex jirreferi għal grupp ikbar ta' konsumaturi u, flimkien mal-klijenti aħħarin li jixtru t-tisħin, it-tkessiħ jew l-ilma sħun domestiku għall-użu aħħari tagħhom stess, ikopri wkoll l-okkupanti ta' bini individwali jew ta' unitajiet individwali ta' binjiet b'aktar minn appartament jew użu wieħed fejn dawn l-unitajiet jiġu furnuti minn sors ċentrali u fejn l-okkupanti m'għandhom ebda kuntratt dirett jew individwali mal-fornitur tal-enerġija. It-terminu "kejl separat tal-konsum" jenħtieġ li jirreferi għall-kejl tal-konsum f'unitajiet individwali ta' tali bini.
- (32) Biex tinkiseb trasparenza fil-kontabilità tal-konsum individwali ta' enerġija termali u b'hekk tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-kejl separat tal-konsum, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkollhom fis-seħħ regoli nazzjonali trasparenti u pubblikament disponibbli dwar l-allokazzjoni tal-ispiża tal-konsum ta' tisħin, tkessiħ u ilma sħun domestiku f'binjiet b'aktar minn appartament jew użu wieħed. Minbarra t-trasparenza, l-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw it-teħid ta' miżuri li jsaħħu l-kompetizzjoni fil-provvista tas-servizzi ta' kejl separat tal-konsum u b'hekk jgħinu biex jiġi żgurat li l-ispejjeż kollha mgħarrba mill-utenti aħħarin ikunu raġonevoli.
- (33) Sal-25 ta' Ottubru 2020, jenħtieġ li jkun hemm installati ġodda arloġġi tas-sħana u allokaturi tal-ispiża għat-tisħin li jinqraw mill-bogħod biex jiżguraw l-għoti kosteffettiv u frekwenti ta' informazzjoni dwar il-konsum. L-emendi fid-Direttiva 2012/27/UE introdotti minn din id-Direttiva relattivi għall-kejl tal-konsum għal tisħin, tkessiħ u ilma sħun domestiku; il-kejl separat tal-konsum u l-allokazzjoni tal-ispiża għat-tisħin, it-tkessiħ u l-ilma sħun domestiku; ir-reqwiżit ta' qari mill-bogħod; l-informazzjoni dwar il-kontijiet u l-konsum għat-tisħin u t-tkessiħ u għall-ilma sħun domestiku; l-ispiża tal-aċċess għall-kejl tal-konsum u l-informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum għat-tisħin, it-tkessiħ u l-ilma sħun domestiku; ir-reqwiżiti minimi għal informazzjoni dwar il-kontijiet u għat-tisħin, għat-tkessiħ u għall-ilma sħun domestiku furnut minn sors ċentrali. L-Istati Membri huma hiesla li jiddeċiedu jekk teknoloġiji li jinqraw waqt il-mixi jew is-sewqan minn hdejhomm għandhomx jitqiesu li jinqraw mill-bogħod jew le. Apparati li jinqraw mill-bogħod ma jeħtiġux aċċess għal appartamenti jew unitajiet individwali biex jinqraw.
- (34) L-Istati Membri jenħtieġ li jqisu l-fatt li l-implimentazzjoni b'suċċess ta' teknoloġiji ġodda għall-kejl tal-konsum tal-enerġija tirrikjedi investment imsaħħaħ fl-edukazzjoni u l-ħiliet kemm għall-utenti kif ukoll għall-fornituri tal-enerġija.

- (35) L-informazzjoni dwar il-kontijiet u r-rendikonti annwali huma mezz importanti li bih jinżammu infurmati l-klijenti dwar il-konsum tagħhom tal-enerġija. Id-data dwar il-konsum u l-ispejjeż tista' wkoll twassal informazzjoni oħra li tgħin lill-konsumaturi jqabblu l-kuntratt attwali tagħhom ma' offerti oħra u jagħmlu użu minnġestjoni tal-ilmenti u mekkaniżmi alternattivi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim. Madankollu, fid-dawl tal-fatt li tilwim relatat mal-kontijiet huwa sors komuni ta' lmenti mill-konsumaturi u fattur li jikkontribwixxi għal livelli persistentement baxxi ta' sodisfazzjon tal-konsumaturi u ta' kwistjonijiet mal-fornituri tagħhom tal-enerġija, huwa meħtieġ li jsiru kontijiet aktar sempliċi, ċari u eħfef biex jinfteħmu, filwaqt li jiġi żgurat li strumenti separati, pereżempju informazzjoni dwar il-kontijiet, għodod ta' informazzjoni u dikjarazzjonijiet annwali, jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa biex il-konsumaturi jkunu jistgħu jirregolaw il-konsum tagħhom tal-enerġija, iqabblu l-offerti u jaqilbu minn fornituri għall-ieħor.
- (36) Il-miżuri tal-Istati Membri jenħtieġ li jiġu appoġġati bi strumenti finanzjarji tal-Unjoni mfassla sew u effettivi, bħall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, u bil-finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ), li jenħtieġ li jappoġġaw investimenti fl-effiċjenza fl-użu tal-enerġija fl-istadji kollha tal-katina tal-enerġija u jużaw analiżi komprensiva tal-ispejjeż u l-benefiċċji b'mudell ta' rata ta' skont differenzjati. Jenħtieġ li l-appoġġ finanzjarju jiffoka fuq metodi kosteffettivi biex tiżdied l-effiċjenza fl-enerġija, li jwassal għal tnaqqis fil-konsum tal-enerġija. Jenħtieġ li l-BEI u l-BERŻ, flimkien mal-banek promozzjonali nazzjonali, ifasslu, jiġġeneraw u jiffinanzjaw programmi u proġetti ddedikati għas-settur tal-effiċjenza, inkluż għall-unitajiet domestiċi f'sitwazzjoni ta' faqar enerġetiku.
- (37) Sabiex ikun possibbli li l-Annessi tad-Direttiva 2012/27/UE u l-valuri ta' referenza armonizzati għall-effiċjenza jiġu aġġornati, jenħtieġ li d-delega tas-setgħat mogħtija tiġi estiża lill-Kummissjoni. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni jkollha konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' thejġija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li daww il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet ⁽¹⁾. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni uguali fit-thejġija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jitrattaw it-thejġija ta' atti delegati.
- (38) Sabiex tkun tista' tiġi evalwata l-effettività tad-Direttiva 2012/27/UE kif emendata minn din id-Direttiva, jenħtieġ li jiġi introdott rekwiżit biex isir rieżami ġenerali ta' dik id-Direttiva u li jiġi ppreżentat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-28 ta' Frar 2024. Dak ir-ieżami jenħtieġ li jsir wara l-bilanċ globali mill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima fl-2023, sabiex jippermetti li jiġu introdotti allinjamenti meħtieġa għal dak il-proċess, b'kont meħud ukoll tal-iżviluppi ekonomiċi u ta' innovazzjoni.
- (39) L-awtoritajiet lokali u reġjonali jenħtieġ li jingħataw rwol ewlieni fl-iżvilupp u fit-tfassil, l-eżekuzzjoni u l-valutazzjoni tal-miżuri stabbiliti fid-Direttiva 2012/27/UE, sabiex ikunu jistgħu jindirizzaw il-karatteristiċi speċifiċi tal-klima, il-kultura u s-soċjetà tagħhom b'mod xieraq
- (40) Sabiex jirrifletti l-progress teknoloġiku u s-sehem dejjem jikber tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fis-settur tal-ġenerazzjoni tal-elettriku, il-koeffiċjent awtomatiku għall-iffrankar f'kWh ta' elettriku, jenħtieġ li jiġi rivedut sabiex jirrifletti t-tibdil fil-fattur tal-enerġija primarja (PEF) għall-elettriku. Il-kalkoli li jirriflettu t-taħlita ta' enerġija tal-PEF għall-elettriku huma bbażati fuq valuri medji annwali. Il-metodu tal-kontabilità tal-"kontenut tal-enerġija fiżika" jintuża għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana nukleari u l-metodu tal-"effiċjenza tal-konverżjoni teknika" jintuża għall-ġenerazzjoni tal-elettriku u tas-sħana minn karburanti fossili u bijomassa. Għall-enerġija rinnovabbli mhux kombustibbli, il-metodu huwa l-ekwivalenti dirett ibbażat fuq l-approċċ tal-"enerġija primarja totali". Biex jiġi kkalkulat is-sehem tal-enerġija primarja għall-elettriku f'CHP, jiġi applikat il-metodu stabbilit fl-Anness II tad-Direttiva 2012/27/UE. Tiġi użata pożizzjoni medja tas-suq pjuttost milli waħda marġinali. L-effiċjenzi tal-konverżjoni huma preżunti li huma 100 % għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli mhux kombustibbli, 10 % għal impjanti ġeotermali u 33 % għal impjanti tal-enerġija nukleari. Il-kalkolu tal-effiċjenza totali għall-koġenerazzjoni huwa bbażat fuq l-aktar data reċenti mill-Eurostat. Fir-rigward tal-konfini tas-sistema l-PEF huwa 1 għas-sorsi kollha tal-enerġija. Il-valur tal-PEF jirrifere għall-2018 u huwa bbażat fuq data interpolata mill-verżjoni l-aktar reċenti tax-Xenarju ta' Referenza PRIMES għall-2015 u 2020 u aġġustat b'data mill-Eurostat sal-2016. L-analiżi tkopri l-Istati Membri u n-Norveġja. Is-sett tad-data għan-Norveġja huwa bbażat fuq id-data tan-Netwerk Ewropew għall-Operaturi tas-Sistema ta' Trażmissjoni tal-Elettriku.
- (41) L-iffrankar tal-enerġija li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-liġi tal-Unjoni jenħtieġ li ma jiġix iddikjarat sakemm ma jirriżultax minn miżura li tmur lil hinn mill-minimu meħtieġ mill-att legali tal-Unjoni inkwistjoni, kemm bl-istabbiliment ta' rekwiżiti iktar ambizzjużi tal-effiċjenza fl-enerġija fil-livell tal-Istat Membru u kemm biż-żieda fl-adozzjoni tal-miżura. Il-bini jippreżenta potenzjal sostanzjali għal żieda ulterjuri fl-effiċjenza fl-enerġija, u r-rinnovazzjoni tal-bini hija element essenzjali fuq perijodu fit-tul flimkien mal-ekonomiji ta' skala biex jiżdied l-iffrankar fl-enerġija. Jenħtieġ għalhekk li jiġi ċċarat li huwa possibbli li jiġi ddikjarat l-iffrankar kollu tal-enerġija li

⁽¹⁾ ĠUL 123, 12.5.2016, p. 1.

jirriżulta minn miżuri li jippromwovu r-rinnovazzjoni ta' bini eżistenti sakemm dan jeċċedi l-iffrankar li kien isir fin-nuqqas tal-miżura ta' politika u sakemm l-Istat Membru juri li l-parti obbligata, parteċipanti jew inkarigata fil-fatt ikkontribwixxiet biex inkiseb l-iffrankar fl-enerġija ddikjarat.

- (42) Skont l-Istrateġija tal-Unjoni tal-Enerġija u l-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar, ir-regoli tal-monitoraġġ u l-verifika għall-implimentazzjoni ta' skemi ta' obbligi tal-effiċjenza fl-enerġija u miżuri ta' politika alternattivi, inkluż ir-rekwiżiti li jiġi ċċekkjat kampjun statistikament rappreżentattiv tal-miżuri, jenħtieġ li jingħataw aktar prominenza. Fid-Direttiva 2012/27/UE kif emendata minn din id-Direttiva, jenħtieġ li "proporzjon statistikament sinifikanti u kampjun rappreżentattiv" tal-miżuri ta' titjib tal-effiċjenza fl-enerġija jinftehm u li jirrikjedu l-istabbiliment ta' subsett tal-popolazzjoni tal-istatistika tal-miżuri ta' ffrankar tal-enerġija inkwistjoni b'tali mod li jirrifletti b'mod preċiż il-popolazzjoni kollha tal-miżuri kollha ta' ffrankar tal-enerġija, biex b'hekk jippermetti konklużjonijiet raġonevolment affidabbli fir-rigward tal-fiduċja fit-totalità tal-miżuri.
- (43) L-enerġija ġġenerata fuq jew fil-bini minn teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli tnaqqas l-ammont ta' enerġija fornuta minn karburanti fossili. It-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija u l-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fis-settur tal-bini huma miżuri importanti biex inaqqsu d-dipendenza enerġetika u l-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Unjoni, b'mod speċjali fid-dawl tal-oġettivi ambizzjużi marbutin mal-klima u l-enerġija stabbiliti għall-2030 kif ukoll l-impenn globali li ttieħed fil-kuntest tal-Ftehim ta' Pariġi. Għall-finijiet tal-obbligu tagħhom ta' ffrankar kumulattiv tal-enerġija, l-Istati Membri jistgħu iqisu, fejn applikabbli, l-iffrankar tal-enerġija mill-enerġija rinnovabbli ġġenerata fuq jew fil-bini għall-użu proprju biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tagħhom tal-iffrankar tal-enerġija.
- (44) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ⁽¹⁾, l-Istati Membri impenjaw rwieħhom li jehmżu, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom ma' dokument wieħed jew aktar li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' Direttiva u l-partijiet korrispondenti ta' strumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata.
- (45) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jintlaħqu l-miri tal-Unjoni ta' 20 % ta' effiċjenza fl-enerġija sal-2020 u ta' mill-inqas 32,5 % sal-2030 u li titwita t-triq lejn aktar titjib tal-effiċjenza fl-enerġija wara dawk id-dati, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (46) Għalhekk jenħtieġ li d-Direttiva 2012/27/UE tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOOTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Id-Direttiva 2012/27/UE hija emendata kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' miżuri għall-promozzjoni tal-effiċjenza fl-enerġija fi ħdan l-Unjoni sabiex jiġi żgurat li l-mira ewlenija tal-Unjoni ta' 20 % effiċjenza fl-enerġija għall-2020 u l-mira ewlenija tagħha ta' mill-inqas 32.5 % effiċjenza fl-enerġija għall-2030 jintlaħqu u jwittu t-triq għal aktar titjib fl-effiċjenza fl-enerġija wara dawk id-dati.

Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli mfassla sabiex ineħħu l-ostakli fis-suq tal-enerġija u sabiex jegħlbu n-nuqqasijiet tas-swieq li jimpedixxu l-effiċjenza fil-provvista u fl-użu tal-enerġija, u tipprevedi li jiġu stabbiliti miri nazzjonali indikattivi għall-effiċjenza fl-enerġija għall-2020 u l-2030.

Din id-Direttiva tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipju "l-effiċjenza fl-enerġija l-ewwel.";

- (2) fl-Artikolu 3, jiżdiedu l-paragrafi li ġejjin:

"4. Sal-31 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk l-Unjoni tkunx laħqet il-miri ewlenija tagħha ta' effiċjenza fl-enerġija għall-2020.

⁽¹⁾ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

5. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet indikattivi nazzjonali għall-effiċjenza fl-enerġija lejn il-miri tal-Unjoni għall-2030 stabbiliti fl-Artikolu 1(1) ta' din id-Direttiva f'konformità mal-Artikoli 4 u 6 tar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*). Meta jistabbilixxu dawk il-kontribuzzjonijiet, l-Istati Membri għandhom iqisu li l-konsum tal-enerġija tal-Unjoni għall-2030 ma jridx ikun aktar minn 1 273 Mtoe ta' enerġija primarja u/jew mhux aktar minn 956 Mtoe ta' enerġija finali. L-Istati Membri għandhom jibagħtu notifika dwar dawk il-kontribuzzjonijiet lill-Kummissjoni bħala parti mill-pjani nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima kif imsemmi fl-Artikoli 3 u 7 sa 12 tar-Regolament (UE) 2018/1999 u f'konformità magħhom.

6. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-miri ewlenin tal-Unjoni ta' effiċjenza fl-enerġija għall-2030 stabbiliti fl-Artikolu 1(1), bil-ħsieb li tippreżenta proposta leġislattiva sal-2023 biex tirrevedi dawk il-miri 'l fuq fil-każ ta' tnaqqis sostanzjali fl-ispejjeż li jirriżulta minn żviluppi ekonomiċi jew teknoloġiċi, jew fejn meħtieġ biex jiġu sodisfatti l-impenji internazzjonali tal-Unjoni għad-dekarbonizzazzjoni.

(*) Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ara paġna 1 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali)."

(3) l-Artikolu 7 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 7

Obbligu tal-iffrankar tal-enerġija

1. L-Istati Membri għandhom jiksibu ffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali tal-anqas ekwivalenti għal:

- (a) iffankar ġdid kull sena mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020 ta' 1,5 % tal-bejgħ annwali tal-enerġija lil-klijenti aħħarin skont il-volum, fuq medja tal-aktar perijodu ta' tliet snin reċenti qabel l-1 ta' Jannar 2013. Il-bejgħ tal-enerġija, bil-volum, użata fit-trasport jista' jiġi parzjalment jew kompletament eskluż minn dak il-kalkolu;
- (b) iffankar ġdid kull sena mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 ta' 0,8 % tal-konsum finali annwali tal-enerġija, fuq medja tal-aktar perijodu ta' tliet snin reċenti qabel l-1 ta' Jannar 2019. B'deroga minn dak ir-rekwiżit, Ċipru u Malta għandhom jiksibu ffrankar ġdid kull sena mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 ekwivalenti għal 0,24 % tal-konsum finali annwali tal-enerġija, fuq medja tal-aktar perijodu ta' tliet snin reċenti qabel l-1 ta' Jannar 2019.

L-Istati Membri jistgħu jgħoddu l-iffrankar tal-enerġija li jirriżulta minn miżuri ta' politika, kemm jekk introdotti sal-31 ta' Diċembru 2020 jew wara dik id-data, sakemm dawk il-miżuri jirriżultaw f'azzjonijiet individwali ġodda li jitwettqu wara l-31 ta' Diċembru 2020.

L-Istati Membri għandhom ikompli jiksibu ffrankar annwali ġdid, skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu, għal perijodi ta' għaxar snin wara l-2030, sakemm revizzjonijiet mill-Kummissjoni sal-2027 u kull 10 snin warajhom ma jikkonkludux li dan mhuwiex meħtieġ biex jintlaħqu l-miri fit-tul tal-Unjoni dwar l-enerġija u l-klima għall-2050.

L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif iqassmu f'fażijiet il-kwantità kkalkulata ta' ffrankar ġdid fuq kull perijodu msemmi fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu, sakemm l-iffrankar kumulattiv totali meħtieġ fl-użu finali tal-enerġija jkun intlaħaq sal-aħħar ta' kull perijodu ta' obbligu.

2. Sakemm l-Istati Membri jwettqu mill-inqas l-obbligu tagħhom ta' ffrankar kumulattiv fl-użu finali tal-enerġija msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu (1), huma jistgħu jikkalkulaw l-ammont meħtieġ ta' ffrankar tal-enerġija b'wieħed jew aktar mill-mezzi li ġejjin:

- (a) japplikaw rata ta' ffrankar annwali fuq il-bejgħ tal-enerġija lil-klijenti aħħarin jew fuq il-konsum finali tal-enerġija, fuq medja tal-aktar perijodu ta' tliet snin reċenti qabel l-1 ta' Jannar 2019;
- (b) jeskludu, għalkollox jew parzjalment, l-enerġija użata fit-trasport mix-xenarju bażi tal-kalkolu;
- (c) jużaw kwalunkwe waħda mill-għażliet imsemmijin fil-paragrafu 4.

3. Fejn l-Istati Membri jużaw il-possibiltajiet previsti fil-punt (a), (b) jew (c) tal-paragrafu 2, huma għandhom jistabbilixxu:

- (a) ir-rata ta' ffrankar annwali tagħhom li ser tiġi applikata fil-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija kumulattiv fl-użu finali, li għandha tiżgura li l-ammont finali tal-iffrankar nett tal-enerġija tagħhom ma jkunx anqas minn dak meħtieġ skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1; u
- (b) ix-xenarju bażi tal-kalkolu tagħhom li jista' jeskludi, għalkollox jew parzjalment, l-enerġija użata fit-trasport.

4. Soġġett għall-paragrafu 5, kull Stat Membru jista':
- (a) iwettaq il-kalkolu meħtieġ taħt il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 billi juża valuri ta' 1 % fl-2014 u fl-2015; 1,25 % fl-2016 u fl-2017; u ta' 1,5 % fl-2018, l-2019 u l-2020;
 - (b) jeskludi mill-kalkolu l-bejgħ kollu jew parti mill-bejgħ tal-enerġija użata, bil-volum, b'rabta mal-perijodu ta' obbligu msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, jew l-enerġija finali kkunsmata, b'rabta mal-perijodu ta' obbligu msemmi fil-punt (b) ta' dak is-subparagrafu, mill-attivitajiet industrijali elenkati fl-Anness I għad-Direttiva 2003/87/KE;
 - (c) jgħodd, mal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ, iffrankar tal-enerġija miksub fis-setturi tat-trasformazzjoni, id-distribuzzjoni u t-trasmissjoni tal-enerġija, inkluża infrastruttura effiċjenti ta' tisħin distrettwali u tkessiħ distrettwali, bħala rizzultat tal-implimentazzjoni tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14(4), il-punt (b) tal-Artikolu 14(5), u l-Artikolu 15(1) sa (6) u (9). L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar il-miżuri ta' politika maħsubin tagħhom skont dan il-punt għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 u sal-31 ta' Diċembru 2030 bħala parti mill-pjani nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima. L-impatt ta' dawk il-miżuri għandu jiġi kkalkulat skont l-Anness V u inkluż f'dawk il-pjani;
 - (d) jgħodd, mal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ, l-iffrankar tal-enerġija li jirriżulta minn azzjonijiet individwali ġodda li jkunu ġew implimentati mill-31 ta' Diċembru 2008 li jkomplu jkollhom impatt fl-2020 fir-rigward tal-perijodu ta' obbligu msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 u lil hinn mill-2020 fir-rigward tal-perijodu msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, u li jista' jitkejjel u jiġi vverifikat;
 - (e) jgħodd, mal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ, l-iffrankar tal-enerġija li jirriżulta minn miżuri ta' politika sakemm jista' jintwera li dawk il-miżuri jirriżultaw f'azzjonijiet individwali mwettqa mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020 li jwasslu għal iffrankar wara l-31 ta' Diċembru 2020;
 - (f) jeskludi mill-kalkolu tal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ, 30 % tal-ammont verifikabbli ta' enerġija ġġenerata fuq jew fil-bini għal użu proprju b'riżultat ta' miżuri ta' politika li jippromwovu l-installazzjonijiet ġodda ta' teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli;
 - (g) jgħodd mal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ, dak l-iffrankar tal-enerġija li jeċċedi l-iffrankar tal-enerġija meħtieġ għall-perjodu ta' obbligu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, sakemm dak l-iffrankar jirriżulta minn azzjonijiet individwali mwettqa taħt miżuri ta' politika msemmijin fl-Artikoli 7a u 7b, li nġhatat notifika dwarhom mill-Istati Membri fil-Pjani ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom għall-Effiċjenza fl-Enerġija u rappurtati fir-rapporti tal-progress tagħhom skont l-Artikolu 24.
5. L-Istati Membri għandhom japplikaw u jikkalkulaw l-effett tal-għażliet magħżulin taħt il-paragrafu 4 għall-perijodi msemmijin fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 separatament
- (a) għall-kalkolu tal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ għall-perijodu ta' obbligu msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jużaw il-punti (a) sa (d) tal-paragrafu 4. L-għażliet kollha magħżulin taħt il-paragrafu 4 meħudin flimkien iridu jammontaw għal mhux aktar minn 25 % tal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1;
 - (b) għall-kalkolu tal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ għall-perijodu ta' obbligu msemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu użu mill-punti (b) sa (g) tal-paragrafu 4, sakemm l-azzjonijiet individwali msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 4 jkomplu jkollhom impatt verifikabbli u li jista' jitkejjel wara l-31 ta' Diċembru 2020. L-għażliet kollha magħżulin skont il-paragrafu 4 meħudin flimkien ma għandhomx iwasslu għal tnaqqis ta' aktar minn 35 % tal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija kkalkulat skont il-paragrafi 2 u 3.
- Irrispettivament minn jekk l-Istati Membri jeskludux għalkollox jew parzjalment l-enerġija użata fit-trasport mix-xenarju bażi tal-kalkolu tagħhom jew jużawx kwalunkwe mill-għażliet elenkati fil-paragrafu 4, għandhom jiżguraw li l-ammont nett ikkalkulat ta' ffrankar ġdid li jrid jinkiseb fil-konsum finali tal-enerġija matul il-perjodu ta' obbligu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 ma jkunx aktar baxx mill-ammont li jirriżulta mill-applikazzjoni tar-rata ta' ffrankar annwali msemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1.
6. L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-pjani nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima skont l-Anness III tar-Regolament (UE) 2018/1999 il-kalkolu tal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija li għandu jinkiseb tul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030 imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għandhom, jekk ikun rilevanti, jispjegaw kif ġew stabbiliti r-rata ta' ffrankar annwali u x-xenarju bażi tal-kalkolu u kif, u sa liema punt, l-għażliet imsemmijin fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu ġew applikati.
7. L-iffrankar tal-enerġija miksub wara l-31 ta' Diċembru 2020 ma għandux jgħodd mal-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ għall-perijodu mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020.

8. B'deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri li jippermettu lill-partijiet obligati jużaw l-għażla msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 7a(6) jistgħu, għall-iskop tal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, jgħoddu l-iffrankar tal-enerġija miksub fi kwalunkwe sena partikolari wara l-2010 u qabel il-perijodu ta' obbligu msemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu daqslikieku l-iffrankar tal-enerġija minflok kien inkiseb wara l-31 ta' Diċembru 2013 u qabel l-1 ta' Jannar 2021, sakemm ikunu japplikaw iċ-ċirkostanzi kollha hawn taħt:

(a) l-iskema ta' obbligu ta' effiċjenza fl-enerġija kienet fis-seħħ fi kwalunkwe punt bejn il-31 ta' Diċembru 2009 u l-31 ta' Diċembru 2014 u kienet inkluża fl-ewwel Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija tal-Istat Membru, ippreżentat skont l-Artikolu 24;

(b) l-iffrankar ikun ġie ġġenerat skont l-iskema ta' obbligu;

(c) l-iffrankar jiġi kkalkulat skont l-Anness V;

(d) is-snin li għalihom l-iffrankar jingħadd bħala li nkiseb ikunu ġew irrappurtati fil-Pjani ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija skont l-Artikolu 24(2).

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iffrankar li jirriżulta minn miżuri ta' politika msemmijin fl-Artikoli 7a u 7b u fl-Artikolu 20(6) jiġi kkalkulat skont l-Anness V.

10. L-Istati Membri għandhom jiksibu l-ammont ta' ffrankar ta' enerġija meħtieġ skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu billi jistabbilixxu skema ta' obbligi ta' effiċjenza fl-enerġija msemmija fl-Artikolu 7a jew billi jadottaw miżuri ta' politika alternattivi msemmija fl-Artikolu 7b. L-Istati Membri jistgħu jikkombinaw skema ta' obbligi ta' effiċjenza fl-enerġija ma' miżuri ta' politika alternattivi.

11. Fit-tfassil ta' miżuri ta' politika biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jiffrankaw l-enerġija, l-Istati Membri għandhom iqisu l-ħtieġa li jittaffa l-faqar enerġetiku, skont il-kriterji stabbiliti minnhom u filwaqt li jqisu l-prattiki disponibbli tagħhom fil-qasam, billi jitolbu, sa fejn xieraq, sehem ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija fl-iskemi nazzjonali tagħhom ta' obbligu ta' effiċjenza fl-enerġija, il-miżuri ta' politika alternattivi tagħhom, jew il-programmi jew miżuri tagħhom iffinanzjati fil-qafas ta' Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija li għandu jiġi implimentat bħala prijorità fost unitajiet domestiċi vulnerabbli, inkluż dawk milquta mill-faqar enerġetiku u, fejn xieraq, fl-akkomodazzjoni soċjali.

L-Istati Membri għandhom jinkludu informazzjoni dwar ir-riżultat tal-miżuri biex jittaffa l-faqar enerġetiku fil-kuntest ta' din id-Direttiva fir-rapporti ta' progress integrati nazzjonali dwar l-enerġija u l-klima skont ir-Regolament (UE) 2018/1999.

12. L-Istati Membri għandhom juru li meta jkun hemm 'overlap' fl-impatt ta' miżuri ta' politika jew azzjonijiet individwali, ma jsirx għadd doppju ta' ffrankar tal-enerġija.”;

(4) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

“Artikolu 7a

Skemi ta' obbligi ta' effiċjenza fl-enerġija

1. Fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jwettqu l-obbligi tagħhom biex jiksibu l-ammont ta' ffrankar meħtieġ skont l-Artikolu 7(1) permezz ta' skema ta' obbligi ta' effiċjenza fl-enerġija, huma għandhom jiżguraw li l-partijiet obligati kif imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu li joperaw fit-territorju ta' kull Stat Membru jissodisfaw, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7(4) u (5), ir-rekwiżit tagħhom ta' ffrankar kumulattiv fl-użu finali tal-enerġija stabbilit fl-Artikolu 7(1).

Fejn applikabbli, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li partijiet obligati jwettqu dak l-iffrankar, kollu jew parti minnu, bħala kontribuzzjoni għall-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija skont l-Artikolu 20(6).

2. L-Istati Membri għandhom jinnominaw, fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji, partijiet obligati fost id-distributuri tal-enerġija, kumpanniji li jbigħu l-enerġija fil-livell tal-konsum u distributuri ta' karburant għat-trasport jew bejjieġha fil-livell tal-konsum ta' karburant għat-trasport li joperaw fit-territorju tagħhom. L-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ biex jitħares l-obbligu għandu jinkiseb mill-partijiet obligati fost il-klijenti aħħarin, nominati mill-Istat Membru, indipendentement mill-kalkolu magħmul skont l-Artikolu 7(1) jew, jekk l-Istati Membri jiddeċiedu hekk, permezz ta' ffrankar iċċertifikat li jkun ġej minn partijiet oħra kif deskritt fil-punt (a) tal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu.

3. Fejn kumpanniji tal-bejgħ tal-enerġija fil-livell tal-konsum ikunu nnominati bħala partijiet obligati taħt il-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li waqt li qed jissodisfaw l-obbligu tagħhom, kumpanniji tal-bejgħ tal-enerġija fil-livell tal-konsum ma joħlqu l-ebda xkiel li jimpedixxi lill-konsumaturi milli jaqilbu minn fornitur għal ieħor.

4. L-Istati Membri għandhom jesprimu l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ minn kull parti obbligata f'termini ta' konsum finali jew primarju tal-enerġija. Il-metodu magħżul biex jiġi espress l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ għandu jintuża wkoll biex jiġi kkalkulat l-iffrankar iddikjarat mill-partijiet obbligati. Għandhom japplikaw il-fatturi ta' konverżjoni stabbiliti fl-Anness IV.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi ta' kejl, kontroll u verifika li fil-qafas tagħhom issir verifika dokumentata fuq mill-inqas proporzjon u kampjun rappreżentattiv statistikament sinifikanti tal-miżuri għal titjib tal-effiċjenza fl-enerġija attwati mill-partijiet obbligati. Il-kejl, kontroll u verifika għandhom jitwettqu indipendentement mill-partijiet obbligati.

6. Fl-iskema ta' obbligi ta' effiċjenza fl-enerġija, l-Istati Membri jistgħu jagħmlu waħda minn dawn li ġejjin, jew it-tnejn:

- (a) iħallu lill-partijiet obbligati jgħoddu mal-obbligu tagħhom l-iffrankar tal-enerġija ċertifikat miksub minn fornituri ta' servizzi tal-enerġija jew partijiet terzi oħrajn inkluż meta partijiet obbligati jippromwovu miżuri permezz ta' korpi oħrajn approvati mill-Istat jew permezz ta' awtoritajiet pubbliċi li jistgħu jkunu jinvolvu sħubijiet formali u jistgħu jkunu kkombinati ma' sorsi oħra ta' finanzjament. Fejn l-Istati Membri jippermettu dan, huma għandhom jiżguraw li ċ-ċertifikazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija ssegwi proċess ta' approvazzjoni li jiddaħħal fis-seħħ fl-Istati Membri, li jkun ċar, trasparenti, u miftuħ għall-parteċipanti kollha tas-suq, u li jkollu l-għan li jimminimizza l-ispejjeż taċ-ċertifikazzjoni;
- (b) iħallu lill-partijiet obbligati jgħoddu l-iffrankar miksub f'sena partikolari bħallikieku nkiseb fi kwalunkwe waħda mill-erba' snin preċedenti jew mit-tliet snin sussegwenti sakemm dan ma jmurx lil hinn mit-tmiem tal-perijodi ta' obbligu stabbiliti fl-Artikolu 7(1).

L-Istati Membri għandhom jivvalutaw u, jekk xieraq, jieħdu miżuri biex jimminimizzaw l-impatt tal-ispejjeż diretti u indiretti ta' skemi ta' obbligu ta' effiċjenza fl-enerġija fuq il-kompetittività tal-industriji li jużaw ħafna enerġija esposti għall-kompetizzjoni internazzjonali.

7. Darba fis-sena, l-Istati Membri għandhom jippubblikaw l-iffrankar tal-enerġija miksub minn kull parti obbligata, jew kull sottokategorija ta' parti obbligata, u b'kolloxx taħt l-iskema.

Artikolu 7b

Miżuri ta' politika alternattivi

1. Fejn l-Istati Membri jiddeċiedu li jwettqu l-obbligi tagħhom biex jiksbu l-iffrankar meħtieġ skont l-Artikolu 7(1) permezz ta' miżuri ta' politika alternattivi, huma għandhom jiżguraw, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7(4) u (5), li l-iffrankar tal-enerġija meħtieġ skont l-Artikolu 7(1) jinkiseb fost il-klijenti aħħarin.

2. Għall-miżuri kollha għajr dawk li jirrelataw mat-tassazzjoni, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu sistemi ta' kejl, kontroll u verifika li taħthom issir verifika dokumentata fuq tal-inqas proporzjon u kampjun rappreżentattiv statistikament sinifikanti tal-miżuri għal titjib tal-effiċjenza fl-enerġija attwati mill-partijiet parteċipanti jew inkarigati. Il-kejl, kontroll u verifika għandhom jitwettqu indipendentement mill-partijiet parteċipanti jew inkarigati.”;

(5) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu jinbidel b'dan li ġej:

“Kejl tal-konsum għall-gass u l-elettriku”;

(b) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sa fejn ikun teknikament possibbli, raġonevoli mil-lat finanzjarju u proporzjonat fir-rigward tal-iffrankar potenzjali tal-enerġija, il-klijenti aħħarin tal-elettriku u l-gass naturali jingħataw arloġġi individwali bi prezz kompetittiv li jirriflettu b'mod preċiż il-konsum ta' enerġija reali tagħhom u li jagħtu informazzjoni dwar il-ħin reali tal-użu.”;

(c) il-paragrafu 3 jiħassar;

(6) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

“Artikolu 9a

Kejl tal-konsum għat-tisħin, it-tkessiħ u l-ilma sħun domestiku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għat-tisħin distrettwali, it-tkessiħ distrettwali u l-ilma sħun domestiku, il-klijenti aħħarin jingħataw arloġġi bi prezz kompetittiv li jirriflettu b'mod preċiż il-konsum reali tagħhom ta' enerġija.

2. Fejn it-tisħin, it-tkessiħ jew l-ilma sħun domestiku jiġu fornuti lil bini minn sors ċentrali li jaqdi għadd ta' bini jew minn sistema ta' tisħin distrettwali **jew** tkessiħ distrettwali, għandu jiġi installat arloġġ fejn isir l-iskambju tas-sħana jew fil-punt ta' konsenja.

Artikolu 9b

Kejl separat tal-konsum u allokazżjoni tal-ispiża għat-tisħin, it-tkessiħ u l-ilma sħun domestiku

1. F'binjiet b'aktar minn appartamento wieħed u f'binjiet b'diversi użi b'sors ċentrali ta' tisħin jew tkessiħ jew fornuti minn sistema ta' tisħin distrettwali jew tkessiħ distrettwali, għandhom jiġu installati arloġġi individwali biex ikejlu l-konsum tat-tisħin, tat-tkessiħ jew tal-ilma sħun domestiku għal kull unità tal-bini, fejn teknikament fattibbli u kosteffettiv, jiġifieri jkun proporzjonati fir-rigward tal-iffrankar potenzjali tal-enerġija potenzjali.

Fejn l-użu ta' arloġġi individwali ma jkunx teknikament fattibbli jew fejn ma jkunx kosteffiċjenti li jitkejjel il-konsum tat-tisħin f'kull unità ta' bini, għandhom jintużaw allokatari individwali tal-ispiża għat-tisħin biex jitkejjel il-konsum tat-tisħin f'kull radjatur sakemm l-Istat Membru inkwistjoni ma jurix li l-installazzjoni ta' tali allokatari tal-ispiża għat-tisħin ma tkunx kosteffiċjenti. F'dawk il-każijiet, jistgħu jiġu kkunsidrati metodi kosteffiċjenti alternattivi ta' kejl tal-konsum tat-tisħin. Il-kriterji ġenerali, il-metodoloġiji u/jew il-proċeduri biex jiġu determinati n-nuqqas ta' fattibbiltà teknika u n-nuqqas ta' kosteffettività għandhom jiġu stabbiliti b'mod ċar u ppubblikati minn kull Stat Membru.

2. F'bini ġdid b'aktar minn appartamento wieħed u fil-partijiet residenzjali ta' bini ġdid b'diversi użi li huma mgħammra b'sors ċentrali ta' tisħin għall-ilma sħun domestiku jew jiġu fornuti minn sistemi ta' tisħin distrettwali, għandhom, minkejja l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1, jiġu pprovduti arloġġi individwali għall-ilma sħun domestiku.

3. Fejn binjiet b'aktar minn appartamento wieħed jew b'diversi użi jiġu moqdija minn tisħin distrettwali jew tkessiħ distrettwali, jew fejn li jkollhom is-sistemi komuni tagħhom ta' tisħin jew tkessiħ għal tali bini jkun prevalenti, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkollhom fis-seħħ regoli nazzjonali trasparenti u pubblikament disponibbli dwar l-allokazżjoni tal-ispiża għat-tisħin, it-tkessiħ u l-konsum tal-ilma sħun domestiku f'tali bini biex tiġi żgurata t-trasparenza u l-preċiżjoni tal-kontabilità tal-konsum individwali. Fejn xieraq, tali regoli għandhom jinkludu linji gwida dwar il-mod ta' allokazżjoni tal-ispiża għall-enerġija li tiġi użata kif ġej:

- (a) ilma sħun domestiku;
- (b) sħana mormija mill-installazzjoni tal-bini u għall-iskop tat-tisħin taż-żoni komuni, fejn it-taraġ u l-kurituri jkunu mgħammra b'radjaturi;
- (c) għall-iskop tat-tisħin jew it-tkessiħ ta' appartamenti.

Artikolu 9c

Rekwiżit ta' qari mill-bogħod

1. Għall-finijiet tal-Artikoli 9a u 9b, l-arloġġi u l-allokatari tal-ispiża għat-tisħin installati wara l-25 ta' Ottubru 2020 għandhom ikunu apparati li jinqraw mill-bogħod. Il-kundizzjonijiet ta' fattibilità teknika u kosteffettività stipulati fl-Artikolu 9b(1) għandhom jibqgħu japplikaw.

2. L-arloġġi u l-allokatari tal-ispiża għat-tisħin li ma jinqrawx mill-bogħod iżda li diġà ġew installati għandhom isiru jinqraw mill-bogħod jew jiġu ssostitwiti b'apparati li jinqraw mill-bogħod sal-1 ta' Jannar 2027, ħlief fejn l-Istat Membru inkwistjoni juri li dan mhuwiex kosteffiċjenti.”;

(7) l-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

- (a) it-titolu jinbidel b'dan li ġej:

“Informazzjoni dwar il-kontijiet għall-gass u l-elettriku”;

- (b) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

“1. Fejn il-klijenti aħħarin ma jkollhomx l-arloġġi intelliġenti kif imsemmi fid-Direttivi 2009/72/KE u 2009/73/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw, sal-31 ta' Diċembru 2014, li l-informazzjoni dwar il-kontijiet tkun affidabbli, preċiża u bbażata fuq il-konsum reali, f'konformità mal-punt 1.1 tal-Anness VII, għall-elettriku u l-gass, fejn dak ikun teknikament possibbli u ekonomikament iġġustifikat.”;

(8) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 10a

Informazzjoni dwar il-kontijiet u l-konsum għat-tisħin, t-tkessiħ u għall-ilma sħun domestiku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn l-arloġġi jew l-allokaturi tal-ispiża għat-tisħin ikunu installati, l-informazzjoni dwar il-kontijiet u l-konsum tkun affidabbli, preċiża u bbażata fuq il-konsum reali jew il-qari tal-allokaturi tal-ispiża għat-tisħin, f'konformità mal-punti 1 u 2 tal-Anness VIIa għall-utenti aħħarin kollha, jiġifieri, għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jixtru t-tisħin, it-tkessiħ jew l-ilma sħun domestiku għall-użu aħħari proprju tagħhom, jew persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jokkupaw bini individwali jew unità f'bini b'aktar minn appartament wieħed jew f'bini b'diversi użi fornuta b'tisħin, tkessiħ jew ilma sħun domestiku minn sors ċentrali li ma jkollhom ebda kuntratt dirett jew individwali mal-fornitur tal-enerġija.

Dan l-obbligu jista', fejn Stat Membru jipprevedi dan, ħliel fil-każ ta' konsum b'kejl separat tal-konsum ibbażat fuq allokaturi tal-ispiża għat-tisħin taħt l-Artikolu 9b, jitwettaq minn sistema ta' qari proprju regolari mill-klijent aħħari jew mill-utent aħħari fejn huma jikkomunikaw il-qari mill-arloġġ tagħhom. Huwa biss fejn il-klijent aħħari jew l-utent aħħari ma jkunx ipprova qari mill-arloġġ għal perijodu partikolari ta' kontijiet li l-kontijiet għandhom ikunu bbażati fuq konsum smat jew rata fissa.

2. L-Istati Membri għandhom:

- (a) jesiġu li, jekk l-informazzjoni dwar il-kontijiet tal-enerġija u l-konsum storiku jew il-qari tal-allokatur tal-ispiża għat-tisħin tal-utenti aħħarin tkun disponibbli, din issir disponibbli fuq talba mill-utent aħħari, għal fornitur ta' servizz tal-enerġija magħżul mill-utent aħħari;
- (b) jiżguraw li l-klijenti aħħarin jiġu offruti l-għażla ta' informazzjoni elettronika dwar il-kontijiet u kontijiet elettroniċi;
- (c) jiżguraw li informazzjoni ċara u li tinftiehem tingħata mal-kont lill-utenti aħħarin kollha skont il-punt 3 tal-Anness VIIa; u
- (d) jippromwovu ċ-ċibersigurtà u jiżguraw il-privatezza u l-protezzjoni tad-data tal-utenti aħħarin f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni.

L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li, fuq it-talba tal-klijent aħħari, l-għoti ta' informazzjoni dwar il-kontijiet m'għandux jitqies li jikkostitwixxi talba għall-ħlas. F'dawn il-każijiet, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu offruti arranġamenti flessibbli għall-ħlas reali.

3. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu min għandu jkun responsabbli għall-għoti tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-utenti aħħarin mingħajr kuntratt dirett jew individwali ma' fornitur tal-enerġija.”;

(9) l-Artikolu 11 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 11

Spiża tal-aċċess għal informazzjoni dwar kejl tal-konsum u kontijiet għall-elettriku u l-gass

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti aħħarin jirċievu l-kontijiet kollha tagħhom u l-informazzjoni kollha dwar il-kontijiet għall-konsum tal-enerġija mingħajr ħlas u li l-klijenti aħħarin ikollhom aċċess għad-data dwar il-konsum tagħhom b'mod adegwat u mingħajr ħlas”;

(10) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 11a

Spiża tal-aċċess għall-kejl tal-konsum u informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum għat-tisħin, it-tkessiħ u l-ilma sħun domestiku

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-utenti aħħarin jirċievu l-kontijiet kollha tagħhom u l-informazzjoni kollha dwar il-kontijiet għall-konsum tal-enerġija mingħajr ħlas u li l-utenti aħħarin ikollhom aċċess għad-data dwar il-konsum tagħhom b'mod adegwat u mingħajr ħlas.

2. Minkejja l-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, id-distribuzzjoni tal-ispejjeż tal-informazzjoni dwar il-kontijiet għall-konsum individwali tat-tisħin, it-tkessiħ u l-ilma sħun domestiku f'bini b'aktar minn appartament wieħed u dawg b'diversi użi skont l-Artikolu 9b għandha ssir mingħajr qligħ. L-ispejjeż li jirriżultaw mill-assenjament ta' dak il-kompitu lil parti terza, bħal fornitur ta' servizz jew il-fornitur lokali tal-enerġija, li jkopru l-kejl, l-allokkazzjoni u l-kontabilità għall-konsum individwali reali f'tali bini, jistgħu jingħaddu lill-utenti aħħarin, sa fejn tali spejjeż ikunu raġonevoli.

3. Sabiex jiġu żgurati spejjeż raġonevoli għas-servizzi ta' kejl separat tal-konsum kif imsemmi fil-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jstimulaw il-kompetizzjoni f'dak is-settur ta' servizzi billi jieħdu miżuri xierqa, bħal pereżempju billi jirrakkomandaw jew jippromwovu b'xi mod ieħor l-użu ta' sejħiet għal offerti jew l-użu ta' apparati interoperabbli u sistemi li jiffaċilitaw il-bdil bejn fornituri ta' servizzi.”;

(11) fl-Artikolu 15 jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“2a. Sal-31 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta l-partijiet ikkonċernati rilevanti, theggi metodoloġija komuni sabiex l-operaturi tan-netwerks jiġu inkoraġġuti jnaqqsu t-telf, jimplimentaw programm ta' investiment fl-infrastruttura kosteffiċjenti u effiċjenti fl-enerġija u jagħtu rendikont xieraq tal-effiċjenza fl-enerġija u l-flessibilità tal-grilla.”;

(12) fl-Artikolu 20, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

“3a. Sabiex jiġi mobilizzat finanzjament privat għal miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija u rinnovazzjoni tal-enerġija, f'konformità mad-Direttiva 2010/31/UE, il-Kummissjoni għandha jkollha djalogo ma' istituzzjonijiet finanzjarji kemm pubbliċi kif ukoll privati biex tesplora azzjonijiet possibbli li tista' tieħu.

3b. L-azzjonijiet imsemmijin fil-paragrafu 3a għandhom jinkludu li ġej:

(a) il-mobilizzazzjoni ta' investiment ta' kapital fl-effiċjenza fl-enerġija billi jitqiesu l-impatti aktar mifruxa tal-iffrankar tal-enerġija għall-ġestjoni tar-riskju finanzjarju;

(b) tiġi żgurata data ta' rendiment aħjar fl-enerġija u l-finanzi billi:

(i) jiġi eżaminat aktar kif investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija jtejbju l-valuri tal-assi sottostanti;

(ii) jiġu appoġġati studji biex jivvalutaw il-monetizzazzjoni tal-benefiċċji mhux tal-enerġija ta' investimenti fl-effiċjenza fl-enerġija.

3c. Għall-iskop tal-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija u rinnovazzjoni tal-enerġija, l-Istati Membri għandhom, meta jimplimentaw din id-Direttiva:

(a) iqisu modi kif jagħmlu użu aħjar tal-verifiki tal-enerġija taħt l-Artikolu 8 biex jinfluwenzaw it-teħid ta' deċiżjonijiet;

(b) jagħmlu l-aħjar użu possibbli tal-possibilitajiet u l-għodod proposti fl-inizjattiva proposta ta' finazi intelliġenti għal bini intelliġenti.

3d. Sal-1 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni għandha tipprovi għidha lill-Istati Membri dwar kif jiġi stimulat l-investiment privat.”;

(13) fl-Artikolu 22, il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa biex tadotta atti delegati skont l-Artikolu 23 biex temenda din id-Direttiva billi tadatta għall-progress tekniku l-valuri, il-metodi ta' kalkolu, il-koeffiċjent awtomatiku tal-enerġija primarja u r-rekwiżiti fl-Annessi I sa V, VII sa X u XII.”;

(14) l-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 jinbidel b'dan li ġej:

“2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmeja fl-Artikolu 22 hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mill-24 ta' Diċembru 2018. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħliet jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.”;

(b) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“3a. Qabel ma' tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet (*).

(*) ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.”;

(15) l-Artikolu 24 huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

“4a. Fil-kuntast tar-rapport dwar l-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar il-funzjonament tas-suq tal-karbonju skont l-Artikolu 35(1) u l-punt (c) tal-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) 2018/1999, filwaqt li tqis l-effetti tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.”;

(b) jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

“12. Sal-31 ta' Diċembru 2019, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-effettività tal-implimentazzjoni tad-definizzjoni ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju għall-finijiet tal-Artikolu 8(4), u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Kemm jista' jkun malajr wara l-preżentazzjoni ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, jekk xieraq, tadotta proposti leġiżlattivi.

13. Sal-1 ta' Jannar 2021, il-Kummissjoni għandha tagħmel valutazzjoni tal-potenzjal għall-effiċjenza fl-enerġija fil-konverżjoni, it-trasformazzjoni, it-trasmissjoni, it-trasport u l-ħżin tal-enerġija, u għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu, jekk xieraq, ikun akkumpanjat minn proposti leġiżlattivi.

14. Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni għandha, sakemm sadanittant ma jkunux ġew proposti bidliet għad-dispożizzjonijiet dwar is-suq fil-livell tal-konsum tad-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass, tagħmel valutazzjoni, u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, dwar id-dispożizzjonijiet relatati mal-kejl tal-konsum, il-kontijiet u l-informazzjoni għall-konsumaturi għall-gass naturali, bil-għan li jiġu allinjati, fejn xieraq, mad-dispożizzjonijiet rilevanti għall-elettriku fid-Direttiva 2009/72/KE, sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur u l-klijenti aħħarin jkunu jistgħu jirċievu informazzjoni aktar frekwenti, ċara u aġġornata dwar il-konsum tagħhom tal-gass naturali u jirregolaw l-użu tagħhom tal-enerġija. Kemm jista' jkun malajr wara l-preżentazzjoni ta' dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, jekk xieraq, tadotta proposti leġiżlattivi.

15. Sat-28 ta' Frar 2024, u kull ħames snin wara, il-Kummissjoni għandha tevalwa din id-Direttiva u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Dik l-evalwazzjoni għandha tinkludi:

(a) eżami jekk jiġux adattati, wara l-2030, ir-rekwiżiti u l-approċċ alternattiv stipulati fl-Artikolu 5;

(b) valutazzjoni tal-effettività ġenerali ta' din id-Direttiva u tal-ħtieġa li l-politika tal-Unjoni dwar l-effiċjenza fl-enerġija tiġi aġġustata aktar skont l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi tal-2015 dwar it-tibdil fil-klima konsegwentement għall-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (*) u fid-dawl tal-iżviluppi ekonomiċi u fl-innovazzjoni.

Dak ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposti għal aktar miżuri.

(*) ĠU L 282, 19.10.2016, p. 4.”;

(16) l-Annessi huma emendati skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sal-25 ta' Ġunju 2020.

Madankollu, l-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità mal-punti 5 sa 10 tal-Artikolu 1 u mal-punti 3 u 4 tal-Anness sal-25 ta' Ottubru 2020.

Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn tali referenza meta jiġu ppubblikati uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburg, il-11 ta' Diċembru 2018.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

A. TAJANI

Għall-Kunsill

Il-President

J. BOGNER-STRAUSS

ANNEX

L-Annessi tad-Direttiva 2012/27/UE huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness IV, in-nota 3 f'qiegħ il-paġna tinbidel b'dan li ġej:

“(3) Applikabbli meta l-iffrankar tal-enerġija jiġi kkalkulat f'termini ta' enerġija primarja fejn jintuża approċċ minn isfel għal fuq ibbażat fuq il-konsum finali tal-enerġija. Għall-iffrankar f'kWh ta' elettriku, l-Istati Membri għandhom japplikaw koeffiċjent stabbilit permezz ta' metodoloġija trasparenti fuq il-bażi ta' ċirkostanzi nazzjonali li jaffettwaw il-konsum primarju tal-enerġija, sabiex jiġi żgurat kalkolu preċiż ta' kemm jiġi ffrankat fil-verità. Dawk iċ-ċirkostanzi għandhom ikunu sostanzjati, verifikabbli u bbażati fuq kriterji oġġettivi u nondiskriminatorji. Għall-iffrankar f'kWh ta' elettriku l-Istati Membri jistgħu japplikaw koeffiċjent awtomatiku ta' 2,1 jew jużaw id-diskrezzjoni biex jiddefinixxu koeffiċjent differenti sakemm ikunu jistgħu jiġġustifikawh. Meta jagħmlu dan, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw it-taħlita enerġetika inkluża fil-pjani nazzjonali integrati tagħhom dwar l-enerġija u l-klima m li għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2018/1999. Sal-25 ta' Diċembru 2022 u kull erba' snin sussegwenti, il-Kummissjoni għandha, tirrevedi l-koeffiċjent awtomatiku fuq il-bażi ta' data osservata. Dik ir-reviżjoni għandha ssir b'kont meħud tal-effetti tagħha fuq liġijiet oħra tal-Unjoni bħad-Direttiva 2009/125/KE u r-Regolament 2017/1369/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2017 li jistabbilixxi qafas għat-tikkettar tal-enerġija u li jħassar id-Direttiva 2010/30/UE (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 1).”;

(2) l-Anness V jinbidel b'dan li ġej:

“ANNEX V

Metodi u prinċipji komuni biex jiġi kkalkulat l-impatt tal-iskemi tal-obbligu ta' effiċjenza fl-enerġija jew ta' miżuri oħrajn ta' politika taħt l-Artikoli 7, 7a u 7b u l-Artikolu 20(6)

1. Il-metodi biex jiġi kkalkulat l-iffrankar tal-enerġija minbarra dawk li jirriżultaw minn miżuri ta' tassazzjoni għall-finijiet tal-Artikoli 7, 7a u 7b u tal-Artikolu 20(6).

Il-partijiet obbligati, parteċipanti jew inkarigati jew l-awtoritajiet pubbliċi ta' implimentazzjoni jistgħu jużaw il-metodi li ġejjin biex jikkalkulaw l-iffrankar tal-enerġija:

(a) iffrankar stmat, b'referenza għar-riżultati ta' titjib enerġetiku preċedenti mmonitorjat b'mod indipendenti f'installazzjonijiet simili. L-approċċ ġeneriku jissejjaħ 'ex-ante';

(b) iffrankar imkejjejl bl-arloġġi, fejn l-iffrankar mill-installazzjoni ta' miżura, jew ta' pakkett ta' miżuri, jiġi determinat permezz tar-reġistrazzjoni tat-tnaqqis proprju fl-użu tal-enerġija, filwaqt li jitqiesu fatturi bħall-addizzjonalità, l-okkupazzjoni tal-bini, il-livelli ta' produzzjoni u t-temp, li jistgħu jaffettwaw il-konsum. L-approċċ ġeneriku jissejjaħ 'ex-post';

(c) iffrankar skalat, fejn jintużaw stimi tal-inġinerija tal-iffrankar. Dan l-approċċ jista' jintuża biss fejn l-istabbiliment ta' data mkejla robusta għal installazzjoni speċifika jkun diffiċli jew għali b'mod sproporzjonat, pereżempju s-sostituzzjoni ta' kompressur jew mutur tal-elettriku b'rata ta' kWh differenti minn dik li għaliha tkejjel l-informazzjoni indipendenti dwar l-iffrankar, jew fejn dawk l-istimi jsiru fuq il-bażi ta' metodoloġiji u punti ta' riferiment nazzjonali stabbiliti minn esperti kwalifikati jew akkreditati li huma indipendenti mill-partijiet obbligati, parteċipanti jew inkarigati involuti;

(d) iffrankar mistħarreġ, fejn tiġi ddeterminata r-reazzjoni tal-konsumaturi għall-pariri, għall-kampanji ta' informazzjoni, għall-iskemi ta' tikkettar jew ta' ċertifikazzjoni jew kejl intelliġenti tal-konsum. Dan l-approċċ jista' jintuża biss għal iffrankar li jirriżulta minn tibdil fl-imġiba tal-konsumatur. Ma għandux jintuża għal iffrankar li jirriżulta mill-installazzjoni ta' miżuri fiżiċi.

2. Fid-determinazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija għal miżura ta' effiċjenza fl-enerġija għall-finijiet tal-Artikoli 7, 7a u 7b u tal-Artikolu 20(6) għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:

(a) L-iffrankar għandu jintwera li huwa addizzjonali għal dak li kien ser ikun hemm fi kwalunkwe każ mingħajr l-attività tal-partijiet obbligati, parteċipanti jew inkarigati jew tal-awtoritajiet pubbliċi ta' implimentazzjoni. Biex jiġi determinat l-iffrankar li jista' jiġi ddikjarat bħala addizzjonali l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw kif l-użu tal-enerġija u d-domanda

għaliha jevolvu fin-nuqqas tal-miżura ta' politika inkwistjoni billi jqisu minn tal-inqas il-fatturi mniżżlin hawn taħt: xejriet ta' konsum tal-enerġija, bidliet fl-imġiba tal-konsumaturi, progress teknoloġiku u bidliet ikkawżati minn miżuri oħrajn implimentati fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali.

- (b) L-iffrankar li jirriżulta mill-implimentazzjoni tal-liġi obbligatorja tal-Unjoni għandu jitqies bħala ffrankar li kien ser iseħħ fi kwalunkwe każ, u b'hekk ma għandux jiġi ddikjarat bħala ffrankar tal-enerġija għall-iskop tal-Artikolu 7(1). B'deroga minn dak ir-reqwizit, l-iffrankar marbut mar-rinnovazzjoni ta' bini eżistenti jista' jiġi ddikjarat bħala ffrankar tal-enerġija għall-iskop tal-Artikolu 7(1) dment li jkun żgurat il-kriterju ta' materjalità msemmi fil-punt 3(h) ta' dan l-Anness. L-iffrankar li jirriżulta mill-implimentazzjoni ta' reqwiziti minimi nazzjonali stabbiliti għal bini ġdid qabel it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2010/31/UE jista' jiġi ddikjarat bħala ffrankar tal-enerġija għall-iskop tal-punt (a) tal-Artikolu 7(1) dment li jkun żgurat il-kriterju ta' materjalità msemmi fil-punt 3(h) ta' dan l-Anness u dak l-iffrankar tkun ingħatat notifika dwaru mill-Istati Membri fil-Pjani ta' Azzjoni Nazzjonali tagħhom għall-Effiċjenza fl-Enerġija skont l-Artikolu 24(2).
 - (c) Jista' jingħata kreditu biss għall-iffrankar li jaqbeż il-livelli li ġejjin:
 - (i) l-istandards tal-Unjoni għall-prestazzjoni b'rabta mal-emissjonijiet għal karożżi ġodda tal-passiġġieri u għal vetturi kummerċjali ħfief ġodda wara l-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 (*) u (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**);
 - (ii) ir-reqwiziti tal-Unjoni relatati mat-tneħħija mis-suq ta' ċerti prodotti relatati mal-enerġija wara l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni skont id-Direttiva 2009/125/KE.
 - (d) Il-politiki bl-iskop li jinkoraġġixxu livelli ogħla ta' effiċjenza fl-enerġija ta' prodotti, tagħmir, sistemi tat-trasport, vetturi u karburanti, bini u elementi tal-bini, proċessi jew swieq għandhom ikunu permessi.
 - (e) Il-miżuri li jippromwovu l-installazzjoni ta' teknoloġiji ta' enerġija rinnovabbli fuq skala żgħira fuq jew f'bini jistgħu jkunu eliġibbli biex jitqiesu fl-adempiment tar-reqwiziti ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġa skont l-Artikolu 7(1), sakemm jirriżultaw fi ffrankar tal-enerġija verifikabbli, u li jkun jista' jitkejjel jew jiġi smat. Il-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija għandu jkun konformi mar-reqwiziti ta' dan l-Anness.
 - (f) Għall-politiki li jaċċelleraw l-adozzjoni ta' prodotti u vetturi aktar effiċjenti, tista' ssir dikjarazzjoni għal kreditu sħiħ dment li jintwera li tali adoxxjoni sseħħ qabel l-iskadenza tat-tul ta' ħajja medju mistenni tal-prodott jew tal-vettura, jew qabel ma l-prodott jew il-vettura normalment jiġu sostitwiti, u sakemm l-iffrankar jiġi ddikjarat biss għall-perijodu sa tmiem it-tul ta' ħajja medju mistenni tal-prodott jew tal-vettura li jridu jiġu sostitwiti.
 - (g) Fil-promozzjoni tat-teħid ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija, l-Istati Membri għandhom fejn rilevanti, jiżguraw li jinżammu l-istandards ta' kwalità għall-prodotti, għas-servizzi u għall-installazzjoni ta' miżuri, jew li dawn jiġu introdotti fejn ma jeżistux.
 - (h) Biex jitqiesu l-varjazzjonijiet klimatiċi bejn ir-reġjuni, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jaġġustaw l-iffrankar għal valur standard jew li jagħtu ffrankar tal-enerġija differenti skont il-varjazzjonijiet fit-temperatura bejn ir-reġjuni.
 - (i) Il-kalkolu tal-iffrankar tal-enerġija għandu jqis it-tul ta' ħajja tal-miżuri u r-rata li biha l-iffrankar jonqos maż-żmien. Dak il-kalkolu għandu jgħodd l-iffrankar li kull azzjoni individwali tikseb matul il-perijodu mid-data ta' implimentazzjoni tagħha sal-31 ta' Diċembru 2020 jew il-31 ta' Diċembru 2030 skont il-każ. Inkella, l-Istati Membri jistgħu jadottaw metodu ieħor li huwa smat li jikseb mill-inqas l-istess kwantità totali ta' ffrankar. Meta jużaw metodu ieħor, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ammont totali ta' ffrankar tal-enerġija kkalkulat bl-użu ta' dak il-metodu ma jaqbiżx l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija li kien jirriżulta mill-kalkolu tagħhom meta jingħadd l-iffrankar li kull azzjoni individwali ser tikseb matul il-perijodu mid-data ta' implimentazzjoni tagħha sal-31 ta' Diċembru 2020 jew il-31 ta' Diċembru 2030 skont il-każ. L-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fid-dettall fil-pjani nazzjonali integrati tagħhom għall-enerġija u l-klima taħt ir-Regolament (UE) 2018/1999 il-metodu l-ieħor u liema dispożizzjonijiet saru biex jiġi żgurat li jkun sodisfatt ir-reqwizit vinkolanti dwar il-kalkolu.
3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reqwiziti li ġejjin għall-miżuri ta' politika li ttieħdu skont l-Artikolu 7b u l-Artikolu 20(6) jintlaħqu:
- (a) il-miżuri ta' politika u l-azzjonijiet individwali jipproduċu ffrankar fl-użu aħħari tal-enerġija li jista' jiġi vverifikat;

- (b) ir-responsabbiltà ta' kull parti parteċipanti, parti inkarigata jew awtorità pubblika ta' implimentazzjoni, kif rilevanti, tiġi definita b'mod ċar;
 - (c) l-iffrankar tal-enerġija li jinkiseb jew li għandu jinkiseb jiġi ddeterminat b'mod trasparenti;
 - (d) l-ammont ta' ffrankar tal-enerġija meħtieġ jew li għandu jintlaħaq mill-miżura ta' politika jiġi espress fil-konsum finali jew primarju tal-enerġija, bl-użu tal-fatturi ta' konverżjoni mniżżla fl-Anness IV;
 - (e) għandu jiġi pprovdut u jsir disponibbli għall-pubbliku rapport annwali dwar l-iffrankar tal-enerġija miksub mill-partijiet inkarigati, il-partijiet parteċipanti u l-awtoritajiet pubbliċi ta' implimentazzjoni kif ukoll data dwar ix-xejra annwali ta' ffrankar tal-enerġija;
 - (f) monitoraġġ tar-riżultati u t-teħid ta' miżuri xierqa jekk il-progress ma jkunx sodisfaċenti;
 - (g) l-iffrankar tal-enerġija minn azzjoni individwali ma jiġix iddikjarat minn iktar minn parti waħda;
 - (h) għandu jintwera li l-attivitajiet tal-parti parteċipanti, tal-parti inkarigata jew tal-awtorità pubblika ta' implimentazzjoni jkunu materjali għall-kisba tal-iffrankar tal-enerġija ddikjarat.
4. Fid-determinazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' politika relatati mat-tassazzjoni introdotti taħt l-Artikolu 7b, għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin:
- (a) għandu jingħata kreditu biss għall-iffrankar tal-enerġija minn miżuri ta' tassazzjoni li jaqbżu l-livelli minimi ta' tassazzjoni applikabbli għall-karburanti kif meħtieġ fid-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE (***) jew 2006/112/KE (****);
 - (b) il-flessibbiltà tal-prezz għall-kalkolu tal-impatt tal-miżuri tat-tassazzjoni (fuq l-enerġija) għandha tirrappreżenta r-rispons tad-domanda għall-enerġija għall-bidliet fil-prezzijiet, u għandha tiġi stmata abbażi ta' sorsi ta' data uffiċjali reċenti u rappreżentattivi;
 - (c) l-iffrankar tal-enerġija minn strumenti ta' politika tat-tassazzjoni li jakkumpanjawhom, inkluż inċentivi fiskali jew pagament għal fond, għandu jitqies separatament.
5. Notifika tal-metodoloġija
- L-Istati Membri għandhom, f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999, jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-metodoloġija dettaljata proposta tagħhom għat-tħaddim tal-iskemi ta' obbligi ta' effiċjenza fl-enerġija u tal-miżuri alternattivi msemmija fl-Artikoli 7a u 7b u fl-Artikolu 20(6). Ħlief fil-każ tat-tassazzjoni, tali notifika għandha tinkludi dettalji ta':
- (a) il-livell tal-iffrankar tal-enerġija meħtieġ skont il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(1) jew l-iffrankar mistenni li jinkiseb tul il-perijodu sħiħ mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2030;
 - (b) il-partijiet obbligati, parteċipanti jew inkarigati, jew l-awtoritajiet pubbliċi ta' implimentazzjoni;
 - (c) is-setturi fil-mira;
 - (d) il-miżuri ta' politika u l-azzjonijiet individwali, inkluż l-ammont totali mistenni tal-iffrankar kumulattiv tal-enerġija għal kull miżura;
 - (e) it-tul tal-perijodu ta' obbligu għall-iskema ta' obbligi ta' effiċjenza fl-enerġija;
 - (f) l-azzjonijiet previsti mill-miżura ta' politika;
 - (g) il-metodoloġija tal-kalkolu, inkluż kif ġew iddeterminati l-addizzjonalità u l-materjalità u liema metodoloġiji u punti ta' riferiment jintużaw għall-iffrankar stmat u skalat;
 - (h) it-tul ta' haġja tal-miżuri u kif dan jiġi kkalkulat jew fuq xiex inhu bbażat;
 - (i) l-approċċ meħud biex jiġu indirizzati l-varjazzjonijiet klimatiċi fl-Istat Membru;
 - (j) is-sistemi tal-monitoraġġ u tal-verifika għall-miżuri skont l-Artikoli 7a u 7b u kif tiġi żgurata l-indipendenza tagħhom mill-partijiet obbligati, parteċipanti jew inkarigati;
 - (k) fil-każ tat-tassazzjoni:
 - (i) is-setturi u t-taqsimi ta' min iħallas it-taxxa fil-mira;
 - (ii) l-awtorità pubblika ta' implimentazzjoni;

- (iii) l-iffrankar li huwa mistenni jinkiseb;
- (iv) it-tul ta' żmien tal-miżura tat-tassazzjoni; u
- (v) il-metodoloġija tal-kalkolu, inkluż liema flessibilità tal-prezz qed tintuża u kif din ġiet stabbilita.

(*) Regolament (KE) Nru 443/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li jstabbilixxi standards ta' rendiment għall-emissjonijiet minn karożżi ġodda tal-passiġġieri bħala parti mill-approċċ integrat tal-Komunità biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi ħfief (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 1).

(**) Regolament (UE) Nru 510/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jstabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda bħala parti mill-approċċ integrat tal-Unjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO₂ minn vetturi ħfief (ĠU L 145, 31.5.2011, p. 1).

(***) Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku (ĠU L 283, 31.10.2003, p. 51).

(****) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).";

(3) fl-Anness VII, it-titolu jinbidel b'dan li ġej:

"Rekwiżiti minimi għall-kontijiet u informazzjoni dwar il-kontijiet ibbażata fuq il-konsum reali tal-elettriku u l-gass";

(4) jiddaħħal l-Anness li ġej:

"ANNEX VIIa

Rekwiżiti minimi għal informazzjoni dwar il-kontijiet u dwar il-konsum għat-tisħin, it-tkessiħ u l-ilma sħun domestiku

1. Kontijiet ibbażati fuq il-konsum reali jew il-qari tal-allokaturi tal-ispiża għat-tisħin

Sabiex l-utenti aħħarin ikunu jistgħu jirregolaw il-konsum tagħhom tal-enerġija, il-kontijiet għandhom isiru fuq il-bażi tal-konsum reali jew il-qari tal-allokaturi tal-ispiża għat-tisħin tal-inqas darba fis-sena.

2. Frekwenza minima tal-informazzjoni dwar il-kontijiet jew il-konsum

Mill-25 ta' Ottubru 2020, fejn ikunu ġew installati arloġġi li jinqraw mill-bogħod jew allokaturi tal-ispiża għat-tisħin, l-informazzjoni dwar il-kontijiet jew il-konsum ibbażata fuq il-konsum reali jew il-qari tal-allokaturi tal-ispiża tat-tisħin għandha tiġi pprovduta lill-utenti aħħarin tal-inqas kull thiet xhur fuq talba jew fejn il-klijenti aħħarin ikunu għażlu li jirċievu kont elettroniku, jew inkella darbtejn fis-sena.

Mill-1 ta' Jannar 2022, fejn ikunu ġew installati arloġġi li jinqraw mill-bogħod jew allokaturi tal-ispiża għat-tisħin, l-informazzjoni dwar il-kontijiet jew il-konsum ibbażata fuq il-konsum reali jew il-qari tal-allokaturi tal-ispiża għat-tisħin għandha tiġi pprovduta lill-utenti aħħarin mill-inqas kull xahar. Din tista' wkoll issir disponibbli permezz tal-Internet u tiġi aġġornata sikwit kemm permess mill-apparat u s-sistemi ta' kejl użati. It-tisħin u t-tkessiħ jistgħu jiġu eżentati minn dak ir-rekwiżit barra l-istaġuni tat-tisħin jew tat-tkessiħ.

3. Informazzjoni minima li għandha tkun fil-kont

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni li ġejja ssir disponibbli għall-utenti aħħarin f'termini ċari u li jinfteħmu fil-kontijiet tagħhom jew magħhom fejn dawn ikunu bbażati fuq il-konsum reali jew il-qari tal-allokaturi tal-ispiża għat-tisħin:

- (a) il-prezzijiet reali kurrenti u l-konsum reali tal-enerġija jew l-ispiża totali tat-tisħin u l-qari tal-allokaturi tal-ispiża għat-tisħin;
- (b) l-informazzjoni dwar it-taħlita tal-karburanti użata u l-emissjonijiet annwali ta' gassijiet serra relatati, inkluż għall-utenti aħħarin forniti mit-tisħin jew it-tkessiħ distrettwali, u deskrizzjoni tat-taxxi, l-imposti u t-tariffi differenti applikati. L-Istati Membri jistgħu jillimitaw il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżit li tingħata informazzjoni dwar l-emissjonijiet ta' gass serra biex tinkludi biss provvisti minn sistemi ta' tisħin distrettwali b'input termali kklassifikat totali li jaqbeż l-20 MW;

- (c) il-paraguni tal-konsum kurrenti tal-enerġija tal-utenti aħħarin mal-konsum għall-istess perijodu fis-sena preċedenti f'forma grafika, bil-korrezzjonijiet tal-klima għat-tisħin u għat-tkessiħ;
- (d) l-informazzjoni ta' kuntatt għall-organizzazzjonijiet tal-klijenti aħħarin, għall-aġenziji tal-enerġija jew għal korpi simili, inkluż l-indirizzi tas-siti elettroniċi minn fejn tista' tinkiseb informazzjoni dwar il-miżuri disponibbli għal titjib tal-effiċjenza fl-enerġija, il-profilu komparattivi tal-utenti aħħarin u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi oġġettivi għal tagħmir li juża l-enerġija;
- (e) l-informazzjoni dwar proċeduri ta' lmenti rilevanti, servizzi tal-ombudsman jew mekkaniżmi alternattivi ta' riżoluzzjoni ta' tilwim, kif applikabbli fl-Istati Membri;
- (f) il-paraguni ma' utent aħħari medju normalizzat jew skont punti ta' riferiment fl-istess kategorija ta' utenti. Fil-każ ta' kontijiet elettroniċi, tali paraguni jistgħu minflok isiru disponibbli online u jiġu indikati fil-kontijiet.

Kontijiet li ma jkunux ibbażati fuq il-konsum reali jew il-qari tal-allokaturi tal-ispiża għat-tisħin għandhom jinkludu spjegazzjoni ċara u li tinftiehem ta' kif l-ammont stipulat fil-kont ġie kkalkulat, u tal-inqas l-informazzjoni msemmija fil-punti (d) u (e).”;

- (5) fl-Anness IX, il-punt (g) tar-raba' paragrafu tal-Parti 1 jinbidel b'dan li ġej:

“(g) Analiżi ekonomika: Inventarju tal-effetti

L-analiżijiet ekonomiċi għandhom iqisu l-effetti ekonomiċi rilevanti kollha.

L-Istati Membri jistgħu jivvalutaw, u jieħdu kont fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom ta', l-ispejjeż u l-iffrankar tal-enerġija mill-flessibbiltà miżjuda fil-provvista tal-enerġija u minn tħaddim aktar ottimali tan-netwerks tal-elettriku, inklużi l-ispejjeż evitati u l-iffrankar mill-investiment imnaqqas fl-infrastruttura, fix-xenarji analizzati.

L-ispejjeż u l-benefiċċji msemmijin fl-ewwel paragrafu għandhom mill-inqas jinkludu dawn li ġejjin:

(i) Benefiċċji

- Valur tal-output għall-konsumatur (tisħin u elettriku)
- Benefiċċji esterni bħall-benefiċċji ambjentali, ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u ta' saħħa u sikurezza, sa fejn possibbli
- Effetti fuq is-suq tax-xogħol, is-sigurtà tal-enerġija u l-kompetittività, sa fejn possibbli;

(ii) Spejjeż

- Spejjeż kapitali ta' impjanti u tagħmir
- Spejjeż kapitali tan-netwerks tal-enerġija assoċjati
- Spejjeż ta' tħaddim varjabbli u fissi
- Spejjeż tal-enerġija
- Spejjeż ambjentali, ta' saħħa u ta' sikurezza, sa fejn possibbli
- Spejjeż tas-suq tax-xogħol, is-sigurtà tal-enerġija u l-kompetittività, sa fejn possibbli.”;

- (6) fl-Anness XII, il-punt (a) tal-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

“(a) jistabbilixxu u jagħmlu pubbliċi r-regoli standard tagħhom relatati mat-tiġrib u l-qsim tal-ispejjeż tal-adattamenti tekniċi, bħall-konnessjonijiet mal-grilja, it-tisħiħ tal-grilja u l-introduzzjoni ta' grilji ġodda, tħaddim aħjar tal-grilja u regoli dwar l-implimentazzjoni mhux diskriminatorja tal-kodiċijiet tal-grilja, li huma meħtieġa għall-integrazzjoni tal-produtturi l-ġodda li jalimentaw l-elettriku prodott minn koġenerazzjoni b'effiċjenza għolja fil-grilja interkonnessa.”.

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT